



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0219/2022**

25.7.2022

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Christophe Hansen

Rapporteurs għal opinjoni (\*):

Karlsbro Karin, Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Cavazzini Anna, Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

(\*Kumitati assoċjati – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	152
ANNEX: LISTA TA' ENTITAJET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	157
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI .....	159
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR .....	210
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP .....	235
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI.....	310
PROCĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	339
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	340



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0706),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skonthom il-Kummissjoni ressqet il-proposta lill-Parlament (C9-0430/2021),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Frar 2022<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta'...<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Industrijali, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0219/2022),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Għadha mhix ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*.

<sup>2</sup> ĠU C ... / Għadha mhix ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*.

## Emenda 1

### Proposta għal regolament Premessa 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-foresti jipprovdu varjetà wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali, inkluż prodotti tal-injam u tal-foresti li ma humiex injam u servizzi ambjentali essenzjali għall-umanità, peress li fihom tinsab il-biċċa l-kbira tal-bijodiversità terrestri tad-dinja. Dawn isostnu l-funzjonijiet ta' ekosistema, jgħinu fil-protezzjoni tas-sistema klimatika, jipprovdu arja nadifa u għandhom rwol vitali għall-purifikazzjoni tal-ilmijiet u tal-ħamrija kif ukoll għaż-żamma tal-ilma. Barra minn hekk, il-foresti jipprovdu sussistenza u introjtu għal madwar terz tal-popolazzjoni tad-dinja u l-qerda tagħhom għandha konsegwenzi serji għall-għajxien tal-persuni l-aktar vulnerabbli, inkluż il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali li jiddependu ħafna mill-ekosistemi tal-foresti.<sup>18</sup> **Barra minn hekk, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jnaqqsu l-bjar ta' karbonju essenzjali u jżidu l-probabbiltà ta' mard ġdid li jinxtered mill-annimali għall-bnedmin.**

---

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-

#### *Emenda*

(1) Il-foresti jipprovdu varjetà wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali, inkluż prodotti tal-injam u tal-foresti li ma humiex injam u servizzi ambjentali essenzjali għall-umanità, peress li fihom tinsab il-biċċa l-kbira tal-bijodiversità terrestri tad-dinja. Dawn isostnu l-funzjonijiet ta' ekosistema, jgħinu fil-protezzjoni tas-sistema klimatika, jipprovdu arja nadifa u għandhom rwol vitali għall-purifikazzjoni tal-ilmijiet u tal-ħamrija kif ukoll għaż-żamma tal-ilma **u l-irriċarġjar, filwaqt li aktar minn kwart mill-mediċini moderni jiġu mill-pjanti tal-foresti tropikali. Żoni kbar tal-foresti jaġixxu bħala sors ta' umdità u jgħinu fil-prevenzjoni tad-deżertifikazzjoni tar-reġjuni kontinentali.** Barra minn hekk, il-foresti jipprovdu sussistenza u introjtu għal madwar terz tal-popolazzjoni tad-dinja u l-qerda tagħhom għandha konsegwenzi serji għall-għajxien tal-persuni l-aktar vulnerabbli, inkluż il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali li jiddependu ħafna mill-ekosistemi tal-foresti.<sup>18</sup> Barra minn hekk, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti jnaqqsu l-bjar ta' karbonju essenzjali. **Id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti jżidu wkoll il-kuntatti bejn l-annimali selvaġġi, l-annimali mrobbija fl-irziezet u l-bnedmin, u b'hekk iżidu l-probabbiltà ta' mard ġdid li jinxtered u r-riskji ta' epidemiji u pandemiji ġodda.**

---

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-

27 ta' Lulju 2019 "It-Tishiĥ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", COM(2019)352 final.

27 ta' Lulju 2019 "It-Tishiĥ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", COM(2019)352 final.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Id-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti qegħdin iseħħu b'rata allarmanti. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti tistma li 420 miljun ettaru ta' foresta – madwar 10 % tal-foresti li jifdal fid-dinja u żona akbar mill-Unjoni Ewropea – intilfu madwar id-dinja bejn l-1990 u l-2020<sup>19</sup>. Id-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti huma, min-naħa tagħhom, xprunaturi importanti tat-tisħin globali u tat-telfien tal-bijodiversità — l-aktar żewġ sfidi ambjentali importanti ta' żminijietna. Madankollu kull sena d-dinja tkompli tiflef 10 miljun ettaru ta' foresta.

---

<sup>19</sup> FAO, Global Forest Resource Assessment 2020, p. XII, <https://www.fao.org/documents/card/en/c/a9825en>.

## Emenda 3

### Proposta għal regolament Premessa 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Id-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti jikkontribwixxu

#### *Emenda*

(2) Id-deforestazzjoni, ***id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti qegħdin iseħħu b'rata allarmanti. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti tistma li 420 miljun ettaru ta' foresta – madwar 10 % tal-foresti li jifdal fid-dinja u żona akbar mill-Unjoni Ewropea – intilfu madwar id-dinja bejn l-1990 u l-2020<sup>19</sup>. Id-deforestazzjoni, ***id-degradazzjoni tal-foresti*** u ***l-konverżjoni*** tal-foresti huma, min-naħa tagħhom, xprunaturi importanti tat-tisħin globali u tat-telfien tal-bijodiversità — l-aktar żewġ sfidi ambjentali importanti ta' żminijietna. Madankollu kull sena d-dinja tkompli tiflef 10 miljun ettaru ta' foresta. ***Il-foresti huma affettwati ħafna wkoll mit-tibdil fil-klima, u jenħtieġ li jiġu indirizzati ħafna sfidi biex jiġu żgurati l-adattabbiltà u r-reżiljenza tal-foresti fid-deċennji li ġejjin.***

---

<sup>19</sup> FAO, Global Forest Resource Assessment 2020, p. XII, <https://www.fao.org/documents/card/en/c/a9825en>.

għall-kriżi klimatika globali b'diversi modi. Tassew importanti, dawn iżidu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' nirien fil-foresti assoċjati, filwaqt li jneħħu permanentement l-kapaċitajiet tal-bir tal-karbonju, inaqqsu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima taż-żona affettwata u jnaqqsu sostanzjalment il-bijodiversità. Id-deforestazzjoni waħedha tammonta għal 11 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra<sup>20</sup>.

---

<sup>20</sup> IPCC, It-Tibdil fil-Klima u l-Art: rapport speċjali tal-IPCC dwar it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-art, is-sigurtà tal-ikel, u l-flussi tal-gassijiet serra fl-ekosistemi terrestri, <https://www.ipcc.ch/srccl/>.

## Emenda 4

### Proposta għal regolament Premessa 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Id-deterjorament tal-klima jwassal għat-telfien tal-bijodiversità fuq livell globali u t-telfien tal-bijodiversità jaggrava t-tibdil fil-klima, li huma marbuta inseparabbilment, kif ikkonfermaw studji riċenti. Il-bijodiversità ***tgħin sabiex jiġi mitigat it-tibdil*** fil-klima. L-insetti, l-għasafar u l-mammiferi jaġixxu bħala dakkara, ixerrdu ż-żrieragħ u jistgħu jgħinu sabiex il-karbonju jinħażen aktar effiċjentement, direttament jew indirettament. Il-foresti jiżguraw ukoll rikostituzzjoni kontinwa tar-riżorsi tal-ilma u l-prevenzjoni tan-nixfiet u l-effetti dannużi tagħhom għall-komunitajiet lokali, inkluż il-popli indiġeni. It-tnaqqis drastiku tad-deforestazzjoni u ***tad-degradazzjoni*** tal-foresti u r-restawr sistemiku tal-foresti u ta' ekosistemi oħra huma l-akbar

tal-foresti jikkontribwixxu għall-kriżi klimatika globali b'diversi modi. Tassew importanti, dawn iżidu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' nirien fil-foresti assoċjati, filwaqt li jneħħu permanentement l-kapaċitajiet tal-bir tal-karbonju, inaqqsu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima taż-żona affettwata u jnaqqsu sostanzjalment il-bijodiversità ***u r-reżiljenza kontra l-mard u l-pesti***. Id-Deforestazzjoni waħedha tammonta għal 11 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra<sup>20</sup>.

---

<sup>20</sup> IPCC, It-Tibdil fil-Klima u l-Art: rapport speċjali tal-IPCC dwar it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-art, is-sigurtà tal-ikel, u l-flussi tal-gassijiet serra fl-ekosistemi terrestri, <https://www.ipcc.ch/srccl/>.

#### *Emenda*

(4) Id-deterjorament tal-klima jwassal għat-telfien tal-bijodiversità fuq livell globali u t-telfien tal-bijodiversità jaggrava t-tibdil fil-klima, li huma marbuta inseparabbilment, kif ikkonfermaw studji riċenti. Il-bijodiversità ***u l-ekosistemi huma fundamentali għall-iżvilupp reżiljenti għat-tibdil*** fil-klima<sup>1a</sup>. L-insetti, l-għasafar u l-mammiferi jaġixxu bħala dakkara, ixerrdu ż-żrieragħ u jistgħu jgħinu sabiex il-karbonju jinħażen aktar effiċjentement, direttament jew indirettament. Il-foresti jiżguraw ukoll rikostituzzjoni kontinwa tar-riżorsi tal-ilma u l-prevenzjoni tan-nixfiet u l-effetti dannużi tagħhom għall-komunitajiet lokali, inkluż il-popli indiġeni. It-tnaqqis drastiku tad-deforestazzjoni, ***tad-degradazzjoni tal-foresti*** u ***tal-konverżjoni*** tal-foresti u r-



opportunità unika bbażata fuq in-natura għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

restawr sistemiku tal-foresti u ta' ekosistemi oħra huma l-akbar opportunità unika bbażata fuq in-natura għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

---

*1a Sommarju tar-Rapport tal-IPCC għal dawk li jfasslu l-politika, February 2022  
[https://report.ipcc.ch/ar6wg2/pdf/IPCC\\_AR6\\_WGII\\_SummaryForPolicymakers.pdf](https://report.ipcc.ch/ar6wg2/pdf/IPCC_AR6_WGII_SummaryForPolicymakers.pdf)*

## Emenda 5

### Proposta għal regolament

#### Premessa 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Il-bijodiversità hija essenzjali għar-reżiljenza tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak globali. Aktar minn nofs il-prodott domestiku gross globali jiddependi min-natura u mis-servizzi li jipprovdi. Tliet setturi ekonomiċi ewlenin – il-kostruzzjoni, l-agrikoltura, l-ikel u x-xorb – kollha jiddependu ħafna min-natura. It-telfien tal-bijodiversità jhedded ċikli tal-ilma sostenibbli u s-sistemi tal-ikel tagħna, u jqiegħed is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tagħna friskju. Aktar minn 75 % tat-tipi tal-għelejjel tal-ikel madwar id-dinja jiddependu mid-dakkir mill-annimali. Barra minn hekk, diversi setturi industrijali jiddependu mid-diversità ġenetika u s-servizzi tal-ekosistema bħala inputs kritiċi għall-produzzjoni, partikolarment għall-mediċini.

##### *Emenda*

(5) Il-bijodiversità hija essenzjali għar-reżiljenza tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak globali. Aktar minn nofs il-prodott domestiku gross globali jiddependi min-natura u mis-servizzi li jipprovdi. Tliet setturi ekonomiċi ewlenin – il-kostruzzjoni, l-agrikoltura, l-ikel u x-xorb – kollha jiddependu ħafna min-natura. It-telfien tal-bijodiversità jhedded ċikli tal-ilma sostenibbli u s-sistemi tal-ikel tagħna, u jqiegħed is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tagħna friskju. Aktar minn 75 % tat-tipi tal-għelejjel tal-ikel madwar id-dinja jiddependu mid-dakkir mill-annimali. Barra minn hekk, diversi setturi industrijali jiddependu mid-diversità ġenetika u s-servizzi tal-ekosistema ***preżenti f'foresti kumplessi u li jirriġeneraw b'mod naturali b'relazżjonijiet simbjotiċi kumplessi sostnuti***, bħala inputs kritiċi għall-produzzjoni, partikolarment għall-mediċini, ***inklużi l-antimikrobiċi***. Barra minn hekk, ***it-traspirazzjoni, il-proċess li bih is-siġar jieħdu l-ilma mill-art u jirrilaxxawh fl-atmosfera mill-weraq tagħhom, hija sors ewlieni ta' ilma fl-atmosfera, u hija stmata li hija responsabbli għal madwar nofs il-preċipitazzjoni kollha. Id-deforestazzjoni***

*għalhekk tinfluwenza ħafna r-reġim tax-xita u r-regolamentazzjoni naturali tal-flussi tal-ilma, kemm fil-foresti kif ukoll fiż-żoni tal-madwar. L-impatt tad-deforestazzjoni fuq is-sistema tar-riċiklaġġ tal-ilma tad-dinja jirriskja li jkun devastanti daqs l-impatt tagħha fuq it-tibdil fil-klima.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) It-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-deforestazzjoni huma preokkupazzjonijiet tal-ogħla importanza globali, li jaffettwaw is-sopravivenza tal-umanità u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien sostnuti fid-Dinja. L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom fuq in-natura, il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien tal-bniedem u l-ekonomiji lokali, wasslu għar-rikonossiment tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-oġettiv fundamentali ta' żminijietna u kwistjoni ta' ekwità interġenerazzjonali.

#### *Emenda*

(6) It-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-deforestazzjoni huma preokkupazzjonijiet tal-ogħla importanza globali, li jaffettwaw is-sopravivenza tal-umanità u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien sostnuti fid-Dinja. L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom fuq in-natura, il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien tal-bniedem u l-ekonomiji lokali, wasslu għar-rikonossiment tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-oġettiv fundamentali ta' żminijietna u kwistjoni ta' ***ugwaljanza bejn il-ġeneri u*** ekwità interġenerazzjonali.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(6a) Mill-227 attakk letali kontra d-difensuri tal-ambjent u tal-art irreġistrati fl-2020, 70 % ta' dawk maqtula kienu qed jaħdmu biex jiddefendu l-foresti tad-dinja mid-deforestazzjoni u l-iżvilupp industrijali. Dawk l-attakki huma mmirati b'mod sproporzjonat għall-popli indiġeni,***

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 7**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Il-konsum tal-Unjoni huwa xprunatur konsiderevoli tad-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti fuq skala globali. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-inizjattiva stmat li mingħajr intervent regolatorju xieraq, il-konsum u l-produzzjoni tal-UE ***tas-sitt komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni*** (injam, bhejjem tal-ifrat, sojja, żejt tal-palm, kawkaw u kafè) se jiżdiedu għal madwar 248 000 ettaru ta' deforestazzjoni kull sena sal-2030.

##### *Emenda*

(7) Il-konsum tal-Unjoni huwa xprunatur konsiderevoli tad-deforestazzjoni, ***tal-konverżjoni tal-ekosistema naturali u tad-degradazzjoni tal-ekosistema naturali u tal-foresti u l-konverżjoni*** tal-foresti fuq skala globali. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-inizjattiva stmat li mingħajr intervent regolatorju xieraq, il-konsum u l-produzzjoni tal-UE ***ta' biss sitt komoditajiet*** (injam, bhejjem tal-ifrat, sojja, żejt tal-palm, kawkaw u kafè) se jiżdiedu għal madwar 248 000 ettaru ta' deforestazzjoni kull sena sal-2030.

## **Emenda 9**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 8**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-foresti fl-UE, ir-rapport dwar l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa għall-2020<sup>21</sup> jiddikjara li, bejn l-1990 u l-2020, iż-żona tal-foresti fl-Ewropa żdiedet b'9 %, il-karbonju maħżun fil-bijomassa kiber b'50 % u l-provvista tal-injam żdiedet b'40 %. Madankollu, anqas minn 5 % taż-żoni tal-foresti Ewropej jitqiesu mhux disturbati, jew naturali, skont ir-rapport dwar l-Istat tal-Ambjent għall-2020 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent<sup>22</sup>.

##### *Emenda*

(8) Fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-foresti fl-UE, ir-rapport dwar l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa għall-2020<sup>21</sup> jiddikjara li, bejn l-1990 u l-2020, iż-żona tal-foresti fl-Ewropa żdiedet b'9 %, il-karbonju maħżun fil-bijomassa kiber b'50 % u l-provvista tal-injam żdiedet b'40 %. ***Madankollu, il-foresti naturali u antiki huma wkoll soġġetti għal intensifikazzjoni tal-ġestjoni u l-bijodiversità unika u l-karatteristiċi strutturali tagħhom jinsabu fil-periklu. Madankollu, anqas minn 5 % taż-żoni tal-foresti Ewropej jitqiesu mhux disturbati, jew naturali, skont ir-rapport dwar l-Istat tal-Ambjent għall-2020 tal-***

Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, *u t-tibdil fil-klima jwassal għal theddid li jvarja minn xejriet estremi tat-temp għal mard mill-insetti. L-ekosistemi tal-foresti jridu jlaħħqu ma' pressjonijiet multipli ġġenerati minn attivitajiet relatati mal-bniedem. Dawn jinkludu attivitajiet li jaffettwaw direttament l-ekosistemi u l-habitats bħal ċerti prattiki ta' ġestjoni tal-foresti. B'mod partikolari, foresti ġestiti b'mod intensiv b'età ugwali jista' jkollhom impatt sever fuq habitats sħaħ permezz ta' qtugħ ċar u tneħħija ta' injam mejjel<sup>22a</sup>.*

---

<sup>21</sup> Forest Europe - Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa, l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa 2020, <https://foresteurope.org/state-europes-forests-2020/>.

<sup>22</sup> L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Istat tal-Ambjent għall-2020, <https://www.eea.europa.eu/soer/publications/soer-2020>.

---

<sup>21</sup> Forest Europe - Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa, l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa 2020, <https://foresteurope.org/state-europes-forests-2020/>.

<sup>22</sup> L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Istat tal-Ambjent għall-2020, <https://www.eea.europa.eu/soer/publications/soer-2020>.

*22a L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Istat tal-Ambjent għall-2020, <https://www.eea.europa.eu/soer/publications/soer-2020>.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Fl-2019, il-Kummissjoni adottat diversi inizjattivi sabiex tindirizza l-kriżijiet ambjentali globali, inkluż azzjonijiet speċifiċi dwar id-deforestazzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja"<sup>23</sup>, il-Kummissjoni identifikat bħala prijorità t-tnaqqis tal-impronta tal-konsum tal-Unjoni fuq l-art u l-inkoraġġiment tal-konsum ta' prodotti mill-ktajjen tal-

#### *Emenda*

(9) Fl-2019, il-Kummissjoni adottat diversi inizjattivi sabiex tindirizza l-kriżijiet ambjentali globali, inkluż azzjonijiet speċifiċi dwar id-deforestazzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja"<sup>23</sup>, il-Kummissjoni identifikat bħala prijorità t-tnaqqis tal-impronta tal-konsum tal-Unjoni fuq l-art u l-inkoraġġiment tal-konsum ta' prodotti mill-ktajjen tal-

provvista mingħajr deforestazzjoni fl-Unjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"<sup>24</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida għat-**tkabbir** li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-2050 u fejn it-**tkabbir ekonomiku** jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u l-ebda persuna jew post ma **jitħalla jibqa'** lura. Din għandha wkoll l-għan li tiproteġi, tikkonserva u ssaħħa il-kapital naturali tal-Unjoni, u tiproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-ġenerazzjonijiet futuri, fost l-oħrajn, arja friska, ilma nadif, ħamrija tajba u bijodiversità. Għal dak il-għan, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030<sup>25</sup>, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt<sup>26</sup>, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti<sup>27</sup>, il-pjan ta' azzjoni tal-UE għal tniġġis zero<sup>28</sup> u strateġiji rilevanti oħra<sup>29</sup> żviluppjati skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ikomplu jenfazzaw l-importanza tal-azzjoni dwar il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-foresti. Partikolarment, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għandha l-għan li tiproteġi n-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Fl-aħħar nett, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bioekonomija<sup>30</sup> ttejjeb il-protezzjoni tal-ambjent u tal-ekosistemi filwaqt li tindirizza d-domanda dejjem akbar għall-ikel, l-għalf, l-enerġija, il-materjali u l-prodotti billi tfittex modi ġodda għall-produzzjoni u l-konsum.

---

<sup>23</sup> COM(2019)352 final.

<sup>24</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew,

provvista mingħajr deforestazzjoni fl-Unjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"<sup>24</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida għat-**tkabbir** li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva **mibnija fuq kummerċ ħieles sostenibbli bbażat fuq ir-regoli**, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-2050 u fejn it-**tkabbir ekonomiku** jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u l-ebda persuna jew post ma **jitħallew jibqgħu** lura. Din għandha wkoll l-għan li tiproteġi, tikkonserva u ssaħħa il-kapital naturali tal-Unjoni, u tiproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-ġenerazzjonijiet futuri, fost l-oħrajn, arja friska, ilma nadif, ħamrija tajba u bijodiversità. Għal dak il-għan, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030<sup>25</sup>, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt<sup>26</sup>, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti<sup>27</sup>, il-pjan ta' azzjoni tal-UE għal tniġġis zero<sup>28</sup> u strateġiji rilevanti oħra<sup>29</sup> żviluppjati skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ikomplu jenfazzaw l-importanza tal-azzjoni dwar il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-foresti. Partikolarment, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għandha l-għan li tiproteġi n-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Fl-aħħar nett, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bioekonomija<sup>30</sup> ttejjeb il-protezzjoni tal-ambjent u tal-ekosistemi filwaqt li tindirizza d-domanda dejjem akbar għall-ikel, l-għalf, l-enerġija, il-materjali u l-prodotti billi tfittex modi ġodda għall-produzzjoni u l-konsum.

---

<sup>23</sup> COM(2019)352 final.

<sup>24</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew,

lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019)640 final.

<sup>25</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna, COM/2020/380 final.

<sup>26</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM/2020/381 final.

<sup>27</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti, COM(2013)659 final.

<sup>28</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM/2021/400 final.

<sup>29</sup> eż. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM(2021)345 final.

<sup>30</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-

lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019)640 final.

<sup>25</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna, COM/2020/380 final.

<sup>26</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM/2020/381 final.

<sup>27</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti, COM(2013)659 final.

<sup>28</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM/2021/400 final.

<sup>29</sup> eż. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM(2021)345 final.

<sup>30</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-

konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent: strateġija dwar il-bijoeconomija aġġornata, Strateġija dwar il-Bijoeconomija aġġornata, COM(2018)273 final.

konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent: strateġija dwar il-bijoeconomija aġġornata, Strateġija dwar il-Bijoeconomija aġġornata, COM(2018)273 final.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-Istati Membri ripetutament esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar id-deforestazzjoni persistenti. Huma enfasizzaw li peress li l-politiki u l-azzjoni attwali fil-livell globali dwar il-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti ma humiex biżżejjed sabiex iwaqqfu d-deforestazzjoni **u d-degradazzjoni** tal-foresti, hija meħtieġa azzjoni msaħħa tal-Unjoni sabiex tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp sostenibbli, li ġiet adottata mill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015. Il-Kunsill appoġġa speċifikament it-tħabbira tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" li se tivvaluta miżuri regolatorji u mhux regolatorji addizzjonali u li se tippreżenta proposti rispettivi.<sup>31</sup>

---

<sup>31</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja (is-16 ta' Diċembru 2019) 15151/19.

#### *Emenda*

(10) L-Istati Membri ripetutament esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar id-deforestazzjoni persistenti. Huma enfasizzaw li peress li l-politiki u l-azzjoni attwali fil-livell globali dwar il-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti ma humiex biżżejjed sabiex iwaqqfu d-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni tal-foresti, il-konverżjoni tal-foresti u t-telf tal-bijodiversità**, hija meħtieġa azzjoni msaħħa tal-Unjoni sabiex tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp sostenibbli, li ġiet adottata mill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015. **Il-Kummissjoni u l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll għad-Deċennju ta' Azzjoni tan-NU għall-SDGs, għad-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistemi u għad-Deċennju tal-Biedja mill-Familja tan-NU.** Il-Kunsill appoġġa speċifikament it-tħabbira tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" li se tivvaluta miżuri regolatorji u mhux regolatorji addizzjonali u li se tippreżenta proposti rispettivi.<sup>31</sup>

---

<sup>31</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja (is-16 ta' Diċembru 2019) 15151/19.

Disponibbli fuq  
<https://www.consilium.europa.eu/media/41860/st15151-en19.pdf>.

Disponibbli fuq  
<https://www.consilium.europa.eu/media/41860/st15151-en19.pdf>.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Il-Parlament Ewropew enfasizza li l-qerda kontinwa tal-foresti tad-dinja ***hija*** marbuta, fil-biċċa l-kbira, mal-espansjoni tal-produzzjoni agrikola — partikolarment billi l-foresti jiġu kkonvertiti f'art agrikola ddedikata għall-produzzjoni ta' numru ta' prodotti u komoditajiet li hemm domanda kbira għalihom. Fit-22 ta' Ottubru 2020, il-Parlament adotta rizzoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li titlob lill-Kummissjoni tissottometti, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE, proposta għal "qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha".

---

<sup>32</sup> Ir-Rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2020 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha (2020/2006(INL)) Disponibbli fuq [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285_MT.html).

## Emenda 13

#### *Emenda*

(11) Il-Parlament Ewropew enfasizza li l-qerda kontinwa ***u d-degradazzjoni u l-konverżjoni*** tal-foresti ***u tal-ekosistemi naturali*** tad-dinja, ***kif ukoll il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, huma*** marbuta, fil-biċċa l-kbira, mal-espansjoni tal-produzzjoni agrikola — partikolarment billi l-foresti jiġu kkonvertiti f'art agrikola ddedikata għall-produzzjoni ta' numru ta' prodotti u komoditajiet li hemm domanda kbira għalihom. Fit-22 ta' Ottubru 2020, il-Parlament adotta rizzoluzzjoni<sup>32</sup> f'konformità mal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li titlob lill-Kummissjoni tissottometti, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE, proposta għal "qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha" ***bbażata fuq diliġenza dovuta obbligatorja***.

---

<sup>32</sup> Ir-Rizzoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2020 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha (2020/2006(INL)) Disponibbli fuq [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285_MT.html).



**Proposta għal regolament**  
**Premessa 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(12) Il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti tikkostitwixxi parti importanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u sabiex ikun hemm konformità mal-impenn tal-Unjoni skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll mal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-Tibdil fil-Klima<sup>33</sup>, u mal-impenn legalment vinkolanti skont il-Liġi tal-UE dwar il-Klima sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika ***sal-2050*** u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-anqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030.

---

<sup>33</sup> Ratifikat mill-UE fil-5 ta' Ottubru 2016, u daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016.

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 12a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(12) Il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni, ***il-konverżjoni tal-ekosistema naturali, id-degradazzjoni tal-ekosistema naturali u tal-foresti u l-konverżjoni*** tal-foresti tikkostitwixxi parti importanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u sabiex ikun hemm konformità mal-impenn tal-Unjoni skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll mal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-Tibdil fil-Klima<sup>33</sup>, u ***t-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali adottat bid-Deċiżjoni (UE) 2022/591 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>33a</sup>***, u mal-impenn legalment vinkolanti skont il-Liġi tal-UE dwar il-Klima sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika ***sa mhux aktar tard mill-2050*** u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-anqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030.

---

<sup>33</sup> Ratifikat mill-UE fil-5 ta' Ottubru 2016, u daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016.

<sup>33a</sup> ***Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030, ĠU L 114, 12.4.2022, p. 22.***

***(12a) Il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti tikkostitwixxi wkoll parti importanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa biex jiġi miġġieled it-telf tal-***

*bijodiversità u biex ikun hemm konformità mal-impenji tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Diversità Bijoloġika, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-miri tal-UE għar-restawr tan-natura.*

## **Emenda 15**

### **Proposta għal regolament Premessa 12ba (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(12b) Il-foresti primarji huma uniċi u insostitwibbli. Il-foresti tal-pjantaġġuni u l-foresti mħawla huma inqas bijodiversi u jipproteġu l-ambjent inqas tajjeb mill-foresti primarji u naturali. Huwa għalhekk xieraq li ssir distinzjoni ċara bejn tipi differenti ta' foresti b'konnessjoni mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

## **Emenda 16**

### **Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(13a) Il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-konverżjoni tal-foresti u l-konverżjoni u d-degradazzjoni ta' ekosistemi oħra teħtieġ ukoll l-għarfien tal-konsumaturi dwar xejriet ta' konsum aktar tajbin għas-saħħa li jkollhom impronta ambjentali iżgħar.*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament Premessa 13b (ġdida)**

**(13b) Il-proteini tal-pjanti għall-għalf tal-bhejjem jikkontribwixxu ħafna għad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti u l-konverżjoni ta' ekosistemi oħra madwar id-dinja. Id-deforestazzjoni u l-konverżjoni ta' ekosistemi oħra jistgħu jiġu miġġielda b'mod partikolari billi titnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq il-proteini tal-pjanti importati u jiġu promossi proteini tal-pjanti lokali u miksuba b'mod sostenibbli. Il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament jeħtieġ li tkun akkumpanjata minn żieda fl-awtonomija tal-proteini u l-implimentazzjoni ta' strateġija tal-Unjoni dwar il-proteini tal-pjanti.**

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 14

(14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni importat u kkonsmat terz tal-prodotti agrikoli nneozjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll tippromwovi xejriet sostenibbli ta'

(14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni importat u kkonsmat terz tal-prodotti agrikoli nneozjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti **u l-konverżjoni tal-foresti** xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll

produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan li tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti mal-pajjiżi produttori u tal-konsumaturi huma fundamentali f'dak ir-rigward.

tippromwovi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan li tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti, **inkluż il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs)**, mal-pajjiżi produttori u tal-konsumaturi huma fundamentali f'dak ir-rigward.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) It-twaqqif tad-deforestazzjoni **u tad-degradazzjoni** tal-foresti huwa parti essenzjali mill-SDGs. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi partikolarment sabiex jintlaħqu l-għanijiet rigward il-ħajja fuq l-art (SDG 15), l-azzjoni klimatika (SDG 13), il-konsum u l-produzzjoni responsabbli (SDG 12), inxejnu l-ġuħ (SDG 2) u saħħa tajba u benesseri (SDG 3). Il-mira rilevanti 15.2 sabiex titwaqqaf id-deforestazzjoni sal-2020 ma ntlaħqitx, u dan jenfasizza l-urġenza ta' azzjoni ambizzjuża u effettiva.

#### *Emenda*

(15) It-twaqqif tad-deforestazzjoni, **tad-degradazzjoni tal-foresti, tal-konverżjoni tal-foresti u tal-konverżjoni u d-degradazzjoni ta' ekosistemi oħra** huwa parti essenzjali mill-SDGs. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi partikolarment sabiex jintlaħqu l-għanijiet rigward il-ħajja fuq l-art (SDG 15), l-azzjoni klimatika (SDG 13), il-konsum u l-produzzjoni responsabbli (SDG 12), inxejnu l-ġuħ (SDG 2) u saħħa tajba u benesseri (SDG 3). Il-mira rilevanti 15.2 sabiex titwaqqaf id-deforestazzjoni sal-2020 ma ntlaħqitx, u dan jenfasizza l-urġenza ta' azzjoni ambizzjuża u effettiva.

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Premessa 17

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispondi wkoll għad-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja ta' Glasgow tal-2021 dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art<sup>37</sup> li tirrikonoxxi li

#### *Emenda*

(17) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispondi wkoll għad-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja ta' Glasgow tal-2021 dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art<sup>37</sup> li tirrikonoxxi li

"biex nilħqu l-għanijiet tagħna relatati mal-użu tal-art, il-klima, il-bijodiversità u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kemm fuq livell globali kif ukoll fuq livell nazzjonali, nirrikjedu azzjoni trasformattiva ulterjuri fiż-żoni interkonnessi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli; l-iżvilupp tal-infrastruttura; il-kummerç, il-finanzi u l-investment; u l-appoġġ għall-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni, u l-komunitajiet lokali". ***F'dik id-Dikjarazzjoni, il-firmatarji*** enfasizzaw ukoll li se jsaħħu l-isforzi kondiviżi tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-politiki tal-kummerç u tal-iżvilupp, fuq livell internazzjonali u domestiku, li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-komoditajiet, li jaħdmu għall-benefiċċju reċiproku tal-pajjiżi, ***u li ma jwasslux għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-art.***

---

<sup>37</sup> <https://ukcop26.org/glasgow-leaders-declaration-on-forests-and-land-use/>.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Premessa 18

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerç (WTO), l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, trasparenti, prevedibbli, inklużiva, mhux diskriminatorja u ekwitabbli skont id-WTO, kif ukoll politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament se jinkludi kemm il-komoditajiet kif ukoll il-prodotti li jkunu ġew prodotti fl-Unjoni u l-komoditajiet u l-

"biex nilħqu l-għanijiet tagħna relatati mal-użu tal-art, il-klima, il-bijodiversità u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kemm fuq livell globali kif ukoll fuq livell nazzjonali, nirrikjedu azzjoni trasformattiva ulterjuri fiż-żoni interkonnessi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli; l-iżvilupp tal-infrastruttura; il-kummerç, il-finanzi u l-investment; u l-appoġġ għall-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni, u l-komunitajiet lokali". ***Il-firmatarji impenjati li jwaqqfu u jreġġgħu lura t-telf tal-foresti u d-degradazzjoni tal-art sal-2030 u*** enfasizzaw ukoll li se jsaħħu l-isforzi kondiviżi tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-politiki tal-kummerç u tal-iżvilupp, fuq livell internazzjonali u domestiku, li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-komoditajiet, li jaħdmu għall-benefiċċju reċiproku tal-pajjiżi.

---

<sup>37</sup> <https://ukcop26.org/glasgow-leaders-declaration-on-forests-and-land-use/>.

#### *Emenda*

(18) Bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerç (WTO), l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, trasparenti, prevedibbli, inklużiva, mhux diskriminatorja u ekwitabbli skont id-WTO, kif ukoll politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva. ***Kwalunkwe miżura introdotta mill-Unjoni li taffettwa l-kummerç jeħtieġ li tkun konformi mad-WTO. Barra minn hekk, il-miżuri kollha introdotti mill-Unjoni li jaffettwaw il-kummerç huwa meħtieġ li***

prodotti importati lejn l-Unjoni.

*jqisu r-rispons possibbli tas-sħab kummerċjali tal-Unjoni u jiżguraw li l-infurzar tal-miżura ma jkunx restrittiv bla bżonn u lanqas ma jfixkel il-kummerċ, filwaqt li jitqies li l-konservazzjoni ta' riżorsi naturali eżawribbli hija ta' interess prevalenti. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament se jinkludi kemm il-komoditajiet kif ukoll il-prodotti li jkunu ġew prodotti fl-Unjoni u l-komoditajiet u l-prodotti importati lejn l-Unjoni kif ukoll enfasi fuq il-komoditajiet u l-prodotti bl-akbar riskju li jwasslu għad-deforestazzjoni, għad-degradazzjoni tal-foresti u għall-konverżjoni tal-foresti.*

## Emenda 22

**Proposta għal regolament  
Premessa 18a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(18a) L-isfidi li qed tiffaċċja d-dinja fir-rigward tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' azzjoni fuq livell globali. L-Unjoni jenħtieġ li tkun attur globali b'saħħtu kemm billi tkun ta' eżempju kif ukoll billi tkun minn ta' quddiem fil-kooperazzjoni internazzjonali biex toħloq sistema multilaterali miftuħa u ġusta fejn il-kummerċ sostenibbli jaġixxi bħala faċilitatur ewlieni tat-tranżizzjoni ekoloġika kemm għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima kif ukoll biex jitreġġa' lura t-telfien tal-bijodiversità.*

## Emenda 23

**Proposta għal regolament  
Premessa 19**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-

(19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"<sup>38</sup> li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-oġġettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. ***Il-politika kummerċjali jrid ikollha r-rwol sħiħ tagħha fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u lejn il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti fid-dinja.***

---

<sup>38</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021)66 final, 18 ta' Frar 2021.

## **Emenda 24**

### **Proposta għal regolament Premessa 19a (ġdida)**

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"<sup>38</sup> li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-oġġettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. ***Il-kummerċ u l-kooperazzjoni internazzjonali jistgħu jkunu għodod importanti għall-konsolidazzjoni ta' standards ogħla ta' sostenibbiltà, speċjalment fir-rigward ta' setturi li huma marbuta mal-foresti u l-ktajjen tal-valur derivati tagħhom. Madankollu, l-evalwazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles eżistenti wriet li f'xi każijiet hemm dgħufijiet fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' ftehimiet kummerċjali eżistenti u li l-politiki kummerċjali u ta' investiment tal-Unjoni jeħtieġ li jiġu ssimplifikati sabiex tiġi indirizzata l-isfida globali tad-deforestazzjoni b'mod aktar effettiv.***

---

<sup>38</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021)66 final, 18 ta' Frar 2021.

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(19a) Sabiex terġa' tingħata l-ħajja lill-ħidma tal-Unjoni dwar il-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għan-negozji tal-Unjoni u biex jiġu ssodisfati l-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, li jitolbu l-protezzjoni tal-foresti, il-politika kummerċjali tal-Unjoni jenħtieġ li tiffoka fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet kummerċjali attwali kif ukoll fuq it-twettiq ta' negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali ġodda li jinkludu dispożizzjonijiet b'saħħithom, vinkolanti u infurzabbli dwar l-iżvilupp sostenibbli.**

## **Emenda 25**

### **Proposta għal regolament Premessa 19b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(19b) Klawsoli robusti dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-konverżjoni tal-foresti u l-konverżjoni u d-degradazzjoni ta' ekosistemi oħra għandhom jiġu inklużi fil-mandati ta' negozjar, u għandhom jiġu inklużi parametri referenzjarji sostenibbli għall-materja prima rilevanti għall-għoti ta' preferenzi kummerċjali ġodda.**

## **Emenda 26**

### **Proposta għal regolament Premessa 19c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(19c) Kwalunkwe sħubija jew kooperazzjoni ma' sieħeb kummerċjali**



*jenħtieġ li dejjem tippermetti l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, l-awtoritajiet lokali u s-settur privat inklużi l-SMEs u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira filwaqt li titqies l-awtonomija tas-sħab soċjali.*

## **Emenda 27**

### **Proposta għal regolament Premessa 19d (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19d) Id-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles għandhom iqisu l-imġiba soċjali, ambjentali u responsabbli fin-negozju.*

## **Emenda 28**

### **Proposta għal regolament Premessa 19e (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(19e) Dan ir-Regolament għandu jkun akkumpanjat minn ftehimiet ta' sħubija b'saħħithom ibbażati fuq il-kummerċ u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi produttori ewlenin tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-interessi speċjali tal-bdiewa ż-żgħar u tal-komunitajiet lokali.*

## **Emenda 29**

### **Proposta għal regolament Premessa 20**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(20) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun

(20) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun

komplementari għal miżuri oħra proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-Tishiġ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja"<sup>39</sup>, partikolarment: 1) il-ħidma fi sħubija mal-pajjiżi produttori, sabiex dawn jiġu appoġġati fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, bħall-governanza dgħajfa, l-infurzar tal-liġi ineffettiv u l-korruzzjoni, u 2) it-tishiġ tal-kooperazzjoni internazzjonali, ma' pajjiżi konsumaturi ewlenin, **sabiex tiġi promossa** l-adozzjoni ta' miżuri simili sabiex jiġi evitat li fis-swieq tagħhom jiġu introdotti prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni u **d-degradazzjoni** tal-foresti.

---

<sup>39</sup> COM(2019)352 final.

### Emenda 30

#### Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

komplementari għal miżuri oħra proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-Tishiġ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja"<sup>39</sup>, partikolarment: 1) il-ħidma fi sħubija mal-pajjiżi produttori, sabiex dawn jiġu appoġġati fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, bħall-governanza dgħajfa, l-infurzar tal-liġi ineffettiv u l-korruzzjoni, u 2) it-tishiġ tal-kooperazzjoni internazzjonali, ma' pajjiżi konsumaturi ewlenin **billi, fost azzjonijiet oħra, jiġu promossi l-fehimiet kummerċjali li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-konservazzjoni tal-foresti u jinkoraġġixxu l-kummerċ fi prodotti agrikoli u bbażati fuq il-foresti li jkunu ħielsa mid-deforestazzjoni, u** l-adozzjoni ta' miżuri simili sabiex jiġi evitat li fis-swieq tagħhom jiġu introdotti prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni** tal-foresti.

---

<sup>39</sup> COM(2019)352 final.

*Emenda*

**(20a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonforma mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u, għaldaqstant, iservi biex jippromwovi u jiffaċilita l-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari mal-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs), permezz tal-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin fir-rigward tal-preservazzjoni, il-konservazzjoni, u l-użu sostenibbli tal-foresti, filwaqt li jingħata rikonoxximent speċjali lill-inizjattivi ta'**

*sostenibbiltà mwettqa mis-settur privat.*

## **Emenda 31**

### **Proposta għal regolament Premessa 20b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(20b) Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat approċċ integrali għas-sostenibbiltà, skont il-pajjiż li qed jiżviluppa kkonċernat u s-sitwazzjoni ambjentali, soċjali u ekonomika ġenerali tiegħu, li jikkunsidra d-dimensjoni ambjentali, kif ukoll id-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi, b'mod partikolari meta ssir referenza għal-LDCs. Jenħtieġ li l-miżuri tal-Unjoni ma jwasslux għal tnaqqis fid-dħul għal popolazzjonijiet vulnerabbli, telf ta' impjiegi jew rigressjoni fil-kisbiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jenħtieġ li jevitaw li jinċentivaw attivitajiet illegali, li ħafna minnhom huma marbuta mal-kriminalità organizzata transnazzjonali u li l-effetti tagħha huma saħansitra aktar diżastrużi għall-ambjent u s-soċjetà. Jenħtieġ li jitqies ukoll, b'mod adegwat, l-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-progress li sar lejn il-kisba tal-SDGs, b'mod partikolari l-impatt sproporzjonat tal-pandemija fuq il-foqra u l-vulnerabbli, u fuq l-impjiegi u l-inugwaljanza.*

## **Emenda 32**

### **Proposta għal regolament Premessa 21**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(21) *Jenħtieġ* li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produttori, u aktar ġeneralment f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali,

(21) *F'kooridnazzjoni mal-Istati Membri, jenħtieġ* li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produttori, u aktar ġeneralment

u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tal-popli indiġeni, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija. B'dan il-mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi **r-rwol** tal-popli indiġeni fil-protezzjoni tal-foresti. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba fil-kuntest tal-inizjattivi diġà eżistenti, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produttori, fuq talba tagħhom, **sabiex jisfruttaw il-funzjonalitajiet multipli tal-foresti, jappoġġawhom fit-tranżizzjoni lejn ġestjoni sostenibbli tal-foresti**, u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produttori jipproteġu, jirrestawraw u jużaw sostenibilment il-foresti, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni u **d-degradazzjoni** tal-foresti.

f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, **kif ukoll il-partijiet ikkonċernati rilevanti attivi fuq il-post**, u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni **u r-restawr** tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu **u jsaħħu** r-rwol **u d-drittijiet** tal-popli indiġeni **u tal-komunitajiet lokali**, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, **id-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat**, iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli **u qrib in-natura** tal-foresti **abbażi ta' indikaturi u sollijiet, l-ekoturiżmu**, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija. B'dan il-mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi **bis-sħiħ ir-rwol u d-drittijiet** tal-popli indiġeni **u l-komunitajiet lokali** fil-protezzjoni tal-foresti. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba fil-kuntest tal-inizjattivi diġà eżistenti, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produttori, fuq talba tagħhom, u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. **Kwalunkwe regola u rekwiżit għandhom jippruvaw jimminizzaw il-piż fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'pajjiżi terzi u għandhom jippruvaw jipprevjenu l-ostakli għall-aċċess tagħhom għas-suq tal-Unjoni u l-kummerċ internazzjonali**. Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produttori jipproteġu, jirrestawraw u jużaw sostenibilment il-foresti, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni** tal-foresti **kif ukoll jappoġġaw r-restawr tal-foresti, inkluż permezz tal-**

*użu ta' teknoloġiji diġitali u informazzjoni  
ġeospazjali.*

### **Emenda 33**

#### **Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(21a) Dan ir-Regolament jirrikonoxxi l-  
importanza ekonomika tal-  
esportazzjonijiet tal-komoditajiet għal  
pajjiżi terzi kif ukoll l-isfidi speċifiċi li  
jistgħu jiffaċċjaw il-bdiewa b'azjenda  
agrikola żgħira, speċjalment in-nisa.  
Minħabba li s-sehem ta' bdiewa b'azjenda  
agrikola żgħira fil-produzzjoni tal-  
komoditajiet ikkonċernati jista' jkun għoli  
ħafna, jeħtieġ li tingħata attenzjoni  
speċjali lill-isfidi li se jiffaċċjaw il-bdiewa  
b'azjenda agrikola żgħira bl-  
implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.  
Għalhekk huwa kruċjali li l-operaturi li  
jixtru mingħand il-bdiewa b'azjenda  
agrikola żgħira jipprovdu appoġġ  
finanzjarju u tekniku f'waqtu biex jgħinu  
lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira  
jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda tal-aċċess  
għas-suq tal-Unjoni. Biex tappoġġa  
prattiki sostenibbli, bħall-agroekoloġija u  
l-ġestjoni komunitarja tal-foresti, l-UE  
jenħtieġ li tindirizza l-iżprunaturi diretti u  
indiretti tad-deforestazzjoni, inkluż il-  
faqar, billi tippromwovi introjtu li  
jiggarantixxi l-għajxien għall-bdiewa  
b'azjenda agrikola żgħira li jipproduċu  
merkanzija esportata lejn l-UE u tiżgura  
riżorsi suffiċjenti biex jappoġġaw  
speċifikament lill-bdiewa b'azjenda  
agrikola żgħira f'pajjiżi terzi biex  
jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-  
Regolament u jiffaċilitaw l-aċċess  
tagħhom għas-suq tal-UE. Fl-istess ħin, l-  
istabbiliment ta' sistema ta' traċċabilità  
kredibbli jista' jagħti s-setgħa lill-bdiewa  
b'azjenda agrikola żgħira peress li jista'  
jevita n-nuqqas ta' ħlas ta' primjums ta'*

*sostenibbiltà mwiegħda, jippermetti  
ħlasijiet elettroniċi lill-produtturi billi  
tintuża s-sistema ta' traċċabilità  
nazjonali biex b'hekk tiġi miġġielda l-  
frodi u jippermetti lill-awtoritajiet lokali  
jiġbru l-għarfien dwar l-għadd ta' rqajja'  
tal-art tal-produtturi u jikkontrollaw l-  
għadd ta' bdiewa.*

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Premessa 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Azzjoni importanti oħra mħabbra fil-Komunikazzjoni hija l-istabbiliment tal-Osservatorju tal-UE dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi assoċjati ("Osservatorju tal-UE") li tnieda mill-Kummissjoni sabiex jiġu mmonitorjati aħjar il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi relatati. Barra minn hekk, filwaqt li jibni fuq għodod ta' monitoraġġ diġà eżistenti, inkluż il-prodotti ta' Copernicus, l-Osservatorju tal-UE se jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista għall-entitajiet pubbliċi, għall-konsumaturi u għan-negozji, jipprovdi data u informazzjoni faċli sabiex tinftiehem li jorbtu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u l-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja għad-domanda/għall-kummerċ tal-UE għal komoditajiet u prodotti. Għalhekk, l-Osservatorju tal-UE se jappoġġa direttament l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jipprovdi evidenza xjentifika fir-rigward tad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti u l-kummerċ relatat. L-Osservatorju tal-UE se jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, mal-istituti tar-riċerka, u ma' pajjiżi terzi.

#### *Emenda*

(22) Azzjoni importanti oħra mħabbra fil-Komunikazzjoni hija l-istabbiliment tal-Osservatorju tal-UE dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi assoċjati ("Osservatorju tal-UE") li tnieda mill-Kummissjoni sabiex jiġu mmonitorjati aħjar il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi relatati. Barra minn hekk, filwaqt li jibni fuq għodod ta' monitoraġġ diġà eżistenti, inkluż il-prodotti ta' Copernicus **u sorsi oħra disponibbli pubblikament jew privatament**, l-Osservatorju tal-UE se jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista għall-entitajiet pubbliċi, għall-konsumaturi u għan-negozji, jipprovdi data u informazzjoni faċli sabiex tinftiehem li jorbtu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u l-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja għad-domanda/għall-kummerċ tal-UE għal komoditajiet u prodotti. Għalhekk, l-Osservatorju tal-UE se jappoġġa direttament l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jipprovdi evidenza xjentifika fir-rigward tad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti u l-kummerċ relatat. L-Osservatorju tal-UE **jenhiteg li jkollu riżorsi stabbli u suffiċjenti u li jipparteċipa fl-istabbiliment ta' sistema ta' twissija rapida għall-**

*operaturi, il-kummerċjanti, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet kompetenti fejn l-analiżi tal-kopertura tal-foresti tiżvela d-deforestazzjoni jew id-degradazzjoni tal-attività tal-foresti. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina wkoll kif l-Osservatorju tal-UE jista' jikkontribwixxi għall-analiżi tal-leġiżlazzjoni rilevanti fil-pajjiżi produttori, inklużi d-drittijiet tal-pussess tal-art u d-dritt proċedurali li jingħata kunsens liberu, minn qabel u infurmat. L-Osservatorju tal-UE se jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, mal-istituti tar-riċerka, mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, mal-operaturi u ma' pajjiżi terzi. Se jikkoopera wkoll mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bil-għan li jiċċentralizza d-data u r-riżultati tal-kontrolli li huma jwettqu fuq il-post.*

## Emenda 35

### Proposta għal regolament

#### Premessa 23

*Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Il-qafas *leġiżlattiv eżistenti* tal-UE jiffoka fuq l-indirizzar tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat u ma jindirizzax id-deforestazzjoni direttament. Dan jikkonsisti fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jintroduċi fis-suq injam u prodotti tal-injam<sup>40</sup>, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005, dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar tal-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ għall-importazzjonijiet tal-injam fil-Komunità Ewropea<sup>41</sup>. *Both Regulations were evaluated in a Fitness Check which determined that, while the legislation has had a positive impact on forest*

*Emenda*

(23) Il-qafas *eżistenti tal-UE dwar il-foresti huwa l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ li* jiffoka fuq l-indirizzar tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat u ma jindirizzax id-deforestazzjoni direttament. Dan jikkonsisti fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jintroduċi fis-suq injam u prodotti tal-injam<sup>40</sup>, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005, dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar tal-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ għall-importazzjonijiet tal-injam fil-Komunità Ewropea<sup>41</sup> *li joperazzjonalizza l-Ftehimiet ta' Sħubija*

*governance, the objectives of the two Regulations – namely to curb illegal logging and related trade, and to reduce the consumption of illegally harvested timber in the EU – have not been met<sup>42</sup> and it was concluded that focusing solely on legality of timber was not sufficient to meet the set objectives.*

<sup>40</sup> ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.

<sup>41</sup> ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.

<sup>42</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/11630-Illegal-logging-evaluation-of-EU-rules-fitness-check-\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/11630-Illegal-logging-evaluation-of-EU-rules-fitness-check-_mt)

*Volontarja (VPAs). Il-prestazzjoni u l-implimentazzjoni taż-żewġ Regolamenti għaddew minn kontroll tal-idoneità li sab li, filwaqt li t-tnejn kisbu xi suċċess, għadd ta' sfidi ta' implimentazzjoni żammew lura l-progress lejn il-kisba sħiħa tal-oġġettivi tagħhom. L-applikazzjoni u l-funzjonament tal-iskema ta' diliġenza dovuta skont ir-Regolament (UE) Nru 995/210 minn naħa waħda, u l-għadd limitat ta' pajjiżi involuti fil-proċess tal-VPA, b'waħda biss sa issa għandha fis-seħħ sistema ta' liċenzjar operattiva (l-Indoneżja) min-naħa l-oħra, naqqsu l-effettività fl-ilħuq tal-oġġettiv tal-konsum tal-injam maħsud illegalment fl-UE.*

<sup>40</sup> ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.

<sup>41</sup> ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.

## Emenda 36

### Proposta għal regolament Premessa 24

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Ir-rapporti disponibbli jikkonfermaw li parti kbira mid-deforestazzjoni li għaddejja hija legali skont il-liġijiet tal-pajjiż tal-produzzjoni. Rapport reċenti<sup>43</sup> jistma li bejn l-2013 u l-2019, madwar 30 % tad-deforestazzjoni destinata għall-agrikoltura kummerċjali fil-pajjiżi tropikali kienet legali. Id-data disponibbli għandha t-tendenza li tiffoka fuq pajjiżi b'governanza dgħajfa — is-sehem globali tad-deforestazzjoni illegali jista' jkun aktar baxx, iżda diġà jipprovdi data ċara li turi li t-tneħħija tad-deforestazzjoni legali fil-pajjiż tal-produzzjoni jimmina l-effettività tal-miżuri

#### *Emenda*

(24) Ir-rapporti disponibbli jikkonfermaw li parti kbira mid-deforestazzjoni li għaddejja hija legali skont il-liġijiet tal-pajjiż tal-produzzjoni. Rapport reċenti<sup>43</sup> jistma li bejn l-2013 u l-2019, madwar 30 % tad-deforestazzjoni destinata għall-agrikoltura kummerċjali fil-pajjiżi tropikali kienet legali. Id-data disponibbli għandha t-tendenza li tiffoka fuq pajjiżi b'governanza dgħajfa — is-sehem globali tad-deforestazzjoni illegali jista' jkun aktar baxx, iżda diġà jipprovdi data ċara li turi li t-tneħħija tad-deforestazzjoni legali fil-pajjiż tal-produzzjoni jimmina l-effettività tal-miżuri



ta' politika.

---

<sup>43</sup> [https://www.forest-trends.org/wp-content/uploads/2021/05/Illicit-Harvest-Complicit-Goods\\_rev.pdf](https://www.forest-trends.org/wp-content/uploads/2021/05/Illicit-Harvest-Complicit-Goods_rev.pdf).

### Emenda 37

#### Proposta għal regolament Premessa 25

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Il-valutazzjoni tal-impatt ta' miżuri ta' politika possibbli sabiex jiġu indirizzati d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti mmexxija mill-Unjoni, il-konklużjonijiet tal-Kunsill u r-risoluzzjoni tal-2020 tal-Parlament Ewropew jidentifikaw b'mod ċar il-hteġa li jiġu stabbiliti d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti bħala l-kriterji gwida għall-miżuri futuri tal-Unjoni. Għalhekk, il-qafas legali l-ġdid tal-Unjoni jenħtieġ li jindirizza kemm il-legalità **kif ukoll** jekk il-produzzjoni ta' komoditajiet u prodotti rilevanti hijiex mingħajr deforestazzjoni.

### Emenda 38

#### Proposta għal regolament Premessa 26

**ta' dan il-qasam.**

---

<sup>43</sup> [https://www.forest-trends.org/wp-content/uploads/2021/05/Illicit-Harvest-Complicit-Goods\\_rev.pdf](https://www.forest-trends.org/wp-content/uploads/2021/05/Illicit-Harvest-Complicit-Goods_rev.pdf).

##### *Emenda*

(25) Il-valutazzjoni tal-impatt ta' miżuri ta' politika possibbli sabiex jiġu indirizzati d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti mmexxija mill-Unjoni, il-konklużjonijiet tal-Kunsill u r-risoluzzjoni tal-2020 tal-Parlament Ewropew jidentifikaw b'mod ċar il-hteġa li jiġu stabbiliti d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti bħala l-kriterji gwida għall-miżuri futuri tal-Unjoni. **L-iffukar biss fuq il-legalità jista' potenzjalment jinkoraġġixxi ġirja lejn l-aktar livell baxx f'pajjiżi li huma dipendenti ħafna fuq l-esportazzjonijiet agrikoli. Dawk il-pajjiżi jistgħu jkollhom it-tentazzjoni li jbaxxu l-protezzjoni ambjentali tagħhom bil-ħsieb li jiffaċilitaw l-aċċess tal-prodotti tagħhom għas-suq tal-Unjoni.** Għalhekk, il-qafas legali l-ġdid tal-Unjoni jenħtieġ li jindirizza kemm il-legalità, jekk il-produzzjoni ta' komoditajiet u prodotti rilevanti hijiex mingħajr deforestazzjoni **u jekk il-protezzjoni tad-drittijiet tal-pussess tal-art u l-popli lokali ġiet miżmuma.**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "mingħajr deforestazzjoni" tkun wiesgħa biżżejjed sabiex tkopri kemm id-deforestazzjoni **kif ukoll id-degradazzjoni** tal-foresti, jenħtieġ li tipprovdi ċarezza legali, u jenħtieġ li din tkun tista' titkejjel abbażi ta' data kwantitattiva, oġġettiva u rikonoxxuta internazzjonalment.

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 27**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(27) Jenħtieġ li r-Regolament ikopri dawk il-komoditajiet li l-konsum tagħhom mill-Unjoni huwa l-aktar rilevanti f'termini ta' dak li qed iwassal għad-deforestazzjoni globali u **d-degradazzjoni** tal-foresti u li għalihom intervent ta' politika tal-Unjoni jista' jgħib l-ogħla benefiċċji għal kull valur unitarju tal-kummerċ. Sar rieżami estensiv tal-letteratura xjentifika, jiġifieri tas-sorsi primarji li jistmaw l-impatt tal-konsum tal-UE fuq id-deforestazzjoni globali u li jorbtu dik l-impronta ma' komoditajiet speċifiċi, bħala parti mill-istudju li jappoġġa l-Valutazzjoni tal-Impatt u kontroverifikat permezz ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet konċernati. Dak il-proċess wassal għall-ewwel lista ta' **tmien** komoditajiet. L-injam ġie inkluż direttament fil-kamp ta' applikazzjoni peress li kien diġà kopert mill-EUTR. ***Il-lista tal-komoditajiet imbagħad tnaqqset aktar permezz ta' analiżi tal-effiċjenza fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Din l-analiżi tal-effiċjenza qabblat l-ettari ta' deforestazzjoni marbuta mal-konsum tal-UE, kif stmat f'dokument ta' riċerka riċenti, għal kull waħda minn dawk il-komoditajiet bil-valur medju tagħhom tal-***

*Emenda*

(26) Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "mingħajr deforestazzjoni" tkun wiesgħa biżżejjed sabiex tkopri kemm id-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni** tal-foresti, jenħtieġ li tipprovdi ċarezza legali, u jenħtieġ li din tkun tista' titkejjel abbażi ta' data kwantitattiva, oġġettiva u rikonoxxuta internazzjonalment.

*Emenda*

(27) Jenħtieġ li r-Regolament ikopri dawk il-komoditajiet li l-konsum tagħhom mill-Unjoni huwa l-aktar rilevanti f'termini ta' dak li qed iwassal għad-deforestazzjoni globali, **id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni** tal-foresti, u li għalihom intervent ta' politika tal-Unjoni jista' jgħib l-ogħla benefiċċji għal kull valur unitarju tal-kummerċ. Sar rieżami estensiv tal-letteratura xjentifika, jiġifieri tas-sorsi primarji li jistmaw l-impatt tal-konsum tal-UE fuq id-deforestazzjoni globali u li jorbtu dik l-impronta **ambjentali** ma' komoditajiet speċifiċi, bħala parti mill-istudju li jappoġġa l-Valutazzjoni tal-Impatt u kontroverifikat permezz ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet konċernati. Dak il-proċess wassal għall-ewwel lista ta' komoditajiet. L-injam ġie inkluż direttament fil-kamp ta' applikazzjoni peress li kien diġà kopert mill-EUTR. Skont id-dokument ta' riċerka **reċenti**<sup>44</sup> użat għall-analiżi tal-effiċjenza, sitt komoditajiet jirrappreżentaw l-akbar sehem tad-deforestazzjoni xprunata mill-UE fost it-total ta' komoditajiet analizzati f'dak id-dokument ta' riċerka: iż-żejt tal-palm (33,95 %), is-sojja (32,83 %), l-injam

**importazzjonijiet tal-UE.** Skont id-dokument ta' riċerka użat għall-analiżi tal-effiċjenza, sitt komoditajiet jirrappreżentaw l-akbar sehem tad-deforestazzjoni xprunata mill-UE fost it-total ta' **tmien** komoditajiet analizzati f'dak id-dokument ta' riċerka: iż-żejt tal-palm (33,95 %), is-sojja (32,83 %), l-injam (8,62 %), il-kawkaw (7,54 %), il-kafè (7,01 %) u ċ-ċanga (5,01 %).

(8,62 %), il-kawkaw (7,54 %), il-kafè (7,01 %) u ċ-ċanga (5,01 %). **Il-laħam importat fl-Unjoni jenħtieġ li jkun soġġett għall-istess regoli bħal-laħam prodott fl-Unjoni. Għalhekk, il-laħam mill-majjali, it-tjur, u n-nagħaġ u l-mogħoż jenħtieġ li jkun kopert minn dan ir-Regolament biex jiġi żgurat li l-annimali mrobbija barra mill-Unjoni u mbaġħad importati jkunu ġew mitmugħa prodotti jew prodotti ħielsa mid-deforestazzjoni. Il-gomma u l-qamħirrum jenħtieġ li jkunu koperti wkoll minn dan ir-Regolament minħabba l-impatt tagħhom fuq id-deforestazzjoni globali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun intitolata li tadotta atti delegati biex testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I.**

---

<sup>44</sup> Pendrill F., Persson U. M., Kastner, T. 2020.

---

<sup>44</sup> Pendrill F., Persson U. M., Kastner, T. 2020.

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Premessa 27a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(27a) L-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jkunu koperti minn dan ir-Regolament peress li s-servizzi tagħhom jistgħu jwasslu għal attivitajiet ta' appoġġ marbuta direttament jew indirettament mad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti. L-attivitajiet bankarji, ta' investiment u ta' assigurazzjoni kollha tal-istituzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ għalhekk li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex ma jitħallewx jappoġġaw proġetti marbuta direttament jew indirettament mad-deforestazzjoni, mad-degradazzjoni tal-foresti jew mal-konverżjoni tal-foresti.**

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Premessa 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Jenħtieġ li l-obbligi li jikkonċernaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jiġu stabbiliti minn dan ir-Regolament sabiex jiġu miġġielda effettivament id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġu promossi ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni.

#### *Emenda*

(29) Jenħtieġ li l-obbligi li jikkonċernaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jiġu stabbiliti minn dan ir-Regolament sabiex jiġu miġġielda effettivament id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti **u l-konverżjoni tal-foresti**, u sabiex jiġu promossi ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni, **kif ukoll biex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem, u d-drittijiet tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi.**

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Premessa 29a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**(29a) Meta jiġi vvalutat ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti maħsuba biex jiġiqieghdu fis-suq tal-Unjoni jew li jiġu esportati minnu, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġqies il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li huwa assoċjat mad-deforestazzjoni, mad-degradazzjoni tal-foresti u mal-konverżjoni tal-foresti, inklużi d-drittijiet tal-popli indiġeni, tal-komunitajiet lokali u tad-detenturi tad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art.**

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Premessa 30

(30) Ħafna organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali (eż. l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Grupp Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika) żviluppaw ħidma fil-qasam tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u d-definizzjonijiet f'dan ir-Regolament jibnu fuq din il-ħidma.

(30) Ħafna organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali (eż. l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Grupp Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima, il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika) żviluppaw ħidma fil-qasam tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti **kif ukoll tal-konverżjoni u d-degradazzjoni ta' ekosistemi oħra** u d-definizzjonijiet f'dan ir-Regolament jibnu fuq din il-ħidma.

#### Emenda 44

##### Proposta għal regolament

##### Premessa 31

(31) Jenħtieġ li tiġi stabbilita data ta' skadenza sabiex tipprovdi bażi għall-evalwazzjoni ta' jekk l-art konċernata kinitx soġġetta għal deforestazzjoni **jew degradazzjoni** tal-foresti, li jfisser li l-ebda komodità u prodott fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jitħalla jidħol fis-suq tal-Unjoni jew jiġi esportat jekk jiġi prodott fuq art soġġetta għad-deforestazzjoni jew għad-degradazzjoni tal-foresti wara dik id-data. Jenħtieġ li din tippermetti l-verifika u l-monitoraġġ xierqa, **tikkorrispondi mal-impenji** internazzjonali eżistenti, bħall-SDGs u d-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti, u b'hekk jiġi minimizzat it-tfixkil f'daqqa fil-ktajjen tal-provvista filwaqt li jitneħħa kwalunkwe inċentiv sabiex jiġu aċċellerati l-attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni u **d-degradazzjoni** tal-foresti fid-dawl tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(31) Jenħtieġ li tiġi stabbilita data ta' skadenza sabiex tipprovdi bażi għall-evalwazzjoni ta' jekk l-art konċernata kinitx soġġetta għal deforestazzjoni, **degradazzjoni tal-foresti u konverżjoni** tal-foresti, li jfisser li l-ebda komodità u prodott fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jitħalla jidħol fis-suq tal-Unjoni jew jiġi esportat jekk jiġi prodott fuq art soġġetta għad-deforestazzjoni jew għad-degradazzjoni tal-foresti **jew il-konverżjoni tal-foresti** wara dik id-data. Jenħtieġ li din tippermetti l-verifika u l-monitoraġġ xierqa, **taqis l-impenji** internazzjonali eżistenti, bħall-SDGs u d-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti, u b'hekk jiġi minimizzat it-tfixkil f'daqqa fil-ktajjen tal-provvista filwaqt li jitneħħa kwalunkwe inċentiv sabiex jiġu aċċellerati l-attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni** tal-foresti fid-dawl

tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 45

### Proposta għal regolament

#### Premessa 32

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni u ***d-degradazzjoni*** tal-foresti ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni u jkunu ġew prodotti f'konformità ***mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni***. Sabiex jiġi kkonfermat li dan huwa l-każ, jenħtieġ li dawn dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta.

## Emenda 46

### Proposta għal regolament

#### Premessa 33

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Abbażi ta' approċċ sistemiku, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' mingħajr deforestazzjoni u tal-legalità ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-operaturi

##### *Emenda*

(32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni, ***id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni*** tal-foresti, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni, ***id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni*** tal-foresti ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni ***jew esportati minnu, u lanqas esportati minnu***, jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni u jkunu ġew prodotti f'konformità ***mal-liġi u mal-istandards domestiċi u internazzjonali rilevanti***. Sabiex jiġi kkonfermat li dan huwa l-każ, jenħtieġ li dawn dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta.

##### *Emenda*

(33) Abbażi ta' approċċ sistemiku, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' mingħajr deforestazzjoni u tal-legalità ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-operaturi

jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri ta' diliġenza dovuta. Il-proċedura ta' diliġenza dovuta meħtieġa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi **tlit** elementi: rekwiżiti ta' informazzjoni, valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta jitfasslu sabiex jipprovdu aċċess għal informazzjoni dwar is-sorsi u l-fornituri tal-komoditajiet u tal-prodotti li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, inkluż informazzjoni li turi li l-assenza ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti **u ta' rekwiżiti** ta' legalità huma ssodisfati, fost l-oħrajn billi jiġu identifikati l-pajjiż **u ż-żona tal-produzzjoni**, inkluż il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni **tal-biċċiet art rilevanti**. Dawn il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni li jiddependu mill-ħin, il-pożizzjonament u/jew l-osservazzjoni tad-Dinja jistgħu jagħmlu użu mid-data u mis-servizzi spazjali pprovduti skont il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u Copernicus). Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li l-operaturi jwettqu valutazzjoni tar-riskju. Meta jiġi identifikat riskju, jenħtieġ li l-operaturi jimmitigaw tali riskju sabiex ma jaslu għal sitwazzjoni tal-ebda riskju jew ta' riskju negliġibbli. Huwa biss wara li jlesti l-passi meħtieġa tal-proċedura ta' diliġenza dovuta u wara li jikkonkludi li ma jeżisti l-ebda riskju jew li jeżistu riskju negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, li l-operatur jista' jitħalla jintroduċi l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesporth.

jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri ta' diliġenza dovuta. Il-proċedura ta' diliġenza dovuta meħtieġa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi **erba'** elementi: rekwiżiti ta' informazzjoni, valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju **u obbligi ta' rapportar**. Jenħtieġ li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta jitfasslu sabiex jipprovdu aċċess għal informazzjoni dwar is-sorsi u l-fornituri tal-komoditajiet u tal-prodotti li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, inkluż informazzjoni li turi li l-assenza ta' deforestazzjoni, **ta' degradazzjoni tal-foresti** u ta' **konverżjoni** u degradazzjoni tal-foresti **u r-rekwiżit** ta' legalità huma ssodisfati, **u li l-pajjiż ta' produzzjoni kkonforma mar-rekwiżit tal-legalità u mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat**, fost l-oħrajn billi jiġu identifikati l-pajjiż **tal-produzzjoni jew partijiet minnhom**, inkluż il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni. Dawn il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni li jiddependu mill-ħin, il-pożizzjonament u/jew l-osservazzjoni tad-Dinja jistgħu jagħmlu użu mid-data u mis-servizzi spazjali pprovduti skont il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u Copernicus). **L-applikazzjoni tar-rekwiżit ta' ġeolokalizzazzjoni f'setturi fejn il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jirrappreżentaw sehem sinifikanti ta' produttori tista' tkun partikolarment ta' sfida u jenħtieġ li jingħataw, fejn rilevanti u gwida, kif ukoll appoġġ tekniku u finanzjarju**. Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li l-operaturi jwettqu valutazzjoni tar-riskju. Meta jiġi identifikat riskju, jenħtieġ li l-operaturi jimmitigaw tali riskju sabiex ma jaslu għal sitwazzjoni tal-ebda riskju jew ta' riskju negliġibbli. Huwa biss wara li jlesti l-passi meħtieġa tal-proċedura ta' diliġenza dovuta u wara li jikkonkludi li ma jeżisti l-ebda riskju jew li jeżistu riskju negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, li l-operatur jista' jitħalla

jintroduċi l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportah. **Sabiex titrawwem it-trasparenza u jiġi faċilitat l-infurzar, jenħtieġ li l-operaturi, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom, inkluż dwar il-passi meħuda sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom.**

#### Emenda 47

##### Proposta għal regolament Premessa 33a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(33a) L-operaturi jenħtieġ li jagħmlu sforzi raġonevoli biex jiżguraw li jitħallas prezz ġust lill-produtturi li huma jiksbu sorsi mingħandhom, b'mod partikolari l-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, sabiex jippermettu introjtu li jggarantixxi l-għajxien u jindirizzaw b'mod effettiv il-faqar bħala kawża ewlenija tad-deforestazzjoni.**

#### Emenda 48

##### Proposta għal regolament Premessa 33b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(33b) L-operaturi u l-kummerċjanti u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-għodod magħmula disponibbli mill-Unjoni meta jiġbru u jittraskrivu mill-ġdid l-informazzjoni meħtieġa għall-proċedura ta' diliġenza dovuta. L-aġenziji inkarigati minn EGNOS/Galileo u Copernicus jenħtieġ li jsaħħu s-sinerġiji tagħhom sabiex jippermettu approċċ olistiku. L-operaturi u n-negozjanti, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jenħtieġ li jappoġġaw lill-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa**



*b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, sabiex ikunu jistgħu jakkwistaw u jagħmlu użu xieraq mill-għodod meħtieġa biex jiġbru l-informazzjoni, inkluża l-ġeolokalizzazzjoni, u biex jagħmlu użu xieraq minnhom b'mod sostenibbli.*

## Emenda 49

### Proposta għal regolament

#### Premessa 34

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(34) Jenħtieġ li l-operaturi formalment jassumu r-responsabbiltà għall-konformità tal-komoditajiet jew tal-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jew li jespportaw billi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi mudell għal tali dikjarazzjonijiet. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-infurzar ta' dan ir-Regolament permezz tal-awtoritajiet kompetenti u l-qrati kif ukoll iżid il-konformità mill-operaturi.

##### *Emenda*

(34) Jenħtieġ li l-operaturi **li jqiegħdu l-komodità jew il-prodott ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni jew li jespportaw komodità lejn pajjiż terz** formalment jassumu r-responsabbiltà għall-konformità tal-komoditajiet jew tal-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jew li jespportaw billi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi mudell għal tali dikjarazzjonijiet. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-infurzar ta' dan ir-Regolament permezz tal-awtoritajiet kompetenti u l-qrati kif ukoll iżid il-konformità mill-operaturi.

## Emenda 50

### Proposta għal regolament

#### Premessa 36

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(36) Jenħtieġ li n-negozjanti jkunu responsabbli għall-ġbir u għaż-żamma ta' informazzjoni li tiżgura t-trasparenza tal-katina tal-provvista tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jqegħdu fis-suq. Negozjanti kbar li ma humiex intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandhom influwenza sinifikanti fuq il-ktajjen tal-

##### *Emenda*

(36) Jenħtieġ li n-negozjanti jkunu responsabbli għall-ġbir u għaż-żamma ta' informazzjoni li tiżgura t-trasparenza tal-katina tal-provvista tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jqegħdu fis-suq. Negozjanti kbar li ma humiex intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandhom influwenza sinifikanti fuq il-ktajjen tal-

provvista u għandhom rwol importanti fl-iżgurar li *dawn ikunu* mingħajr deforestazzjoni u għalhekk jenħtieġ li jkollhom l-istess obbligi bħall-operaturi.

provvista u għandhom rwol importanti fl-iżgurar li *l-ktajjen tal-provvista jkunu* mingħajr deforestazzjoni u għalhekk jenħtieġ li jkollhom l-istess obbligi bħall-operaturi.

## Emenda 51

### Proposta għal regolament Premessa 37

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(37) Sabiex titrawwem it-trasparenza u jiġi faċilitat l-infurzar, jenħtieġ li l-operaturi *li ma humiex SMEs*, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom, inkluż dwar il-passi meħuda sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom.

#### *Emenda*

(37) Sabiex titrawwem it-trasparenza u jiġi faċilitat l-infurzar, jenħtieġ li l-operaturi, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom, inkluż dwar il-passi meħuda sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom.

## Emenda 52

### Proposta għal regolament Premessa 38

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(38) Strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew l-impatti ambjentali negattivi jenħtieġ li japplikaw sakemm ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv, natura u effett f'dan ir-Regolament li tista' tiġi adattata fid-dawl ta' emendi leġiżlattivi futuri. Jenħtieġ li l-eżistenza ta' dan ir-Regolament ma teskludix l-applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur. Meta tali strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE jipprevedu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi jew iżidu rekwiżiti mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tali

#### *Emenda*

(38) Strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew l-impatti ambjentali negattivi, *bħar-Regolament (EU) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> u [d-Direttiva li jmiss dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva]<sup>1b</sup>*, jenħtieġ li japplikaw sakemm ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv, natura u effett f'dan ir-Regolament li tista' tiġi adattata fid-dawl ta' emendi leġiżlattivi futuri. *Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u tal-legalità. Dan japplika ex ante, qabel ma l-komoditajiet jew il-prodotti*

dispożizzjonijiet jiġu applikati flimkien ma' dawk ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, meta dan ir-Regolament ikun fih dispożizzjonijiet aktar speċifiċi, jenħtieġ li dawn ma jiġux interpretati b'mod li jimmina l-applikazzjoni effettiva ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE dwar id-diliġenza dovuta jew l-ilħuq tal-għan ġenerali tagħhom.

***jiŋqieghdu fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu.*** Jenħtieġ li l-eżistenza ta' dan ir-Regolament ***speċifiku għall-komoditajiet*** ma teskludix l-applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur. Meta tali strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE jipprevedu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi jew iżidu rekwiżiti mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tali dispożizzjonijiet jiġu applikati flimkien ma' dawk ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, meta dan ir-Regolament ikun fih dispożizzjonijiet aktar speċifiċi, jenħtieġ li dawn ma jiġux interpretati b'mod li jimmina l-applikazzjoni effettiva ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE dwar id-diliġenza dovuta jew l-ilħuq tal-għan ġenerali tagħhom. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li toħroġ linji gwida ċari u faċli biex jinftiehmu biex tgħin lill-operaturi u lin-negozjanti, b'mod partikolari l-SMEs, jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament bil-għan li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv u finanzjarju. Il-linji gwida jenħtieġ li jappoġġaw lill-operaturi biex dawn jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta b'mod effettiv meta dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra sovrapposti li jistabbilixxu rekwiżiti oħra ta' diliġenza dovuta.***

---

***1a Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).***

***1b COM(2022)0071 final.***

## **Emenda 53**

**Proposta għal regolament  
Premessa 38a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(38a) Hemm rabta diretta bejn id-deforestazzjoni u l-konverżjoni tal-ekosistemi u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari dawk tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tagħhom u jenħtieġ li l-inklużjoni sħiħa tagħhom fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jiġi żgurat ir-rispett sħiħ għat-testi u l-istandards internazzjonali, inkluża d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, id-drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art, id-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat (FPIC). Id-drittijiet tax-xogħol kif minquxa fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, id-drittijiet tan-nisa, id-drittijiet għall-protezzjoni ambjentali u d-dritt li jiġu difiżi d-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent jenħtieġ li jiġu promossi wkoll.**

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament  
Premessa 40**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(40) Ir-responsabbiltà għall-infurzar ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżguraw li dan ir-Regolament jiġi rispettat bis-sħiħ. Infurzar uniformi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu jista' jinkiseb biss permezz ta' skambju sistematiku ta' informazzjoni u kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet

(40) Ir-responsabbiltà għall-infurzar ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżguraw li dan ir-Regolament jiġi rispettat bis-sħiħ. Infurzar uniformi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu jista' jinkiseb biss permezz ta' skambju sistematiku ta' informazzjoni u kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet

doganali u l-Kummissjoni.

doganali u l-Kummissjoni. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li, b'mod partikolari, twettaq analiżi tal-penali applikati mill-Istati Membri u twettaq skambju magħhom sabiex tippromwovi l-implimentazzjoni armonizzata ta' dan ir-Regolament.***

## **Emenda 55**

### **Proposta għal regolament Premessa 40a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(40a) Għall-finijiet tal-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament u l-konformità miegħu mill-awtoritajiet kompetenti, l-operaturi u n-negozjanti, jenħtieġ li l-membri tal-pubbliku konċernat ikunu jistgħu jieħdu azzjoni biex jiżguraw il-konformità mal-liġi ambjentali u b'hekk jiproteġu l-ambjent.***

## **Emenda 56**

### **Proposta għal regolament Premessa 40b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(40b) Id-dritt għal rimedju effettiv huwa dritt tal-bniedem rikonoxxut internazzjonalment, minqax fl-Artikolu 8 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 9(3) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali u l-Artikolu 2(3) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, u huwa wkoll dritt fundamentali tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jiżguraw li l-membri***

*tal-pubbliku kkonċernati jew affettwati minn ksur ta' dan ir-Regolament ikollhom aċċess xieraq għal rimedju effettiv.*

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Premessa 41

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(41) L-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi u effiċjenti ta' dan ir-Regolament huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u tiġġestixxi sistema ta' informazzjoni sabiex tappoġġa lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti fil-preżentazzjoni u fl-aċċess tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti fis-suq. Jenħtieġ li l-operaturi jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta fis-sistema tal-informazzjoni. Jenħtieġ li s-sistema ta' informazzjoni tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-awtoritajiet doganali sabiex tiffaċilita t-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li **s-sistema tal-informazzjoni** tkun aċċessibbli wkoll għal pubbliku usa', bid-data anonimizzata provduta f'format miftuħ u li jinqara mill-magni f'konformità mal-Politika tal-Unjoni dwar id-Data Miftuħa.

#### *Emenda*

(41) L-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi u effiċjenti ta' dan ir-Regolament huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u tiġġestixxi sistema ta' informazzjoni sabiex tappoġġa lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti fil-preżentazzjoni u fl-aċċess tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti fis-suq. Jenħtieġ li l-operaturi jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta fis-sistema tal-informazzjoni. Jenħtieġ li s-sistema ta' informazzjoni tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-awtoritajiet doganali sabiex tiffaċilita t-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament **u jenħtieġ li tiffaċilita t-trasferimenti ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali kif ukoll fosthom.** Jenħtieġ li **d-data li mhix sensitiva f'sens kummerċjali** tkun aċċessibbli wkoll għal pubbliku usa', bid-data **li tkun** anonimizzata – **apparti l-informazzjoni rigward il-lista ta' operaturi u negozjanti mhux konformi** – u provduta f'format miftuħ u li jinqara mill-magni f'konformità mal-Politika tal-Unjoni dwar id-Data Miftuħa.

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Premessa 42

(42) Għall-komoditajiet rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom il-kompitu li jivverifikaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mal-obbligi skont dan ir-Regolament, billi r-rwol tad-dwana huwa li tiżgura li r-referenza ta' dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta tkun disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali fejn applikabbli u, barra minn hekk mill-mument li l-interfaċċa elettronika tkun fis-seħħ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti, sabiex jivverifikaw l-istatus tad-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta wara analiżi tar-riskju inizjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fis-Sistema ta' Informazzjoni u jaġixxu kif xieraq (jiġifieri jissospendu jew jirrifjutaw komodità jew prodott jekk jintalbu jagħmlu dan permezz tal-istatus fis-Sistema ta' Informazzjoni). Din l-organizzazzjoni speċifika tal-kontrolli tirrifjuta l-applikazzjoni tal-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

## **Emenda 59**

### **Proposta għal regolament Premessa 42a (ġdida)**

(42) Għall-komoditajiet ***u l-prodotti*** rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom il-kompitu li jivverifikaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mal-obbligi skont dan ir-Regolament ***abbażi, fost l-oħrajn, tad-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta sottomessi mill-operaturi*** billi r-rwol tad-dwana huwa li tiżgura li r-referenza ta' dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta tkun disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali fejn applikabbli u, barra minn hekk mill-mument li l-interfaċċa elettronika tkun fis-seħħ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti, sabiex jivverifikaw l-istatus tad-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta wara analiżi tar-riskju inizjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fis-Sistema ta' Informazzjoni u jaġixxu kif xieraq (jiġifieri jissospendu jew jirrifjutaw komodità jew prodott jekk jintalbu jagħmlu dan permezz tal-istatus fis-Sistema ta' Informazzjoni). Din l-organizzazzjoni speċifika tal-kontrolli tirrifjuta l-applikazzjoni tal-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

***(42a) Il-kontrolli mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jitwettqu b'mod li jkun l-inqas ta' tfixkil għall-kummerċ u għall-operazzjonijiet tal-operaturi u n-negozjanti.***

## Emenda 60

### Proposta għal regolament Premessa 43a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(43a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura riżorsi finanzjarji adegwati u suffiċjenti, inkluż speċifikament għall-appoġġ tekniku, inkluż permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, biex tgħin lill-pajjiżi sħab jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li daww ir-riżorsi jkunu diġà disponibbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' adattament tal-komunitajiet affettwati, b'attenzjoni partikolari għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar.**

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Premessa 45

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(45) Sabiex jiġi ottimizzat u jitneħħa l-piż minn fuq il-proċess ta' kontroll tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti interfaċċi elettroniċi li jippermettu t-trasferiment awtomatiku tad-data bejn is-sistemi doganali u s-Sistema ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Is-sistema ta' Single Window tal-UE għad-dwana hija l-kandidat naturali sabiex jiġu appoġġati tali trasferimenti tad-data. Jenħtieġ li l-interfaċċi jkunu awtomatizzati ħafna u faċli sabiex jintużaw, u **jenħtieġ li l-piż addizzjonali** għall-awtoritajiet doganali **jkun limitat**. Barra minn hekk, fid-dawl tad-differenzi limitati bejn id-data li

(45) Sabiex jiġi ottimizzat u jitneħħa l-piż minn fuq il-proċess ta' kontroll tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti interfaċċi elettroniċi **interoperabbli** li jippermettu t-trasferiment awtomatiku tad-data bejn is-sistemi doganali u s-Sistema ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Is-sistema ta' Single Window tal-UE għad-dwana hija l-kandidat naturali sabiex jiġu appoġġati tali trasferimenti tad-data. Jenħtieġ li l-interfaċċi jkunu awtomatizzati ħafna u faċli sabiex jintużaw, u **jiffaċilitaw il-proċessi** għall-awtoritajiet doganali **kif ukoll jillimitaw il-kostijiet u l-piż għall-operaturi**. Barra minn hekk, fid-dawl tad-



għandha tiġi dikjarata rispettivament fid-dikjarazzjoni doganali u fid-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta, huwa xieraq li jiġi propost ukoll approċċ "min-negozji għall-gvern" fejn in-negozjanti u l-operaturi ekonomiċi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta ta' komodità jew prodott rilevanti permezz tas-sistema ta' single window nazzjonali għad-dwana u din id-dikjarazzjoni tiġi trażmessa awtomatikament fis-Sistema ta' Informazzjoni użata mill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti jikkontribwixxu sabiex jiddeterminaw id-data li għandha tiġi trażmessa u kwalunkwe rekwiżit tekniku ieħor.

differenzi limitati bejn id-data li għandha tiġi dikjarata rispettivament fid-dikjarazzjoni doganali u fid-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta, huwa xieraq li jiġi propost ukoll approċċ "min-negozji għall-gvern" fejn in-negozjanti u l-operaturi ekonomiċi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta ta' komodità jew prodott rilevanti permezz tas-sistema ta' single window nazzjonali għad-dwana u din id-dikjarazzjoni tiġi trażmessa awtomatikament fis-Sistema ta' Informazzjoni użata mill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti jikkontribwixxu sabiex jiddeterminaw id-data li għandha tiġi trażmessa u kwalunkwe rekwiżit tekniku ieħor.

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Premessa 46

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(46) Ir-riskju li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti mhux konformi jvarja skont il-komodità u l-prodott kif ukoll skont il-pajjiż tal-orìġini u l-produzzjoni tagħhom. L-operaturi li jakkwistaw komoditajiet u prodotti minn pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx ta' tkabbir, hsað jew produzzjoni ta' komoditajiet rilevanti bi ksur ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal anqas obbligi, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità u l-piż amministrattiv. Il-komoditajiet u l-prodotti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skrutinju msaħħaħ mill-awtoritajiet kompetenti.

#### *Emenda*

(46) Ir-riskju li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti mhux konformi jvarja skont il-komodità u l-prodott kif ukoll skont il-pajjiż tal-orìġini u l-produzzjoni tagħhom ***jew parti minnhom***. L-operaturi li jakkwistaw komoditajiet u prodotti minn pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx ta' tkabbir, hsað jew produzzjoni ta' komoditajiet rilevanti bi ksur ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal anqas obbligi, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità u l-piż amministrattiv, ***sakemm l-operatur ma jkunx jaf jew ikollu raġuni biex jemmen li hemm riskji ta' nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament. Meta awtorità kompetenti tkun konxja minn riskju li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jkunu qed jiġu evitati, pereżempju fejn komodità jew prodott rilevanti li jkunu ġew prodotti f'pajjiż b'riskju għoli jiġu sussegwentement ipproċessati fl-Unjoni***

*jew esportati lejn l-UE minn pajjiż b'riskju baxx, u d-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta jindikaw li l-komodità jew il-prodott ikunu ġew prodotti f'pajjiż b'riskju baxx, jenħtieġ li tivverifika permezz ta' kontrolli ulterjuri jekk hemmx xi nuqqas ta' konformità u, jekk meħtieġ, tieħu azzjoni xierqa, bħall-qbid u s-sospensjoni tat-tqegħid fis-suq tal-komodità jew tal-prodott rilevanti, kif ukoll twettaq verifiki ulterjuri.* Il-komoditajiet u l-prodotti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skrutinju msaħħaħ mill-awtoritajiet kompetenti.

## Emenda 63

### Proposta għal regolament Premessa 47

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(47) Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-riskju ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti flivell ta' pajjiż jew ta' partijiet minnu abbażi ta' firxa ta' kriterji li jirriflettu kemm data kwantitattiva, oġġettiva kif ukoll dik rikonossuta internazzjonalment, u indikazzjonijiet li l-pajjiżi huma involuti attivament fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u **d-degradazzjoni** tal-foresti. Jenħtieġ li din l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni komparattiva tagħmilha aktar faċli għall-operaturi fl-Unjoni li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta u għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità, filwaqt li tipprovdi wkoll inċentiv għall-pajjiżi produttori sabiex iżidu s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni agrikola tagħhom u jnaqqsu l-impatt tad-deforestazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li dan jgħin sabiex il-ktajjen tal-provvista jsiru aktar trasparenti u sostenibbli. Jenħtieġ li din is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tkun ibbażata fuq klassifikazzjoni bi tliet

#### *Emenda*

(47) Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-riskju ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti **jew ta' riskju ta' konverżjoni tal-foresti** flivell ta' pajjiż jew ta' partijiet minnhom u abbażi ta' firxa ta' kriterji li jirriflettu kemm data kwantitattiva, oġġettiva kif ukoll dik rikonossuta internazzjonalment, u indikazzjonijiet li l-pajjiżi huma involuti attivament fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni** tal-foresti, u **għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali**. Jenħtieġ li din l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni komparattiva tagħmilha aktar faċli għall-operaturi fl-Unjoni li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta u għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità, filwaqt li tipprovdi wkoll inċentiv għall-pajjiżi produttori sabiex iżidu s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni agrikola tagħhom u jnaqqsu l-impatt tad-deforestazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li dan jgħin sabiex il-ktajjen tal-

livelli ta' pajjiżi li għandhom jitqiesu bħala ta' riskju baxx, standard jew għoli. Sabiex jiġu żgurati trasparenza u ċarezza xierqa, jenħtieġ li l-Kummissjoni partikolarment tagħmel disponibbli għall-pubbliku d-data li tkun qiegħda tintuża għall-valutazzjoni komparattiva, ir-raġunijiet għall-bidla proposta fil-klassifikazzjoni u t-tweġiba tal-pajjiż konċernat. Għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju baxx jew partijiet ta' pajjiżi identifikati bħala b'riskju baxx, jenħtieġ li l-operaturi jitħallew japplikaw diliġenza dovuta simplifikata, filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu meħtieġa japplikaw skrutinju msaħħaħ fuq il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minn pajjiżi identifikati bħala ta' riskju għoli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet u prodotti rilevanti li ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament.

provvista jsiru aktar trasparenti u sostenibbli. Jenħtieġ li din is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tkun ibbażata fuq klassifikazzjoni bi tliet livelli ta' pajjiżi li għandhom jitqiesu bħala ta' riskju baxx, standard jew għoli. Sabiex jiġu żgurati trasparenza u ċarezza xierqa, jenħtieġ li l-Kummissjoni partikolarment tagħmel disponibbli għall-pubbliku d-data li tkun qiegħda tintuża għall-valutazzjoni komparattiva, ir-raġunijiet għall-bidla proposta fil-klassifikazzjoni u t-tweġiba tal-pajjiż konċernat. Għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju baxx jew partijiet ta' pajjiżi identifikati bħala b'riskju baxx, jenħtieġ li l-operaturi jitħallew japplikaw diliġenza dovuta simplifikata, filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu meħtieġa japplikaw skrutinju msaħħaħ fuq il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minn pajjiżi identifikati bħala ta' riskju għoli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet u prodotti rilevanti li ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament.

## Emenda 64

### Proposta għal regolament Premessa 47a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(47a) Biex jiġi żgurat li dan ir-Regolament ma joħloqx restrizzjoni bla bżonn għall-kummerċ, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkoopera ma' pajjiżi li huma identifikati li jippreżentaw riskju standard jew għoli, u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dawn il-pajjiżi, sabiex taħdem favur it-tnaqqis tal-livell ta' riskju.***

## Emenda 65

### Proposta għal regolament Premessa 48

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(48) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti, f'intervalli regolari, sabiex jivverifikaw li dawn qegħdin tassew iwettqu l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki meta jkollhom fil-pussess tagħhom informazzjoni rilevanti u abbażi ta' dan, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati sottomessa minn partijiet terzi. Għal kopertura komprensiva tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, tal-operaturi u n-negozjanti rispettivi u tal-volumi tas-sehem tagħhom ta' komoditajiet u prodotti, jenħtieġ li japplika approċċ maqsum f'żewġ partijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jivverifikaw ċertu perċentwal ta' operaturi u negozjanti, filwaqt li jkopru wkoll perċentwal speċifiku ta' komoditajiet u prodotti rilevanti. Jenħtieġ li tali perċentwali jkunu oġhla għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom.

## Emenda 66

### Proposta għal regolament Premessa 49

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(49) Jenħtieġ li l-verifiki tal-operaturi u tan-negozjanti mill-awtoritajiet kompetenti jkopru s-sistemi ta' diliġenza dovuta u l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-verifiki jkunu

#### *Emenda*

(48) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti, f'intervalli regolari, sabiex jivverifikaw li dawn qegħdin tassew iwettqu l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki meta jkollhom fil-pussess tagħhom informazzjoni rilevanti u abbażi ta' dan, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati sottomessa minn partijiet terzi. Għal kopertura komprensiva tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, tal-operaturi u n-negozjanti rispettivi u tal-volumi tas-sehem tagħhom ta' komoditajiet u prodotti, jenħtieġ li japplika approċċ maqsum f'żewġ partijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jivverifikaw ċertu perċentwal ta' operaturi u negozjanti, filwaqt li jkopru wkoll perċentwal speċifiku ta' komoditajiet u prodotti rilevanti. Jenħtieġ li tali perċentwali jkunu oġhla għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom ***filwaqt li dawn jistgħu jkunu aktar baxxi għal pajjiżi b'riskju baxx jew partijiet minnhom.***

bbażati fuq pjan ta' verifiki bbażat fuq ir-riskju. Jenħtieġ li l-pjan ikun fih kriterji tar-riskju li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta sottomessi mill-operaturi u min-negozjanti. Jenħtieġ li l-kriterji tar-riskju jqisu r-riskju ta' deforestazzjoni assoċjata ma' komoditajiet u prodotti rilevanti fil-pajjiż tal-produzzjoni, l-istorja tal-konformità tal-operaturi u tan-negozjanti mal-obbligi ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw l-identifikazzjoni tal-operaturi, tan-negozjanti u tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti, u jenħtieġ li titwettaq bl-użu ta' tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-data fis-sistema tal-informazzjoni li tiġbor id-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta.

bbażati fuq pjan ta' verifiki bbażat fuq ir-riskju. Jenħtieġ li l-pjan ikun fih kriterji tar-riskju li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta sottomessi mill-operaturi u min-negozjanti. Jenħtieġ li l-kriterji tar-riskju jqisu r-riskju ta' deforestazzjoni assoċjata ma' komoditajiet u prodotti rilevanti fil-pajjiż tal-produzzjoni, l-istorja tal-konformità tal-operaturi u tan-negozjanti mal-obbligi ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw l-identifikazzjoni tal-operaturi, tan-negozjanti u tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti, u jenħtieġ li titwettaq bl-użu ta' tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-data fis-sistema tal-informazzjoni li tiġbor id-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta. ***Fejn meħtieġ u teknikament possibbli, l-awtoritajiet kompetenti, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet f'pajjiżi terzi, għandhom ukoll iwettqu kontrolli in situ.***

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Premessa 50

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(50) F'każ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tiżvela riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti speċifiċi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati sabiex jipprevjenu l-introduzzjoni jew it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni. F'każ li dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jkunu daħlu fis-suq tal-Unjoni jew ikunu ħerġin minnu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-awtoritajiet doganali s-sospensjoni tar-

#### *Emenda*

(50) F'każ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tiżvela riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti speċifiċi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati sabiex jipprevjenu l-introduzzjoni jew it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni ***jew l-esportazzjoni tagħhom mill-Unjoni.*** F'każ li dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jkunu daħlu fis-suq tal-Unjoni jew ikunu ħerġin minnu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-

rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-verifiki meħtieġa. Tali talba jenħtieġ li tiġi komunikata permezz tas-sistema tal-interfaċċa bejn id-dwana u l-awtoritajiet kompetenti. Is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal **tlejt** ijiem ta' xogħol ħliet meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jivvalutaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri interim addizzjonali sabiex jestendu l-perjodu ta' sospensjoni jew jitolbu tali estensjoni lill-awtoritajiet doganali fil-każ ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu deħlin jew ħerġin mis-suq tal-Unjoni.

awtoritajiet doganali s-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-verifiki meħtieġa. Tali talba jenħtieġ li tiġi komunikata permezz tas-sistema tal-interfaċċa bejn id-dwana u l-awtoritajiet kompetenti. Is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal **ħamest** ijiem ta' xogħol, **jew 72 siegħa għal komoditajiet u prodotti friski li jistgħu jitħassru**, ħliet meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jivvalutaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri interim addizzjonali sabiex jestendu l-perjodu ta' sospensjoni jew jitolbu tali estensjoni lill-awtoritajiet doganali fil-każ ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu deħlin jew ħerġin mis-suq tal-Unjoni.

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Premessa 50a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(50a) L-operaturi jenħtieġ li jappoġġaw il-konformità min-naħa tal-fornituri tagħhom li huma bdiewa b'azjenda agrikola żgħira ma' dan ir-Regolament, inkluż permezz ta' investimenti u tisħiħ tal-kapaċitajiet, kif ukoll mekkaniżmi ta' pprezzar li jippermettu introjtu li jggarantixxi l-għajxien għall-produtturi li jiksbu s-sorsi mingħandhom.***

## Emenda 69

### Proposta għal regolament

## Premessa 51

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(51) Jenħtieġ li l-pjan għall-verifiki jiġi aġġornat regolament abbażi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tiegħu. Dawk l-operaturi li juru rekord konsistenti ta' konformità **jenħtieġ li** jkunu soġġetti għal frekwenza mnaqqsa ta' verifiki.

### *Emenda*

(51) Jenħtieġ li l-pjan għall-verifiki jiġi aġġornat regolament abbażi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tiegħu. Dawk l-operaturi li juru rekord konsistenti ta' konformità **jistgħu** jkunu soġġetti għal frekwenza mnaqqsa ta' verifiki.

## Emenda 70

### **Proposta għal regolament Premessa 51a (ġdida)**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

### *Emenda*

**(51a) Jekk ikollha raġuni biex temmen li Stat Membru ma jwettaqx biżżejjed kontrolli biex jiżgura l-infurzar ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata l-mandat li tintroduċi bidliet, fi djalogu ma' dak l-Istat Membru, fil-pjan ta' verifiki f'dak l-Istat Membru biex tirrettifika s-sitwazzjoni.**

## Emenda 71

### **Proposta għal regolament Premessa 52**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

### *Emenda*

(52) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ksur ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negozjanti jiġi sanzjonat b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(52) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ksur ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negozjanti jiġi sanzjonat b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi **u li l-operaturi li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi skont dan ir-Regolament ikunu responsabbli u obbligati li jikkompensaw għall-ħsara li**

*kieku kien jevita l-eżerċitar tad-diliġenza dovuta.*

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Premessa 52a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(52a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika l-ismijiet tal-operaturi u n-negożjanti mhux f'konformità ma' dan ir-Regolament. Dan jista' jgħin lil operaturi u kummerċjanti oħra fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom u jżid il-perssojoni mill-konsumaturi u mis-soċjetà ċivili fuq operaturi u kummerċjanti mhux konformi sabiex għall-akkwisti tagħhom jużaw ktajjen tal-provvista li jkunu ħielsa mid-deforestazzjoni.*

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Premessa 53

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(53) Filwaqt li jqisu l-karattru internazzjonali tad-deforestazzjoni **u d-degradazzjoni** tal-foresti u l-kummerċ relatat, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, mal-Kummissjoni, kif ukoll mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ukoll mal-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni u l-infurzar ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-impatti ambjentali negattivi.

(53) Filwaqt li jqisu l-karattru internazzjonali tad-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni** tal-foresti, **il-konverżjoni tal-foresti** u l-kummerċ relatat, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, mal-Kummissjoni, kif ukoll mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ukoll mal-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni u l-infurzar ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-impatti ambjentali negattivi.



## Emenda 74

### Proposta għal regolament Premessa 53a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(53a) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal informazzjoni fattwali, affidabbli u aġġornata dwar id-deforestazzjoni għall-operaturi, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi interessati, u biex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-operaturi ekonomiċi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi pjattaforma li tkun tkopri ż-żoni forestali madwar id-dinja, u li tinkludi firxa ta' għodod li jippermettu lill-partijiet kollha jimxu malajr lejn akkwist li ma jinvolti l-Ebda Deforestazzjoni tul il-ktajjen tal-provvista tagħhom. Jenħtieġ li l-pjattaforma tinkludi mapep tematiċi, mappa tal-kopertura tal-art b'serje kronoloġika li tibda mid-data ta' skadenza stabbilita minn dan ir-Regolament, u firxa ta' klassijiet li jippermettu li tiġi eżaminata l-kompożizzjoni tal-pajsaġġ. Il-pjattaforma jenħtieġ li tipprovdi wkoll sistema ta' twissija, li tiddependi fuq monitoraġġ ta' kull xahar tal-bidla fil-kopertura tal-foresti, u firxa ta' analiżijiet u outputs sikuri u faċli għall-utent, li juru kif il-ktajjen tal-provvista huma marbuta mad-deforestazzjoni. Sabiex jitrawwem l-użu tal-aktar informazzjoni preċiża u f'waqtha, biex jiġu żviluppati valutazzjoni tar-riskju u analiżijiet tar-riskju, biex jittejbu l-verifiki fuq id-dikjarazzjonijiet u l-valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi, filwaqt li jiġi żviluppata approċċ kooperattiv, jenħtieġ li l-pjattaforma tkun disponibbli għall-operaturi, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, u l-awtoritajiet interessati tal-pajjiżi terzi kollha. Jenħtieġ li l-pjattaforma tuża immaġnijiet satellitari, inklużi minn Copernicus Sentinel, li għandhom il-kapaċità li jipprovdu l-informazzjoni fattwali,*

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament  
Premessa 54**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(54) *Filwaqt li dan ir-Regolament jindirizza d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", jenħtieġ li l-protezzjoni tal-foresti ma twassalx għall-konverżjoni jew għad-degradazzjoni ta' ekosistemi naturali oħra. L-ekosistemi bħall-artijiet mistagħdra, is-savani u t-torbiera huma sinifikanti ħafna għall-isforzi globali sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, kif ukoll għal għanijiet oħra ta' żvilupp sostenibbli u l-konverżjoni jew id-degradazzjoni tagħhom jirrikjedu attenzjoni urġenti partikolari. Sabiex tindirizza dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa u l-fattibbiltà li testendi l-kamp ta' applikazzjoni għal ekosistemi oħra u għal komoditajiet ulterjuri sentejn wara d-dħul fis-seħħ. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq ukoll rieżami tal-prodotti rilevanti kif elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament permezz ta' att delegat.*

*imħassar*

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament  
Premessa 55**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(55) Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' informazzjoni li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom u li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament jibqgħu

(55) Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' informazzjoni li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom u li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament jibqgħu

rilevanti u f'konformità mal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni meħtieġa għall-proċedura ta' diliġenza dovuta, l-informazzjoni u l-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-mitigazzjoni tar-riskju li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-lista ta' prodotti stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Partikolarment, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

## Emenda 77

### Proposta għal regolament

#### Premessa 57

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(57) Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' skema ta' liċenzjar FLEGT permezz ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Sabiex jiġu rispettati l-impenji bilaterali li daħlet għalihom l-

rilevanti u f'konformità mal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni meħtieġa għall-proċedura ta' diliġenza dovuta, l-informazzjoni u l-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-mitigazzjoni tar-riskju li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-lista ta' prodotti stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti ***u mal-partijiet ikkonċernati***, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Partikolarment, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

##### *Emenda*

(57) Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' skema ta' liċenzjar FLEGT permezz ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. ***Il-VPAs huma maħsuba biex irawmu bidliet sistematiċi fis-***

Unjoni Ewropea u sabiex jiġi ppreservat il-progress miksub mal-pajjiżi sħab li għandhom sistema operatorja fis-seħħ (stadju ta' liċenzjar FLEGT), jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-injam u l-prodotti bbażati fuq l-injam koperti minn liċenzja FLEGT valida jissodisfaw ir-rekwiżit ta' legalità skont dan ir-Regolament.

*settur tal-forestrija bil-għan li jiġu promossi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-eliminazzjoni tal-qtugħ illegali tas-siġar u l-appoġġ għall-isforzi dinji biex titwaqqaf id-deforestazzjoni. Il-VPAs jipprovdu qafas legali importanti kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-pajjiżi sħab tagħha, li sar possibbli bis-saħħa tal-kooperazzjoni tajba u l-impenn mill-pajjiżi kkonċernati; Jenħtieġ li jiġu promossi VPAs ġodda ma' sħab addizzjonali. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jibni fuq il-ħidma li saret fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 2173/2005 li jkompli jservi bħala mekkaniżmu importanti għall-protezzjoni tal-foresti tad-dinja. Sabiex jiġu rispettati l-impenji bilaterali li daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi ppreservat il-progress miksub mal-pajjiżi sħab li għandhom sistema operatorja fis-seħħ (stadju ta' liċenzjar FLEGT) u jiġu inċentivati sħab oħra biex jaħdmu ħalli jilhqqu dan l-istadju, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-injam u l-prodotti bbażati fuq l-injam koperti minn liċenzja FLEGT valida jissodisfaw ir-rekwiżit ta' legalità skont dan ir-Regolament, u b'hekk jiżguraw li din il-parti tar-rekwiżit ta' diliġenza dovuta tiġi verifikata faċilment. Is-sħubijiet tal-VPAs jenħtieġ jiġu appoġġati b'riżorsi adegwati u b'appoġġ amministrattiv u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet speċifiku. Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 se jibqa' wkoll sistema importanti biex jiprovdi oqfsa għal konsultazzjonijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati.*

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Premessa 57a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(57a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tassisti lil-LDCs u lill-SMEs fil-fehim u l-implimentazzjoni tal-istandards stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-konformità tagħhom magħhom, filwaqt li żżomm kooperazzjoni miftuħa lejn il-bini tal-kapaċità mal-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-produtturi, speċjalment il-produtturi ż-żgħar.*

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Premessa 58

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(58) Filwaqt li dan ir-Regolament jindirizza d-deforestazzjoni **u d-degradazzjoni** tal-foresti, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-2019 "It-Tishiġ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", jenħtieġ li l-protezzjoni tal-foresti ma twassalx għall-konverżjoni jew għad-degradazzjoni ta' ekosistemi naturali oħra. L-ekosistemi bħall-artijiet mistagħdra, is-savani u t-torbiera huma sinifikanti ħafna għall-isforzi globali sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, kif ukoll għal għanijiet oħra ta' żvilupp sostenibbli u l-konverżjoni jew id-degradazzjoni tagħhom jirrikjedu **attenzjoni** urġenti partikolari. **Għalhekk** jenħtieġ li ssir evalwazzjoni **tal-ħtieġa u tal-fattibbiltà** tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi oħra minbarra l-foresti fi żmien **sentejn (2)** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

(58) Filwaqt li dan ir-Regolament jindirizza d-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni** tal-foresti **u l-konverżjoni tal-foresti**, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-2019 "It-Tishiġ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", jenħtieġ li l-protezzjoni tal-foresti ma twassalx għall-konverżjoni jew għad-degradazzjoni ta' ekosistemi naturali oħra. L-ekosistemi bħall-artijiet mistagħdra, is-savani u t-torbiera huma sinifikanti ħafna għall-isforzi globali sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima **u l-kriżi tal-bijodiversità**, kif ukoll għal għanijiet oħra ta' żvilupp sostenibbli, u l-konverżjoni jew id-degradazzjoni tagħhom jirrikjedu **azzjoni** urġenti partikolari **u jeħtieġ li jkunu evitati. Ma hemm l-ebda dubju li l-konsum tal-Unjoni huwa xprun konsiderevoli anke għall-konverżjoni u d-degradazzjoni ta' ekosistemi mhux forestali bijodiversi u rikki fil-karbonju madwar id-dinja. Sabiex titnaqqas l-impronta tal-Unjoni fuq l-ekosistemi naturali kollha**, jenħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi oħra minbarra l-foresti **u art imsaġġra oħra sa mhux aktar tard minn sena** mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-

Regolament, u proposta leġislattiva għaliha, li t-tħejjijiet għaliha għandhom jibdw sa mhux aktar tard mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Dewmien ulterjuri biex jiġu inklużi ekosistemi oħra f'dan ir-Regolament jirriskja li jċaqlaq il-produzzjoni agrikola mill-foresti għal ekosistemi mhux forestali. Dawn tal-aħħar jinsabu wkoll taħt pressjoni li qed tiżdied ta' konverżjoni u degradazzjoni minħabba l-produzzjoni tal-komoditajiet għas-suq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta wkoll il-ħtieġa u l-fattibbiltà li testendi l-kamp ta' applikazzjoni għal aktar komoditajiet sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Fl-istess waqt, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq ukoll rieżami tal-prodotti rilevanti kif elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament permezz ta' att delegat.

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Premessa 58a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(58a) Filwaqt li titqies it-talba li saret mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu "Qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha" tat-22 ta' Ottubru 2020 u mill-maġġoranza vasta tal-kważi 1,2 miljun parteċipant għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti mmexxija mid-domanda biex jiġu inklużi l-ekosistemi mhux forestali f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża l-evalwazzjoni u l-proposta leġislattiva tagħha għal estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi oħra abbażi tad-definizzjonijiet ta' "ekosistemi*

*naturali", "konverżjoni tal-ekosistema naturali" u "degradazzjoni tal-foresti u tal-ekosistemi naturali" u d-data limitu tal-31 ta' Diċembru 2019, kif stabbilit f'dan ir-Regolament.*

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Premessa 60

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(60) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ġlieda kontra d-deforestazzjoni **u d-degradazzjoni** tal-foresti billi jitnaqqas il-kontribut tal-konsum fl-Unjoni, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri individwalment u jista' għalhekk, minħabba d-daqs tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

#### *Emenda*

(60) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ġlieda kontra d-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni** tal-foresti **u l-konverżjoni tal-foresti** billi jitnaqqas il-kontribut tal-konsum fl-Unjoni **u billi jinċentiva t-tnaqqis tad-deforestazzjoni fil-pajjiżi produttori**, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri individwalment u jista' għalhekk, minħabba d-daqs tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Premessa 61

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(61) Jenħtieġ li l-operaturi, in-negozjanti u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw perjodu ta' żmien raġonevoli bil-għan li jkun jistgħu jħejju lilhom infushom sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament,

#### *Emenda*

(61) **Sabiex jiġi evitat it-tfixkil fil-katina tal-provvista u jitnaqqas l-impatti negattivi fuq pajjiżi terzi, sħab kummerċjali, u b'mod partikolari bdiewa b'azjenda agrikola żgħira**, jenħtieġ li l-operaturi, in-negozjanti u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw perjodu ta' żmien

raġonevoli bil-għan li jkunu jistgħu jħejju lillhom infushom sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament,

## Emenda 83

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-introduzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni, tal-bhejjem tal-ifrat, tal-kawkaw, tal-kafè, tal-palm taż-żejt, tas-sojja u tal-injam ("komoditajiet rilevanti") u ***l-prodotti***, kif elenkati fl-Anness I, li fihom, ikunu ġew mitmugħa bi jew ikunu saru bl-użu ta' komoditajiet rilevanti ("prodotti rilevanti"), bil-għan li

##### *Emenda*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-introduzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni, tal-bhejjem tal-ifrat, ***tal-ħnieżer, tan-nagħaġ u l-mogħoż, tal-pollam***, tal-kawkaw, tal-kafè, tal-palm taż-żejt u tad-derivattivi taż-żejt tal-palm, tas-sojja, ***tal-qamħirrum, tal-gomma*** u tal-injam ("komoditajiet rilevanti") u ***tal-prodotti, inklużi l-karbonju u l-prodotti tal-karta stampata***, kif elenkati fl-Anness I, li ***jkun*** fihom, ikunu ġew mitmugħa bi jew ikunu saru bl-użu ta' komoditajiet rilevanti ("prodotti rilevanti"), bil-għan li:

## Emenda 84

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) jiġi mminimizzat il-kontribut tal-Unjoni għad-deforestazzjoni ***u d-degradazzjoni*** tal-foresti madwar id-dinja

##### *Emenda*

(a) jiġi mminimizzat il-kontribut tal-Unjoni għad-deforestazzjoni, ***id-degradazzjoni*** tal-foresti ***u l-konverżjoni tal-foresti*** madwar id-dinja;



## **Emenda 85**

### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jitnaqqas il-kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità.

*Emenda*

(b) jitnaqqas il-kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità;

## **Emenda 86**

### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) isir kontribut għal tnaqqis fid-deforestazzjoni globali;***

## **Emenda 87**

### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll obbligi għall-istituzzjonijiet finanzjarji b'sede jew li joperaw fl-Unjoni li jipprovdu servizzi finanzjarji lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom huma marbuta ma' jew jikkonsistu fil-produzzjoni, il-forniment, it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni tal-komditajiet u prodotti rilevanti fis-sens ta' dan l-Artikolu.***

## **Emenda 88**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) "deforestazzjoni" tfisser il-konverżjoni **ta' foresta għal użu agrikolu**, kemm jekk ikkawżata mill-bniedem kif ukoll jekk le;

*Emenda*

(1) "deforestazzjoni" tfisser il-konverżjoni, kemm jekk ikkawżata mill-bniedem kif ukoll jekk le, **ta' foresti jew art imsaġġra oħra, għal użu agrikolu jew għal foresti mħawla**;

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(1a) "konverżjoni tal-ekosistema" tfisser il-bidla ta' ekosistema naturali għal użu tal-art ieħor jew bidla fil-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, fl-istruttura jew fil-funzjoni ta' ekosistema naturali; dan jinkludi d-degradazzjoni severa jew l-introduzzjoni ta' Prattiki ta' ġestjoni li jirriżultaw f'bidla sostanzjali u sostnuta fil-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, fl-istruttura jew fil-funzjoni tal-ekosistema;**

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2a) "użu agrikolu" tfisser l-użu tal-art għal kwalunkwe waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: il-kultivazzjoni ta' għelejjel temporanji jew annwali li għandhom ċiklu ta' tkabbir ta' sena jew anqas; il-kultivazzjoni ta' għelejjel permanenti jew perenni li għandhom ċiklu ta' tkabbir ta' aktar minn sena, inklużi l-għelejjel tas-siġar; il-kultivazzjoni ta' mergħat jew bwar permanenti jew temporanji kif ukoll it-trobbija tal-bhejjem; u art temporanjament mhux maħduma;**

## Emenda 91

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2b) "art imsaġġra oħra" tfisser art mhux klassifikata bħala foresta, b'firxa ta' aktar minn 0,5 ettaru, b'siġar oġhla minn 5 metri u kopertura forestali ta' 5 sa 10 fil-mija, jew siġar li jistgħu jilħqu dawn il-limiti in situ, jew b'kopertura kombinata ta' buxxijiet, arbuxxelli u siġar 'il fuq minn 10 fil-mija, eskluża art li hija prinċipalment ta' użu agrikolu jew urban;**

## Emenda 92

### Proposta għal regolament Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(5a) "ekosistema naturali" tfisser ekosistema, inklużi ekosistema ġestita mill-bniedem, li sostanzjalment tixbah, f'termini tal-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, l-istruttura u l-funzjoni ekoloġika, ekosistema li tinsab jew li kieku tinstab f'żona partikolari fin-nuqqas ta' impatti umani kbar; din tinkludi, b'mod partikolari, art b'ħażniet kbar ta' karbonju u art b'valur għoli ta' bijodiversità;**

## Emenda 93

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(6) "degradazzjoni tal-foresti" tfisser operazzjonijiet ta' ħsad li ma humiex**

**(6) "degradazzjoni tal-foresti u ta' ekosistemi naturali oħra" tfisser it-tnaqqis**

*sostenibbli u jikkawżaw tnaqqis jew telf tal-produttività bijoloġika jew ekonomika u l-kumplessità tal-ekosistemi tal-foresti, li jirriżultaw fit-tnaqqis fit-tul tal-provvista kumplessiva tal-benefiċċji mill-foresti, li tinkludi l-injam, il-bijodiversità u prodotti jew servizzi oħra;*

*jew it-telf tal-produttività bijoloġika jew ekonomika u l-kumplessità tal-foresti u art imsaġġra oħra u ekosistemi naturali oħra, li jaffettwaw il-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, l-istruttura jew il-funzjoni tagħhom, kemm jekk ikkawżati direttament mill-bnedmin kif ukoll jekk le; dan jinkludi l-isfruttament illegali tal-foresti, ta' art imsaġġra oħra jew ta' ekosistemi naturali oħra kif ukoll l-użu ta' prattiki ta' ġestjoni li jirriżultaw f'impatt sostanzjali jew sostnut fuq il-kapaċità tagħhom li jappoġġaw il-bijodiversità jew li jipprovdu servizzi ekosistemiċi;*

#### **Emenda 94**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) *"operazzjonijiet ta' ħsad sostenibbli" tfisser li l-ħsad isir b'kunsiderazzjoni taż-żamma tal-kwalità tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu minimizzati l-impatti negattivi, b'mod li jiġi evitat il-ħsad tal-ġdur u tal-għeruq, id-degradazzjoni tal-foresti primarji jew il-konverżjoni tagħhom f'foresti ta' tħawwil, u l-ħsad fuq ħamrija vulnerabbli; li jimminimizza tqaċċit totali tas-siġar u jiżgura lokalment sollijiet xierqa għall-estrazzjoni tal-injam niexef u rekwiżiti għall-użu ta' sistemi ta' qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il-karatteristiċi u l-habitats tal-bijodiversità;*

*Emenda*

*imħassar*

#### **Emenda 95**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(8) "mingħajr deforestazzjoni" tfisser

(8) "mingħajr deforestazzjoni" tfisser li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, inkluż dawk użati għal jew li jinsabu fi prodotti rilevanti, ikunu ġew prodotti fuq art li ma kinitx soġġetta għal deforestazzjoni, **u li ma wasslux jew ma kkontribwewx għad-degradazzjoni tal-foresti jew għall-konverżjoni tal-foresti** wara l-31 ta' Diċembru **2019**;

**(a)** li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, inkluż dawk użati għal jew li jinsabu fi prodotti rilevanti, ikunu ġew prodotti fuq art li ma kinitx soġġetta għal deforestazzjoni wara l-31 ta' Diċembru **2020, u**

**(b)** **li l-injam ikun inqata' mill-foresta mingħajr ma tiġi kkawżata d-degradazzjoni tal-foresti wara l-31 ta' Diċembru 2020;**

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(16) "riskju negliġibbli" tfisser valutazzjoni sħiħa kemm tal-informazzjoni speċifika għall-prodott kif ukoll tal-informazzjoni ġenerali dwar il-konformità **mal-Artikoli 3(a) u 3(b) mill-komoditajiet jew mill-prodotti rilevanti li ma juru l-ebda raġuni għal riokkupazzjoni;**

(16) "riskju negliġibbli" tfisser **il-livell ta' riskju li japplika għal komoditajiet u prodotti rilevanti li għandhom jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, jew jiġu esportati minnu, fejn dawn il-komoditajiet jew prodotti ma juru l-ebda kawża ta' tħassib għal raġunijiet ta'** valutazzjoni sħiħa kemm tal-informazzjoni speċifika għall-prodott kif ukoll tal-informazzjoni ġenerali dwar il-konformità **mal-Artikolu 3 l-applikazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa;**

## Emenda 97

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(16a) "involvement sinifikattiv mal-partijiet ikkonċernati" tfisser il-fehim tat-tħassib u l-interessi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-aktar gruppi vulnerabbli bħal bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u popli indiġeni, kif ukoll il-komunitajiet lokali, inklużi n-nisa, billi jiġu kkonsultati direttament b'mod li jqis l-ostakli potenzjali għal involvement effettiv.*

## Emenda 98

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(18) "prodotti mhux konformi" tfisser komoditajiet u prodotti rilevanti li ma kinux prodotti "mingħajr deforestazzjoni", jew li ma kinux prodotti f'konformità **mal-leġiżlazzjoni** rilevanti **tal-pajjiż tal-produzzjoni, jew it-tnejn li huma;**

(18) "prodotti mhux konformi" tfisser komoditajiet u prodotti rilevanti li ma kinux prodotti "mingħajr deforestazzjoni", jew li ma kinux prodotti f'konformità **mal-liġi u l-istandards** rilevanti, **inklużi dawk dwar id-drittijiet tal-popli indiġeni u d-drittijiet tal-pussess tal-art ta' komunitajiet lokali, u d-dritt tal-kunsens liberu, minn qabel u informat, u li ma kinux koperti minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta preċiża;**

## Emenda 99

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(21) "preokkupazzjoni sostanzjata" tfisser talba **fondata sew ibbażata** fuq

(21) "preokkupazzjoni sostanzjata" tfisser talba **bbażata** fuq informazzjoni

informazzjoni oġġettiva u verifikabbli rigward in-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament u li tista' tirrikjedi l-intervent tal-awtoritajiet kompetenti;

oġġettiva u verifikabbli rigward in-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament u li tista' tirrikjedi l-intervent tal-awtoritajiet kompetenti;

## Emenda 100

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28

*Test propost mill-Kummissjoni*

(28) "**leġiżlazzjoni** rilevanti **tal-pajjiż tal-produzzjoni**" tfisser ir-regoli applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni dwar l-istatus legali taż-żona tal-produzzjoni f'termini ta' drittijiet tal-użu tal-art, protezzjoni ambjentali, id-drittijiet ta' partijiet terzi u r-regolamenti rilevanti dwar il-kummerċ u d-dwana skont il-qafas ta' leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni.

*Emenda*

(28) "**liġi u standards** rilevanti" tfisser:

(a) ir-regoli applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni dwar l-istatus legali taż-żona tal-produzzjoni f'termini ta' drittijiet tal-użu tal-art, protezzjoni ambjentali, id-drittijiet ta' partijiet terzi u r-regolamenti rilevanti dwar il-kummerċ u d-dwana skont il-qafas ta' leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni.

(b) **id-drittijiet tal-bniedem protetti skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-istrumenti li jipproteġu d-drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art u d-dritt għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat (FPIC), kif stabbilit, fost l-oħrajn, fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, il-Forum Permanenti tan-NU dwar Kwistjonijiet Indiġeni u ftehimiet internazzjonali vinkolanti eżistenti, il-Konvenzjoni dwar il-Popli Indiġeni u Tribali (Nru 169, 1989), li jkopru d-dritt għall-protezzjoni ambjentali, id-dritt li wieħed jiddefendi l-ambjent, ħieles minn kwalunkwe forma ta' persekuzzjoni u fastidju, u drittijiet tal-bniedem oħra rikonoxxuti**

*internazzjonalment relatati mal-użu tal-art, l-aċċess għall-art jew is-sjieda tal-art;*

## **Emenda 101**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(28a) "kunsens liberu, minn qabel u infurmat (FPIC)" tfisser dritt tal-bniedem kollettiv tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali li jagħtu u jirrifjutaw il-kunsens tagħhom qabel il-bidu ta' kwalunkwe attività li tista' taffettwa d-drittijiet, l-art, ir-riżorsi, it-territorji, l-għajxien, u s-sigurtà tal-ikel tagħhom; huwa dritt eżerċitat permezz ta' rappreżentanti tal-għażla tagħhom stess u b'mod konsistenti mat-tradizzjonijiet, il-valuri u n-normi tagħhom stess;*

## **Emenda 102**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(28b) "difensuri tad-drittijiet tal-bniedem" tfisser dawk l-individwi, gruppi u organi tas-soċjetà li jippromwovu u jħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti universalment; id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ifittxu l-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet ċivili u politiċi kif ukoll il-promozzjoni, il-ħarsien u r-realizzazzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali; id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jippromwovu u jħarsu wkoll id-drittijiet tal-membri ta' gruppi bħall-komunitajiet indiġeni;*



## Emenda 103

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28c (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(28c) "difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ambjentali" tfisser individwi u gruppi li, fil-kapaċità personali jew professjonali tagħhom u b'mod paċifiku, jistinkaw biex jħarsu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem relatati mal-ambjent, inkluż l-ilma, l-arja, l-art, il-flora u l-fawna;**

### *Ġustifikazzjoni*

*Peress li huma aġenti ewlenin biex jinkisbu ktajjen tal-provvista ħielsa mid-deforestazzjoni u l-konverżjoni, huma għandhom jirċievu protezzjoni fil-kuntest tar-regolament il-ġdid, kif mitlub b'mod wiesa' fir-riżoluzzjoni tat-22 ta' Ottubru 2020, dwar Qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali kkawżata mill-UE. Għalhekk hija meħtieġa definizzjoni f'konformità mad-definizzjoni tan-NU tal-2016.*

## Emenda 104

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) ikunu ġew prodotti f'konformità **mal-leġiżlazzjoni** rilevanti **tal-pajjiż tal-produzzjoni**; u

(b) ikunu ġew prodotti f'konformità **mal-liġijiet u l-istandards** rilevanti, **kif definit fl-Artikolu 2, punt (28)**; u

## Emenda 105

### Proposta għal regolament Artikolu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

### **Artikolu 3a**

**L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jipprovdu servizzi finanzjarji lill-klijenti biss meta l-istituzzjonijiet finanzjarji**

*jikkonkludu li ma hemmx aktar minn riskju negliġibbli li s-servizzi inkwistjoni potenzjalment jipprovdu appoġġ direttament jew indirettament lil attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti jew il-konverżjoni tal-foresti.*

## Emenda 106

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel l-esportazzjoni tagħhom minnu sabiex jiżguraw il-konformità tagħhom mal-Artikolu **3(a) u (b)**. Għal dak il-għan, huma għandhom jużaw qafas ta' proċeduri u miżuri, minn issa 'l quddiem imsejħa "diliġenza dovuta" kif stabbilit fl-Artikolu 8.

#### *Emenda*

1. L-operaturi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel l-esportazzjoni tagħhom minnu sabiex jiżguraw il-konformità tagħhom mal-Artikolu **3**. Għal dak il-għan, huma għandhom jużaw qafas ta' proċeduri u miżuri, minn issa 'l quddiem imsejħa "diliġenza dovuta", kif stabbilit fl-Artikolu 8.

## Emenda 107

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-operaturi li, billi jeżerċitaw id-diliġenza dovuta kif imsemmi fl-Artikolu 8 ikunu waslu għall-konklużjoni li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. Dik id-dikjarazzjoni għandha tikkonferma li tkun saret id-

#### *Emenda*

2. L-operaturi li, billi jeżerċitaw id-diliġenza dovuta kif imsemmi fl-Artikolu 8 ikunu waslu għall-konklużjoni li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. Dik id-dikjarazzjoni **disponibbli, trażmissibli u ċċertifikata**

diliġenza dovuta **u li** ma jkun instab l-ebda riskju jew ikun instab biss riskju negliġibbli **u** għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

**elettronikament** għandha tikkonferma li tkun saret id-diliġenza dovuta, **tiżvela l-passi li tiegħu f'dan ir-rigward biex tiġi vverifikata l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament, u tispjega l-valutazzjoni għaliex** ma jkun instab l-ebda riskju jew ikun instab biss riskju negliġibbli. Għandu jkun fiha **wkoll** l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. **L-operaturi għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jippubblikaw u jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjonijiet u ċ-ċertifikazzjoni għall-iskrutinju amministrattiv, ċiviku u xjentifiku, filwaqt li jqisu r-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.**

## Emenda 108

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. **Billi jagħmel disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta**, l-operatur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-komodità jew tal-prodott rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-operaturi għandhom iżommu rekord tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin mid-data tat-tqegħid fis-suq permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31.

*Emenda*

3. L-operatur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-komodità jew tal-prodott rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-operaturi għandhom, **għalhekk, jagħmlu l-isforzi raġonevoli u dokumentati biex jappoġġaw il-konformità tal-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira mad-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Huma għandhom** iżommu rekord tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin mid-data tat-tqegħid fis-suq permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 **u jikkondividu d-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta ma' operaturi u kummerċjanti sussegwenti fil-katina tal-provvista.**

## Emenda 109

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jkunux konformi *mal-Artikolu 3(a) jew (b)*;

*Emenda*

(a) il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jkunux konformi *mal-Artikolu 3*;

**Emenda 110**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta jkun żvela riskju mhux negliġibbli li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma humiex konformi *mal-Artikolu 3(a) jew (b)*;

*Emenda*

(b) l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta jkun żvela riskju mhux negliġibbli li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma humiex konformi *mal-Artikolu 3*;

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. L-operaturi għandu jkollhom sistema fis-seħħ biex jirċievu preokkupazzjonijiet sostanzjati mill-partijiet interessati u għandhom jinvestigaw bir-reqqa l-preokkupazzjonijiet sostanzjati kollha introdotti f'konformità ma' dik is-sistema.**

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Operaturi li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, **inkluż** preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament **għandu jinforma** minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq. Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni.

*Emenda*

6. Operaturi li jkunu rċevew **jew identifikaw** informazzjoni ġdida **rilevanti, inklużi** preokkupazzjonijiet sostanzjati, **jew informazzjoni mogħtija permezz tal-mekkaniżmi ta' twissija rapida, li jindikaw riskju mhux negliġibbli** li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq **ikun fir-riskju li** ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, **għandhom jinformaw** minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq, **kif ukoll lin-negozjanti li lilhom ikunu pprovdew il-komodità jew il-prodott rilevanti bil-ħsieb li jipprevjenu li jkun hemm ċirkolazzjoni ulterjuri fis-suq tal-Unjoni, jew li ssir esportazzjoni minnu.** Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni.

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. L-operaturi għandhom joffru l-assistenza kollha meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-verifiki skont l-Artikolu 15, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.

*Emenda*

7. **L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw is-sistema ta' diliġenza dovuta tal-operaturi fuq bażi annwali.** L-operaturi għandhom joffru **wkoll** l-assistenza kollha meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-verifiki skont l-Artikolu 15, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.

**Emenda 114**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4 – paragrafu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7a. L-operaturi għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa:**

**(a) li jinvolvu ruħhom b'mod sinifikattiv ma' partijiet ikkonċernati vulnerabbli, bħall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, fil-katina tal-provvista tagħhom;**

**(b) biex jiżguraw li dawk il-partijiet ikkonċernati vulnerabbli jirċievu assistenza adegwata u remunerazzjoni ġusta sabiex il-komoditajiet u l-prodotti tagħhom ikunu jistgħu jikkonformaw mar-regoli, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżit ta' ġeolokalizzazzjoni, u biex jiżguraw li l-ispejjeż li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament jinqasmu b'mod ġust fost l-atturi differenti fil-katina tal-valur; u**

**(c) biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-impenji miftiehma, filwaqt li jiggarrantixxu li jiġu indirizzati l-impatti negattivi għall-partijiet ikkonċernati vulnerabbli identifikati.**

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 4a**

**Obbligi tan-negozjanti u eżenzjonijiet  
għan-negozjanti li huma SMEs**

**1. In-negozjanti li huma SMEs jistgħu jqegħdu fis-suq biss komoditajiet u prodotti rilevanti jekk ikollhom l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 3.**

2. *In-negożjanti li ma humiex SMEs għandhom jitqiesu bħala operaturi u jkunu soġġetti għal obbligi u dispożizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 3, 4, 5, 8 sa 12, l-Artikolu 14(9), u l-Artikoli 15 u 20 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jqegħdu fis-suq tal-Unjoni.*

3. *In-negożjanti li huma SMEs għandhom jiġbru u jżommu l-informazzjoni li ġejja relatata mal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jqegħdu fis-suq:*

(a) *l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, il-posta elettronika u, jekk disponibbli, indirizz web tal-operaturi jew tan-negożjanti li jkunu pprovdew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti lilhom;*

(b) *l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, il-posta elettronika u, jekk disponibbli, indirizz web tan-negożjanti li lilhom ikunu pprovdew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.*

4. *In-negożjanti li huma SMEs għandhom iżommu l-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għal mill-anqas ħames snin u għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba.*

5. *Negożjanti li huma SMEs li jkunu rċevew jew identifikaw informazzjoni rilevanti ġdida, inklużi preokkupazzjonijiet sostanzjati, li tindika riskju mhux negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq il-komodità jew il-prodott rilevanti.*

6. *In-negożjanti, kemm jekk huma SMEs kif ukoll jekk mhumiex, għandhom joffru l-assistenza kollha meħtieġa lill-*

*awtoritajiet kompetenti biex jiffaċilitaw it-tweġiq tal-kontrolli skont l-Artikolu 16, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.*

*7. Il-Kummissjoni tista' ttipprovdi assistenza teknika lill-SMEs li m'għandhomx il-mezzi biex jissodisfaw ir-rekwiżiti skont dan l-Artikolu.*

## **Emenda 116**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu, fuq talba, jipprovdi kopja tal-mandat f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea lill-awtoritajiet kompetenti.

*Emenda*

2. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu, fuq talba, jipprovdi kopja tal-mandat f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea lill-awtoritajiet kompetenti **u kopja bil-lingwa tal-Istat Membru li fih tiġi trattata d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta jew, fin-nuqqas ta' dan, bl-Ingliż.**

## **Emenda 117**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Artikolu 6*

#### *Obbligi tan-negozjanti*

1. ***In-negozjanti li huma SMEs jistgħu jqegħdu fis-suq biss komoditajiet u prodotti rilevanti jekk ikollhom l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 2.***

2. ***In-negozjanti li huma SMEs***

*Emenda*

#### *Imħassar*



*għandhom jiġbru u jżommu l-informazzjoni li ġejja relatata mal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jqegħdu fis-suq:*

*(a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, il-posta elettronika u, jekk disponibbli, indirizz web tal-operaturi jew tan-negozjanti li jkunu pprovdew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti lilhom;*

*(b) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, il-posta elettronika u, jekk disponibbli, indirizz web tan-negozjanti li lilhom ikunu pprovdew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.*

*3. In-negozjanti li huma SMEs għandhom iżommu l-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għal mill-anqas ħames snin u għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba.*

*4. Negozjanti li huma SMEs li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjali, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq.*

*5. In-negozjanti li ma humiex SMEs għandhom jitqiesu bħala operaturi u jkunu soġġetti għal obbligi u dispożizzjonijiet fl-Artikoli 3, 4, 5, 8 sa 12, 14(9), 15 u 20 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jqegħdu fis-suq tal-Unjoni.*

*6. In-negozjanti għandhom joffru l-assistenza kollha meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-verifiki skont l-Artikolu 16, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.*

## Emenda 118

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

#### Artikolu 7

L-introduzzjoni fis-suq minn operaturi stabbiliti f'pajjiżi terzi

F'każ li persuna fiżika jew ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tiegħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

#### Artikolu 7

L-introduzzjoni fis-suq minn operaturi stabbiliti f'pajjiżi terzi

F'każ li persuna fiżika jew ġuridika, ***irrispettivament mid-daqs tagħha***, stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tiegħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

***Jekk ma jkun hemm l-ebda manifattur jew importatur stabbilit fl-Unjoni, is-swieq online għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 11 għall-prodotti u l-komoditajiet li għalihom jiffaċilitaw il-bejgħ.***

## Emenda 119

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Il-komponenti ta' prodotti li jkunu diġà għaddew minn konformità mad-diliġenza dovuta skont l-Artikolu 4(1) m'għandhomx jeħtieġu proċedura addizzjonali ta' diliġenza dovuta. Għall-komponenti li ma jkunux ġew koperti minn proċedura ta' diliġenza dovuta, ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta xorta waħda għandhom japplikaw.***

## Emenda 120

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-operaturi għandhom jiġbru informazzjoni, dokumenti u data li juru li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma konformi mal-Artikolu 3. Għal dan il-għan, l-operatur għandu jiġbor, jorganizza u jżomm għal ħames snin l-informazzjoni li ġejja relatata **mal-komoditajiet jew mal-prodotti** rilevanti, sostnuta minn evidenza:

#### *Emenda*

L-operaturi għandhom jiġbru informazzjoni, dokumenti u data li juru li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma konformi mal-Artikolu 3. Għal dan il-għan, l-operatur għandu jiġbor, jorganizza u jżomm għal ħames snin l-informazzjoni li ġejja relatata **ma' kull komodità jew prodott** rilevanti **mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew esportati mill-Unjoni**, sostnuta minn evidenza:

## Emenda 121

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) deskrizzjoni, inkluż l-isem kummerċjali u t-tip ta' komoditajiet u prodotti rilevanti kif ukoll, fejn applikabbli, l-isem komuni tal-ispeċi u l-isem xjentifiku sħiħ tagħha;

#### *Emenda*

(a) deskrizzjoni, inkluż l-isem kummerċjali u t-tip ta' komoditajiet u prodotti rilevanti kif ukoll, fejn applikabbli, l-isem komuni tal-ispeċi u l-isem xjentifiku sħiħ tagħha; **id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tinkludi l-lista tal-komoditajiet li jinsabu fihom jew li jintużaw biex isiru dawk il-prodotti; għall-prodotti tal-annimali, id-deskrizzjoni għandha tinkludi l-lista tal-prodotti użati għall-għalf tal-annimali;**

## Emenda 122

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-identifikazzjoni tal-pajjiż tal-produzzjoni;

#### *Emenda*

(c) l-identifikazzjoni tal-pajjiż tal-produzzjoni **jew ta' partijiet minnu;**

## Emenda 123

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni **tal-biċċiet** kollha **tal-art** fejn **ikunu** ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, **kif ukoll il-firxa ta' data jew ħin** tal-produzzjoni;

*Emenda*

(d) il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni **għall-biċċiet** kollha **ta' art** fejn ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, **jew il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni tal-punti kollha ta' poligону għall-biċċiet ta' art fejn ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti; kwalunkwe deforestazzjoni jew degradazzjoni fil-biċċiet ta' art partikolari, jew identifikati b'punt uniku ta' latitudni u lonġitudni jew bil-poligону, għandha awtomatikament tiskwalifika l-prodotti u l-komoditajiet bażiċi kollha minn daww il-biċċiet ta' art milli jitqiegħdu fis-suq jew milli jiġu esportati minnhom; l-operaturi għandhom jipprovdu d-data jew il-perjodu taż-żmien jew l-istaġun tal-ħsad tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott; il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament fir-rigward tad-daqs tal-biċċiet ta' art li akbar minnu l-kumpaniji huma meħtieġa jipprovdu poligoni bħala l-uniku mezz ta' ġeolokalizzazzjoni għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti;**

## Emenda 124

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

(h) informazzjoni adegwata u verifikabbli li l-produzzjoni tkun twettqet f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni, **inkluż kwalunkwe**

*Emenda*

(h) informazzjoni adegwata u verifikabbli li l-produzzjoni tkun twettqet f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni, **kif ukoll il-liġijiet u**

*arranġament li jagħti d-dritt li tintuża ż-żona rispettiva għall-finijiet tal-produzzjoni tal-komodità rilevanti.*

*l-istandards rilevanti, kif definit fl-Artikolu 2, punt (28);*

#### **Emenda 125**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ħa) informazzjoni adegwata u verifikabbli, miksuba permezz ta' awditi indipendenti u proċessi ta' konsultazzjoni xierqa, li ż-żona użata għall-fini tal-produzzjoni tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma tkun soġġetta għall-ebda pretensjoni abbażi ta' drittijiet ta' pussess ta' art indiġenu, konswetudinarju jew leġittimu ieħor jew soġġetta għal kwalunkwe tilwima dwar l-użu, is-sjeda jew l-okkupazzjoni tagħha;*

#### **Emenda 126**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(hb) informazzjoni adegwata u verifikabbli li tiżvela l-fehmiet ta' kwalunkwe poplu indiġenu, komunità lokali u gruppi oħra li jiddikjaraw id-drittijiet ta' pussess ta' art fir-rigward taż-żona użata għall-fini tal-produzzjoni tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fir-rigward tal-produzzjoni ta' dawk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti;*

#### **Emenda 127**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

***1a. L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jiġbru informazzjoni, dokumenti u data li juru li l-forniment ta' servizzi finanzjarji lill-klijenti jikkonforma mal-Artikolu 11a. L-informazzjoni, id-dokumenti u d-data għandhom jinkludu tal-inqas:***

***(a) deskrizzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi tal-klijent, tal-attivitajiet tal-entitajiet ikkontrollati mill-klijent, tal-attivitajiet ekonomiċi tal-fornituri tal-klijenti;***

***(b) informazzjoni dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni, magħmula disponibbli fih jew esportati minnu u dwar l-eżerċizzju relatat tad-diliġenza dovuta skont dan ir-Regolament;***

***(c) l-użu, għall-attivitajiet skont il-punt (a), ta' komoditajiet u prodotti rilevanti, inkluża informazzjoni dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti użati effettivament u dwar l-eżerċizzju relatat tad-diliġenza dovuta skont dan ir-Regolament;***

***(d) il-politiki adottati, u implimentati mill-klijent u mill-entitajiet u l-fornituri msemmija fil-punt (a) bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-attivitajiet tagħhom ma jikkawżawx deforestazzjoni, degradazzjoni tal-foresti jew konverżjoni tal-foresti;***

***(e) l-identifikazzjoni tal-pajjiż tal-produzzjoni u l-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni tal-biċċiet ta' art kollha fejn għandhom jiġu prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti;***

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. ***Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 sabiex tissupplimenta l-paragrafu 1 dwar aktar informazzjoni rilevanti li għandha tinkiseb li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema ta' diliġenza dovuta.***

***imħassar***

## **Emenda 129**

### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 sabiex tissupplimenta l-paragrafu 1 u l-paragrafu 1a dwar aktar informazzjoni rilevanti li għandha tinkiseb li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema ta' diliġenza dovuta.***

## **Emenda 130 Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9 u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u fuq din il-bażi twettaq valutazzjoni tar-riskju sabiex tistabbilixxi jekk hemmx riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti maħsuba sabiex jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu juru li r-riskju ta' nuqqas ta' konformità huwa negliġibbli, huma ma għandhomx jintroduċu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni u lanqas ma jesportawh.

*Emenda*

1. L-operaturi ***u l-istituzzjonijiet finanzjarji*** għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9 u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u fuq din il-bażi twettaq valutazzjoni tar-riskju sabiex tistabbilixxi jekk hemmx riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti maħsuba sabiex jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. ***Fejn operatur ma jkunx jista' jiġbor b'mod adegwat l-informazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament, huwa għandu jkollu d-dritt li jitlob kjarifika jew assistenza dwar l-implimentazzjoni mill-awtorità***

**kompetenti.** Jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu juru li r-riskju ta' nuqqas ta' konformità huwa negliġibbli, huma ma għandhomx jintroduċu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni u lanqas ma jesportawh. **Jekk l-istituzzjonijiet finanzjarji ma jkunux jistgħu jikkonkludu li r-riskju ta' nuqqas ta' konformità jkun negliġibbli, huma ma għandhomx jipprovdu servizzi finanzjarji lill-klijenti kkonċernati.**

## Emenda 131

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) il-preżenza ta' popli vulnerabbli, popli indiġeni, komunitajiet lokali u detenturi oħra ta' drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art fil-pajjiż jew f'parti minnu tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;**

## Emenda 132

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(bb) l-eżistenza ta' pretensjonijiet jew tilwim dwar l-użu ta', is-sjeda ta', jew l-eżerċitar ta' drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art fiż-żona użata għall-fini tal-produzzjoni tal-komodità jew il-prodott rilevanti, kemm jekk irreġistrati formalment kif ukoll jekk le;**

## Emenda 133

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c**



*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) il-prevalenza tad-deforestazzjoni **jew** tad-degradazzjoni tal-foresti fil-pajjiż, fir-reġjun u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;

*Emenda*

(c) il-prevalenza tad-deforestazzjoni, tad-degradazzjoni tal-foresti **jew tal-konverżjoni tal-foresti** fil-pajjiż, fir-reġjun u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;

**Emenda 134**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni **u oriġini**, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-data, in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi, il-kunflitt armat jew il-preżenza ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

*Emenda*

(e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni **jew ta' partijiet minnu f'konformità mal-Artikolu 27, u tal-oriġini**, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-data, **l-assenza, il-ksur jew** in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi **tad-drittijiet tal-pussess tal-art u d-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali**, il-kunflitt armat jew il-preżenza ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

**Emenda 135**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet wieħed jagħmel il-konnessjoni bejn il-komoditajiet u/jew tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew prodotti;

*Emenda*

(f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet wieħed jagħmel il-konnessjoni bejn il-komoditajiet u/jew tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew prodotti **jew ir-regoli nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-data li jipprojbixxu t-trażmissjoni ta' tali data**;

## Emenda 136

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta' oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni fejn *seħħet jew tkun qiegħda sseħħ id-deforestazzjoni jew id-degradazzjoni tal-foresti*;

*Emenda*

(g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta' oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni fejn *seħħew jew ikunu qegħdin iseħħu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti jew il-konverżjoni tal-foresti kif ukoll il-ksur tal-liġi rilevanti*;

## Emenda 137

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ħa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ħa) l-eżitu ta' djalogi bejn diversi partijiet ikkonċernati li fihom il-partijiet milquta, bħall-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, l-SMEs, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, ikunu ġew mistiedna jipparteċipaw b'mod attiv*;

## Emenda 138

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ia (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ia) informazzjoni pprovduta permezz tal-mekkaniżmu ta' twissija rapida*;

## Emenda 139

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-prodotti tal-injam li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 li huma koperti minn liċenzja FLEGT valida minn skema ta' liċenzjar operazzjonali għandhom jitqiesu li huma f'konformità **mal-Artikolu 3(b)** ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

3. Il-prodotti tal-injam li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 li huma koperti minn liċenzja FLEGT valida minn skema ta' liċenzjar operazzjonali għandhom jitqiesu li huma f'konformità **mar-regoli applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 3 u kif definit fl-Artikolu 2, punt (28)(a)** ta' dan ir-Regolament.

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Ħlief fejn l-analiżi mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 tippermetti lill-operatur jiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju jew li jkun hemm riskju negliġibbli li l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jadotta qabel ma jqiegħed il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' esportazzjoni tagħhom, proċeduri u miżuri li jkunu adegwati sabiex ma jintlaħaq l-ebda riskju jew jintlaħaq riskju negliġibbli. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' informazzjoni, data jew dokumenti addizzjonali, it-twettiq ta' sħarriġ jew awditi indipendenti jew miżuri oħra relatati mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9.

*Emenda*

4. Ħlief fejn l-analiżi mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 tippermetti lill-operatur jiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju jew li jkun hemm riskju negliġibbli li l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jadotta qabel ma jqiegħed il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' esportazzjoni tagħhom, proċeduri u miżuri li jkunu adegwati sabiex ma jintlaħaq l-ebda riskju jew jintlaħaq riskju negliġibbli. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' informazzjoni, data jew dokumenti addizzjonali, it-twettiq ta' sħarriġ jew awditi indipendenti, **it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-investimenti finanzjarji għall-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira** jew miżuri oħra relatati mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9.

**Emenda 141**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Fejn ikun rilevanti, l-operaturi għandhom jiżguraw li jiġu adottati valutazzjonijiet tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni li jipprevedu l-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni tal-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u detenturi oħra tad-drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art li jkunu preżenti fiż-żona tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti.**

**Emenda 142**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) mudelli ta' prattiki għall-ġestjoni tar-riskju, ir-rapportar, iż-żamma tar-rekords, il-kontroll intern u l-ġestjoni tal-konformità, inkluż għall-operaturi li ma humiex SMEs, il-ħatra ta' uffiċjal tal-konformità fil-livell maniġerjali;

(a) mudelli ta' prattiki għall-ġestjoni tar-riskju, ir-rapportar, iż-żamma tar-rekords, il-kontroll intern u l-ġestjoni tal-konformità, inkluż għall-operaturi li ma humiex SMEs, il-ħatra ta' uffiċjal tal-konformità fil-livell maniġerjali, ***filwaqt li jispeċifikaw id-dettalji ta' kuntatt jew indirizz elettroniku ta' kuntatt validu;***

**Emenda 143**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

7. Il-valutazzjonijiet tar-riskju għandhom jiġu ddokumentati, riveduti mill-anqas fuq bażi annwali u jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba.

7. Il-valutazzjonijiet tar-riskju, ***kif ukoll, fejn xieraq, id-deċiżjonijiet dwar il-mitigazzjoni tar-riskju meħuda*** għandhom jiġu ddokumentati, riveduti mill-anqas fuq bażi annwali u jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba.

## Emenda 144

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta f'konformità mal-Artikolu 8, l-operaturi għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata sistema ta' diliġenza dovuta sabiex jiżguraw li jistgħu jiggarantixxu l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti ***fl-Artikolu 3(a) u (b)***. Is-sistema ta' diliġenza dovuta għandha tiġi riveduta mill-anqas darba fis-sena u, ***jekk ikun meħtieġ***, tiġi adattata u tqis żviluppi ġodda li jistgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-aġġornamenti fis-sistema(i) ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin.

## Emenda 145

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. ***Sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur tas-sostenibbiltà***, l-operaturi ***li ma humiex SMEs*** għandhom, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament kemm jista' jkun, inkluż fuq l-internet, dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom inkluż dwar il-passi meħuda min-naħa tagħhom sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom kif stabbilit ***fl-Artikolu 8***. L-operaturi li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra ***tal-UE*** li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan il-paragrafu billi jinkludu l-

#### *Emenda*

1. Sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta f'konformità mal-Artikolu 8, l-operaturi għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata sistema ta' diliġenza dovuta sabiex jiżguraw li jistgħu jiggarantixxu l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti ***fl-Artikolu 3***. Is-sistema ta' diliġenza dovuta għandha tiġi riveduta mill-anqas darba fis-sena u tiġi adattata u tqis żviluppi ġodda li jistgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta ***meta l-operaturi jsiru konxji tagħhom***. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-aġġornamenti fis-sistema(i) ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin.

#### *Emenda*

2. L-operaturi għandhom, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament kemm jista' jkun, inkluż fuq l-internet, dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom inkluż dwar il-passi meħuda min-naħa tagħhom sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom kif stabbilit ***fl-Artikoli 8, 9 u 10, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-eżiti tad-diliġenza dovuta tagħhom, u l-miżuri li ħadu biex jappoġġaw il-konformità tal-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, inkluż permezz ta' investimenti u tisħiħ tal-kapaċitajiet***. L-operaturi li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra ***tal-Unjoni*** li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan il-

informazzjoni meħtieġa meta jirrapportaw fil-kuntest ta' strumenti leġiżlattivi oħra ***tal-UE***.

paragrafu billi jinkludu l-informazzjoni meħtieġa meta jirrapportaw fil-kuntest ta' strumenti leġiżlattivi oħra ***tal-Unjoni***.

## **Emenda 146**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Ir-rapporti għandhom, fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti furnuti minn kull fornitur:***

***(a) jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 9;***

***(b) jiddeskrivu l-informazzjoni u l-evidenza miksuba u użata biex tiġi vvalutata l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mal-Artikolu 3;***

***(c) jiddikjaraw il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 10(1) u jiddeskrivu kwalunkwe proċedura jew miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju meħuda skont l-Artikolu 10(4);***

***(d) jispeċifikaw id-data u l-post fejn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew ġew esportati minnu; u***

***(e) jipprovdu evidenza ta' konsultazzjoni mal-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, u detenturi oħra tad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art li huma preżenti fiż-żona tal-produzzjoni tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.***

## **Emenda 147**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-operaturi għandhom iżommu għal mill-anqas ħames snin id-dokumentazzjoni kollha **relatata mad-diliġenza** dovuta, bħar-rekords, il-miżuri u l-proċeduri rilevanti kollha skont l-Artikolu 8. Huma għandhom **jagħmluhom** disponibbli lill-awtorità kompetenti fuq talba.

*Emenda*

3. L-operaturi għandhom iżommu għal mill-anqas ħames snin id-dokumentazzjoni kollha **tad-diliġenza** dovuta, bħar-rekords, il-miżuri u l-proċeduri rilevanti kollha skont l-Artikolu 8, **billi jippermettu li kull prodott jew komodità mqiegħda fis-suq, l-analiżi tar-riskju mwettqa u r-riżultat miksub jiġu identifikati mingħajr ebda dubju**. Huma għandhom jagħmlu **dik id-dokumentazzjoni** disponibbli lill-awtorità kompetenti fuq talba.

**Emenda 148**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 11a**

***L-obbligi tal-istituzzjonijiet finanzjarji***

1. ***Bil-ħsieb li jikkonformaw mal-Artikolu 3, l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jeżerċitaw diliġenza dovuta qabel ma jipprovdu servizzi finanzjarji lil klijenti li l-attivitàjiet ekonomiċi tagħhom jikkonsistu f'negozjar jew tqegħid fis-suq ta' komoditajiet u prodotti rilevanti, jew li huma marbuta magħhom.***

2. ***Id-diliġenza dovuta għandha tinkludi:***

(a) ***il-ġbir ta' informazzjoni u dokumenti, kif imsemmi fl-Artikolu 9(1a), meħtieġa sabiex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;***

(b) ***valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10;***

3. ***L-istituzzjonijiet finanzjarji ma għandhomx jipprovdu servizzi finanzjarji lill-klijenti mingħajr ma jippreżentaw minn qabel dikjarazzjoni ta' diliġenza***

*dovuta lill-awtoritajiet kompetenti.*

*4. Meta l-istituzzjonijiet finanzjarji jkunu stabbilixxew relazzjoni ta' negozju kontinwa mal-klijenti qabel... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom ilestu d-diliġenza dovuta rilevanti sa... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]:*

## **Emenda 149**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 11b*

*1. L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9(1a) u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u abbażi ta' din għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju sabiex jistabbilixxu jekk hemmx ir-riskju li l-forniment ta' servizzi finanzjarji lil klijent ma jkunx konformi mal-Artikolu 12a(1). Jekk l-istituzzjoni finanzjarja ma tistax turi li r-riskju tan-nonkonformità huwa negliġibbli, hija ma għandhiex tipprovdi servizzi finanzjarji lill-klijent ikkonċernat.*

## **Emenda 150**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Meta jqiegħdu komoditajiet jew prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportawhom minnha, l-operaturi ma humiex meħtieġa jissodisfaw l-obbligi skont ***l-Artikolu 10*** meta jkunu jistgħu

1. Meta jqiegħdu komoditajiet jew prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportawhom minnha, l-operaturi ma humiex meħtieġa jissodisfaw l-obbligi skont ***l-Artikolu 10(2), punti (a), (b), (ba),***



jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti kollha jkunu ġew prodotti f'pajjiżi jew f'partijiet minnhom li ġew identifikati bħala ta' riskju baxx f'konformità mal-Artikolu 27.

*(bb), (c), (d), (e), (h), (ħa) jew (j), jew l-Artikolu 10(6),* meta jkunu jistgħu jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti kollha jkunu ġew prodotti f'pajjiżi jew f'partijiet minnhom li ġew identifikati bħala ta' riskju baxx f'konformità mal-Artikolu 27.

## Emenda 151

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Madankollu, jekk l-operatur jikseb jew isir konxju minn kwalunkwe informazzjoni li tindika riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-obbligi kollha tal-Artikoli 9 u 10 għandhom jiġu ssodisfati.

#### *Emenda*

2. Madankollu, jekk l-operatur jikseb jew isir konxju minn kwalunkwe informazzjoni **rilevanti** li tindika riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-obbligi kollha tal-Artikoli 9 u 10 għandhom jiġu ssodisfati. **L-operatur għandu jikkomunika minnufih kwalunkwe informazzjoni rilevanti lill-awtorità kompetenti.**

## Emenda 152

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**2a. Meta awtorità kompetenti tiġi mgħarrfa bi kwalunkwe informazzjoni li tindika riskju ta' ċirkonvenzjoni possibbli tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, inklużi każijiet li fihom il-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti jiġu prodotti f'pajjiż b'riskju standard jew ta' riskju għoli u sussegwentement jiġu pproċessati fl-Unjoni jew esportati lejha minn pajjiż b'riskju baxx, l-awtorità kompetenti għandha tipproċedi għall-verifiki skont l-Artikolu 14(6) u, fejn meħtieġ, tadotta miżuri interim skont l-Artikolu 21. Meta**

*jiġi stabbilit nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri ulterjuri skont l-Artikoli 22 u 23.*

## Emenda 153

### Proposta għal regolament Artikolu 12a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 12a*

##### *Linji gwida*

- 1. Sa ... [data 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida speċifiċi għall-komoditajiet u faċli għall-utent biex tiċċara r-responsabbiltajiet tad-diliġenza dovuta u r-regoli tat-traċċabbiltà tal-operaturi li jkunu mfassla biex jaqblu mal-ktajjen tal-provvista rispettivi tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tqis rekwiżiti oħra ta' diliġenza dovuta li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari [id-Direttiva li jmiss dwar id-Diliġenza Dovuta dwar il-Governanza Korporattiva Sostenibbli].*
- 2. Il-linji gwida għandhom iqisu b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-SMEs u għandhom jinfurmawhom dwar il-mezzi differenti biex jaċċessaw l-assistenza amministrattiva u finanzjarja u għandhom jipprovdu gwida dwar kif ir-rekwiżiti li jirriżultaw mit-trikkib tar-regoli dwar id-diliġenza dovuta stabbiliti f'atti differenti tal-Unjoni jistgħu jiġu implimentati bl-aktar mod effiċjenti.*
- 3. Il-linji gwida għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż minn pajjiżi terzi u, meta xieraq, billi jitqiesu l-aħjar Prattiki ta' korpi internazzjonali li jkollhom għarfien espert fid-diliġenza dovuta.*

4. ***Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u taġġorna regolarment il-linji gwida filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fis-setturi kkonċernati.***

#### **Emenda 154**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-lista tal-awtoritajiet kompetenti disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħha. Il-Kummissjoni għandha taġġorna regolarment il-lista, abbażi tal-aġġornamenti rilevanti li tirċievi mill-Istati Membri.

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-lista tal-awtoritajiet kompetenti disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħha ***mingħajr dewmien bla bżonn***. Il-Kummissjoni għandha taġġorna regolarment il-lista, abbażi tal-aġġornamenti rilevanti li tirċievi mill-Istati Membri.

#### **Emenda 155**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat u rizzorsi adegwati sabiex iwettqu l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat, ***indipendenza funzjonali*** u rizzorsi adegwati sabiex iwettqu l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament.

#### **Emenda 156**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. L-Istati Membri, ***jistgħu*** jiffaċilitaw l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni rilevanti, partikolarment bil-

*Emenda*

6. L-Istati Membri ***għandhom*** jiffaċilitaw l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni rilevanti, partikolarment

għan li jgħinu lill-operaturi jivvalutaw ir-riskju kif stipulat fl-Artikolu 9, u dwar l-aħjar prattiki rigward l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

bil-għan li jgħinu lill-operaturi jivvalutaw ir-riskju kif stipulat fl-Artikolu 9, u dwar l-aħjar prattiki rigward l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

#### **Emenda 157**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7a. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-obbligi elenkati f'dan il-Kapitolu, b'mod partikolari l-verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti, il-Kummissjoni għandha toħroġ gwida lill-awtoritajiet kompetenti kollha mhux aktar tard minn ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].**

#### **Emenda 158**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 7b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7b. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw il-konformità tal-istituzzjonijiet finanzjarji mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.**

#### **Emenda 159**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Sabiex iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu pjan ibbażat fuq

3. Sabiex iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu pjan ibbażat fuq

approċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-pjan għandu jkun fih tal-anqas kriterji tar-riskju sabiex titwettaq l-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4 u b'hekk jinforma d-deċiżjonijiet dwar il-verifiki. Meta jistabbilixxu u jirrevedu l-kriterji tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu **partikolarment l-assenjazzjoni tar-riskju lil pajjiżi jew partijiet minnhom f'konformità mal-Artikolu 27, l-istorja tal-konformità ta'** operatur jew negozjant **ma' dan ir-Regolament** u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. Abbażi tar-riżultati tal-verifiki u tal-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu dawk il-pjanijiet u l-kriterji tar-riskju fuq bażi regolari sabiex itejbu l-effettività tagħhom. Meta jirrevedu l-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti **għandhom** jistabbilixxu frekwenza mnaqqsa ta' verifiki għal dawk l-operaturi u l-kummerċjanti li jkunu wrew rekord konsistenti ta' konformità sħiħa mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament.

approċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-pjan, **li għandu jsir disponibbli għall-pubbliku f'konformità mal-Artikolu 19**, għandu jkun fih tal-anqas kriterji tar-riskju sabiex titwettaq l-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4 u b'hekk jinforma d-deċiżjonijiet dwar il-verifiki. Meta jistabbilixxu u jirrevedu l-kriterji tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu **l-ksur preċedenti ta' dan ir-Regolament minn operatur jew negozjant, il-kwantità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti mqiegħda fis-suq jew li jsiru disponibbli fis-suq, jew esportata mis-suq tal-Unjoni, mill-operatur jew in-negozjant, iż-żmien li jkun għadda minn meta saret il-valutazzjoni tar-riskju għall-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti, il-prossimità għall-foresti tal-biċċiet ta' art jew poligoni li fuqhom ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti**, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. Abbażi tar-riżultati tal-verifiki u tal-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu dawk il-pjanijiet u l-kriterji tar-riskju fuq bażi regolari sabiex itejbu l-effettività tagħhom. Meta jirrevedu l-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti **għandhom** jistabbilixxu frekwenza mnaqqsa ta' verifiki għal dawk l-operaturi u l-kummerċjanti li jkunu wrew rekord konsistenti ta' konformità sħiħa mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament.

## Emenda 160

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Is-sospensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandhom jintemmu fi żmien **tlej** ijiem tax-xogħol sakemm l-awtoritajiet kompetenti, abbażi tar-riżultat tal-verifiki mwettqa f'dak il-perjodu, jikkonkludu li jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex

#### *Emenda*

7. Is-sospensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandhom jintemmu fi żmien **ħamest** ijiem tax-xogħol, **jew 72 siegħa għall-komoditajiet u l-prodotti friski li jistgħu jitħassru**, sakemm l-awtoritajiet kompetenti, abbażi tar-riżultat tal-verifiki

jistabbilixxu jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jestendu l-perjodu ta' sospensjoni permezz ta' miżuri interim addizzjonali meħuda skont l-Artikolu 21 jew, fil-każ ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni, billi jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali dwar il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni skont l-Artikolu 24(6).

## Emenda 161

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas **5 %** tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll **5 %** tal-kwantità ta' kull waħda mill-komoditajiet rilevanti introdotti jew mqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu.

## Emenda 162

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 11

mwettqa f'dak il-perjodu, ma jikkonkludux li jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jistabbilixxu jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jestendu l-perjodu ta' sospensjoni permezz ta' miżuri interim addizzjonali meħuda skont l-Artikolu 21 jew, fil-każ ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni, billi jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali dwar il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni skont l-Artikolu 24(6).

#### *Emenda*

9. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas **10 %** tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet ***u l-prodotti*** rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll **10 %** tal-kwantità ta' kull waħda mill-komoditajiet ***u l-prodotti*** rilevanti introdotti jew mqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu. ***Għal komoditajiet jew prodotti minn pajjiżi jew minn partijiet tagħhom ikkategorizzati bħala ta' riskju baxx kif imsemmi fl-Artikolu 27, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-kontrolli annwali għal 5 %.***

*Test propost mill-Kummissjoni*

11. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki skont il-paragrafi 5 u 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluż abbażi ta' preokkupazzjonijiet sostanzjali pprovduti minn partijiet terzi skont l-Artikolu 29, dwar nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dan ir-Regolament.

**Emenda 163**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

12. Il-verifiki għandhom isiru mingħajr twissija minn qabel lill-operatur jew lin-negozjant, ħliet meta tkun meħtieġa notifika minn qabel tal-operatur jew tan-negozjant sabiex tkun żgurata l-effettività tal-verifiki.

**Emenda 164**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekords tal-verifiki li jindikaw partikolarment in-natura u r-riżultati tagħhom, kif ukoll dwar il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Għandhom jinżammu rekords tal-verifiki

*Emenda*

11. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki skont il-paragrafi 5 u 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, ***mingħajr dewmien bla bżonn***, iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluż abbażi ***tal-mekkaniżmu ta' twissija bikrija jew*** ta' preokkupazzjonijiet sostanzjali pprovduti minn partijiet terzi skont l-Artikolu 29, dwar nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dan ir-Regolament.

*Emenda*

12. Il-verifiki għandhom isiru mingħajr twissija minn qabel lill-operatur jew lin-negozjant, ħliet meta tkun meħtieġa notifika minn qabel tal-operatur jew tan-negozjant sabiex tkun żgurata l-effettività tal-verifiki. ***L-awtoritajiet għandhom jiġġustifikaw tali notifiki minn qabel fir-rapporti ta' kontroll tagħhom, inkluża informazzjoni dwar l-għadd ta' twissijiet minn qabel.***

*Emenda*

13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekords tal-verifiki li jindikaw partikolarment in-natura u r-riżultati tagħhom, kif ukoll dwar il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità, ***inklużi l-penali relatati man-nuqqas ta'***

kollha għal mill-anqas *ħames* snin.

*konformità ma' dan ir-Regolament.*  
Għandhom jinżammu rekords tal-verifiki  
kollha għal mill-anqas *għaxar* snin.

#### **Emenda 165**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 14 – paragrafu 13a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*13a. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti, il-Kummissjoni tista', fuq talba, tipprovdli lill-Istati Membri appoġġ tekniku biex tgħinhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

#### **Emenda 166**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 14 – paragrafu 13b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*13b. Meta l-Kummissjoni tirċievi informazzjoni li Stat Membru ma jwettaqx kontrolli li jkunu biżżejjed biex jiżgura li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew esportati minnu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, hija għandha, fi djalogu mal-Istat Membru kkonċernat, tingħata l-mandat li tintroduċi bidliet fil-pjan imsemmi fil-paragrafu 3 stabbilit minn dak l-Istat Membru biex tiżgura li s-sitwazzjoni tiġi rettifikata.*

#### **Emenda 167**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 14, paragrafu 13c (ġdid)**



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**13c. Ir-rekords tal-verifiki mwettqa skont dan ir-Regolament u r-rapporti tar-riżultati u l-eżiti tagħhom għandhom jikkostitwixxu informazzjoni ambjentali għall-finijiet tad-Direttiva 2003/4/KE<sup>1a</sup> u għandhom ikunu disponibbli fuq talba.**

---

*<sup>1a</sup> Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).*

#### **Emenda 168**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Verifiki fuq *l-operaturi*

Verifiki fuq *operaturi u negozjanti li mhumiex SMEs*

#### **Emenda 169**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(da) eżami tal-miżuri interim meħuda skont l-Artikolu 21 u l-miżuri korrettivi meħuda skont l-Artikolu 22;**

#### **Emenda 170**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat il-post eżatt fejn ***tkun ġiet prodotta*** l-komodità jew il-prodott rilevanti, ***inkluż l-ittestjar tal-isotopu***;

**Emenda 171**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 172**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat jekk il-komodità jew il-prodott rilevanti ***huwiex*** mingħajr deforestazzjoni, inkluż data ta' osservazzjoni tad-Dinja bħal mill-programm u l-ġhodod ta' Copernicus, u

**Emenda 173**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 16 – titolu**

*Emenda*

(f) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat il-post eżatt fejn ***ikunu ġew prodotti*** l-komodità jew il-prodott rilevanti, ***inkluża analiżi anatomika, kimika u tad-DNA***;

*Emenda*

***(fa) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat biex jiġu ddeterminati l-ispeċijiet bijoloġiċi affettwati minn dan ir-Regolament li jinsabu fil-komodità jew fil-prodott rilevanti, inkluża analiżi anatomika, kimika u tad-DNA;***

*Emenda*

(g) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat jekk il-komodità jew il-prodott rilevanti ***humix*** mingħajr deforestazzjoni, inkluż data ta' osservazzjoni tad-Dinja bħal mill-programm u l-ġhodod ta' Copernicus ***jew minn sorsi oħra disponibbli pubblikament u privatament***, u

*Test propost mill-Kummissjoni*

Verifiki fuq in-negozjanti

*Emenda*

Verifiki fuq in-negozjanti **SMEs**

#### **Emenda 174**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu ***l-kostijiet*** tat-twettiq tal-ittestjar, il-kostijiet tal-ħżin u l-kostijiet tal-attivitajiet relatati ma' prodotti li jinstabu li ma humiex konformi u li huma soġġetti għal azzjoni korrettiva ***qabel ir-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera, it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni minnu.***

*Emenda*

2. Il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu, ***fost l-oħrajn, il-kostijiet*** tat-twettiq tal-ittestjar, il-kostijiet tal-ħżin u l-kostijiet tal-attivitajiet relatati ma' prodotti li jinstabu li ma humiex konformi u li huma soġġetti għal azzjoni korrettiva.

#### **Emenda 175**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' awtoritajiet minn Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni, u jekk ikun meħtieġ, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

*Emenda*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' awtoritajiet minn Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni, u jekk ikun meħtieġ, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, ***inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' awditi fuq il-post.***

#### **Emenda 176**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. Dan għandu jinkludi l-għoti ta' aċċess għal u l-iskambju **ta' data** dwar l-operaturi u n-negozjanti inkluż dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta ma' awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. Dan għandu jinkludi l-għoti ta' aċċess għal **data**, u l-iskambju **tagħha**, dwar l-operaturi u n-negozjanti, inkluż dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta, **in-natura tal-verifiki mwettqa u r-riżultati tagħhom u kwalunkwe penali imposta**, ma' awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' dan ir-Regolament. **Meta jiskambjaw informazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw regoli stretti dwar il-protezzjoni tad-data f'konformità mal-liġi eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data.**

**Emenda 177**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwissu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni meta jsibu ksur ta' dan ir-Regolament u nuqqasijiet serji li jistgħu jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, partikolarment, jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra meta jidentifikaw komodità jew prodott rilevanti fis-suq li ma **jkunx** konformi ma' dan ir-Regolament, sabiex jippermettu l-irtirar jew is-sejħa lura ta' tali komodità jew prodott mill-bejgħ fl-Istati Membri kollha.

*Emenda*

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwissu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni meta jsibu ksur **eżistenti jew potenzjali** ta' dan ir-Regolament u nuqqasijiet serji li jistgħu jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, partikolarment, jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra meta jidentifikaw komodità jew prodott rilevanti fis-suq li ma **jkunux, jew jistgħu ma jkunux**, konformi ma' dan ir-Regolament, sabiex jippermettu l-irtirar jew is-sejħa lura ta' tali komodità jew prodott mill-bejgħ fl-Istati Membri kollha **jew sabiex jappoġġaw azzjoni ta' infurzar minn dawk l-awtoritajiet kompetenti.**

## Emenda 178

### Proposta għal regolament Artikolu 18a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 18a*

#### ***Immaġnijiet bis-satellita u l-aċċess għad- data dwar il-foresti***

***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi  
pjattaforma li tuża immaġnijiet bis-  
satellita, inkluż Copernicus Sentinel, li  
tkopri ż-żoni tal-foresti madwar id-dinja,  
u li tinkludi għodod li jippermettu lill-  
partijiet kollha jimxu malajr lejn l-ebda  
deforestazzjoni tul il-ktajjen tal-provvista.  
Il-pjattaforma għandha tipprovdi:***

***(a) mapep tematiċi, inkluża mappa tal-  
kopertura tal-art b'serje ta' żmien mid-  
data limitu fil-punt (8) tal-Artikolu 2 u  
firxa ta' klassijiet li jippermettu l-eżami  
tal-kompożizzjoni tal-pajsaġġ;***

***(b) sistema ta' twissija, li tiddependi  
minn monitoraġġ ta' kull xahar tat-tibdil  
fil-kopertura tal-foresti;***

***(c) firxa ta' analiżijiet u ta' outputs  
faċli għall-utent u siguri, li juru kif il-  
ktajjen tal-provvista huma marbuta mad-  
deforestazzjoni.***

***Il-pjattaforma għandha ssir disponibbli  
għall-awtoritajiet tal-Istati Membri u  
għall-awtoritajiet, l-operaturi u n-  
negozjanti ta' pajjiżi terzi interessati.***

## Emenda 179

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta'

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta'

April ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-pjanijiet tagħhom għall-verifiki, in-numru u r-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq l-operaturi u n-negozjanti, **inkluż il-kontenut ta' dawn il-verifiki**, il-volum tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti vverifikati fir-rigward tal-kwantità totali tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti introdotti fis-suq, il-pajjiżi tal-oriġini u tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti kif ukoll **il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità u l-kostijiet tal-kontrolli rkuprati**.

April ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-pjanijiet tagħhom għall-verifiki **u l-kriterji tar-riskju li huma bbażati fuqhom, inkluż** in-numru u r-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq l-operaturi u n-negozjanti **u l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti**, il-volum tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti vverifikati fir-rigward tal-kwantità totali tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti introdotti fis-suq, il-pajjiżi tal-oriġini u tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti kif ukoll, **f'każ ta' nuqqas ta' konformità, il-miżuri ta' sorveljanza tas-suq meħuda f'konformità mal-Artikolu 22 u l-penali imposti f'konformità mal-Artikolu 23**.

## Emenda 180

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti jkunu ġew prodotti f'pajjiż jew f'parti minnu elenkati bħala ta' riskju għoli f'konformità mal-Artikolu 27, jew ikun hemm riskju li komoditajiet jew prodotti rilevanti prodotti ftali pajjiżi jew partijiet minnhom jidħlu fil-katina tal-provvista rilevanti, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas **15 %** tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll **15 %** tal-kwantità ta' kull waħda mill-komoditajiet rilevanti introdotta jew imqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnu.

#### *Emenda*

Meta l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti jkunu ġew prodotti f'pajjiż jew f'parti minnu elenkati bħala ta' riskju għoli f'konformità mal-Artikolu 27, jew ikun hemm riskju li komoditajiet jew prodotti rilevanti prodotti ftali pajjiżi jew partijiet minnhom jidħlu fil-katina tal-provvista rilevanti, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas **20 %** tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet **u l-prodotti** rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll **20 %** tal-kwantità ta' kull waħda mill-komoditajiet **u l-prodotti** rilevanti introdotta jew imqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnu. **L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-verifiki annwali mwettqa**

*abbażi ta' dan l-Artikolu jinkludu l-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 15.*

## Emenda 181

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Meta, wara l-verifiki msemmija fl-Artikoli 15 u 16, **ikunu nstabu nuqqasijiet serji** possibbli, jew ikunu ġew identifikati riskji skont l-Artikolu 14(6), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati, inkluż is-sekwestru jew is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni minnu tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

#### *Emenda*

Meta, **abbażi tal-eżami tal-evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluża l-informazzjoni skambjata skont l-Artikolu 18 u tħassib sostanzjat pprovdut mill-partijiet terzi skont l-Artikolu 29**, jew wara l-verifiki msemmija fl-Artikoli 15 u 16, **ikun instab ksur** possibbli **ta' dan ir-Regolament**, jew ikunu ġew identifikati riskji skont l-Artikolu 14(6), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati, inkluż is-sekwestru jew is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni minnu tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. **L-Istati Membri għandhom immedjatament jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra dwar dawn il-miżuri.**

## Emenda 182

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma **jkunx** konformi **ma' dan** ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva **xierqa u proporzjonata** sabiex

#### *Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma **jkunux** konformi **mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan** ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva sabiex itemm in-

itemm in-nuqqas ta' konformità.

nuqqas ta' konformità *f'perjodu ta' żmien speċifikat u raġonevoli.*

### Emenda 183

#### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) *il-qerda* tal-komodità jew tal-prodott rilevanti *jew l-għoti tiegħu* għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku.

*Emenda*

(d) *l-għoti, fejn ikun possibbli*, tal-komodità jew tal-prodott rilevanti għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku *jew inkella r-riċiklaġġ jew, bħala l-aħħar alternattiva, il-qerda tagħhom.*

### Emenda 184

#### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Irrispettivament mill-azzjoni korrettiva meħuda skont il-paragrafu 2, u bil-ħsieb li jiġi evitat ir-riskju ta' ksur ulterjuri, l-operatur jew in-negozjant għandu jindirizza kwalunkwe nuqqas fis-sistema ta' diliġenza dovuta li seta' wassal għan-nuqqas ta' konformità tiegħu ma' dan ir-Regolament.*

### Emenda 185

#### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli jieħu *azzjoni* korrettiva msemija fil-paragrafu 2 *jew meta jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li *l-prodott*

3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli jieħu *l-azzjoni* korrettiva msemija fil-paragrafu 2 *fil-perjodu ta' żmien speċifikat mill-awtorità kompetenti skont il-paragrafu 1*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li *l-*



*jiġi rtirati* jew *jittieħed* lura, jew li *t-tqegħid tiegħu* fis-suq tal-Unjoni jew *l-esportazzjoni* minnu *jiġi pprojbit jew ristrett*.

*komodità jew il-prodott jiġu rtirati* jew *jittieħdu* lura jew li *ma jitqegħdux* fis-suq tal-Unjoni jew *jiġu esportati* minnu.

## Emenda 186

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. *L-Istati Membri għandhom jistabilixxu r-regoli* dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u n-negozjanti *u għandhom jieħdu kull miżura neċessarja sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk id-dispożizzjonijiet u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kull emenda sussegwenti u li taffettwahom.*

*Emenda*

1. *Fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati li jissupplimentaw lil dan ir-Regolament* dwar il-penali *uniformi* applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u n-negozjanti, *sabiex tiżgura li jiġu applikati standards armonizzati madwar l-Unjoni.* L-Istati Membri għandhom *jieħdu kull miżura neċessarja sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati.*

## Emenda 187

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-penali *previsti* għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-penali għandhom jinkludu, bħala minimu:

*Emenda*

2. Il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u *uniformi madwar l-Istati Membri.* Il-penali għandhom jinkludu, bħala minimu:

## Emenda 188

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) multi proporzjonati għad-danni

*Emenda*

(a) multi proporzjonati għad-danni

ambjentali u għall-valur tal-komoditajiet jew tal-prodotti konċernati rilevanti, billi jiġi kkalkolat il-livell ta' tali multi b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur tagħhom, u gradwalment jiżdied il-livell ta' tali multi għal ksur ripetut; l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun mill-anqas 4 % tal-fatturat annwali tal-operaturi jew tan-negozjanti ***fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri konċernati***;

ambjentali, ***għall-ħsara ekonomika għall-komunitajiet lokali*** u għall-valur tal-komoditajiet jew tal-prodotti konċernati rilevanti, billi jiġi kkalkolat il-livell ta' tali multi b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur tagħhom, u gradwalment jiżdied il-livell ta' tali multi għal ksur ripetut; l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun mill-anqas 8 % tal-fatturat annwali tal-operaturi jew tan-negozjanti ***fl-Unjoni, ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 5(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 139/2004<sup>1a</sup>; u għandu jiżdied biex jiġi żgurat li l-penali taqbeż il-vantaġġ ekonomiku potenzjali miksub u għandha tkun ta' deterrent***;

---

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet), (ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1).*

## **Emenda 189**

### **Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) l-obbligu li l-ambjent jiġi restawrat;***

## **Emenda 190**

### **Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(bb) l-obbligu li jiġi kkompensat id-dannu magħmul lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li l-eżerċizzju tad-***

*diliġenza dovuta seta' jevita;*

#### **Emenda 191**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) esklużjoni temporanja mill-proċessi tal-akkwist pubbliku.

*Emenda*

(d) esklużjoni temporanja mill-proċessi tal-akkwist pubbliku ***u mill-aċċess għall-finanzjament pubbliku, inklużi l-proċeduri tal-offerti, l-għotjiet u l-konċessjonijiet;***

#### **Emenda 192**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) il-projbizzjoni temporanja jew permanenti milli jqiegħdu jew jagħmlu disponibbli komoditajiet u prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni, jew milli jesportawhom, fil-każ ta' ksur serju jew ksur ripetut;***

#### **Emenda 193**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(db) il-projbizzjoni mill-użu tal-proċedura simplifikata ta' diliġenza dovuta stabbilita fl-Artikolu 12, fil-każ ta' ksur serju jew ksur ripetut;***

#### **Emenda 194**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-operaturi u n-negozjanti li jkunu naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u l-penali imposti fuqhom permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 fi żmien 30 jum mis-sejba rilevanti ta' nuqqas ta' konformità, filwaqt li jqisu kif xieraq ir-regoli rilevanti dwar il-protezzjoni tad-data. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista ta' operaturi u negozjanti kkonċernati. Huma għandhom jiġu infurmati bl-inklużjoni tagħhom fil-lista.*

*Il-lista tal-operaturi u n-negozjanti mhux konformi għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:*

- (a) isem l-operatur jew in-negozjant;*
- (b) id-data tal-ewwel inklużjoni fil-lista u d-data minn meta ttieħdet biżżejjed azzjoni ta' rimedju;*
- (c) sommarju tal-attivitajiet li jiġġustifikaw l-inklużjoni tal-operatur jew tan-negozjant fil-lista; u*
- (d) in-natura tal-penali imposta u, meta tkun finanzjarja, l-ammont tagħha.*

*Il-lista għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Kummissjoni u għandha tiġi aġġornata regolarment.*

*Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fir-Reġistru msemmi fl-Artikolu 31.*

**Emenda 195**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 23 – paragrafu 2b (ġdid)**

**2b. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta l-operatur jew in-negozjant mhux konformi msemmi fil-paragrafu 1 ikun ħa azzjoni ta' rimedju suffiċjenti u ħallas il-penali kollha jew ikun wettaq titjib fis-sistema ta' diliġenza dovuta tiegħu, u ma tkun ġiet irrapportata l-ebda penali jew proċedura oħra li tikkonċerna ksur allegat.**

**Ladarba tkun ittieħdet azzjoni ta' rimedju, il-Kummissjoni għandha tneħħi l-operatur jew in-negozjant ikkonċernat. Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-lista publika tal-operaturi u n-negozjanti kkonċernati kull sitt xhur.**

**Il-Kummissjoni għandha, mill-aktar fis possibbli, tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti dwar it-tneħħija ta' operatur jew negozjant mil-lista u taġġorna r-Reġistru msemmi fl-Artikolu 31.**

## Emenda 196

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 24 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) Meta r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni jkun ġie sospiż f'konformità mal-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux talbu, fi żmien **it-tlett** ijiem tax-xogħol indikati fl-Artikolu 14(7), il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti;

(b) Meta r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni jkun ġie sospiż f'konformità mal-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux talbu, fi żmien **il-ħamest** ijiem tax-xogħol, **jew it-72 siegħa għal komoditajiet u prodotti friski f'riskju li jitħassru**, indikati fl-Artikolu 14(7), il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti;

## Emenda 197

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 24 – paragrafu 8 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Man-notifika ta' **dak l-istatus**, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx jippermettu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti. Dawn għandhom jinkludu wkoll l-avviż li ġej fis-sistema ta' proċessar tad-data doganali, u, fejn xieraq, fuq il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-komodità jew il-prodott rilevanti u fuq kwalunkwe dokument ta' akkumpanjament rilevanti ieħor: "komodità jew prodott mhux konformi — ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera/esportazzjoni mhux awtorizzat — ir-Regolament (UE) 2021/XXXX." [OP sabiex tiġi indikata r-referenza ta' dan ir-Regolament]

**Emenda 198**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 24 – paragrafu 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. L-awtoritajiet doganali jistgħu jeqirdu komodità jew prodott rilevanti mhux konformi fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti jew meta jqisu li dan ikun meħtieġ u proporzjonat. Il-kost tat-tali miżura għandu jiġġarrab mill-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-komodità jew il-prodott rilevanti. ***L-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom japplikaw kif xieraq. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mhux konformi jistgħu alternattivament jiġu kkonfiskati u mqiegħda mid-dwana għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.***

*Emenda*

Man-notifika **tal-istatus** ta' **nuqqas ta' konformità**, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx jippermettu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti. Dawn għandhom jinkludu wkoll l-avviż li ġej fis-sistema ta' proċessar tad-data doganali, u, fejn xieraq, fuq il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-komodità jew il-prodott rilevanti u fuq kwalunkwe dokument ta' akkumpanjament rilevanti ieħor: "komodità jew prodott mhux konformi — ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera/esportazzjoni mhux awtorizzat — ir-Regolament (UE) 2021/XXXX." [OP sabiex tiġi indikata r-referenza ta' dan ir-Regolament]

*Emenda*

10. L-awtoritajiet doganali jistgħu ***jagħtu l-komodità jew il-prodott rilevanti għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku u biss jekk din id-donazzjoni ma tkunx possibbli, jirriċiklaw jew, bħala l-aħħar alternattiva***, jeqirdu komodità jew prodott rilevanti mhux konformi fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti jew meta jqisu li dan ikun meħtieġ u proporzjonat. Il-kost tat-tali miżura għandu jiġġarrab mill-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-komodità jew il-prodott rilevanti.

## Emenda 199

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Meta, b'rabta mal-komoditajiet u mal-prodotti rilevanti soġġetti għal dan ir-Regolament li huma jew f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura doganali għajr ir-"rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera", l-awtoritajiet doganali fl-ewwel punt tad-dħul ikollhom raġuni sabiex jemmnu li daww il-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-uffiċċju doganali kompetenti tad-destinazzjoni.

#### *Emenda*

4. Meta, b'rabta mal-komoditajiet u mal-prodotti rilevanti soġġetti għal dan ir-Regolament li huma jew f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura doganali għajr ir-"rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera", l-awtoritajiet doganali fl-ewwel punt tad-dħul ikollhom raġuni sabiex jemmnu li daww il-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-uffiċċju doganali kompetenti tad-destinazzjoni ***kif ukoll lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq tal-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament.***

## Emenda 200

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti t-trażmissjoni tad-data, partikolarment in-notifiki u t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Artikolu 24 bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31. Din l-interfaċċa elettronika għandha tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard minn ***erba' snin*** mid-data ta' adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni rilevanti msemmi fil-paragrafu 3.

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti t-trażmissjoni tad-data, partikolarment in-notifiki u t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Artikolu 24 bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31. Din l-interfaċċa elettronika għandha tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard minn ***sena*** mid-data ta' adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni rilevanti msemmi fil-paragrafu 3.

## Emenda 201

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 26 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni **tista'** tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti:

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni **għandha** tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti:

**Emenda 202**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 27 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema bi tliet livelli għall-valutazzjoni tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom. Sakemm ma jkunux identifikati f'konformità ma' dan l-Artikolu bħala li jippreżentaw riskju baxx jew għoli, il-pajjiżi għandhom jitqiesu bħala li jippreżentaw riskju standard. Il-Kummissjoni **tista'** tidentifika pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet jew prodotti rilevanti li ma jkunux konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 3. Il-lista tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli għandha tiġi ppubblikata permezz ta' att(i) ta' implimentazzjoni li għandu/għandhom jiġi/u adottat(i) f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2). Dik il-lista għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ fid-dawl ta' evidenza għdida.

*Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema bi tliet livelli għall-valutazzjoni tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom. Sakemm ma jkunux identifikati f'konformità ma' dan l-Artikolu bħala li jippreżentaw riskju baxx jew għoli, il-pajjiżi għandhom jitqiesu bħala li jippreżentaw riskju standard. Il-Kummissjoni **għandha** tidentifika pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet jew prodotti rilevanti li ma jkunux konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 3. Il-lista tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli għandha tiġi ppubblikata permezz ta' att(i) ta' implimentazzjoni li għandu/għandhom jiġi/u adottat(i) f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2) **sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: [daħħal id-data xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]].** Dik il-lista għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ fid-dawl ta' evidenza għdida.

**Emenda 203**



**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 27 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-identifikazzjoni ta' pajjiżi b'riskju baxx u għoli jew partijiet minnhom skont il-paragrafu 1 għandha **tgħis** l-informazzjoni pprovduta mill-pajjiż **konċernat** u tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' valutazzjoni li ġejjin:

*Emenda*

L-identifikazzjoni ta' pajjiżi b'riskju baxx u għoli jew partijiet minnhom skont il-paragrafu 1 għandha **ssegwi proċess ta' valutazzjoni trasparenti u objettiv li għandu jgħis** l-informazzjoni pprovduta mill-pajjiż **u mill-awtoritajiet reġjonali kkonċernati, operaturi kif ukoll NGOs u partijiet terzi, inklużi l-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** u tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' valutazzjoni li ġejjin:

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ir-rata tad-deforestazzjoni u **tad-degradazzjoni** tal-foresti,

*Emenda*

(a) ir-rata tad-deforestazzjoni, **tad-degradazzjoni tal-foresti** u **tal-konverżjoni** tal-foresti,

**Emenda 205**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) jekk il-kontribut determinat fil-livell nazzjonali (NDC) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima jkoprix l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art li jiżgura li l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u **d-degradazzjoni** tal-foresti **huma** kontabilizzati lejn l-impenn tal-pajjiż sabiex inaqqas jew jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif speċifikat fin-NDC;

*Emenda*

(d) jekk il-kontribut determinat fil-livell nazzjonali (NDC) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima jkoprix l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art li jiżgura li l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni tal-foresti** u **l-konverżjoni** tal-foresti **jkunu** kontabilizzati lejn l-impenn tal-pajjiż sabiex inaqqas jew jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif speċifikat fin-NDC;

## Emenda 206

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt e

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) il-ftehimiet u strumenti oħra konklużi bejn il-pajjiż konċernat u l-Unjoni li jindirizzaw id-deforestazzjoni jew **id-degradazzjoni** tal-foresti u jiffaċilitaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament **u** l-implimentazzjoni effettiva tagħhom;

#### *Emenda*

(e) il-ftehimiet u strumenti oħra konklużi bejn il-pajjiż konċernat u l-Unjoni li jindirizzaw id-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni tal-foresti** jew **il-konverżjoni** tal-foresti u jiffaċilitaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, **dment li** l-implimentazzjoni **f'waqtha u** effettiva tagħhom **tkun għet aċċertata abbażi ta' valutazzjoni oġġettiva u trasparenti**;

## Emenda 207

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt f

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(f) jekk il-pajjiż konċernat għandux fis-seħħ liġijiet nazzjonali jew subnazzjonali, inkluż f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jieħu miżuri ta' infurzar effettivi sabiex jevita u jissanzjona attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni u **d-degradazzjoni** tal-foresti, u partikolarment jekk jiġux applikati sanzjonijiet ta' severità suffiċjenti sabiex jiġu miċħuda l-benefiċċji li jirriżultaw mid-deforestazzjoni jew **mid-degradazzjoni** tal-foresti.

#### *Emenda*

(f) jekk il-pajjiż konċernat għandux fis-seħħ liġijiet nazzjonali jew subnazzjonali, inkluż f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Pariġi **u liġijiet u standards rilevanti kif definiti fil-punt 28 tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament**, u jieħu miżuri ta' infurzar effettivi sabiex **jiżgura li dawk il-liġijiet jiġu implimentati u** jevita u jissanzjona attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni tal-foresti** u **l-konverżjoni** tal-foresti, u partikolarment jekk jiġux applikati sanzjonijiet ta' severità suffiċjenti sabiex jiġu miċħuda l-benefiċċji li jirriżultaw mid-deforestazzjoni, **mid-degradazzjoni tal-foresti** jew **mill-konverżjoni** tal-foresti **jew nuqqas ta' konformità mal-liġijiet u l-istandards rilevanti kif deskritti fil-punt 28 tal-Artikolu 2.**

## Emenda 208

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fa) jekk il-ġurizzazzjoni nazzjonali u subnazzjonali tkunx żviluppat approċċi ġurizzazzjonali bl-impenn sinifikanti tal-partijiet konċernati rilevanti kollha, inklużi s-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, u s-settur privat, inklużi l-mikrointrapriżi u SMEs oħra, u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, biex jiġu indirizzati d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-konverżjoni tal-foresti, il-ksur tad-drittijiet tal-art u l-produzzjoni illegali;**

## Emenda 209

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt fb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fb) jekk il-pajjiż konċernat jagħmilx id-data rilevanti disponibbli b'mod trasparenti;**

## Emenda 210

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt fc (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fc) jekk applikabbli, l-eżistenza, il-konformità mal-liġijiet li jipproteġu d-drittijiet tal-popli indiġeni, tal-komunitajiet lokali u ta' detenturi oħra tad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art, u l-infurzar effettiv**

*tagħhom;*

## Emenda 211

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi konċernati bl-intenzjoni tagħha li tassenja bidla **fil-kategorija** ta' riskju **eżistenti** u tistedinhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meqjusa utli f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha tippermetti lill-pajjiżi żmien adegwat sabiex jipprovdu tweġiba, li **jista' jinkludi** informazzjoni dwar miżuri meħuda mill-pajjiż sabiex **jirrimedja s-sitwazzjoni** f'każ li l-istatus **tiegħu** jew l-istatus ta' partijiet **minnu jista'** jinbidel għal kategorija ta' riskju ogħla.

##### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi, **l-awtoritajiet reġjonali kif ukoll l-operaturi u n-negozjanti** konċernati bl-intenzjoni tagħha li tassenja bidla **għall-kategorija** ta' riskju **ta' pajjiż jew parti minnu** u tistedinhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meqjusa utli f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha **twettaq ukoll konsultazzjoni pubblika biex tiġbor informazzjoni u fehmiet mill-partijiet interessati, inkluż b'mod partikolari l-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-Kummissjoni għandha** tippermetti lill-pajjiżi **u lill-awtoritajiet reġjonali** żmien adegwat sabiex jipprovdu tweġiba, li **tista' tinkludi** informazzjoni dwar miżuri meħuda mill-pajjiż **jew l-awtorità reġjonali** sabiex **jirrimedjaw is-sitwazzjoni** f'każ li l-istatus **tagħhom** jew l-istatus ta' partijiet **minnhom** jinbidel għal kategorija ta' riskju ogħla.

## Emenda 212

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Dan għandu jinkludi fin-notifika, l-informazzjoni li ġejja:

##### *Emenda*

Dan għandu jinkludi fin-notifika **u fil-konsultazzjoni**, l-informazzjoni li ġejja:

## Emenda 213

**Proposta għal regolament  
Artikolu 28 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha*** mal-pajjiżi produttori konċernati minn dan ir-Regolament ***sabiex tiżviluppa*** sħubijiet u ***kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati konġuntement id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni*** tal-foresti. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ***se jiffokaw*** fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu djalogi strutturati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ, ***arranġamenti amministrattivi u dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti jew fi ftehimiet*** li jippermettu lill-pajjiżi produttori jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. ***Tali ftehimiet u l-implimentazzjoni effettiva*** tagħhom ***se jitqiesu*** bħala ***parti mill-valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 27*** ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

1. ***F'approċċ koordinat, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom*** mal-pajjiżi produttori konċernati minn dan ir-Regolament, ***il-gvernijiet lokali u l-partijiet interessati, b'mod partikolari dawk li jesportaw volumi sinifikanti ta' komoditajiet elenkati fl-Anness I, inkluż permezz tal-użu ta' sħubijiet eżistenti u futuri u ftehimiet ta' kummerċ ħieles u l-allinjament ta' għodod ta' għajjuna eżistenti biex jindirizzaw b'mod konġunt il-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni*** tal-foresti. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ***għandhom jiġu appoġġati b'riżorsi adegwati u għandhom jagħmlu enfasi*** fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, ***il-konverżjoni tal-foresti*** u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali, ***il-governanza tajba, kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-għajxien u tas-sussistenza ta' komunitajiet dipendenti mill-foresti, inklużi popli indiġeni, komunitajiet lokali, detenturi tad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira oħra.*** Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu, ***iżda ma jkunux limitati għal,*** djalogi strukturati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ ***finanzjarji u tekniċi, arranġamenti amministrattivi*** li jippermettu lill-pajjiżi produttori ***u partijiet minnhom*** jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u s-soċjetà ċivili jkunu involuti fl-***

*iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali konġunti. Il-pjanijiet direzzjonali konġunti għandhom ikunu bbażati fuq stadji importanti miftiehma mal-partijiet konċernati lokali. Il-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha b'mod partikolari mal-pajjiżi produtturi biex tneħħi l-ostakli legali għall-konformità tagħhom, inkluż il-governanza nazzjonali tal-pussess tal-art u l-liġi tal-protezzjoni tad-data. L-għan ta' dawk is-sħubijiet għandu jkun l-iżvilupp ta' pjanijiet direzzjonali konġunti, inkluż djalogu u kooperazzjoni sostnuti, b'mod partikolari ma' pajjiżi u partijiet minnhom identifikati bħala ta' riskju għoli, biex jappoġġaw it-titjib kontinwu tagħhom lejn il-kategorija ta' riskju standard imsemmija fl-Artikolu 27. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira sabiex dawn l-azjendi jkunu jistgħu jagħmlu tranżizzjoni lejn prattiki agrikoli u tal-forestrija sostenibbli u jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, inkluż billi jippermettulhom jaċċessaw informazzjoni suffiċjenti u faċli għall-utenti. Riżorsi finanzjarji adegwati għandhom ikunu disponibbli biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' bdiewa b'azjenda agrikola żgħira.*

## Emenda 214

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet konċernati kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u s-settur privat inklużi, ***l-SMEs*** u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira.

#### *Emenda*

2. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni ***għandu jkollhom riżorsi finanzjarji adegwati u jqisu bis-siħ l-informazzjoni u t-twissijiet provduti mill-Osservatorju tal-UE. Huma*** għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet konċernati kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, u s-settur privat inklużi, ***il-mikrointrapriżi u***

*SMEs oħra u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom ukoll jappoġġaw jew jibdew djalogu inklużiv u parteċipattiv lejn proċessi nazzjonali ta' riforma legali u ta' governanza biex tissaħħaħ il-governanza tal-foresti u jiġu indirizzati fatturi domestiċi li jikkontribwixxu għad-deforestazzjoni.*

## Emenda 215

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Biex tiżgura li l-infurzar ta' dan ir-Regolament ma jkunx restrittiv bla bżonn jew ma jfjixkilx il-kummerċ, speċjalment lejn il-pajjiżi l-anqas żviluppati, il-Kummissjoni għandha tippovdi appoġġ amministrattiv u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet speċifiku lill-gvernijiet, lill-gvernijiet lokali, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions, u lill-produtturi, b'mod partikolari l-produtturi ż-żgħar, f'pajjiżi terzi bl-għan li jkun aktar faċli għal dawn l-atturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti amministrattivi ta' dan ir-Regolament.*

## Emenda 216

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' ppjanar integrat tal-użu tal-art, leġislazzjonijiet rilevanti, inċentivi fiskali u għodod pertinenti oħrajn sabiex itejbu l-konservazzjoni tal-foresti u tal-biodiversità, il-ġestjoni sostenibbli u r-

3. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' ppjanar integrat tal-użu tal-art, leġislazzjonijiet rilevanti, **inklużi proċessi b'diversi partijiet konċernati biex jistabbilixxu l-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti**, inċentivi fiskali jew

restawr tal-foresti, jindirizzaw il-konverżjoni tal-foresti u tal-ekosistemi vulnerabbli għal użi oħra tal-art, jottimizzaw it-titjib għall-pajsaġġ, is-sigurtà taż-żamma tal-art, il-produttività u l-kompetittività tal-agrikoltura, il-ktajjen tal-provvista trasparenti, **it-tisħiħ tad-drittijiet** tal-komunitajiet **dipendenti** mill-foresti, inkluż bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, popli indiġeni u komunitajiet lokali, u l-iżgurar tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-ġestjoni tal-foresti u informazzjoni rilevanti oħra.

**kummerċjali** u għodod pertinenti oħrajn sabiex itejbu l-konservazzjoni tal-foresti u tal-bijodiversità, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-foresti, jindirizzaw il-konverżjoni tal-foresti u tal-ekosistemi vulnerabbli għal użi oħra tal-art, jottimizzaw it-titjib għall-pajsaġġ, is-sigurtà taż-żamma tal-art, il-produttività u l-kompetittività tal-agrikoltura, il-ktajjen tal-provvista trasparenti **u t-traċċabbiltà, jipproteġu d-drittijiet tas-sjeda, taż-żamma tal-art u tal-aċċess għall-art, inklużi d-drittijiet taż-żamma tas-siġar għall-komunitajiet lokali u indiġeni, u d-dritt li jagħtu jew iżommu l-kunsens liberu, minn qabel u infurmat, isaħħu d-drittijiet** tal-komunitajiet **li jiddependu** mill-foresti, inkluż bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, popli indiġeni u komunitajiet lokali, **isaħħu s-sistemi nazzjonali tal-governanza u l-infurzar tal-liġi**, u l-iżgurar tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-ġestjoni tal-foresti u informazzjoni rilevanti oħra. **Il-Kummissjoni għandu jkollha l-għan li tintegra l-monitoraġġ tad-drittijiet tal-art u tal-pussess tal-art skont l-Osservatorju tal-UE.**

## Emenda 217

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha f'diskussjoni internazzjonali bilaterali u multilaterali dwar politiki u azzjonijiet sabiex **twaqqaq id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni** tal-foresti, inkluż f'fora multilaterali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, l-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Forum

#### *Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha f'diskussjoni internazzjonali bilaterali u multilaterali dwar politiki u azzjonijiet sabiex **jitwaqqfu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni** tal-foresti, inkluż f'fora multilaterali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, l-Assemblea tan-



tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-G7 u l-G20. Tali involviment għandu jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni għall-produzzjoni agrikola sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista trasparenti u sostenibbli kif ukoll it-tkomplija tal-isforzi lejn l-identifikazzjoni u l-qbil ta' standards u definizzjonijiet sodi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni ***tal-ekosistemi tal-foresti***.

Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-G7 u l-G20. Tali involviment għandu jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni għall-produzzjoni agrikola sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista trasparenti u sostenibbli kif ukoll it-tkomplija tal-isforzi lejn l-identifikazzjoni u l-qbil ta' standards u definizzjonijiet sodi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni ***tal-foresti u ekosistemi naturali oħra u tad-drittijiet tal-bniedem relatati***.

## Emenda 218

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw b'diliġenza u imparzjalment il-preokkupazzjonijiet sostanzjali u jieħdu l-passi meħtieġa, inkluż verifiki u seduti ta' smiġh tal-operaturi u tan-negozjanti, bil-għan li jiġi identifikat ksur potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, miżuri interim skont l-Artikolu 21 sabiex jiġu evitati l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, u l-esportazzjoni minnu ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu qegħdin jiġu investigati.

## Emenda 219

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 3

#### *Emenda*

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, ***mingħajr dewmien żejjed***, jivvalutaw b'diliġenza u imparzjalment il-preokkupazzjonijiet sostanzjali u jieħdu l-passi meħtieġa, inkluż verifiki u seduti ta' smiġh tal-operaturi u tan-negozjanti, bil-għan li jiġi identifikat ksur potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, miżuri interim skont l-Artikolu 21 sabiex jiġu evitati l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, u l-esportazzjoni minnu ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu qegħdin jiġu investigati ***u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri stabbiliti***.

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-awtorità kompetenti għandha, **kemm jista' jkun malajr** u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali, tinforma lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 1, li jkunu ssottomettew **osservazzjonijiet** lill-awtorità, dwar **id-deċiżjoni** tagħha **jekk taċċettax** jew **tirrifjutax it-talba** għal azzjoni u għandha tipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

**Emenda 220**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 221**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 29 – paragrafu 3b (ġdid)**

*Emenda*

3. L-awtorità kompetenti għandha, **fi żmien 30 jum minn meta tirċievi preokkupazzjoni sostanzjata**, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali, tinforma lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 1, li jkunu ssottomettew **preokkupazzjonijiet sostanzjati** lill-awtorità, dwar **il-valutazzjoni** tagħha **tal-preokkupazzjoni sostanzjata tagħhom, skont il-paragrafu 2, u d-deċiżjoni li taċċetta** jew **tirrifjuta t-talba** għal azzjoni u għandha tipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha. **Fejn tittieħed azzjoni ulterjuri skont il-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi mingħajr dewmien żejjed dwar in-natura u l-iskeda ta' żmien tal-miżuri li għandhom jittieħdu.**

*Emenda*

**3a. Sabiex tiġi ffaċilitata t-trażmissjoni dwar preokkupazzjonijiet sostanzjati minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi minn pajjiżi produttori, u speċjalment mill-komunitajiet lokali, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi proċedura ta' komunikazzjoni ċentralizzata biex tidderieġi dawk il-preokkupazzjonijiet lejn l-Istati Membri rilevanti. Dik il-proċedura għandha tkun komplementari għal dawk stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti.**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b.** *L-Istati Membri għandhom jipprevedu miżuri biex jipproteġu l-identità tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jippreżentaw preokkupazzjonijiet sostanzjali jew li jwettqu investigazzjonijiet bil-għan li jivverifikaw il-konformità mill-operaturi jew min-negozjanti ma' dan ir-Regolament.*

## **Emenda 222**

### **Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** *L-aċċess għal qorti jew korp pubbliku indipendenti u imparzjali ieħor skont il-paragrafu 1 għandu jkun ġust, ekwu, f'waqtu u ma jiswiex tant li jkun projbittiv u jipprovdi rimedji adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni fejn xieraq. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni Prattika ssir disponibbli għall-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri amministrattivi u ta' rimedju ġudizzjarju.*

## **Emenda 223**

### **Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm, sad-data stabbilita fl-Artikolu 36(2), sistema ta' informazzjoni ("Reġistru") li għandu jkun fiha d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta magħmula disponibbli skont l-Artikolu 4(2).

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm, sad-data stabbilita fl-Artikolu 36(2), sistema ta' informazzjoni ("Reġistru") li għandu jkun fiha d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta magħmula disponibbli skont l-Artikolu 4(2), ***kif ukoll il-lista tal-operaturi u n-negozjanti mhux konformi***

## **Emenda 224**

### **Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt c**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ir-reġistrazzjoni tal-eżitu tal-kontrolli fuq id-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta;

#### *Emenda*

(c) ir-reġistrazzjoni tal-eżitu tal-kontrolli fuq id-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta ***kif ukoll il-penali imposti***;

## **Emenda 225**

### **Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 4**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi aċċess għal dik is-sistema ta' informazzjoni lill-awtoritajiet doganali, lill-awtoritajiet kompetenti, lill-operaturi u lin-negozjanti f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha ttiprovdi aċċess għal dik is-sistema ta' informazzjoni lill-awtoritajiet doganali, lill-awtoritajiet kompetenti, lill-operaturi u lin-negozjanti ***jew lir-rappreżentanti legali tagħhom, jew lit-tnejn li huma, u lill-fornituri kkonċernati*** f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament. ***Il-fornituri kkonċernati għandu jkollhom id-dritt li jikkonsultaw l-informazzjoni kollha li tappartjeni lilhom.***

## **Emenda 226**

### **Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 5**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. ***F'konformità*** mal-Politika tal-UE dwar id-Data Miftuħa, u partikolarment id-Direttiva (UE) 2019/1024<sup>51</sup>, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi aċċess għall-pubbliku usa' għas-settijiet tad-data

#### *Emenda*

5. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23 u f'konformità*** mal-Politika tal-UE dwar id-Data Miftuħa, u partikolarment id-Direttiva (UE) 2019/1024<sup>51</sup>, il-Kummissjoni għandha

anonimizzati kompluti tas-sistema tal-informazzjoni f'format miftuħ li jista' jinqara mill-magni u li jiżgura l-interoperabbiltà, l-użu mill-ġdid u l-aċċessibbiltà.

tipprovdi aċċess għall-pubbliku usa', **ħlief għall-informazzjoni fil-punt (e) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu**, għas-settijiet tad-data anonimizzati kompluti tas-sistema tal-informazzjoni f'format miftuħ li jista' jinqara mill-magni u li jiżgura l-interoperabbiltà, l-użu mill-ġdid u l-aċċessibbiltà.

---

<sup>51</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56–83).

---

<sup>51</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

## Emenda 227

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha twettaq l-ewwel rieżami ta' dan ir-Regolament, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposta leġiżlattiva, jekk tkun xierqa. Ir-rapport għandu jiffoka partikolarment fuq evalwazzjoni tal-ħtieġa u l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi oħra, inkluż art b'ħażniet għoljin ta' karbonju u art b'valur għoli ta' bijodiversità bħal merġhat, torbieri u artijiet mistagħdra u komoditajiet ulterjuri.***

#### *Emenda*

1. ***Wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha kontinwament twettaq rieżami tal-applikazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha:***

***(a) tippreżenta, mhux aktar tard minn... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], valutazzjoni tal-impatt akkumpanjata, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva, biex jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi naturali oħra, inkluż art b'ħażniet għoljin ta' karbonju u art b'valur***

għoli ta' bijodiversità bħal merġat, torbieri u artijiet mistaġħdra, *minbarra foresti u art imsagħgra oħra f'konformità mad-data limitu u d-definizzjonijiet kif imsemmija fl-Artikolu 2,*

*(b) tevalwa, mhux aktar tard minn... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]:*

*(i) il-ħtieġa u l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal komoditajiet u prodotti oħra, b'mod partikolari prodotti addizzjonali derivati mill-komoditajiet elenkati fl-Anness I kif ukoll għal komoditajiet u prodotti addizzjonali, speċifikament il-kannamieli, l-etanol u l-prodotti tal-minjieri;*

*(ii) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-bdiewa, partikolarment fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u l-ħtieġa possibbli ta' appoġġ addizzjonali għat-tranżizzjoni lejn ktajjen tal-provvista sostenibbli u lejn bdiewa b'azjenda agrikola żgħira li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;*

*(iii) il-ħtieġa ta' għodod addizzjonali għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-fattibbiltà tagħhom, b'mod partikolari għall-pajjiżi l-anqas żviluppati milquta mmens minn dan ir-Regolament u l-pajjiżi identifikati bħala ta' riskju standard jew għoli, sabiex jappoġġaw il-kisba tal-obiettivi ta' dan ir-Regolament;*

*(c) tanalizza, fi żmien sena mill-adozzjoni ta' [id-Direttiva li jmiss dwar id-diliġenza dovuta għas-sostenibbiltà korporattiva], jekk hemmx bżonn ta' xi linji gwida biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u tiġi żgurata l-koerenza bejn dan ir-Regolament u [id-Direttiva li jmiss dwar id-diliġenza dovuta għas-sostenibbiltà korporattiva], u biex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed.*

## Emenda 228

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ u mill-anqas kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ġenerali ta' dan ir-Regolament, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva. **L-ewwel wieħed mir-rapporti għandu jinkludi partikolarment, abbażi ta' studji speċifiċi, evalwazzjoni ta':**

*Emenda*

**Mingħajr preġudizzju għar-rieżamijiet skedati fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha twettaq, f'intervalli regolari, rieżami tal-Anness I sabiex jiġi vvalutat jekk huwiex xieraq li jiġu emendati jew estiżi l-prodotti rilevanti elenkati fl-Anness I sabiex jiġi żgurati li l-prodotti kollha li jkun fihom komoditajiet rilevanti, ikunu ġew mitmugħa bihom jew li jkunu saru bl-użu tagħhom, jiġu inklużi f'dik il-lista, sakemm id-domanda għal dawk il-prodotti ma jkollhiex effett negliġibbli fuq id-deforestazzjoni. Ir-rieżamijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-effett tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fuq id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u l-konverżjoni tal-foresti, u għandhom iqisu l-bidliet fil-konsum, inkluż valutazzjoni dettaljata tal-bidliet fix-xejriet kummerċjali fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament, kif indikat minn evidenza xjentifika.**

## Emenda 229

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(a) il-ħtieġa ta' għodod addizzjonali għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-fattibbiltà tagħhom sabiex jappoġġaw l-ilħuq tal-oġġetti tar-Regolament inkluż permezz tar-rikonoxximent ta' skemi ta' ċertifikazzjoni;**

*Emenda*

**imħassar**

## Emenda 230

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b)** *l-impatt tar-Regolament fuq il-bdiewa, partikolarment fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u l-ħtieġa possibbli ta' appoġġ addizzjonali għat-tranżizzjoni lejn ktajjen tal-provvista sostenibbli.*

*imħassar*

## Emenda 231

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3.** *Mingħajr preġudizzju għar-rieżami ġenerali skont il-paragrafu 1, l-ewwel rieżami tal-Anness I għandu jitwettaq mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u minn hemm 'il quddiem f'intervalli regolari sabiex jiġi valutat jekk huwiex xieraq li jiġu emendati jew estiżi l-prodotti rilevanti elenkati fl-Anness I sabiex jiġi żgurat li l-prodotti kollha li fihom, ikunu ġew mitmugħa b'komoditajiet rilevanti jew ikunu saru bl-użu tagħhom jiġu inklużi f'dik il-lista, sakemm id-domanda għal dawk il-prodotti ma jkollhiex effett negliġibbli fuq id-deforestazzjoni. Ir-rieżamijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-effett tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti fuq id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u jqisu l-bidliet fil-konsum, kif indikat minn*

**3.** *Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-partijiet konċernati vulnerabbli bħall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, speċjalment f'pajjiżi terzi, filwaqt li tagħti wkoll attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tan-nisa. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq metodoloġija xjentifika u trasparenti u għandu jqis l-informazzjoni pprovduta minn partijiet konċernati interessati.*



*evidenza xjentifika.*

## Emenda 232

**Proposta għal regolament  
Artikolu 32 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament il-bidliet fix-xejriet kummerċjali tal-prodotti u l-komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta bidliet fix-xejra tal-kummerċ jinstab li ma jkollhomx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-evitar tal-obbligi kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż is-sostituzzjoni ta' dawk il-prodotti u l-komoditajiet bi prodotti u komoditajiet oħra li mhumiex inklużi fil-lista ta' prodotti u komoditajiet fl-Anness I iżda li jkollhom karatteristiċi simili, dan għandu jitqies bħala Prattika ta' ċirkomvenzjoni. Il-partijiet interessati jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe ċirkomvenzjoni perċepita u l-Kummissjoni għandha tinvestiga kwalunkwe talba sostanzjata introdotta minn parti interessata.**

## Emenda 233

**Proposta għal regolament  
Artikolu 32 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Wara **rieżami** kif stabbilit **fil-paragrafu 3**, il-Kummissjoni **tista'** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 **sabiex temenda l-Anness I sabiex tinkludi prodotti rilevanti li fihom jew li jkunu saru bl-użu ta' komoditajiet rilevanti.**

4. Wara **kwalunkwe wieħed mir-rieżamijiet** kif stabbilit **fil-paragrafi 1 sa 4**, il-Kummissjoni **għandha s-setgħa li** tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 **biex tissupplimenta l-lista fl-Anness I, jew, jekk xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-**

*Regolament.*

**Emenda 234**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 33 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

*Emenda*

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta **partijiet konċernati u** esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

**Emenda 235**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 35a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 35a*

*Emenda tad-Direttiva 2003/35/KE*

*L-Anness I tad-Direttiva 2003/35/KE<sup>1a</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill huwa emendat billi jiżdied dan il-punt li ġej:*

*(ga) l-Artikolu 14(3) ta' [Regolament (UE) Nru XXXX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010]\*.*

---

*<sup>1a</sup> Id-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li ttiprovdi għall-parteciċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom*

*x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteciċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).*

*\* ĠU: Jekk jogħġbok żid in-numru u d-data ta' dan ir-Regolament u nota f'qiegħ il-paġna bir-referenza tal-pubblikazzjoni tiegħu.*

## Emenda 236

### Proposta għal regolament Artikolu 36 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Artikoli msemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-operaturi li huma mikrointrapriżi<sup>53</sup> stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2020, hliief għall-prodotti koperti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 995/2010.

---

<sup>53</sup> Kif definiti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE.

## Emenda 237

### Proposta għal regolament

#### *Emenda*

3. L-Artikoli msemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-operaturi li huma mikrointrapriżi **u intrapriżi żgħar**<sup>53</sup> stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2020, hliief għall-prodotti koperti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 995/2010.

---

<sup>53</sup> Kif definiti fl-Artikolu 3(1) **u (2)** tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE.

## Anness I

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	
Bhejjem tal-ifrat	<p>ex 0102 Bhejjem tal-ifrat ħajjin</p> <p>ex 0201 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat, frisk jew imkessaħ</p> <p>ex 0202 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat, iffriżat</p> <p>ex 0206 10 Ġewwieni li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat, frisk jew imkessaħ</p> <p>ex 0206 22 Fwied li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat, iffriżat</p> <p>ex 0206 29 Ġewwieni li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat (għajr l-ilsna u l-fwied), iffriżat</p> <p>ex 4101 Ġlud grezzi tal-bhejjem tal-ifrat (friski, jew immellħin, imnixxfin, ittrattati bil-gir, piklati jew ippreservati b'mod ieħor, iżda mhux ikkonzati, ipparċminati jew ippreparati mod ieħor), kemm jekk imxerrħa jew bix-xagħar imneħħi kemm jekk le</p> <p>ex 4104 Ġlud ikkonzati jew "in crust" tal-bhejjem tal-ifrat, imġiżża, kemm dawk imxerrħa kif ukoll dawk li mhumiex, iżda mhux ippreparati mod ieħor</p> <p>ex 4107 Ġilda tal-bhejjem tal-ifrat, li nġhatat aktar trattament wara l-ikkonzar u l-crusting, din tinkludi l-ġilda pparċminata, imġiżża, kemm dawk imxerrħa kif ukoll dawk li mhumiex</p>
Kawkaw	<p>1801 00 00 Żerriegħa tal-kawkaw, sħiħa jew imkissra, nejja jew mixwija</p> <p>1802 00 00 Fosdoq tal-kawkaw, ħliefa, qxur u skart ieħor tal-kawkaw</p> <p>1803 Paste tal-kawkaw, kemm jekk bix-xaħam imneħħi u kemm jekk le</p> <p>1804 00 00 Butir, xaħam u żejt tal-kawkaw</p> <p>1805 00 00 Trab tal-kawkaw, li ma jkunx fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud</p> <p>1806 Ċikkulata u preparati oħrajn tal-ikel li</p>

	<p>fihom il-kawkaw</p>
Kafè	<p>0901 Kafè, kemm jekk inkaljat jew dekafeinat u kemm jekk le; ħliefa u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li jkun fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon</p>
Żejt tal-palm	<p>1511 Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament</p> <p>1207 10 Ġewż tal-palm u qlub tagħhom</p> <p>1513 21 Żejt grezz tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom</p> <p>1513 29 Żejt tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament (bl-esklużjoni ta' żejt grezz)</p> <p>2306 60 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn tal-ġewż tal-palm jew il-qlub tagħhom, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żjut tal-ġewż tal-palm jew ta' żjut tal-qlub tagħhom</p>
Sojja	<p>1201 Fażola tas-sojja, kemm jekk imkissra u kemm jekk le</p> <p>1208 10 Dqiq u grixi tal-fażola tas-sojja</p> <p>1507 Żejt tal-fażola tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament</p> <p>2304 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja</p>
Injam	<p>4401 Qabs, fil-forma ta' zkuk, qatgħat taz-zkuk, friegħi, qatet jew forom simili; injam f'laqx jew partikuli; serratura u skart u laqx tal-injam, kemm jekk agglomerati fil-forma ta' zkuk, briquettes, pellets jew forom simili, kif ukoll jekk le</p> <p>4403 Injam grezz, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew maqtuġh kwadru raff</p>

	<p>4406 Traversi (cross-ties) tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm</p> <p>4407 Injam issegat jew imlaqqax għat-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li taqbeż is-6 mm</p> <p>4408 Folji għall-fuljetta (inklużi daww magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), għall-plywood jew għal injam simili laminat u injam ieħor, issegat għat-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li ma taqbiż is-6 mm</p> <p>4409 Injam (inklużi strixxi u freggi għall-kisi tal-art bil-parquet, mhux assemblati) iffurmat b'mod kontinwu (b'minċott raġel, b'minċott mara, b'ħanek maqtuġh, iċċanfrinat, bi skanalatura-V, bil-gula, iffurmat, ittundjat jew simili) tul kwalunkwe xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew bit-truf ġonġuti jew le</p> <p>4410 Particle board, oriented strand board (OSB) u board simili (eż. waferboard) tal-injam jew ta' materjali oħrajn mill-injam, kemm jekk agglomerati bir-rażi jew sustanzi leganti organiċi oħrajn u kemm jekk le</p> <p>4411 Fibreboard tal-injam jew materjali oħrajn mill-injam, magħqudin bir-rażi jew b'sustanzi organiċi oħrajn jew le</p> <p>4412 Plywood, pannelli miksiġin bil-fuljetta u injam laminat bħalhom</p> <p>4413 00 00 Injam densifikat, fi blokk, folji, strixxi jew forom profilati</p> <p>4414 00 Gwarniċi tal-injam għal pitturi, ritratti, mirja u oġġetti simili</p> <p>4415 Cases għall-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, ċilindri u pakki simili; tal-injam; rombli tal-injam tal-kejbils; pallets, pallets tal-kaxxi u boards oħrajn tat-tagħbija, tal-injam; pallet collars tal-injam</p> <p>(Mhux inkluż materjal tal-ippakkjar użat esklussivament bħala materjal tal-ippakkjar biex jappoġġa, jipproteġi jew iġorr prodott</p>
--	--

	<p>ieħor introdott fis-suq.)</p> <p>4416 00 00 Btieti, ċilindri, vats, tnelli u prodotti tal-buttrara oħrajn u partijiet tagħhom, tal-injam, inkluż l-injam imqawwes (staves)</p> <p>4418 Xogħol tal-injam għal bennejja, inklużi pannelli tal-injam ċellulari, pannelli assemblati għall-paviment, shingles u shakes</p> <p>Polpa u karta tal-Kapitoli 47 u 48 tan-Nomenklatura Magħquda, bl-eċċezzjoni ta' prodotti bbażati fuq il-bambù u rkuprati (skart u laqx)</p> <p>9403 30, 9403 40, 9403 50 00, 9403 60 u 9403 90 30 Għamara tal-injam</p> <p>9406 10 00 Bini prefabbrikat tal-injam</p>
<i>Emenda</i>	
Bhejjem tal-ifrat	<p>ex 0102 Bhejjem tal-ifrat ħajjin</p> <p>ex 0201 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat, frisk jew imkessaħ</p> <p>ex 0202 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat, iffriżat</p> <p>ex 0206 10 Ġewwieni li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat, frisk jew imkessaħ</p> <p>ex 0206 22 Fwied li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat, iffriżat</p> <p>ex 0206 29 Ġewwieni li jittiekel tal-bhejjem tal-ifrat (għajr l-ilsna u l-fwied), iffriżat</p> <p><b>ex 0206 10 Ġewwieni li jittiekel tal-animali bovini, frisk jew imkessaħ</b></p> <p><b>ex 0206 21 Ilsna li jittiekel tal-animali bovini, iffriżati</b></p> <p><b>ex 021020 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat, immellaħ, fis-salmura, innixxef jew affumikat</b></p> <p><b>ex 1602 50 Laħam tal-bhejjem tal-ifrat jew il-ġewwieni tagħhom, ippreparat jew ippreservat</b></p> <p>ex 4101 Ġlud grezzi tal-bhejjem tal-ifrat (friski, jew immellħin, innixxfin, ittrattati</p>

	<p>bil-gir, piklati jew ippreservati b'mod ieħor, iżda mhux ikkonzati, ipparċminati jew ippreparati mod ieħor), kemm jekk imxerrħa jew bix-xagħar imneħħi kemm jekk le</p> <p>ex 4104 Ġlud ikkonzati jew "in crust" tal-bhejjem tal-ifrat, imġiżża, kemm dawk imxerrħa kif ukoll dawk li mhumiex, iżda mhux ippreparati mod ieħor</p> <p>ex 4107 Ġilda tal-bhejjem tal-ifrat, li nġhatat aktar trattament wara l-ikkonzar u l-crusting, din tinkludi l-ġilda pparċminata, imġiżża, kemm dawk imxerrħa kif ukoll dawk li mhumiex</p>
<b><i>Ħnieżer</i></b>	<p><b><i>0103 Ħnieżer ħajjin</i></b></p> <p><b><i>0203 Laħam tal-ħnieżer, frisk, imkessaħ jew</i></b></p> <p><b><i>iffriżat</i></b></p> <p><b><i>0210 11 Ġarretti, spalel u qatgħat tagħhom, bl-għadma, tal-ħanżir domestiku</i></b></p> <p><b><i>0210 12 Żquq (streaky) u qatgħat tagħhom</i></b></p> <p><b><i>tal-ħanżir domestiku</i></b></p> <p><b><i>0210 19 Laħam ieħor tal-ħanżir domestiku</i></b></p> <p><b><i>209 10 Xaħam tal-ħanżir, mingħajr ebda laħam dgħif, mhux</i></b></p> <p><b><i>imdewweb jew estratt mod ieħor, frisk, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, fis-salmura, imnixxef jew</i></b></p> <p><b><i>affumikat</i></b></p>
<b><i>Nagħaġ u Mogħoż</i></b>	<p><b><i>0104 Nagħaġ u mogħoż ħajjin</i></b></p> <p><b><i>0204 Laħam ta' nagħaġ jew mogħoż, frisk, imkessaħ jew iffriżat</i></b></p>
<b><i>Tjur</i></b>	<p><b><i>0105 Pollam ħaj, jiġifieri, qatgħat ta' għadam ta' tjur</i></b></p> <p><b><i>tal-ispeċi Gallus domesticus, papri, wiżż, dundjani u farawni oħrajn</i></b></p> <p><b><i>0207 Laħam u ġewwieni li jittiekkel, taħt l-</i></b></p>



	<p><i>instestatura</i></p> <p><i>tat-tjur Nru 0105, friski, imkessħa jew iffriżati</i></p> <p><i>0209 90 Xaħam tat-tjur, mhux maħdum jew</i></p> <p><i>estratt mod ieħor, frisk, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, fis-salmura, immixxef jew affumikat</i></p>
Kawkaw	<p>1801 00 00 Żerriegħa tal-kawkaw, sħiħa jew imkissra, nejja jew mixwija</p> <p>1802 00 00 Fosdoq tal-kawkaw, ħliefa, qxur u skart ieħor tal-kawkaw</p> <p>1803 Paste tal-kawkaw, kemm jekk bix-xaħam imneħħi u kemm jekk le,</p> <p>1804 00 00 Butir, xaħam u żejt tal-kawkaw,</p> <p>1805 00 00 Trab tal-kawkaw, li ma jkunx fih iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud</p> <p>1806 Ċikkulata u preparati oħrajn tal-ikel li fihom il-kawkaw</p>
Kafè	<p>0901 Kafè, kemm jekk inkaljat jew dekafeinat u kemm jekk le; ħliefa u qxur tal-kafè; sostituti tal-kafè li jkun fihom kafè fi kwalunkwe proporzjon</p>
Żejt tal-palm	<p>1511 Żejt tal-palm u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament</p> <p>1207 10 Ġewż tal-palm u qlub tagħhom</p> <p>1513 21 Żejt grezz tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom</p> <p>1513 29 Żejt tal-lewż tal-palm u żejt babassu u l-frazzjonijiet tagħhom, kemm jekk raffinati u kemm jekk le, iżda mhux modifikati kimikament (bl-esklużjoni ta' żejt grezz)</p> <p>2306 60 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn tal-ġewż tal-palm jew il-qlub tagħhom, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni ta' żjut tal-ġewż tal-palm jew ta' żjut tal-qlub tagħhom</p>

	<p><b>2905 17 Dodekan-1-ol (Alkoħol lawriku), Eżadekan-1-ol (Alkoħol ċetiliku) u Ottadekan-1-ol (Alkoħol steariliku)</b></p> <p><b>2905 45 Alkoħol; polidriči, gličeroi</b></p> <p><b>2915 70 Aċidu palmitiku, aċidu steariku, imlieh u esteri tagghom</b></p> <p><b>2915 90 Aċidi; aċidi monokarbossiliči aċikliċi saturati; anidridi, alidi, perossidi, perossiaċidi u derivattivi aloġenati, sulfonati, nitratati jew nitrosazjati, m.k.b. fl-intestatura Nru 2915</b></p> <p><b>Gruppi ta' kodiċi HS u subintestaturi 1517..., 3401..., 3823..., 3824..., 3826</b></p> <p><b>Żejt tal-palm u derivattibbażati fuq iż-żejt tal-lewż tal-palm</b></p>
Sojja	<p>1201 Fażola tas-sojja, kemm jekk imkissra u kemm jekk le</p> <p>1208 10 Dqiq u grixi tal-fażola tas-sojja</p> <p>1507 Żejt tal-fażola tas-sojja u l-frazzjonijiet tiegħu, kemm jekk raffinat u kemm jekk le, iżda mhux modifikat kimikament</p> <p>2304 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin jew fil-forma ta' pellets u kemm jekk le, li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja</p>
<b>Qamħirrum</b>	<p><b>1005 Qamħirrum (qamħ)</b></p> <p><b>1102 20 Dqiq tal-qamħirrum (qamħ)</b></p> <p><b>1103 13 Ħbub imfesdaq misħuqa taċ-ċereali, grixi u pellets</b></p> <p><b>qamħirrun (qamħ)</b></p> <p><b>1103 29 40 Pellets tal-qamħirrum</b></p> <p><b>1104 19 50 Ħbub taċ-ċereali maħdumin mod ieħor</b></p> <p><b>mill-qamħirrum</b></p> <p><b>1104 23 Ħbub oħrajn maħdumin mill-qamħirrum</b></p> <p><b>(qamħ)</b></p> <p><b>1108 12 00 Lamtu tal-qamħirrum (qamħ)</b></p>

	<p><b>1515 21 Żejt tal-qamħirrum (qamħ) u l-frazzjonijiet tiegħu:</b></p> <p><b>Żejt grezz</b></p> <p><b>1904 10 10 Ikel ippreparat miksub min-nefħa jew mill-inkaljar taċ-ċereali jew</b></p> <p><b>prodotti taċ-ċereali miksuba mill-qamħirrum</b></p> <p><b>2302 10 Nuħħala, smid u residwi oħrajn, kemm jekk fil-forma ta' pellets kif ukoll jekk le</b></p> <p><b>li ġejjin mit-tnaqqih, mit-tħin jew xogħol ieħor ta' ċereali jew pjanti leguminużi tal-qamħirrum (qamħ)</b></p> <p><b>1515 29 Żejt tal-qamħirrum u l-frazzjonijiet tiegħu, raffinat jew le, iżda mhux modifikat b'mod kimiku (minbarra dak grezz)</b></p> <p><b>2306 90 05 Pasta taż-żrieragħ żejtnin u residwi solidi oħrajn, kemm jekk mitħunin u kemm jekk miġbura fil-forma ta' pellets, li jirriżultaw mill-estrazzjoni tan-nebbieta tal-qamħirrum (qamħ)</b></p>
Injam	<p>4401 Qabs, fil-forma ta' zkkuk, qatgħat taz-zkkuk, friegħi, qatet jew forom simili; injam f'laqx jew partikuli; serratura u skart u laqx tal-injam, kemm jekk agglomerati fil-forma ta' zkkuk, briquettes, pellets jew forom simili, kif ukoll jekk le</p> <p><b>4402 Faħam tal-kannol tal-injam inkluż faħam tal-kannol tal-qoxra jew tal-ġewża, magħqud jew le (minbarra faħam tal-kannol tal-injam użat bħala mediċinali, faħam tal-kannol imħallat ma' inċens, faħam tal-kannol attiv u faħam tal-kannol fil-forma ta' krejons)</b></p> <p>4403 Injam grezz, kemm jekk bil-qoxra jew bl-ilbieba mneħħija jew le, jew maqtuġħ kwadru raff</p> <p>4406 Traversi (cross-ties) tal-injam għal-linji tal-ferrovija jew tat-tramm</p> <p>4407 Injam issegat jew imlaqqax għat-tul,</p>

	<p>imfellel jew imqaxxar, inċanat jew le, xkatlat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li taqbeż is-6 mm</p> <p>4408 Folji għall-fuljetta (inklużi daww magħmulin bit-tiflil ta' injam laminat), għall-plywood jew għal injam simili laminat u injam ieħor, issegat għat-tul, imfellel jew imqaxxar, inċanat, xkatlat, impalellat jew bit-truf ġonġuti, ta' ħxuna li ma taqbiżx is-6 mm</p> <p>4409 Injam (inklużi strixxi u freggi għall-kisi tal-art bil-parquet, mhux assemblati) iffurmat b'mod kontinwu (b'minċott raġel, b'minċott mara, b'ħanek maqtuġh, iċċanfrinat, bi skanalatura-V, bil-gula, iffurmat, ittundjat jew simili) tul kwalunkwe xifer, tarf jew wiċċ tiegħu, inċanat, xkatlat jew bit-truf ġonġuti jew le</p> <p>4410 Particle board, oriented strand board (OSB) u board simili (eż. waferboard) tal-injam jew ta' materjali oħrajn mill-injam, kemm jekk agglomerati bir-rażi jew sustanzi leganti organiċi oħrajn u kemm jekk le</p> <p>4411 Fibreboard tal-injam jew materjali oħrajn mill-injam, magħqudin bir-rażi jew b'sustanzi organiċi oħrajn jew le</p> <p>4412 Plywood, pannelli miksijin bil-fuljetta u injam laminat bħalhom</p> <p>4413 00 00 Injam densifikat, fi blokk, folji, strixxi jew forom profilati</p> <p>4414 00 Gwarniċi tal-injam għal pitturi, ritratti, mirja u oġġetti simili</p> <p>4415 Cases għall-ippakkjar, kaxxi, ċestuni, ċilindri u pakki simili; tal-injam; rombli tal-injam tal-kejbils; pallets, pallets tal-kaxxi u boards oħrajn tat-tagħbija, tal-injam; pallet collars tal-injam</p> <p>(Mhux inkluż materjal tal-ippakkjar użat esklussivament bħala materjal tal-ippakkjar biex jappoġġa, jipproteġi jew iġorr prodott ieħor introdott fis-suq.)</p> <p>4416 00 00 Btieti, ċilindri, vats, tneffi u prodotti tal-buttrara oħrajn u partijiet</p>
--	--

	<p>tagħhom, tal-injam, inkluż l-injam imqawwes (staves)</p> <p>4418 Xogħol tal-injam għal bennejja, inklużi pannelli tal-injam ċellulari, pannelli assemblati għall-paviment, shingles u shakes</p> <p>Polpa u karta tal-Kapitoli 47 u 48 tan-Nomenklatura Magħquda, bl-eċċezzjoni ta' prodotti bbażati fuq il-bambù u rkuprati (skart u laqx)</p> <p><b>4900 Kotba stampati, gazzetti, stampi u prodotti oħrajn tal-industrija tal-istampar, manuskritti, testi ttajpjati u pjanti</b></p> <p>9403 30, 9403 40, 9403 50 00, 9403 60 u 9403 90 30 Għamara tal-injam</p> <p>9406 10 00 Bini prefabbrikat tal-injam</p>
<b>Gomma</b>	<p><b>4001 Gomma naturali, balata, guttapercha, guayule, chicle u gomom simili; f'forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi</b></p> <p><b>4005 Gomma komposta, mhux vulkanizzata, f'forom primarji jew fi pjanċi, folji jew strixxi</b></p> <p><b>4006 Gomma mhux vulkanizzata f'forom oħra (eż. vireg, tubi u forom profilati) u oġġetti (eż. diski u ċrieki)</b></p> <p><b>4007 Ħajt u korda tal-gomma vulkanizzata</b></p> <p><b>4008 Pjanċi, folji, strixxi, vireg u forom profilati, ta' gomma vulkanizzata minbarra gomma iebsa</b></p> <p><b>4010 Ċineg jew ċineg tal-ġarr jew tat-trażmissjoni, tal-gomma vulkanizzata</b></p> <p><b>4011 Tajers pnevmatiċi ġodda, tal-gomma (oħrajn)</b></p> <p><b>4012 Tajers pnevmatiċi tredjati mill-ġdid jew użati tal-lastku; tajers solidi jew kuxxinetti, rajja jew flaps tat-tajers interkambjabbli, tal-lastku</b></p> <p><b>4013 Tubi ta' ġewwa, tal-gomma</b></p> <p><b>4015 Oġġetti tal-ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ (inklużi ingwanti), għall-iskopijiet</b></p>

	<p><b><i>kollha tal-gomma vulkanizzata minbarra l-gomma iebsa</i></b></p> <p><b><i>4016 Oġġetti tal-gomma vulkanizzata minbarra gomma iebsa, mhux speċifikati band'oħra fil-kapitolu 40</i></b></p> <p><b><i>4017 Gomma iebsa (jiġifieri ebonite) fil-forom kollha inkluż skart u fdal; oġġetti ta' gomma iebsa</i></b></p>
--	---

## Emenda 238

### Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata, id-deskrizzjoni b'test liberu u l-kwantità<sup>70</sup> tal-komodità jew tal-prodott rilevanti maħsub li jiġi introdott fis-suq tal-Unjoni mill-operatur;

---

<sup>70</sup> Il-kwantità trid tiġi espressa f'kilogrammi tal-massa netta u, meta applikabbli, ukoll fl-unità supplimentari stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 li tikkorrispondi għall-kodiċi tas-Sistema Armonizzata indikat. Unità supplimentari hi applikabbli meta tkun iddefinita b'mod konsistenti għas-subintestaturi kollha possibbli skont il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata msemmi fid-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta.

## Emenda 239

### Proposta għal regolament Anness II – paragrafu 1 – punt 3

#### *Emenda*

2. Il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata, id-deskrizzjoni b'test liberu, ***inkluż l-isem kummerċjali kif ukoll, fejn applikabbli, l-isem xjentifiku sħiħ***, u l-kwantità<sup>70</sup> tal-komodità jew tal-prodott rilevanti maħsub li jiġi introdott fis-suq tal-Unjoni mill-operatur ***jew esportat minnu***.

---

<sup>70</sup> Il-kwantità trid tiġi espressa f'kilogrammi tal-massa netta, ***li tispeċifika stima perċentwali jew devjazzjoni***, u, meta applikabbli, ukoll fl-unità supplimentari stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 li tikkorrispondi għall-kodiċi tas-Sistema Armonizzata indikat. Unità supplimentari hi applikabbli meta tkun iddefinita b'mod konsistenti għas-subintestaturi kollha possibbli skont il-kodiċi tas-Sistema Armonizzata msemmi fid-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta.

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-pajjiż tal-produzzjoni u ***l-irqajja' kollha tal-art tal-produzzjoni, inkluż il-koordinati***, il-latitudni u l-lonġitudni ***tal-ġeolokalizzazzjoni***. Meta prodott jew komodità jkun fiha materjali, ingredjenti jew komponenti prodotti ***fi rqajja' tal-art*** differenti, għandhom jiġu inklużi l-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni ***tal-irqajja'*** differenti kollha ***tal-art***;

*Emenda*

3. Il-pajjiż tal-produzzjoni u ***partijiet minnu u l-koordinati kollha tal-ġeolokalizzazzjoni***, il-latitudni u l-lonġitudni, ***tal-biċċiet kollha ta' art kif speċifikat fil-punt (d) tal-Artikolu 9(1)***. Meta prodott jew komodità jkun fiha materjali, ingredjenti jew komponenti prodotti ***f'biċċiet ta' art jew poligoni*** differenti, għandhom jiġu inklużi l-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni ***tal-biċċiet*** differenti kollha ***ta' art jew poligoni***;

## NOTA SPJEGATTIVA

### Introduzzjoni

Il-foresti globali huma l-pulmuni tal-pjaneta tagħna. Huma jaħżnu s-CO<sub>2</sub> u għalhekk jipproteġuna mit-tiġin globali. Barra minn hekk jospitaw 80 % tal-bijodiversità tad-Dinja u jipprovdu sors ta' għajxien u dħul għal madwar 25 % tal-popolazzjoni tad-dinja. Għalhekk id-deforestazzjoni dejjem tikber tal-foresti globali hija estremament inkwetanti. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) tistma li mill-1990 sal-2020 tqaçċtu 420 miljun ettaru ta' foresti. Dan huwa l-ekwivalenti għal żona akbar mill-Unjoni Ewropea. Ir-rapporteur jilqa' li l-Kummissjoni Ewropea segwiet it-talbiet mill-Parlament Ewropew fir-rapport leġislativ tagħha fuq inizjattiva proprja minn Ottubru 2020 biex tipproponi qafas legali biex twaqqaf u treġġa' lura d-deforestazzjoni globali mmexxija mill-UE. Madankollu huwa jemma li hemm lok għal titjib fil-proposta kif deskritt f'dan ir-rapport.

### Kamp ta' applikazzjoni

Il-mutur ewlieni tad-deforestazzjoni huwa l-espansjoni tal-art agrikola biex tipproduċi komoditajiet bħall-baqar, l-injam, iż-żejt tal-palm, is-sojja, il-kawkaw, il-kafè u l-gomma. Il-popolazzjoni dinjija li qed tikber u d-domanda dejjem tikber għall-prodotti agrikoli huma mistennija li jkomplu jżidu d-domanda għall-art agrikola u jagħmlu pressjoni addizzjonali fuq il-foresti. Għalhekk huwa kruċjali li r-regolament ma jkoprix biss il-prodotti tal-injam, iżda wkoll dawk il-komoditajiet li qegħdin jiġu mħawla jew prodotti f'żoni li qabel kienu foresti, li ġew konvertiti f'art agrikola. Il-Kummissjoni ssostni li evalwat l-inklużjoni tal-komoditajiet u l-prodotti li se jkunu koperti minn dan ir-regolament abbażi ta' analiżi dettaljata tal-ispejjeż u l-benefiċċji u għalhekk għażlet dawk il-komoditajiet fejn intervent jista' jgħib miegħu l-ogħla benefiċċji għal kull unità ta' valur tal-kummerċ. Għalkemm il-qamħirrum u l-gomma ġew inklużi fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tinkludihomx fl-ambitu tal-proposta tagħha peress li "jenħtieġ sforz kbir ħafna u piż finanzjarju u amministrattiv sinifikanti, b'redditu limitat f'termini tat-trażżin tad-deforestazzjoni xprunat mill-konsum tal-UE."

Ir-rapporteur ma jaqbilx ma' din il-konklużjoni u jipproponi li tiġi inkluzja tal-inqas il-gomma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament. Huwa jkabbar ukoll il-kamp ta' applikazzjoni għal prodotti derivatiminn prodotti bbażati fuq iż-żejt tal-palm bħall-kożmetiċi peress li dawn il-prodotti jammontaw għal sehem kbir taż-żejt tal-palm importat. Skont it-tim ta' xjenzati li pproduċa s-sett tad-data tad-deforestazzjoni inkorporata għall-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni, hemm inkonsistenza fundamentali fil-proporzjon tal-ispejjeż u l-benefiċċji, li twassal għal nuqqas ta' qbil meta jiġu stmati d-deforestazzjoni inkorporata u l-valur ekonomiku assoċjat. Eventwalment, il-Kummissjoni kkalkulat id-deforestazzjoni inkorporata fuq il-bażi tal-importazzjoni tal-gomma naturali biss u mhux il-valur tal-prodotti kollha tal-gomma pproċessati.

Ir-rapporteur jemma li l-lista stabbilita fil-valutazzjoni tal-impatt hija punt ta' tluq tajjeb, iżda għandha tiġi riveduta aktar fil-futur biex tiżdied aktar ambizzjoni mar-regolament. Għalhekk jitlob lill-Kummissjoni tagħmel rieżami tar-regolament sentejn wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u, sadanittant, twettaq valutazzjonijiet tal-impatt dettaljati dwar l-estensjoni eventwali tal-kamp ta' applikazzjoni għal ekosistemi u komoditajiet oħra bħal laħam ieħor, ċanga pproċessata, kannamieli u faħam.



### Ir-rwol tad-drittijiet tal-popli indiġeni

Il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi tliet kundizzjonijiet ċari li jridu jiġu ssodisfati sabiex il-komoditajiet u l-prodotti jitqiegħdu fis-suq tal-UE. Sfortunatament, il-Kummissjoni ssemmi biss il-konformità mal-liġijiet nazzjonali bħala waħda mit-tliet kundizzjonijiet. Ir-rapporteur jemmen li din il-kundizzjoni għandha tinkludi wkoll ir-rispett tal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-pussess konswetudinarju u l-popli indiġeni. Huma l-ewwel li sfaw vittmi tad-deforestazzjoni, tilfu djarhom u l-ġhajxien tagħhom. Fl-istess ħin l-istudji juru li r-rati ta' deforestazzjoni f'artijiet miżmuma minn komunitajiet indiġeni huma ferm aktar baxxi peress li għandhom it-tendenza li jimmaniġġjaw b'mod attiv u sostenibbli l-foresti li jgħixu minnhom.

Ir-rapporteur jagħti attenzjoni speċjali lill-kundizzjonijiet tal-ġhajxien tal-gruppi tal-popolazzjoni l-aktar vulnerabbli li taħt l-ebda ċirkostanza m'għandhom jiġu mibdula b'dan ir-regolament.

### Bdiewa b'azjenda agrikola żgħira

Is-sehem ta' bdiewa b'azjenda agrikola żgħira fil-komoditajiet li se jkunu koperti minn dan ir-regolament huwa għoli ħafna, u jilħaq sa 80 % fis-settur tal-kawkaw pereżempju. Għalhekk huwa fundamentali li dan ir-regolament jiġi mfassal b'mod li ma jwassalx għall-esklużjoni ta' dawn il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira. Ir-rapporteur għalhekk jenfasizza l-ħtieġa li jingħata appoġġ finanzjarju u tekniku biex jgħin lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżit ta' ġeolokalizzazzjoni. Ir-rapporteur jipproponi li tkun permessa ftit aktar flessibilità li tipprovdi l-possibilità għal koordinati ta' ġeolokalizzazzjoni għal żona ta' produzzjoni u mhux neċessarjament għal kull biċċa art sabiex tiġi evitata l-esklużjoni tal-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira.

### Sistema ta' Traċċabbiltà

L-idea tat-traċċabbiltà għal kull biċċa art permezz tal-ġeolokalizzazzjoni hija l-aktar element innovattiv tal-proposta tal-COM. Filwaqt li din l-idea ġdida tagħmel il-proposta tanġibbli u komprensiva għal kull ċittadin, toħloq l-akbar sfidi għall-implimentazzjoni fil-post.

Il-komoditajiet b'riskju ta' deforestazzjoni jew degradazzjoni tal-foresti spiss jinxtrow minn ktajjen tal-provvista globali. Il-kumpaniji jista' jkollhom sa 10,000 oġġett ta' assortiment u sa 190,000 fornitur fis-sistemi tagħhom u l-ingredjenti b'rilevanza għar-riskju jistgħu jiġu minn medja ta' 15-il pajjiż ta' oriġini. Il-ktajjen tal-provvista għal dawn il-komoditajiet jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti minn komodità għal oħra. Skont ir-regoli attwali, ma jkunx possibbli li kull prodott jiġi traċċat lura għal pakkett individwali ta' bidwi b'azjenda agrikola żgħira. Għal ħafna komoditajiet, l-operaturi jaqsmu l-infrastrutturi tal-katina tal-provvista. Dan ifisser li trakkijiet jiġbru komoditajiet minn reġjuni differenti (ħielsa mid-deforestazzjoni u mingħajr deforestazzjoni), iħalltu dawk il-komoditajiet f'ħażniet jew imtieħen fejn imbagħad jiġu ttrasportati lejn bastimenti ftankijiet imħallta li jistgħu jfornu diversi kontinenti. L-iżgurar li komodità tkun "ħielsa mid-deforestazzjoni" inevitabilment ifisser li se jkollhom jitwaqqfu ktajjen tal-provvista segregati. L-eżempji ta' prodotti ħielsa mill-OĠM urew li dan huwa possibbli, iżda huwa kkumplikat, jirrikjedi ż-żmien u jiswa ħafna flus. Ir-rapporteur għalhekk jemmen li l-Kummissjoni għandha tanalizza l-ktajjen tal-provvista differenti u tistabbilixxi regoli dwar ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, għodod ta' traċċabbiltà u regoli ta' responsabbiltà

għall-ktajjen ta' provvista differenti li huma koperti minn dan ir-regolament. Dawn il-linji gwida għandhom iqisu wkoll in-natura speċifika tal-komoditajiet. Il-pjanti tal-kafè, pereżempju, iridu jinqatgħu kull ħames snin. Tali proċeduri m'għandhomx jiġu interpretati bħala deforestazzjoni. Sabiex jippermetti implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-regolament u adattament tal-ktajjen tal-provvista, ir-rapporteur estenda wkoll id-dati ta' applikazzjoni kif deskritti fl-Artikolu 36 rispettivament b'sena.

### Sistema ta' Diliġenza Dovuta

Skont is-sistema ta' diliġenza dovuta tal-Kummissjoni, l-operaturi u n-negozjanti li mhumiex SMEs għandhom jiżguraw li r-riskju li komoditajiet jew prodotti mhux konformi jitqiegħdu fis-suq ikun negliġibbli. Għalhekk għandhom japplikaw il-kunċett ta' diliġenza dovuta inkluż il-ġbir ta' informazzjoni rilevanti (l-Artikolu 9) kif ukoll it-twertiq ta' valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju (l-Artikolu 10). Filwaqt li r-rapporteur jilqa' l-approċċ tad-diliġenza dovuta, ir-responsabbiltajiet u l-obbligi tad-diversi operaturi u negozjanti fil-katina tal-provvista huma vagi ħafna fil-proposta attwali tal-Kummissjoni li tħalli lok għall-inċertezza legali. Il-mod kif titfassal il-proposta tal-Kummissjoni jkun ifisser li kull operatur u kull negozjant li mhux SME fil-katina tal-provvista jridu jieħdu l-passi kollha tal-proċedura tad-diliġenza dovuta. Dan jirriżulta f'piż amministrattiv kbir, id-duplikazzjoni tal-isforzi u jagħmel lill-operaturi fl-aħħar tal-katina tal-provvista responsabbli għal mistoqsijiet li huma barra mill-kontroll tagħhom. Ir-rapporteur għalhekk jiċċara li l-ewwel analiżi tad-diliġenza dovuta għandha titwettaq biss mill-operatur jew min-negozjant li jqiegħed il-prodott għall-ewwel darba fis-suq tal-UE. Din l-informazzjoni dwar id-diliġenza dovuta, li se tiġi pprovduta b'mod armonizzat u diġitali permezz ta' dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta, imbagħad se tiġi mgħoddija lill-operaturi u n-negozjanti l-oħra fil-katina tal-provvista.

### Valutazzjoni komparattiva tar-riskju tal-pajjiżi

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tistabbilixxi sistema ta' valutazzjoni komparattiva fuq tliet livelli li tassenja pajjiżi jew partijiet minnhom bi status baxx, standard jew ta' riskju għoli. B'hekk il-Kummissjoni tittama li tinċentiva pajjiżi b'riskju għoli biex jiżguraw sforzi aktar b'saħħithom għall-protezzjoni tal-foresti u jippermettu tnaqqis gradwali tad-diliġenza dovuta u r-rekwiżiti ta' kontroll għall-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti. Ir-rapporteur jemmen li l-approċċ fuq tliet livelli se jgħalluq problemi minflok jgħin fl-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament. L-assenjazzjoni ta' kategorija ta' riskju għoli għall-pajjiżi tista' tiġi kkontestata mill-pajjiż ikkonċernat quddiem l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Filwaqt li valutazzjoni ta' riskju għoli ma twassalx awtomatikament għal projbizzjoni ta' komoditajiet minn dawn il-pajjiżi, iż-żieda fil-kriterji ta' diliġenza dovuta jistgħu jiskoraġġixxu lill-kumpaniji milli jżommu ktajjen tal-provvista minn pajjiżi b'riskju għoli. Barra minn hekk, tikkastiga lill-produtturi f'pajjiżi jew reġjuni b'riskju għoli li diġà għamlu sforzi u investimenti biex jiżguraw il-produzzjoni ħielsa mid-deforestazzjoni. Ir-rapporteur għalhekk jipproponi li titrażżan il-valutazzjoni komparattiva tar-riskju biex jiġu identifikati pajjiżi b'riskju baxx sabiex il-produtturi jkunu jistgħu japplikaw id-diliġenza dovuta simplifikata għal dawn il-pajjiżi u jiġu inċentivati pajjiżi oħra biex iwettqu sforzi biex jimxu lejn l-istatus ta' riskju baxx.

### Qerda ta' prodotti mhux konformi

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprevedi l-għażla li l-awtoritajiet doganali jistgħu jeqirdu l-

komoditajiet jew il-prodotti mhux konformi fuq talba tal-awtorità kompetenti. Minħabba li l-prodotti mhux konformi ma jgħolqux theddida għas-saħħa tal-konsumaturi tal-UE u l-UE impenjat ruħha għal ekonomija ċirkolari li tevita l-ħela (tal-ikel) bl-aħjar mod possibbli, ir-rapporteur jemmen li l-qerda ta' prodotti mhux konformi ma tistax tkun iġġustifikata.

### Rimarki ta' konklużjoni

Il-konsum tal-UE huwa responsabbli biss għal madwar 10 % tad-deforestazzjoni globali. Madankollu r-rapporteur huwa konvint li din il-proposta tista' tagħmel differenza kbira mhux biss għall-kontribut tal-Unjoni għad-deforestazzjoni, iżda wkoll fil-ġlieda globali kontra d-deforestazzjoni irriversibbli. L-UE hija magħrufa li tmexxi bl-eżempju. Jekk is-sħab kummerċjali tagħna u l-pajjiżi terzi jaraw li t-twaqqif ta' ktajjen tal-provvista ħielsa mid-deforestazzjoni jaħdem, huma se jagħmlu użu mill-għodod li l-UE se tpoġġi fis-seħħ u jikkonvinċu aktar u aktar bdiewa u sidien tal-foresti biex jipparteċipaw f'użu aktar sostenibbli tal-foresti u art agrikola. Fl-aħħar mill-aħħar, dan ir-regolament huwa pass inevitabbli jekk irridu jkollna suċċess fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Għandu jkun ċar għalina lkoll li, mingħajr ma titrażżan id-deforestazzjoni globali, l-isforzi kollha li qegħdin nagħmlu fl-UE biex inrażżnu t-tibdil fil-klima mhu se jkun xejn ħlief qatra fl-oċean.



**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA  
KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-lista li ġejja hija mfassla fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklussiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċieva kontribut mill-entitajiet jew mill-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
Fern - Making the EU work for People and Forests
Organizzazzjonijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali (22 assoċjazzjoni minn 33 pajjiż)
Mighty Earth
Global Witness
Greenpeace
Rainforest Alliance
Preferred by Nature
Wildlife Conservation Society
Brainforest - Gabon
Inclusive Development International
Youth for Promotion of Development - il-Kamerun
Synaparcam - il-Kamerun
Green Development Advocates - il-Ghana
Zoological Society of London
ResourceTrust Network - il-Ghana
National Action pour la Promotion et Protection des Peuples et Espèces Menacés DR Congo)
FarmForce
ClientEarth
Conservation International Europe
Environmental Investigation Agency
Forest People Programme
Inizjattiva Qafas dwar ir-Responsabbiltà (NGO)
ISEAL Alliance
Earthsight
Fairtrade Advocacy
Tropenbos
Solidaridad
IUCN - in-Netherlands
FTAO
Human Rights Watch
Uffiċċju tal-Politika Ewropea WWF
Earthworm
Round Table on Responsible Soy
Organizzazzjoni Avorjana ta' diversi partijiet konċernati (30 OSC u 35 organizzazzjoni tal-bdiewa)
EDRA/GHIN - European Retail and Home Improvement Association

DIHK - Deutsche Handwerkskammer (Il-Kamra tal-Artiġjanat Ġermaniża)
FoodDrinkEurope - L-Industrija Ewropea tal-Ikel u x-Xorb
BVLH - Deutscher Handelsverband Lebensmittel (Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-bejjieġha tal-ikel bl-imnut)
PepsiCo
FEDIOL - Assoċjazzjoni tal-UE tal-industrija taż-żejt veġetali u l-proteinmeal
Coceral - Assoċjazzjoni Ewropea tal-kummerċ fiċ-ċereali, iż-żrieragħ żejtnin, ir-ross, il-legumi, iż-żejt taż-żebbuġa, iż-żjut u x-xaħmijiet, l-għalf tal-animali u l-agroprovvista
FEFAC - Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Għalf
AVEC - Is-Settur Ewropew tal-Laħam tat-Tjur
CIBE - Konfederazzjoni Internazzjonali ta' dawk li jkabbru l-pitravi Ewropej
WILMAR International Limited
USSEC - Kunsill għall-Esportazzjoni tas-Sojja tal-Istati Uniti
CEFIC - Kunsill Ewropew għall-Industrija Kimika
APAG - Grupp Ewropew tal-Prodotti Oleokimiċi u Alleati
CESIO - Kumitat Ewropew għal Aġenti Tensjoattivi Organiċi u l-Intermedjarji tagħhom
BASF
Assoċjazzjoni Ewropea tal-Marki Kummerċjali (AIM)
BDSI - Bund deutscher Süßwarenindustrie (Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Ħelu)
ECA - Assoċjazzjoni Ewropea taċ-Ċikkulata
DBV - Deutscher Bauernverband - (Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Bdiewa)
CEPF - Konfederazzjoni tas-Sidien tal-Foresti Ewropej
CopaCocega - Bdiewa u kooperattivi agrikoli Ewropej
ELO - Assoċjazzjoni Ewropea tas-Sidien tal-Art
USSE - Union de Selvicultores del Sur de Europa
EUSTAFOR - Niġġestixxu l-Foresti tal-Istat b'mod Responsabbli
FECOF - Fédération européenne des Communes forestières
UEF - Konfederazzjoni tal-Forestiera Ewropej
Stora Enso
FFIF - L-Industriji tal-Foresti Finlandiżi
L-Industriji tal-Foresti Żvediżi
EOS - Organizzazzjoni Ewropea tal-Industrija tas-Segeriji
FAM
HDH - Hauptverband der deutschen Holzindustrie (Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Injam Ġermaniża)
Conseil National du Cuir (Il-Kunsill Franċiż tal-Ġilda)
Carbonex
CEPI - L-Industrija tal-Karta Ewropea
ECF - Il-Federazzjoni Ewropea tal-Kafè

17.5.2022

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Karin Karlsbro

(\*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

### EMENDI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

#### Emenda 1

##### Proposta għal regolament Premessa 9

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Fl-2019, il-Kummissjoni adottat diversi inizjattivi sabiex tindirizza l-kriżijiet ambjentali globali, inkluż azzjonijiet speċifiċi dwar id-deforestazzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja"<sup>23</sup>, il-Kummissjoni identifikat bħala prijorità t-tnaqqis tal-impronta tal-konsum tal-Unjoni fuq l-art u l-inkoraġġiment tal-konsum ta' prodotti mill-ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni fl-Unjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"<sup>24</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida għat-ktabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni

###### *Emenda*

(9) Fl-2019, il-Kummissjoni adottat diversi inizjattivi sabiex tindirizza l-kriżijiet ambjentali globali, inkluż azzjonijiet speċifiċi dwar id-deforestazzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja"<sup>23</sup>, il-Kummissjoni identifikat bħala prijorità t-tnaqqis tal-impronta tal-konsum tal-Unjoni fuq l-art u l-inkoraġġiment tal-konsum ta' prodotti mill-ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni fl-Unjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"<sup>24</sup>, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida għat-ktabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni

f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u l-ebda persuna jew post ma **jitħalla jibqa'** lura. Din għandha wkoll l-għan li tipproteġi, tikkonserva u ssaħħa il-kapital naturali tal-Unjoni, u tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-ġenerazzjonijiet futuri, fost l-oħrajn, arja friska, ilma nadif, ħamrija tajba u bijodiversità. Għal dak il-għan, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030<sup>25</sup>, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt<sup>26</sup>, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti<sup>27</sup>, il-pjan ta' azzjoni tal-UE għal tniġġis zero<sup>28</sup> u strateġiji rilevanti oħra<sup>29</sup> żviluppjati skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ikomplu jenfazizzaw l-importanza tal-azzjoni dwar il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-foresti. Partikolarment, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għandha l-għan li tipproteġi n-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Fl-aħħar nett, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija<sup>30</sup> ttejjeb il-protezzjoni tal-ambjent u tal-ekosistemi filwaqt li tindirizza d-domanda dejjem akbar għall-ikel, l-għalf, l-enerġija, il-materjali u l-prodotti billi tfittex modi ġodda għall-produzzjoni u l-konsum.

---

<sup>23</sup> COM(2019) 352 final.

<sup>24</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

<sup>25</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew,

f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva **mibnija fuq kummerċ ħieles sostenibbli bbażat fuq ir-regoli**, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u l-ebda persuna jew post ma **jitħallew jibqgħu** lura. Din għandha wkoll l-għan li tipproteġi, tikkonserva u ssaħħa il-kapital naturali tal-Unjoni, u tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-ġenerazzjonijiet futuri, fost l-oħrajn, arja friska, ilma nadif, ħamrija tajba u bijodiversità. Għal dak il-għan, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030<sup>25</sup>, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt<sup>26</sup>, l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti<sup>27</sup>, il-pjan ta' azzjoni tal-UE għal tniġġis zero<sup>28</sup> u strateġiji rilevanti oħra<sup>29</sup> żviluppjati skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ikomplu jenfazizzaw l-importanza tal-azzjoni dwar il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-foresti. Partikolarment, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għandha l-għan li tipproteġi n-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Fl-aħħar nett, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija<sup>30</sup> ttejjeb il-protezzjoni tal-ambjent u tal-ekosistemi filwaqt li tindirizza d-domanda dejjem akbar għall-ikel, l-għalf, l-enerġija, il-materjali u l-prodotti billi tfittex modi ġodda għall-produzzjoni u l-konsum.

---

<sup>23</sup> COM(2019) 352 final.

<sup>24</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

<sup>25</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew,



lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġgħu n-natura lura f'ħajjtna, COM/2020/380 final.

<sup>26</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM/2020/381 final.

<sup>27</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti, COM(2013) 659 final.

<sup>28</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM/2021/400 final.

<sup>29</sup> eż. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM (2021) 345 final.

<sup>30</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent: strateġija dwar il-bijoeconomija aġġornata, Strateġija dwar il-Bijoeconomija aġġornata, COM(2018) 273

lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġgħu n-natura lura f'ħajjtna, COM/2020/380 final.

<sup>26</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM/2020/381 final.

<sup>27</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti, COM(2013) 659 final.

<sup>28</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM/2021/400 final.

<sup>29</sup> eż. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040, COM (2021) 345 final.

<sup>30</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Bijoeconomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent: strateġija dwar il-bijoeconomija aġġornata, Strateġija dwar il-Bijoeconomija aġġornata, COM(2018) 273

final.

final.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 14

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni importat u kkonsumat terz tal-prodotti agricoli nnegożjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll tippromwovi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan **li** tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti mal-pajjiżi produttori u tal-konsumaturi huma fundamentali f'dak ir-rigward.

#### *Emenda*

(14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni importat u kkonsumat terz tal-prodotti agricoli nnegożjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll tippromwovi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan **tat-tnaqqis nett tad-deforestazzjoni globali billi tippromwovi produzzjoni sostenibbli f'żoni ta' riskju għoli u tiddiżinċentiva deforestazzjoni ġdida fl-oqsma kollha. Jenħtieġ ukoll li l-politika tal-Unjoni** tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. **Politika kummerċjali mibnija fuq il-ftuħ u l-kummerċ ħieles sostenibbli bbażat fuq ir-regoli hija għodda effettiva biex issir bidla globali, jekk tkun allinjata kif xieraq mal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku.** Is-sħubijiet **multilaterali u bilaterali** u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti, **inklużi l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles**, mal-pajjiżi

produtturi u tal-konsumaturi, *filwaqt li jitqiesu l-inputs mill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha*, huma fundamentali f'dak ir-rigward.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14a) Kwalunkwe sħubija jew kooperazzjoni ma' sieħeb kummerċjali jenħtieġ li dejjem tippermetti l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi s-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, l-awtoritajiet lokali u s-settur privat inklużi l-SMEs u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira.**

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 18

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(18) Bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, trasparenti, prevedibbli, inklużiva, mhux diskriminatorja u ekwitabbli skont id-WTO, kif ukoll politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament se jinkludi kemm il-komoditajiet kif ukoll il-prodotti li jkun gw prodotti fl-Unjoni u l-komoditajiet u l-prodotti importati lejn l-Unjoni.

(18) Bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, trasparenti, prevedibbli, inklużiva, mhux diskriminatorja u ekwitabbli skont id-WTO, kif ukoll politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva. ***Kwalunkwe miżura introdotta mill-Unjoni li taffettwa l-kummerċ trid tkun konformi mad-WTO. Barra minn hekk, il-miżuri kollha introdotti mill-Unjoni li jaffettwaw il-kummerċ iridu jqisu r-rispons possibbli tas-sħab kummerċjali tal-Unjoni u jiżguraw li l-infurzar tal-miżura ma jkunx restrittiv bla bżonn u lanqas ma jfixkel il-kummerċ.*** Għalhekk, il-kamp ta'

applikazzjoni ta' dan ir-Regolament se jinkludi kemm il-komoditajiet kif ukoll il-prodotti li jkunu ġew prodotti fl-Unjoni u l-komoditajiet u l-prodotti importati lejn l-Unjoni ***kif ukoll enfasi fuq il-komoditajiet u l-prodotti bl-akbar riskju li jwasslu għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-foresti.***

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 18a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(18a) L-isfidi li qed tiffaċċja d-dinja fir-rigward tat-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' azzjoni fuq livell globali. L-Unjoni jenħtieġ li tkun attur globali b'saħħtu kemm billi tkun ta' eżempju kif ukoll billi tkun minn ta' quddiem fil-kooperazzjoni internazzjonali biex toħloq sistema multilaterali miftuħa fejn il-kummerċ sostenibbli jaġixxi bħala faċilitatur ewlieni tat-tranżizzjoni ekoloġika kemm għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima kif ukoll biex jitwaqqaf it-telfien tal-bijodiversità.***

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 19

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"<sup>38</sup> li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija

(19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"<sup>38</sup> li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija

ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-obiettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Il-politika kummerċjali jrid ikollha r-rwol sħiħ tagħha fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u lejn il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti fid-dinja.

ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-obiettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, ***tiżgura kundizzjonijiet ekwi għan-negozji tal-UE, u tiffoka fuq l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-ftehimiet ta' kummerċ kif ukoll fuq il-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali ġodda li jenħtieġ li jinkludu dispożizzjonijiet infurzabbli b'saħħithom dwar is-sostenibbiltà, partikolarment għall-foresti, u l-obbligu ta' infurzar effettiv tal-ftehimiet ambjentali multilaterali, bħall-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.*** Il-politika kummerċjali jrid ikollha r-rwol sħiħ tagħha fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u lejn il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti fid-dinja.

---

<sup>38</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021) 66 final, 18 ta' Frar 2021.

---

<sup>38</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021) 66 final, 18 ta' Frar 2021.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 20

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun komplementari għal miżuri oħra proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja"<sup>39</sup>, partikolarment: 1) il-ħidma fi sħubija mal-pajjiżi produttori, sabiex dawn jiġu

#### *Emenda*

(20) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun komplementari għal miżuri oħra proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja"<sup>39</sup>, partikolarment: 1) il-ħidma fi sħubija mal-pajjiżi produttori, sabiex dawn jiġu

appoġġati fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, bħall-governanza dgħajfa, l-infurzar tal-liġi ineffettiv u l-korruzzjoni, u 2) it-tishiġ tal-kooperazzjoni internazzjonali, ma' pajjiżi konsumaturi ewlenin, **sabiex tiġi promossa** l-adozzjoni ta' miżuri simili sabiex jiġi evitat li fis-swieq tagħhom jiġu introdotti prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

---

<sup>39</sup> COM(2019) 352 final.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produttori, u aktar ġeneralment f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tal-popli indiġeni, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija. B'dan il-mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi r-rwol tal-popli indiġeni fil-protezzjoni tal-foresti. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba fil-kuntest tal-inizjattivi diġà eżistenti,

appoġġati fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, bħall-governanza dgħajfa, l-infurzar tal-liġi ineffettiv u l-korruzzjoni, u 2) it-tishiġ tal-kooperazzjoni internazzjonali, ma' pajjiżi konsumaturi ewlenin **billi, fost azzjonijiet oħra, jiġu promossi l-ftehimiet kummerċjali li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-konservazzjoni tal-foresti u jinkoraġġixxu l-kummerċ fi prodotti agrikoli u bbażati fuq il-foresti li ma jkunux kkawżaw deforestazzjoni, u** l-adozzjoni ta' miżuri simili sabiex jiġi evitat li fis-swieq tagħhom jiġu introdotti prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

---

<sup>39</sup> COM(2019) 352 final.

#### *Emenda*

(21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produttori, u aktar ġeneralment f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali **kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati rilevanti attivi fil-post**, u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni **u r-restawr** tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tal-popli indiġeni **u l-komunitajiet lokali**, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija **mingħajr ma jittraskuraw l-oqfsa nazzjonali dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti**. B'dan il-

jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produtturi, fuq talba tagħhom, sabiex jisfruttaw il-funzjonalitajiet multipli tal-foresti, jappoġġawhom fit-tranżizzjoni lejn ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar It-Tiŝiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produtturi jipproteġu, jirrestawraw u jużaw **sostenibbilment il-foresti**, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi r-rwol tal-popli indiġeni **u l-komunitajiet lokali** fil-protezzjoni tal-foresti. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba fil-kuntest tal-inizjattivi diġà eżistenti, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produtturi, fuq talba tagħhom, sabiex jisfruttaw il-funzjonalitajiet multipli tal-foresti, jappoġġawhom fit-tranżizzjoni lejn ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar It-Tiŝiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. **Kwalunkwe regola u rekwiżit irid ikollhom l-għan li jimminimizzaw il-piż fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'pajjiżi terzi u jipprevjenu l-ostakli għall-aċċess tagħhom għas-suq tal-Unjoni u l-kummerċ internazzjonali.** Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produtturi jipproteġu, jirrestawraw u jużaw **sostenibbilment il-foresti**, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti **kif ukoll jappoġġa r-restawr tal-foresti.**

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Azzjoni importanti oħra mħabbra fil-Komunikazzjoni hija l-istabbiliment tal-Osservatorju tal-UE dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi assoċjati ("Osservatorju tal-UE") li tnieda mill-Kummissjoni sabiex jiġu mmonitorjati aħjar il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi

#### *Emenda*

(22) Azzjoni importanti oħra mħabbra fil-Komunikazzjoni hija l-istabbiliment tal-Osservatorju tal-UE dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi assoċjati ("Osservatorju tal-UE") li tnieda mill-Kummissjoni sabiex jiġu mmonitorjati aħjar il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi

relatati. Barra minn hekk, filwaqt li jibni fuq għodod ta' monitoraġġ diġà eżistenti, inkluż il-prodotti ta' Copernicus, l-Osservatorju tal-UE se jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista għall-entitajiet pubbliċi, għall-konsumaturi u għan-negozji, jipprovdi data u informazzjoni faċli sabiex tinftiehem li jorbtu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u l-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja għad-domanda/għall-kummerċ tal-UE għal komoditajiet u prodotti. Għalhekk, l-Osservatorju tal-UE se jappoġġa direttament l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jipprovdi evidenza xjentifika fir-rigward tad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti u l-kummerċ relatat. L-Osservatorju tal-UE se jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, mal-istituti tar-riċerka, u ma' pajjiżi terzi.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 23a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

relatati. Barra minn hekk, filwaqt li jibni fuq għodod ta' monitoraġġ diġà eżistenti, inkluż il-prodotti ta' Copernicus, l-Osservatorju tal-UE se jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista għall-entitajiet pubbliċi, għall-konsumaturi u għan-negozji, jipprovdi data u informazzjoni faċli sabiex tinftiehem li jorbtu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u l-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja għad-domanda/għall-kummerċ tal-UE għal komoditajiet u prodotti. Għalhekk, l-Osservatorju tal-UE se jappoġġa direttament l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jipprovdi evidenza xjentifika fir-rigward tad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti u l-kummerċ relatat. ***L-UE jenħtieġ li teżamina wkoll kif tintegra l-monitoraġġ tad-drittijiet tal-art fl-Osservatorju tal-UE.*** L-Osservatorju tal-UE se jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, mal-istituti tar-riċerka, ***mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, man-negozji*** u ma' pajjiżi terzi

*Emenda*

***(23a) Biex jiġi żgurat li l-livell totali tal-piż regolatorju ma jiżdiedx bla bżonn għall-operaturi u n-negozjanti fis-setturi koperti minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tevalwa l-ispiża tal-piżijiet amministrattivi addizzjonali imposti fuq l-operaturi u n-negozjanti minn dan ir-Regolament, u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex jitnaqqsu l-piżijiet, speċjalment għall-intrapriżi***



*żgħar u ta' daqs medju. Din l-  
evalwazzjoni jenħtieġ li ssir  
f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet  
ikkonċernati affettwati.*

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

#### Premessa 29

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Jenħtieġ li l-obbligi li jikkonċernaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jiġu stabbiliti minn dan ir-Regolament sabiex jiġu miġġielda effettivament id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġu promossi ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni.

##### *Emenda*

(29) Jenħtieġ li l-obbligi li jikkonċernaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jiġu stabbiliti minn dan ir-Regolament sabiex jiġu miġġielda effettivament id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġu promossi ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni, ***kif ukoll biex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem, u d-drittijiet tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali.***

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Premessa 32

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqieġhda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni u jkunux ġew prodotti f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni. Sabiex jiġi kkonfermat li dan huwa l-każ, jenħtieġ li ***dawn*** dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta'

##### *Emenda*

(32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni ***u lanqas ma jiġu esportati minnu,*** jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqieġhda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni u jkunux ġew prodotti f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni ***u f'konformità mad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u d-drittijiet tal-popli***

diliġenza dovuta.

**indiġeni u l-komunitajiet lokali, adottati mill-pajjiż tal-produzzjoni.** Sabiex jiġi kkonfermat li dan huwa l-każ, **komoditajiet u prodotti rilevanti** jenħtieġ li dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta.

### Emenda 13

#### Proposta għal regolament Premessa 35

*Test propost mill-Kummissjoni*

(35) Sabiex jiġu rikonossuti prattiki tajbin, fil-proċedura tal-valutazzjoni tar-riskju jistgħu jintużaw skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi oħra verifikati minn partijiet terzi, madankollu, jenħtieġ li dawn ma **jissostitwixxux** ir-responsabbiltà tal-operatur fir-rigward tad-diliġenza dovuta.

*Emenda*

(35) Sabiex jiġu rikonossuti prattiki tajbin, fil-proċedura tal-valutazzjoni tar-riskju **u fil-mitigazzjoni tar-riskju** jistgħu jintużaw skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi oħra verifikati minn partijiet terzi, madankollu, jenħtieġ li dawn ma **jissostitwux** ir-responsabbiltà tal-operatur fir-rigward tad-diliġenza dovuta.

### Emenda 14

#### Proposta għal regolament Premessa 39a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(39a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta linji gwida speċifiċi għas-settur dettaljati u faċli għall-utent dwar kif l-operaturi u n-negozjanti jistgħu jstabilixxu s-sistemi ta' diliġenza dovuta tagħhom biex jiżguraw li jkunu jistgħu jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Dawn il-linji gwida jenħtieġ li jkopru t-tliet kundizzjonijiet kollha ta' adempjenza kif iddikjarat minn dan ir-Regolament, jiġifieri li l-komoditajiet u l-prodotti jenħtieġ li jkunu ħielsa mid-deforestazzjoni, jiġu prodotti skont il-liġijiet rilevanti fil-pajjiż tal-produzzjoni u fir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u d-drittijiet tal-popli**

*indiġeni u l-komunitajiet lokali u jkunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta. Il-linji gwida jenħtieġ li jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kemm mill-Unjoni kif ukoll mis-sħab kummerċjali tagħna, u jiġu rieżaminati regolarment.*

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 41

*Test propost mill-Kummissjoni*

(41) L-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi u effiċjenti ta' dan ir-Regolament huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u tiġġestixxi sistema ta' informazzjoni sabiex tappoġġa lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti fil-preżentazzjoni u fl-aċċess tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti fis-suq. Jenħtieġ li l-operaturi jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta fis-sistema tal-informazzjoni. Jenħtieġ li s-sistema ta' informazzjoni tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-awtoritajiet doganali sabiex tiffaċilita t-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li s-sistema tal-informazzjoni tkun aċċessibbli wkoll għal pubbliku usa', bid-data anonimizzata provduta f'format miftuħ u li jinqara mill-magni f'konformità mal-Politika tal-Unjoni dwar id-Data Miftuħa.

*Emenda*

(41) L-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi u effiċjenti ta' dan ir-Regolament huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u tiġġestixxi sistema ta' informazzjoni sabiex tappoġġa lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti fil-preżentazzjoni u fl-aċċess tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti fis-suq. Jenħtieġ li l-operaturi jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta fis-sistema tal-informazzjoni. Jenħtieġ li s-sistema ta' informazzjoni tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-awtoritajiet doganali sabiex tiffaċilita t-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament ***u jenħtieġ li tiffaċilita t-trasferimenti ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali kif ukoll fosthom.*** Jenħtieġ li s-sistema tal-informazzjoni tkun aċċessibbli wkoll għal pubbliku usa', bid-data anonimizzata provduta f'format miftuħ u li jinqara mill-magni f'konformità mal-Politika tal-Unjoni dwar id-Data Miftuħa.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 47a (ġdida)

*(47a) Biex jiġi żgurat li dan ir-Regolament ma jgħallix restrizzjoni bla bżonn għall-kummerċ, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkoopera ma' pajjiżi li huma identifikati li jippreżentaw riskju standard jew għoli, u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti f'dawn il-pajjiżi, biex taħdem favur it-tnaqqis tal-livell ta' riskju. Din il-kooperazzjoni jenħtieġ li tinkludi wkoll assistenza għal modi kif jiġu rrimedjati r-raġunijiet l-għaliex il-pajjiż partikolari ma jkunx pajjiż b'riskju baxx.*

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(48) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti, f'intervalli regolari, sabiex jivverifikaw li dawn qegħdin tassew iwettqu l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki meta jkollhom fil-pussess tagħhom informazzjoni rilevanti u abbażi ta' dan, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati sottomessa minn partijiet terzi. Għal kopertura komprensiva tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, tal-operaturi u n-negozjanti rispettivi u tal-volumi tas-sehem tagħhom ta' komoditajiet u prodotti, jenħtieġ li japplika approċċ maqsum f'żewġ partijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jivverifikaw ċertu perċentwal ta' operaturi u negozjanti, filwaqt li jkopru wkoll perċentwal speċifiku ta' komoditajiet u prodotti rilevanti. Jenħtieġ li tali perċentwali jkunu oġġa għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew

(48) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti, f'intervalli regolari, sabiex jivverifikaw li dawn qegħdin tassew iwettqu l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki meta jkollhom fil-pussess tagħhom informazzjoni rilevanti u abbażi ta' dan, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati sottomessa minn partijiet terzi. Għal kopertura komprensiva tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, tal-operaturi u n-negozjanti rispettivi u tal-volumi tas-sehem tagħhom ta' komoditajiet u prodotti, jenħtieġ li japplika approċċ maqsum f'żewġ partijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jivverifikaw ċertu perċentwal ta' operaturi u negozjanti, filwaqt li jkopru wkoll perċentwal speċifiku ta' komoditajiet u prodotti rilevanti **u li dan isir skont pjan stabbilit minn kull Stat Membru abbażi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju**. Jenħtieġ li tali perċentwali jkunu oġġa għall-komoditajiet

partijiet minnhom.

u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom.

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 50

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(50) F'każ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tiżvela riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti speċifiċi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati sabiex jipprevjenu l-introduzzjoni jew it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni. F'każ li dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jkunu daħlu fis-suq tal-Unjoni jew ikunu ħerġin minnu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-awtoritajiet doganali s-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-verifiki meħtieġa. Tali talba jenħtieġ li tiġi komunikata permezz tas-sistema tal-interfaċċa bejn id-dwana u l-awtoritajiet kompetenti. Is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal tlett ijiem ta' xogħol ħliet meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jivvalutaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri interim addizzjonali sabiex jestendu l-perjodu ta' sospensjoni jew jitolbu tali estensjoni lill-awtoritajiet doganali fil-każ ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu deħlin jew ħerġin mis-suq tal-Unjoni.

#### *Emenda*

(50) F'każ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tiżvela riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti speċifiċi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu miżuri interim immedjati sabiex jipprevjenu l-introduzzjoni jew it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni ***jew l-esportazzjoni tagħhom mill-Unjoni***. F'każ li dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jkunu daħlu fis-suq tal-Unjoni jew ikunu ħerġin minnu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-awtoritajiet doganali s-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-verifiki meħtieġa. Tali talba jenħtieġ li tiġi komunikata permezz tas-sistema tal-interfaċċa bejn id-dwana u l-awtoritajiet kompetenti. Is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal tlett ijiem ta' xogħol, ***jew tlett ijiem tal-ġimgħa għal komoditajiet u prodotti friski li jistgħu jitħassru***, ħliet meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jivvalutaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri interim addizzjonali sabiex jestendu l-perjodu ta' sospensjoni jew jitolbu tali estensjoni lill-awtoritajiet doganali fil-każ ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu

deħlin jew heġġin mis-suq tal-Unjoni.

## Emenda 19

### Proposta għal regolament

#### Premessa 51

*Test propost mill-Kummissjoni*

(51) Jenħtieġ li l-pjan għall-verifiki jiġi aġġornat regolarment abbażi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tiegħu. Dawk l-operaturi li juru rekord konsistenti ta' konformità jenħtieġ li jkunu soġġetti għal frekwenza mnaqqsa ta' verifiki.

*Emenda*

(51) Jenħtieġ li l-pjan għall-verifiki jiġi aġġornat regolarment abbażi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tiegħu. Dawk l-operaturi li juru rekord konsistenti ta' konformità ***fl-Istati Membri kollha fejn kienu attivi*** jenħtieġ li jkunu soġġetti għal frekwenza mnaqqsa ta' verifiki ***u dawk l-operaturi li mhux dejjem kellhom rekord konsistenti fir-rigward tal-konformità fl-Istati Membri kollha fejn kienu attivi jenħtieġ li jkunu soġġetti għal żieda fil-frekwenza tal-verifiki.***

## Emenda 20

### Proposta għal regolament

#### Premessa 51a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(51a) Jekk ikollha raġuni biex temmen li Stat Membru ma jwettaqx biżżejjed kontrolli biex jiżgura l-infurzar ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, fi djalogu ma' dan l-Istat Membru, jenħtieġ li tingħata l-mandat li tintroduċi bidliet fil-pjan ta' verifiki f'dak l-Istat Membru biex tirrettifika s-sitwazzjoni.***

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Premessa 52

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(52) Sabiex jiġu żgurati l-

(52) Sabiex jiġu żgurati l-

implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ksur ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negożjanti jiġi sanzjonat b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa. ***Tali azzjonijiet jenħtieġ li dejjem ikunu ekonomikament u ambjentalment effiċjenti kemm jista' jkun.*** Jenħtieġ li ***l-Istati Membri*** jiżguraw ukoll, ***mingħajr preġudizzju għall-azzjonijiet meħuda biex jiżguraw l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament,*** li l-ksur ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negożjanti jiġi sanzjonat b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Premessa 55

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(55) Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' informazzjoni li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom u li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament jibqgħu rilevanti u f'konformità mal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni meħtieġa għall-proċedura ta' diliġenza dovuta, l-informazzjoni u l-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-mitigazzjoni tar-riskju li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-lista ta' prodotti stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-

##### *Emenda*

(55) Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' informazzjoni li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom u li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament jibqgħu rilevanti u f'konformità mal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni meħtieġa għall-proċedura ta' diliġenza dovuta, l-informazzjoni u l-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-mitigazzjoni tar-riskju li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-lista ta' prodotti stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti ***u mal-partijiet ikkonċernati,*** u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-

13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Partikolarment, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin jittrattaw it-tnejn tal-atti delegati.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Premessa 57

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(57) Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' skema ta' liċenzjar FLEGT permezz ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Sabiex jiġu rispettati l-impenji bilaterali li daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi ppreservat il-progress miksub mal-pajjiżi sħab li għandhom sistema operatorja fis-seħħ (stadju ta' liċenzjar FLEGT), jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-injam u l-prodotti bbażati fuq l-injam koperti minn liċenzja FLEGT valida jissodisfaw ir-rekwiżit ta' legalità skont dan ir-Regolament.

Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Partikolarment, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin jittrattaw it-tnejn tal-atti delegati.

#### *Emenda*

(57) Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' skema ta' liċenzjar FLEGT permezz ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. ***Il-VPAs huma maħsuba biex irawmu bidliet sistemiċi fis-settur tal-forestrija bl-għan tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, il-qerda tal-qtugħ illegali tas-siġar u l-approġġ għall-isforzi dinji biex titwaqqaf id-deforestazzjoni. Il-VPAs jipprovdu qafas legali importanti kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi sħab tagħha, li sar possibbli bis-saħħa tal-kooperazzjoni tajba u impenn mill-pajjiżi kkonċernati; VPAs ġodda ma' sħab addizzjonali jenħtieġ li jiġu promossi. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jibni fuq il-ħidma li saret skont ir-Regolament FLEGT li jkompli jservi bħala mekkaniżmu importanti għall-protezzjoni tal-foresti tad-dinja.*** Sabiex jiġu rispettati l-impenji bilaterali li daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi ppreservat il-progress miksub mal-pajjiżi sħab li għandhom sistema operatorja fis-seħħ (stadju ta' liċenzjar FLEGT) ***u jiġu inċentivati sħab oħra biex jaħdmu ħalli***



*jilhq dan l-istadju, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-injam u l-prodotti bbażati fuq l-injam koperti minn liċenzja FLEGT valida jissodisfaw ir-rekwiżit ta' legalità skont dan ir-Regolament, u b'hekk jiżguraw li din il-parti tar-rekwiżit ta' diliġenza dovuta tiġi verifikata faċilment. Is-sħubijiet tal-VPAs jenħtieġ jiġu appoġġati b'riżorsi adegwati u b'appoġġ amministrattiv u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet speċifiku. Ir-Regolament FLEGT se jibqa' wkoll sistema importanti biex jipprovdi oqfsa għal konsultazzjonijiet bejn diversi partijiet ikkonċernati.*

## **Emenda 24**

### **Proposta għal regolament Premessa 57a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(57a) Biex jiġi żgurat li dan ir-Regolament ma jkunx restrittiv bla bżonn u lanqas ma jfixkel il-kummerċ, speċjalment mal-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-SMEs, il-Kummissjoni jenħtieġ li ttiprovdi appoġġ amministrattiv u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet speċifiku lill-gvernijiet, lill-gvernijiet lokali, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-produtturi, b'mod partikolari l-produtturi ż-żgħar, f'pajjiżi terzi bl-għan li jkun aktar faċli għal dawn l-atturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti amministrattivi ta' dan ir-Regolament.*

## **Emenda 25**

### **Proposta għal regolament Premessa 58a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(58a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja kontinwament kwalunkwe*

*tibdil fix-xejriet kummerċjali tal-prodotti u l-komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta dawk il-bidliet jinstab li ma jkollhomx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr biex jiġu evitati l-obbligi kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluża s-sostituzzjoni ta' dawk il-prodotti u komoditajiet bi prodotti kemm kemm modifikati, li mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament iżda li huma simili, dawn il-bidliet jenħtieġ li jitqiesu bħala Prattika ta' ċirkomvenzjoni. Kull meta tiġi identifikata ċirkomvenzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att delegat, jew, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva ġdid, biex temenda dan ir-Regolament sabiex tipprevjeni ċirkomvenzjoni futura.*

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Premessa 60

*Test propost mill-Kummissjoni*

(60) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-għieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti billi jitnaqqas il-kontribut tal-konsum fl-Unjoni, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri individwalment u jista' għalhekk, minħabba d-daqs tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

*Emenda*

(60) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-għieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti billi jitnaqqas il-kontribut tal-konsum fl-Unjoni, ***u billi jiġi inċentivat it-tnaqqis tad-deforestazzjoni fil-pajjiżi produtturi***, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri individwalment u jista' għalhekk, minħabba d-daqs tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ikunu ġew prodotti f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni; u

*Emenda*

(b) ikunu ġew prodotti f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni ***kif ukoll b'rispett għad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u għad-drittijiet tal-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali***; u

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***5a. L-operaturi għandu jkollhom sistema fis-seħħ biex jirċievu preokkupazzjonijiet sostanzjati mill-partijiet interessati u għandhom jinvestigaw bir-reqqa l-preokkupazzjonijiet sostanzjati kollha introdotti f'din is-sistema.***

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Operaturi li jkunu rċeview informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ***għandu jinforma*** minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq. Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-

*Emenda*

6. Operaturi li jkunu rċeview informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati ***kif imsemmija fil-paragrafu 5a li jindikaw riskju mhux negliġibbli***, li jindikaw riskju mhux negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ***għandhom jinformaw*** minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom

operaturi għandhom jinformat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni.

ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq, ***kif ukoll lin-negozjanti li lilhom ġew fornuti l-komodità jew il-prodott rilevanti bil-ħsieb li tiġi evitata aktar ċirkolazzjoni fis-suq intern jew aktar esportazzjoni minnu.*** Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jinformat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni.

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Negozjanti li huma SMEs li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq.

#### *Emenda*

4. Negozjanti li huma SMEs li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, ***li tindika riskju mhux negliġibbli*** li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jinformat minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq.

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

F'każ li persuna fiżika jew ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tieħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

F'każ li persuna fiżika jew ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti ***maħsuba għal użu kummerċjali***, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tieħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-

Regolament.

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Is-swiegq online għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4 għall-oġġetti u l-komoditajiet li jiffaċilitaw il-bejgħ ta' għodda meta ma jkun hemm ebda operatur konness mal-bejgħ stabbilit fl-UE.***

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-operaturi għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9 u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u fuq din il-bażi twettaq valutazzjoni tar-riskju sabiex tistabbilixxi jekk hemmx riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti maħsuba sabiex jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu juru li r-riskju ta' nuqqas ta' konformità huwa negliġibbli, huma ma għandhomx jintroduċu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni u lanqas ma jesportawh.

1. L-operaturi għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9 u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u fuq din il-bażi twettaq valutazzjoni tar-riskju sabiex tistabbilixxi jekk hemmx riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti maħsuba sabiex jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. ***L-operatur għandu jkun jista' jitlob kjarifika jew assistenza fl-implimentazzjoni mill-awtorità kompetenti jekk ma jkunx jista' jiġbor b'mod adegwat l-informazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament.*** Jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu juru li r-riskju ta' nuqqas ta' konformità huwa negliġibbli, huma ma għandhomx jintroduċu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni u lanqas ma jesportawh.

## Emenda 34

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni u orìgini, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-data, in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi, il-kunflitt armat jew il-preżenza ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

*Emenda*

(e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni, ***jew partijiet minnu skont l-Artikolu 27***, u orìgini, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-data, in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi, ***il-ksur tad-drittijiet tal-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali jew detenturi oħra ta' drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art, kif ukoll difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***, il-kunflitt armat jew il-preżenza ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt eb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

## Emenda 37

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet wieħed jagħmel il-konnessjoni **bejn il-komoditajiet** u/jew tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew prodotti;

*Emenda*

(f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet li wieħed jagħmel il-konnessjoni **tal-katina tal-provvista tal-komoditajiet** u/jew tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew prodotti;

## Emenda 38

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta' oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni fejn **seħħ** jew **tkun qiegħda sseħħ id-deforestazzjoni** jew id-degradazzjoni tal-foresti;

*Emenda*

(g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta' oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni fejn **seħħew** jew **ikunu qegħdin iseħħu d-deforestazzjoni** jew id-degradazzjoni tal-foresti **kif ukoll il-ksur tal-liġi rilevanti**;

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ħa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ħa) l-eżitu ta' djalogi bejn diversi partijiet ikkonċernati li fihom il-partijiet milquta, bħall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, u l-SMEs, ġew mistiedna jipparteċipaw b'mod attiv;**

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

**4a.** *L-operaturi għandhom jinvolve ruħhom b'mod sinifikanti ma' gruppi ta' partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi, iżda mhux biss, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u detenturi oħra ta' drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art, u l-SMEs, matul il-proċess kollu tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-mitigazzjoni tar-riskju. Għandhom jikkollaboraw ma' dawn il-partijiet ikkonċernati qabel ma jieħdu kwalunkwe deċiżjoni li jkollha impatt fuqhom.*

#### Emenda 41

##### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 6 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) mudelli ta' prattiki għall-ġestjoni tar-riskju, ir-rapportar, iż-żamma tar-rekords, il-kontroll intern u l-ġestjoni tal-konformità, inkluż għall-operaturi li ma humiex SMEs, il-ħatra ta' uffiċjal tal-konformità fil-livell maniġerjali;

*Emenda*

(a) mudelli ta' prattiki għall-ġestjoni tar-riskju, **inklużi dawk imwettqa minn skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi oħra vverifikati minn parti terza**, ir-rapportar, iż-żamma tar-rekords, il-kontroll intern u l-ġestjoni tal-konformità, inkluż għall-operaturi li ma humiex SMEs, il-ħatra ta' uffiċjal tal-konformità fil-livell maniġerjali;

#### Emenda 42

##### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. Il-Kummissjoni tista' **tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33** sabiex tissupplimenta l-paragrafi 2, 4 u 6 fir-rigward tal-informazzjoni rilevanti li għandha tinkiseb, il-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex

*Emenda*

8. Il-Kummissjoni tista' **tippreżenta proposti leġiżlattivi** sabiex tissupplimenta l-paragrafi 2, 4 u 6 fir-rigward tal-informazzjoni rilevanti li għandha tinkiseb, il-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jissupplimentaw



jissupplimentaw dawk imsemmija f'dan l-Artikolu sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema ta' diliġenza dovuta.

dawk imsemmija f'dan l-Artikolu sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema ta' diliġenza dovuta.

### Emenda 43

#### Proposta għal regolament Artikolu 12a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 12a*

##### *Linji gwida speċifiċi għas-settur dwar id-diliġenza dovuta*

*Sabiex tipprovdi appoġġ lill-kumpaniji jew lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar kif il-kumpaniji għandhom jissodisfaw l-obbligi ta' diliġenza dovuta tagħhom, il-Kummissjoni, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandha tippreżenta linji gwida speċifiċi għas-settur dwar kif jistgħu jiġu stabbiliti sistemi ta' diliġenza dovuta kif imsemmi fl-Artikolu 11(1) u kif għandhom jimlew id-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 4(2). B'mod speċifiku, il-Kummissjoni, għal kull settur kopert minn dan ir-Regolament, għandha tipprovdi gwida dwar kif l-operaturi u n-negożjanti jistgħu jissodisfaw it-tliet kundizzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Il-linji gwida għandhom jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti mill-Unjoni u s-sħab kummerċjali u ma' korpi internazzjonali b'għarfien espert dwar id-diliġenza dovuta, bħall-OECD, u għandhom ikunu jinftiehem faċilment u jqisu l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Kummissjoni, b'mod regolari u mill-inqas kull tliet snin, għandha teżamina mill-ġdid u, jekk ikun xieraq, taġġorna dawk il-linji gwida.*

## Emenda 44

### Proposta għal regolament Artikolu 12b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 12b*

#### *Armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-diliġenza dovuta*

- 1. L-obbligi ta' diliġenza dovuta stabbiliti f'dan ir-Regolament huma komplementari għal kwalunkwe leġiżlazzjoni eżistenti u futura tal-UE dwar id-diliġenza dovuta.*
- 2. Fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar id-diliġenza dovuta, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt komprensiva biex tanalizza jekk humiex meħtieġa xi emendi għal dan ir-Regolament biex tiżgura l-allinjament u l-koerenza bejn dan ir-Regolament u kwalunkwe leġiżlazzjoni futura tal-UE dwar id-diliġenza dovuta. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tar-Regolament biex isiru l-adattamenti meħtieġa.*

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki sabiex jistabbilixxu jekk l-operaturi u n-negozjanti jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew esportati minnu humiex konformi mar-rekwiżiti ta'

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu **biżżejjed** verifiki sabiex jistabbilixxu jekk l-operaturi u n-negozjanti jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew esportati minnu humiex konformi mar-rekwiżiti ta'

dan ir-Regolament.

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Sabiex iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu pjan ibbażat fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-pjan għandu jkun fih tal-anqas kriterji tar-riskju sabiex titwettaq l-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4 u b'hekk jinforma d-deċiżjonijiet dwar il-verifiki. Meta jistabbilixxu u ***jirrevedu l-kriterji*** tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu partikolarment l-assenjazzjoni tar-riskju lil pajjiżi jew partijiet minnhom f'konformità mal-Artikolu 27, l-istorja tal-konformità ta' operatur jew negozjant ma' dan ir-Regolament u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. Abbażi tar-riżultati tal-verifiki u tal-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jirrevedu*** dawk il-pjanijiet u l-kriterji tar-riskju fuq bażi regolari sabiex itejbu l-effettività tagħhom. Meta ***jirrevedu l-pjanijiet***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu frekwenza mnaqqsa ta' verifiki għal dawk l-operaturi u l-kummerċjanti li jkunu wrew rekord konsistenti ta' konformità sħiħa mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament.

dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

3. Sabiex iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu pjan ibbażat fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-pjan għandu jkun fih tal-anqas kriterji tar-riskju sabiex titwettaq l-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4 u b'hekk jinforma d-deċiżjonijiet dwar il-verifiki. Meta jistabbilixxu u ***jeżaminaw mill-ġdid il-kriterji*** tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu partikolarment l-assenjazzjoni tar-riskju lil pajjiżi jew partijiet minnhom f'konformità mal-Artikolu 27, l-istorja tal-konformità ta' operatur jew negozjant ma' dan ir-Regolament, ***il-kwantità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li qed jitqiegħdu jew isiru disponibbli fis-suq mill-operatur jew in-negozjant, il-perjodu ta' żmien mindu l-valutazzjoni tar-riskju għall-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ġiet ikkompletata*** u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. Abbażi tar-riżultati tal-verifiki u tal-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ***jeżaminaw mill-ġdid*** dawk il-pjanijiet u l-kriterji tar-riskju fuq bażi regolari sabiex itejbu l-effettività tagħhom. Meta ***jeżaminaw mill-ġdid il-pjanijiet***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu ***frekwenza miżjuda ta' verifiki għal dawk l-operaturi u n-negozjanti li ma jkollhomx rekord konsistenti ta' konformità sħiħa mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri kollha fejn kienu attivi u*** frekwenza mnaqqsa ta' verifiki għal dawk l-operaturi u l-kummerċjanti li jkunu wrew

rekord konsistenti ta' konformità sħiħa mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament.

## Emenda 47

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Is-sospensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandhom jintemmu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol sakemm l-awtoritajiet kompetenti, abbażi tar-riżultat tal-verifiki mwettqa f'dak il-perjodu, jikkonkludu li jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jistabbilixxu jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jestendu l-perjodu ta' sospensjoni permezz ta' miżuri interim addizzjonali meħuda skont l-Artikolu 21 jew, fil-każ ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni, billi jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali dwar il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni skont l-Artikolu 24(6).

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas 5 % tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll 5 % tal-kwantità ta' kull waħda mill-komoditajiet rilevanti introdotti jew mqiegħda fis-suq tagħhom jew

#### *Emenda*

7. Is-sospensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandhom jintemmu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol, ***jew tlett ijiem tal-ġimgħa għal komoditajiet u prodotti friski li jistgħu jitħassru***, sakemm l-awtoritajiet kompetenti, abbażi tar-riżultat tal-verifiki mwettqa f'dak il-perjodu, ma jikkonkludux li jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jistabbilixxu jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jestendu l-perjodu ta' sospensjoni permezz ta' miżuri interim addizzjonali meħuda skont l-Artikolu 21 jew, fil-każ ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni, billi jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali dwar il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni skont l-Artikolu 24(6).

#### *Emenda*

9. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu ***jkunu suffiċjenti biex jiżguraw b'mod statistikament sinifikanti li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew esportati minnu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Tali verifiki għandhom ikunu bbażati fuq l-analiżi tar-***

esportati minnu.

**riskju skont il-paragrafu 4 u** jkopru mill-anqas 5 % tal-operaturi li jintroduċu jew iquieghdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll 5 % tal-kwantità ta' kull waħda mill-komoditajiet rilevanti introdotti jew mqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu.

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

11. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki skont il-paragrafi 5 u 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluż abbażi ta' preokkupazzjonijiet sostanzjali pprovduti minn partijiet terzi skont l-Artikolu 29, dwar nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

11. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki skont il-paragrafi 5 u 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, **mingħajr dewmien żejjed**, iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluż abbażi ta' preokkupazzjonijiet sostanzjali pprovduti minn partijiet terzi skont l-Artikolu 29, dwar nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dan ir-Regolament.

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 12

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

12. Il-verifiki għandhom isiru mingħajr twissija minn qabel lill-operatur jew lin-negozjant, ħlief meta tkun meħtieġa notifika minn qabel tal-operatur jew tan-negozjant sabiex tkun żgurata l-effettività tal-verifiki.

#### *Emenda*

12. Il-verifiki għandhom isiru mingħajr twissija minn qabel lill-operatur jew lin-negozjant, ħlief meta tkun meħtieġa notifika minn qabel tal-operatur jew tan-negozjant sabiex tkun żgurata l-effettività tal-verifiki, **u għandhom jitwettqu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati**.

## Emenda 51

### Proposta għal regolament

## Artikolu 14 – paragrafu 13

*Test propost mill-Kummissjoni*

13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekords tal-verifiki li jindikaw partikolarment in-natura u r-riżultati tagħhom, kif ukoll dwar il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Għandhom jinżammu rekords tal-verifiki kollha għal mill-anqas ħames snin.

*Emenda*

13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekords tal-verifiki li jindikaw partikolarment in-natura u r-riżultati tagħhom, kif ukoll dwar il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Għandhom jinżammu rekords tal-verifiki kollha għal mill-anqas ħames snin. ***Ir-rekords tal-verifiki mwettqa skont dan ir-Regolament u r-rapporti tar-riżultati u l-eżiti tagħhom għandhom jikkostitwixxu informazzjoni ambjentali għall-finijiet tad-Direttiva 2003/4/KE, mingħajr preġudizzju għall-kunfidenzjalità kummerċjali.***

## Emenda 52

**Proposta għal regolament  
Artikolu 14 – paragrafu 13a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***13a. Jekk il-Kummissjoni jkollha raġuni biex temmen li Stat Membru ma jwettaqx biżżejjed kontrolli biex jiżgura b'mod statistikament sinifikanti li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew esportati minnu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, hija għandha, fi djalogu mal-Istat Membru kkonċernat, tingħata l-mandat li tintroduċi bidliet fil-pjan imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dak l-Istat Membru biex tiżgura li s-sitwazzjoni tiġi rettifikata.***

## Emenda 53

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) eżami tad-dokumentazzjoni u tarrekords li juru l-konformità **ta' prodott jew ta' komodità speċifika li l-operatur ikun introduċa jew ikollu l-ħsieb li jintroduċi fis-suq tal-Unjoni jew li jesporta minnu** mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(c) eżami tad-dokumentazzjoni u tarrekords li juru l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

#### Emenda 54

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

u, fejn ikun xieraq,

*Emenda*

u, fejn ikun xieraq, **biex tkun żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament,**

#### Emenda 55

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat il-post **eżatt** fejn tkun ġiet prodotta l-komodità jew il-prodott rilevanti, inkluż l-ittestjar tal-isotopu;

*Emenda*

(f) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat il-post fejn tkun ġiet prodotta l-komodità jew il-prodott rilevanti, inkluż l-ittestjar tal-isotopu;

#### Emenda 56

##### Proposta għal regolament

##### Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Il-verifiki għandhom jitwettqu bil-mod li jkun l-inqas ta' tfixkil għall-kummerċ u għall-operazzjonijiet tal-operaturi u n-negozjanti, filwaqt li tibqa' tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.**

#### Emenda 57

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' awtoritajiet minn Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni, u jekk ikun meħtieġ, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwissu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni meta jsibu ksur ta' dan ir-Regolament u nuqqasijiet serji li jistgħu jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, partikolarment, jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra meta jidentifikaw komodità jew prodott rilevanti fis-suq li ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, sabiex jippermettu l-irtirar jew is-sejħa lura ta' tali komodità jew prodott mill-bejgħ fl-Istati Membri kollha.

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. ***Mingħajr preġudizzju għall-***

*Emenda*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' awtoritajiet minn Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni, u jekk ikun meħtieġ, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, ***u l-funzjonament effiċjenti tiegħu.***

*Emenda*

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwissu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni meta jsibu ksur ***eżistenti jew potenzjali*** ta' dan ir-Regolament u nuqqasijiet serji li jistgħu jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, partikolarment, jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra meta jidentifikaw komodità jew prodott rilevanti fis-suq li ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, sabiex jippermettu l-irtirar jew is-sejħa lura ta' tali komodità jew prodott mill-bejgħ fl-Istati Membri kollha ***jew biex jappoġġaw azzjoni ta' infurzar minn dawn l-awtoritajiet kompetenti.***

*Emenda*

1. ***Minbarra l-impożizzjoni ta' penali***



*Artikolu 23*, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità.

*f'konformità mal-Artikolu 23*, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità ***f'perjodu ta' żmien speċifikat u raġonevoli.***

## Emenda 60

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 22 – paragrafu 2 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-azzjoni korrettiva meħtieġa li għandha tittieħed mill-operatur jew min-negozjant għandha ***tinkludi mill-anqas waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:***

##### *Emenda*

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-azzjoni korrettiva meħtieġa li għandha tittieħed mill-operatur jew min-negozjant għandha, ***bħala l-ewwel pass, tkun li jara minnufih li jirrettifika kwalunkwe nuqqas ta' konformità formali, b'mod partikolari mar-rekwiżiti tal-Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament, u mbagħad, fejn in-nuqqas ta' konformità ma jkunx ġie rettifikat, l-azzjoni korrettiva għandha tkun fl-ordni li ġejja:***

## Emenda 61

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ***ir-rettifika ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità formali, partikolarment mar-rekwiżiti tal-Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament;***

##### *Emenda*

***imħassar***

## Emenda 62

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt d**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) *il-qerda* tal-komodità jew tal-prodott rilevanti *jew l-għoti tiegħu* għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku.

*Emenda*

(d) *l-għoti* tal-komodità jew tal-prodott rilevanti għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku jew, *jekk dan ma jkunx possibbli, ir-riċiklaġġ jew il-qerda tagħhom*;

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Irrispettivament mill-azzjoni korrettiva meħuda f'konformità mal-paragrafu 2, l-operatur jew in-negozjant għandu jara li jindirizza kwalunkwe nuqqas fis-sistema ta' diliġenza dovuta li seta' wassal għan-nuqqas ta' konformità, bil-ħsieb li jiġi evitat ir-riskju ta' aktar ksur.*

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli *jieħu azzjoni* korrettiva msemija fil-paragrafu 2 jew meta jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li *l-prodott jiġi rtirat* jew *jittieħed* lura, jew li t-tqegħid *tiegħu* fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni minnu *jiġi pprojbit* jew *ristrett*.

3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli *jikkompleta l-azzjoni* korrettiva msemija fil-paragrafu 2 *f'perjodu ta' żmien speċifikat mill-awtorità kompetenti skont il-paragrafu 1* jew meta jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1 *wara li jintemm dak il-perjodu ta' żmien*, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li *l-komodità jew il-prodott rilevanti jiġu rtirati* jew *jittieħdu* lura, jew li t-tqegħid *tagħhom* fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni minnu *jiġu pprojbiti* jew

*ristretti.*

## Emenda 65

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u n-negozjanti u għandhom jieħdu kull miżura neċessarja sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk id-dispożizzjonijiet u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kull emenda sussegwenti u li taffettwawhom.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ***kollu*** tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u n-negozjanti u għandhom jieħdu kull miżura neċessarja sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. ***Il-penali għandhom jiżiedu mal-miżuri ta' sorveljanza tas-suq stabbiliti fl-Artikolu 22.*** L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk id-dispożizzjonijiet u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kull emenda sussegwenti u li taffettwawhom.

## Emenda 66

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) esklużjoni ***temporanja*** mill-proċessi tal-akkwist pubbliku.

*Emenda*

(d) esklużjoni mill-proċessi tal-akkwist pubbliku ***għal perjodu ta' żmien speċifiku mill-għoti tal-penali.***

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. F'każ ta' ksur serju jew ripetut, id-dritt li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta fid-dawl tat-tqegħid tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq***

*tal-Unjoni, jew tal-esportazzjoni tagħhom, għandu jiġi sospiż għal perjodu ta' żmien speċifiku mill-għoti tal-penali.*

## **Emenda 68**

### **Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. L-operatur jew in-negozjant ikollu d-dritt jappella kontra kwalunkwe penali skont ir-regoli u l-proċeduri tal-Istat Membru fejn iwettaq l-attivitajiet kummerċjali tiegħu.**

## **Emenda 69**

### **Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 7 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) Meta r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni jkun ġie sospiż f'konformità mal-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux talbu, fi żmien it-tlett ijiem tax-xogħol indikati fl-Artikolu 14(7), il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti;

(b) Meta r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni jkun ġie sospiż f'konformità mal-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux talbu, fi żmien it-tlett ijiem tax-xogħol, **jew tlett ijiem tal-ġimgħa għal komoditajiet u prodotti friski li jistgħu jitħassru**, indikati fl-Artikolu 14(7), il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti;

## **Emenda 70**

### **Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

10. L-awtoritajiet doganali jistgħu jeqirdu komodità jew prodott rilevanti mhux konformi fuq it-talba tal-awtoritajiet

10. L-awtoritajiet doganali jistgħu **jagħtu l-komodità jew il-prodott rilevanti għal skopijiet ta' karità jew ta' interess**

kompetenti jew meta jqisu li dan ikun meħtieġ u proporzjonat. Il-kost tat-tali miżura għandu jiġġarrab mill-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-komodità jew il-prodott rilevanti. L-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom japplikaw kif xieraq. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mhux konformi jistgħu alternattivament jiġu kkonfiskati u mqiegħda mid-dwana għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

***pubbliku u biss jekk dan ma jkunx possibbli jirriċiklaw jew*** jeqirdu komodità jew prodott rilevanti mhux konformi fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti jew meta jqisu li dan ikun meħtieġ u proporzjonat. Il-kost tat-tali miżura għandu jiġġarrab mill-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-komodità jew il-prodott rilevanti. L-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom japplikaw kif xieraq. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mhux konformi jistgħu alternattivament jiġu kkonfiskati u mqiegħda mid-dwana għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti t-trażmissjoni tad-data, partikolarment in-notifiki u t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Artikolu 24 bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31. Din l-interfaċċa elettronika għandha tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard minn ***erba' snin*** mid-data ta' adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni rilevanti msemmi fil-paragrafu 3.

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti t-trażmissjoni tad-data, partikolarment in-notifiki u t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Artikolu 24 bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31, ***inkluża t-trażmissjoni awtomatika tad-data meta jsir tibdil fi kwalunkwe waħda mis-sistemi***. Din l-interfaċċa elettronika għandha tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard minn ***sentejn*** mid-data ta' adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni rilevanti msemmi fil-paragrafu 3.

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni **tista'** tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti:

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni **għandha** tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti:

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 26 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) It-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar kwalunkwe bidla sussegwenti relatata mal-operaturi, in-negozjanti u r-rappreżentanti awtorizzati tagħhom, kif ukoll mal-komoditajiet jew il-prodotti li joriġinaw minn ġeolokalizzazzjoni speċifika lis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurati li l-Istati Membri kollha jkollhom aċċess għan-notifiki u jirċievu notifiki dwar l-aħħar informazzjoni aġġornata.**

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 27 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika **lill-pajjiżi konċernati** bl-intenzjoni tagħha li tassenja bidla fil-kategorija ta' riskju eżistenti u tistedinhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meqjusa utli f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha tippermetti lill-pajjiżi żmien adegwat sabiex jipprovdu tweġiba, li **jista' jinkludi** informazzjoni dwar miżuri meħuda mill-pajjiż sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni f'każ li l-istatus tiegħu jew l-istatus ta' partijiet minnu jista' jinbidel għal kategorija ta' riskju ogħla.

3. **Il-Kummissjoni għandu jkollha djalogu kontinwu mal-pajjiżi identifikati bħala pajjiżi b'riskju standard jew għoli, u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, dwar kif tista' tittejjeb il-kategorija tar-riskju tagħhom. Qabel ma tbiddel il-kategorija ta' riskju ta' pajjiż jew parti minnu, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiż ikkonċernat** bl-intenzjoni tagħha li tassenja bidla fil-kategorija ta' riskju eżistenti u tistiednu jipprovdi kwalunkwe informazzjoni meqjusa utli f'dan ir-rigward. **Il-Kummissjoni għandha twettaq**

*ukoll konsultazzjoni pubblika biex tiġbor informazzjoni u fehmiet mill-partijiet interessati, inkluż b'mod partikolari l-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, l-organizzazzjonijiet tan-nisa u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Il-Kummissjoni għandha tippermetti lill-pajjiżi **u lil partijiet interessati oħra** żmien adegwat sabiex jipprovdu tweġiba, li **għandha tinkludi** informazzjoni dwar miżuri **possibbli** meħuda mill-pajjiż sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni f'każ li l-istatus tiegħu jew l-istatus ta' partijiet minnu jista' jinbidel għal kategorija ta' riskju oġġla.*

## Emenda 75

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

Dan għandu jinkludi fin-notifika, l-informazzjoni li ġejja:

*Emenda*

Dan għandu jinkludi fin-notifika, **u fil-konsultazzjoni**, l-informazzjoni li ġejja:

## Emenda 76

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) il-konsegwenzi tal-identifikazzjoni tiegħu bħala pajjiż b'riskju għoli jew baxx.

*Emenda*

(c) il-konsegwenzi tal-identifikazzjoni tiegħu bħala pajjiż b'riskju għoli, **standard** jew baxx.

## Emenda 77

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Meta l-informazzjoni pprovduta minn pajjiż b'rispons għall-intenzjoni bil-**

*miktub tal-Kummissjoni li tbiddel dak il-pajjiż jew partijiet minnu għal kategorija ta' riskju ogħla titqies affidabbli u suffiċjenti biex tiġi rrimedjata l-kawża tal-ħtieġa ta' bidla tal-kategorija ta' riskju, il-Kummissjoni għandha tagħti lil dak il-pajjiż biżżejjed żmien biex jinforza r-rispons ipprovdut lill-Kummissjoni.*

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-pajjiżi produttori konċernati minn dan ir-Regolament sabiex tiżviluppa sħubijiet u kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati konguntemment **id-deforestazzjoni** u d-degradazzjoni tal-foresti. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni **se** jiffokaw fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu djalogi strutturati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ, arranġamenti amministrattivi u dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti jew fi ftehimiet li jippermettu lill-pajjiżi produttori jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. Tali ftehimiet u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom se jitqiesu bħala parti mill-valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-pajjiżi produttori, **il-gvernijiet lokali u l-partijiet interessati** konċernati minn dan ir-Regolament, **b'mod partikolari dawk li jesportaw volumi sinifikanti ta' komoditajiet elenkati fl-Anness I**, sabiex tiżviluppa sħubijiet u kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati konguntemment **il-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni** u d-degradazzjoni tal-foresti. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni **għandhom jiġu appoġġati minn riżorsi adegwati u għandhom** jiffokaw fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, **il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem**, u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali, **il-governanza tajba kif ukoll il-protezzjoni tal-ħajja u l-għajxien tal-komunitajiet dipendenti mill-foresti inklużi l-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, detenturi oħra ta' drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art u l-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira**. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu, **iżda ma jkunux limitati għal**, djalogi strutturati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ, arranġamenti amministrattivi u dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti jew fi ftehimiet li



jippermettu lill-pajjiżi produttori jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. Tali ftehimiet u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom se jitqiesu bħala parti mill-valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom jimpenjaw ruħhom aktar biex jimplimentaw u jinfurzaw il-ftehimiet kummerċjali kif ukoll jikkonkludu ftehimiet ġodda ta' kummerċ ħieles li jinkludu dispożizzjonijiet b'saħħithom dwar is-sostenibbiltà, b'mod partikolari għall-foresti, u l-obbligu ta' infurzar effettiv tal-ftehimiet ambjentali multilaterali, bħall-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.***

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet konċernati kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u s-settur privat inklużi, l-SMEs u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira.

2. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet konċernati kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, ***in-nisa*** u s-settur privat inklużi, l-SMEs u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira.

## Emenda 81

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 28 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Biex tiżgura li l-infurzar ta' dan ir-Regolament ma jkunx restrittiv bla bżonn u lanqas ma jfixkel il-kummerċ, speċjalment mal-pajjiżi l-anqas żviluppati, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi appoġġ amministrattiv u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet speċifiku lill-gvernijiet, lill-gvernijiet lokali, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi t-trade unions, u lill-produtturi, b'mod partikolari l-produtturi ż-żgħar, f'pajjiżi terzi bl-għan li jkun aktar faċli għal dawn l-atturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti amministrattivi ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm biżżejjed riżorsi biex jiġu appoġġati l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'pajjiżi terzi ħalli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq tal-UE.**

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 28 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' ppjanar integrat tal-użu tal-art, leġislazzjonijiet rilevanti, inċentivi fiskali u għodod pertinenti oħrajn sabiex itejbu l-konservazzjoni tal-foresti u tal-bijodiversità, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-foresti, jindirizzaw il-konverżjoni tal-foresti u tal-ekosistemi vulnerabbli għal użi oħra tal-art, jottimizzaw it-titjib għall-pajsaġġ, is-sigurtà taż-żamma tal-art, il-produttività u l-kompetittività tal-agrikoltura, il-ktajjen tal-provvista trasparenti, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-komunitajiet dipendenti mill-

3. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' ppjanar integrat tal-użu tal-art, leġislazzjonijiet rilevanti, **inklużi proċessi ma' diversi partijiet ikkonċernati biex jiġi definit il-kamp ta' applikazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti**, inċentivi fiskali u għodod pertinenti oħrajn sabiex itejbu l-konservazzjoni tal-foresti u tal-bijodiversità, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-foresti, jindirizzaw il-konverżjoni tal-foresti u tal-ekosistemi vulnerabbli għal użi oħra tal-art, jottimizzaw it-titjib għall-pajsaġġ, is-sigurtà taż-żamma tal-art, il-produttività u

foresti, inkluż bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, popli indiġeni u komunitajiet lokali, u l-iżgurar tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-ġestjoni tal-foresti u informazzjoni rilevanti oħra.

l-kompetittività tal-agrikoltura, il-ktajjen tal-provvista trasparenti, ***jipproteġu d-drittijiet tas-sjieda, iż-żamma u l-aċċess għall-art, u d-dritt li jingħata jew ma jingħatax kunsens liberu, minn qabel u infurmat***, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-komunitajiet dipendenti mill-foresti, inkluż bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, popli indiġeni u komunitajiet lokali, ***it-tisħiħ tas-sistemi nazzjonali ta' governanza u ta' infurzar tal-liġi***, u l-iżgurar tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-ġestjoni tal-foresti u informazzjoni rilevanti oħra.

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha f'diskussjoni internazzjonali bilaterali u multilaterali dwar politiki u azzjonijiet sabiex twaqqaf id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, inkluż f'fora multilaterali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, l-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-G7 u l-G20. Tali involviment għandu jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni għall-produzzjoni agrikola sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista trasparenti u sostenibbli kif ukoll it-tkomplija tal-isforzi lejn l-identifikazzjoni u l-qbil ta' standards u definizzjonijiet sodi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-ekosistemi tal-foresti.

#### *Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha f'diskussjoni internazzjonali bilaterali u multilaterali dwar politiki u azzjonijiet sabiex twaqqaf id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, inkluż f'fora multilaterali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, l-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-G7 u l-G20. Tali involviment għandu jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni għall-produzzjoni agrikola sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista trasparenti u sostenibbli kif ukoll it-tkomplija tal-isforzi lejn l-identifikazzjoni u l-qbil ta' standards u definizzjonijiet sodi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-ekosistemi tal-foresti ***u tad-drittijiet tal-bniedem relatati***.

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a.** *Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament il-bidliet fix-xejriet kummerċjali tal-prodotti u l-komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Meta bidliet fix-xejra tal-kummerċ jinstab li ma jkollhomx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-evitar tal-obbligi kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, inkluż is-sostituzzjoni ta' dawk il-prodotti u komoditajiet bi prodotti kemm kemm modifikati, li mhumiex inklużi fil-lista ta' prodotti u komoditajiet fl-Anness I iżda li huma simili, dan għandu jitqies bħala Prattika ta' ċirkomvenzjoni. Il-partijiet interessati jistgħu jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe ċirkomvenzjoni perċepita u l-Kummissjoni għandha tinvestiga kwalunkwe talba sostanzjata introdotta minn parti interessata.*

*Kull meta tiġi identifikata ċirkomvenzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33, jew, jekk ikun xieraq, li tippreżenta proposta leġiżlattiva, biex temenda dan ir-Regolament sabiex tipprevjeni ċirkomvenzjoni futura ta' dan ir-Regolament.*

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1b.** *Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament l-impatti ta'*

*dan ir-Regolament fuq il-partijiet ikkonċernati vulnerabbli bħall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, speċjalment f'pajjiżi terzi, filwaqt li tagħti wkoll attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tan-nisa. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq metodoloġija xjentifika u trasparenti u għandu jqis l-informazzjoni pprovduta mill-partijiet ikkonċernati interessati.*

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Mhux aktar tard minn **ħames** snin wara d-dħul fis-seħħ u mill-anqas kull **ħames** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ġenerali ta' dan ir-Regolament, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva. L-ewwel wieħed mir-rapporti għandu jinkludi partikolarment, abbażi ta' studji speċifiċi, evalwazzjoni ta':

#### *Emenda*

2. Mhux aktar tard minn **tliet** snin wara d-dħul fis-seħħ u mill-anqas kull **tliet** snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ġenerali ta' dan ir-Regolament, **inkluża valutazzjoni dettaljata ta' bidliet fix-xejriet tal-kummerċ fis-setturi koperti minnu**, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva. L-ewwel wieħed mir-rapporti għandu jinkludi partikolarment, abbażi ta' studji speċifiċi, evalwazzjoni ta':

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-ħtieġa ta' għodod addizzjonali għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-fattibbiltà tagħhom sabiex jappoġġaw l-ilħuq tal-objettivi tar-Regolament inkluż permezz tar-rikonossiment ta' skemi ta' ċertifikazzjoni;

#### *Emenda*

(a) il-ħtieġa ta' għodod addizzjonali għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-fattibbiltà tagħhom, **b'mod partikolari għall-pajjiżi l-anqas żviluppati u l-pajjiżi identifikati bħala ta' riskju standard jew għoli**, sabiex jappoġġaw l-ilħuq tal-objettivi tar-Regolament inkluż permezz

tar-rikonoxximent ta' skemi ta'  
ċertifikazzjoni;

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) L-impatt tar-Regolament fuq il-bdiewa, partikolarment fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u l-ħtieġa possibbli ta' appoġġ addizzjonali għat-tranżizzjoni lejn ktajjen tal-provvista sostenibbli.

*Emenda*

(b) L-impatt tar-Regolament fuq il-bdiewa, partikolarment fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u l-ħtieġa possibbli ta' appoġġ addizzjonali għat-tranżizzjoni lejn ktajjen tal-provvista sostenibbli ***u li l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.***

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) l-impatt fuq ix-xejriet tal-kummerċ, id-deforestazzjoni u l-possibbiltà legali fir-rigward tar-regoli tal-kummerċ internazzjonali li oġġetti u komoditajiet rilevanti prodotti f'pajjiżi, jew partijiet minnhom, li jitqiesu li mhumiex ta' riskju għoli jiġu esklużi mill-obbligu fl-Artikolu 3(c) tal-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta.***

## Emenda 90

### Proposta għal regolament Artikolu 32a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 32a***

***Minimizzazzjoni tal-piżijiet  
amministrattivi***

***Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-ispiża tal-piżijiet amministrattivi addizzjonali imposti fuq l-operaturi u n-negozjanti minn dan ir-Regolament, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġislattiva biex jiġu minimizzati l-piżijiet għan-negozji billi tingħata attenzjoni speċjali lill-implikazzjonijiet u l-ispejjeż tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. L-evalwazzjoni għandha ssir f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati affettwati.***

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	It-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 995/2010
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 17.1.2022
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 17.1.2022
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	7.4.2022
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Karin Karlsbro 9.12.2021
<b>Eżami fil-kumitat</b>	22.3.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.5.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 26 –: 6 0: 10
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anna-Michelle Asimakopoulou, Tiziana Beghin, Geert Bourgeois, Markus Buchheit, Jordi Cañas, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Paolo De Castro, Emmanouil Fragkos, Raphaël Glucksmann, Roman Haider, Christophe Hansen, Heidi Hautala, Danuta Maria Hübner, Herve Juvin, Karin Karlsbro, Danilo Oscar Lancini, Bernd Lange, Margarida Marques, Gabriel Mato, Sara Matthieu, Emmanuel Maurel, Carles Puigdemont i Casamajó, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Inma Rodríguez-Piñero, Massimiliano Salini, Ernő Schaller-Baross, Helmut Scholz, Sven Simon, Dominik Tarczyński, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Jörgen Warborn, Jan Zahradil, Juan Ignacio Zoido Álvarez
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anna Cavazzini, Svenja Hahn, Agnes Jongerius, Miapetra Kumpula-Natri, Angelika Winzig



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>26</b>	<b>+</b>
NI	Carles Puigdemont i Casamajó
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Daniel Caspary, Arnaud Danjean, Christophe Hansen, Danuta Maria Hübner, Gabriel Mato, Massimiliano Salini, Sven Simon, Jörgen Warborn, Angelika Winzig, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Jordi Cañas, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Samira Rafaela, Catharina Rinzema, Marie-Pierre Vedrenne
S&D	Paolo De Castro, Agnes Jongerius, Miapetra Kumpula-Natri, Bernd Lange, Margarida Marques, Inma Rodríguez-Piñero, Mihai Tudose, Kathleen Van Brempt

<b>6</b>	<b>-</b>
ID	Markus Buchheit
The Left	Emmanuel Maurel, Helmut Scholz
Verts/ALE	Anna Cavazzini, Heidi Hautala, Sara Matthieu

<b>10</b>	<b>0</b>
ECR	Geert Bourgeois, Emmanouil Fragkos, Dominik Tarczyński, Jan Zahradil
ID	Roman Haider, Herve Juvin, Danilo Oscar Lancini
NI	Tiziana Beghin, Ernő Schaller-Baross
S&D	Raphaël Glucksmann

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

6.7.2022

## **OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR**

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 (COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Anna Cavazzini

### **ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA**

Ir-Rapporteur tilqa' b'sodisfazzjon kbir dan l-abbozz ta' Regolament mill-Kummissjoni li jipproponi regoli obbligatorji ġodda dwar id-diliġenza dovuta sabiex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha. Madankollu, temmen li l-proposta tal-Kummissjoni għandha tittiejeb f'xi aspetti sabiex tiġi garantita l-effettività massima u l-konsumaturi jiġu żgurati tassew li l-prodotti li qed jixtru ma jkunux ikkontribwew għall-qerda tal-foresti u tal-ekosistemi madwar id-dinja.

Ma għandu jkun hemm l-ebda prodott fis-suq intern tal-UE jekk ma jkunx jista' jiġi garantit li dan huwa ħieles mid-deforestazzjoni, mill-konverżjoni tal-ekosistemi naturali u mid-degradazzjoni tal-foresti u tal-ekosistemi. Il-miżuri ta' sorveljanza tas-suq u l-kontrolli doganali għandhom għalhekk ikunu effettivi kemm jista' jkun. Għalhekk ir-Rapporteur tipproponi emendi li jsaħħu d-dispożizzjonijiet rilevanti, b'mod partikolari permezz ta' sospensjoni temporanja tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti u l-komoditajiet kollha li joriġinaw minn żoni speċifiċi ta' riskju għoli, filwaqt li jitwettqu kontrolli biex jiġi vverifikat jekk dawn humiex konformi mal-obbligi ta' dan ir-Regolament. Billi din is-suspensjoni tiffoka fuq żoni speċifiċi ta' riskju għoli f'pajjiż – minflok għall-pajjiż kollu inkwistjoni –, jiġi żgurat li l-prodotti rilevanti b'riskju għoli jiġu kkontrollati kollha għall-konformità mingħajr piż żejjed fuq l-awtoritajiet doganali u kompetenti.

Barra minn hekk, sabiex il-konsumaturi jingħataw informazzjoni aħjar li tippermettilhom jagħmlu għażliet tax-xiri infurmati, ir-Rapporteur tipproponi li tinħoloq lista pubblika ta' operaturi u negozjanti li jkunu naqsu milli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, kif ukoll tal-isem kummerċjali tal-prodotti mhux konformi rilevanti.

Aspett ewlieni ieħor tal-effettività huwa l-għeluq meħtieġ ta' lakuni għall-prodotti mixtrija permezz tas-swieq online billi jintalbu jieħdu passi xierqa sabiex jippermettu l-identifikazzjoni xierqa tal-bejjiegħ u jiżguraw li kemm il-bejjiegħ kif ukoll ix-xerrej ikunu infurmati b'mod adegwat dwar l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.

Rigward is-sustanza tal-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-operaturi, ir-Rapporteur tqis li huwa essenzjali li dawn jissaħħu. Tipproponi li dan isir b'ħames modi ewlenin:

- Permezz tat-titjib tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni rigward il-passi meħuda fil-proċess ta' diliġenza dovuta;
- Permezz ta' espansjoni tad-diliġenza dovuta biex jiġu kkunsidrati wkoll id-drittijiet internazzjonali tal-bniedem;
- Permezz tal-istabbiliment obligatorju ta' sistema aċċessibbli fejn partijiet terzi jistgħu jippreżentaw informazzjoni ġdida u preokkupazzjonijiet sostanzjati;
- Permezz ta' sistema uniformi għall-obbligi ta' diliġenza dovuta irrispettivament mil-livell ta' riskju tal-pajjiż jew ta' partijiet minnu fejn il-komodità jew il-prodott rilevanti jkun ġie prodott;
- Fejn rilevanti, permezz ta' garanziji dwar il-parteċipazzjoni u l-konsultazzjoni mal-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, u detenturi oħra tad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art li huma preżenti fiż-żona tal-produzzjoni tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

Fl-aħħar nett, ir-Rapporteur temmen li huwa kruċjali li dawn l-obbligi ma jaffettwawx b'mod negattiv lill-fornituri bdiewa b'azjenda agrikola żgħira – kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll barra minnha. Hija tipprowa tipprevjeni kwalunkwe effett mhux intenzjonat fuqhom billi l-operaturi jintalbu jipprovdu appoġġ lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u billi tiċċara li d-diżimpenn għandu jsir biss meta l-operaturi jkunu jistgħu juru li l-mitigazzjoni mhijiex fattibbli, jew bħala miżura aħħarija wara tentattivi ta' mitigazzjoni falluti.

## EMENDI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 29a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(29a) Meta jiġi vvalutat ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti maħsuba biex jiġieghdu fis-suq tal-Unjoni jew li jiġu esportati minnu, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġies il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li huwa assoċjat mad-deforestazzjoni u mad-degradazzjoni tal-foresti, inklużi d-drittijiet tal-popli indiġeni, tal-komunitajiet lokali u tad-detenturi tad-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art.**

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Premessa 29b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(29b) Minħabba li s-sehem ta' bdiewa b'azjenda agrikola żgħira fil-produzzjoni tal-komoditajiet ikkonċernati jista' jkun għoli sa 80 %, huwa meħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-isfidi li bdiewa b'azjenda agrikola żgħira se jiffaċċjaw fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, speċjalment bil-għan li jippermettilhom introjtu għal għajxien. Għalhekk huwa kruċjali li l-Kummissjoni tipprovdi appoġġ finanzjarju u tekniku f'waqtu biex jgħin lill-bdiewa b'azjenda agrikola**

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 32**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni u jkunu ġew prodotti f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni. Sabiex jiġi kkonfermat li dan huwa l-każ, jenħtieġ li dawn dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta.

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Premessa 33**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Abbażi ta' approċċ sistemiku, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-reqwiżiti ta' mingħajr deforestazzjoni u tal-legalità ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-operaturi jistabbilixxu u jimplementaw proċeduri ta' diliġenza dovuta. Il-proċedura ta' diliġenza

##### *Emenda*

(32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni **u lanqas ma jiġu esportati minnu**, jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni, u jkunu ġew prodotti f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni. Sabiex jiġi kkonfermat li dan huwa l-każ, jenħtieġ li dawn dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta.

##### *Emenda*

(33) Abbażi ta' approċċ sistemiku, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-reqwiżiti ta' mingħajr deforestazzjoni u tal-legalità ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-operaturi jistabbilixxu u jimplementaw proċeduri ta' diliġenza dovuta. Il-proċedura ta' diliġenza

dovuta meħtieġa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi tliet elementi: rekwiżiti ta' informazzjoni, valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta jitfasslu sabiex jipprovdu aċċess għal informazzjoni dwar is-sorsi u l-fornituri tal-komoditajiet u tal-prodotti li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, inkluż informazzjoni li turi li l-assenza ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti u ta' rekwiżiti ta' legalità huma ssodisfati, fost l-oħrajn billi jiġu identifikati l-pajjiż u ż-żona tal-produzzjoni, inkluż il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni tal-biċċiet art rilevanti. Dawn il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni li jiddependu mill-ħin, il-pożizzjonament u/jew l-osservazzjoni tad-Dinja jistgħu jagħmlu użu mid-data u mis-servizzi spazjali pprovduti skont il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u Copernicus). Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li l-operaturi jwettqu valutazzjoni tar-riskju. Meta jiġi identifikat riskju, jenħtieġ li l-operaturi jimmitigaw tali riskju sabiex ma jaslu għal sitwazzjoni tal-ebda riskju jew ta' riskju negliġibbli. Huwa biss wara li jlesti l-passi meħtieġa tal-proċedura ta' diliġenza dovuta u wara li jikkonkludi li ma jeżisti l-ebda riskju jew li jeżistu riskju negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti ma **jkunx** konformi ma' dan ir-Regolament, li l-operatur jista' jitħalla jintroduċi l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew **jesportah**.

dovuta meħtieġa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi tliet elementi: rekwiżiti ta' informazzjoni, valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta jitfasslu sabiex jipprovdu aċċess għal informazzjoni dwar is-sorsi u l-fornituri tal-komoditajiet u tal-prodotti li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, inkluż informazzjoni li turi li l-assenza ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti u ta' rekwiżiti ta' legalità huma ssodisfati, fost l-oħrajn billi jiġu identifikati l-pajjiż u ż-żona tal-produzzjoni, inkluż il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni tal-biċċiet art rilevanti, **jew il-perimetri ġeolokalizzati tal-farms jew tal-pjantaġġuni**. Dawn il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni li jiddependu mill-ħin, il-pożizzjonament u/jew l-osservazzjoni tad-Dinja jistgħu jagħmlu użu mid-data u mis-servizzi spazjali pprovduti skont il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u Copernicus). Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li l-operaturi jwettqu valutazzjoni tar-riskju. **Il-valutazzjoni tar-riskju jenħtieġ li tqis ċertu għadd ta' kriterji bħal tħassib fir-rigward tal-pajjiż tal-produzzjoni, il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, kif ukoll elementi rilevanti oħra bħall-eżistenza ta' talbiet jew tilwim rigward id-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art fiż-żona tal-produzzjoni**. Meta jiġi identifikat riskju, jenħtieġ li l-operaturi jimmitigaw tali riskju sabiex ma jaslu għal sitwazzjoni tal-ebda riskju jew ta' riskju negliġibbli. Huwa biss wara li jlesti l-passi meħtieġa tal-proċedura ta' diliġenza dovuta u wara li jikkonkludi li ma jeżisti l-ebda riskju jew li jeżistu riskju negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti ma **jkunux** konformi ma' dan ir-Regolament, li l-operatur jista' jitħalla jintroduċi l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew **jesportahom**.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 39a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(39a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta linji gwida li jinftiehmu faċilment sabiex tiffaċilita l-konformità tal-operaturi u n-negozjanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Meta tiżviluppa tali linji gwida, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-ħtiġijiet tal-SMEs sabiex il-piżijiet amministrattivi u finanzjarji jinżammu f'livell minimu filwaqt li tiġi ffaċilitata l-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament. Dawn il-linji gwida jenħtieġ li jipprovdu wkoll informazzjoni lill-operaturi dwar kif jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta meta jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti oħra ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż minn pajjiżi terzi u korpi internazzjonali, li jkollhom għarfien espert fil-qasam tad-diliġenza dovuta.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 44a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(44a) L-unjoni doganali hija pedament tal-Unjoni Ewropea, li hija waħda mill-akbar blokok kummerċjali fid-dinja. L-unjoni doganali hija fundamentali biex l-integrazzjoni tal-Unjoni tkun waħda ta' suċċess u biex is-suq intern jiffunzjona tajjeb, għall-benefiċċju tan-negozji u taċ-ċittadini. Għalhekk, proċess tal-iżdoganar ta' komoditajiet u prodotti rilevanti kompletament ikkoordinat u effiċjenti jeħtieġ ambjent regolatorju tal-Unjoni*

*simplifikat għall-kummerċ internazzjonali li jwassal benefiċċji fit-tul lill-Unjoni u lir-residenti tagħha fl-oqsma kollha ta' politika, jappoġġa l-effittività u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern u jissalvagwardja l-protezzjoni tal-konsumaturi. F'dan il-kuntest, il-problemi li jikkonċernaw l-interoperabbiltà tal-awtoritajiet responsabbli għall-kontrolli mhux doganali u doganali tal-Unjoni huma ostakli kbar għall-progress fil-kisba ta' ġestjoni doganali u tal-fruntieri integrata u kkoordinata.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 45

*Test propost mill-Kummissjoni*

(45) Sabiex jiġi ottimizzat u jitneħħa l-piż minn fuq il-proċess ta' kontroll tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti interfaċċi elettroniċi li jippermettu t-trasferiment awtomatiku tad-data bejn is-sistemi doganali u s-Sistema ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Is-sistema ta' Single Window tal-UE għad-dwana hija l-kandidat naturali sabiex jiġu appoġġati tali trasferimenti tad-data. Jenħtieġ li l-interfaċċi jkunu awtomatizzati ħafna u faċli sabiex jintużaw, u ***jenħtieġ li l-piż addizzjonali*** għall-awtoritajiet doganali ***jkun limitat***. Barra minn hekk, fid-dawl tad-differenzi limitati bejn id-data li għandha tiġi dikjarata rispettivament fid-dikjarazzjoni doganali u fid-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta, huwa xieraq li jiġi propost ukoll approċċ "min-negozji għall-gvern" fejn ***in-negozjanti u l-operaturi*** ekonomiċi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta ta' komodità jew prodott rilevanti permezz tas-sistema ta' single window nazzjonali għad-dwana u din id-dikjarazzjoni tiġi

*Emenda*

(45) Sabiex jiġi ottimizzat u jitneħħa l-piż minn fuq il-proċess ta' kontroll tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti interfaċċi elettroniċi ***interoperabbli*** li jippermettu t-trasferiment awtomatiku tad-data bejn is-sistemi doganali u s-Sistema ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Is-sistema ta' Single Window tal-UE għad-dwana hija l-kandidat naturali sabiex jiġu appoġġati tali trasferimenti tad-data. Jenħtieġ li l-interfaċċi jkunu awtomatizzati ħafna u faċli sabiex jintużaw, u ***jiffaċilitaw il-proċessi*** għall-awtoritajiet doganali ***kif ukoll jillimitaw il-kostijiet u l-piż għall-operaturi***. Barra minn hekk, fid-dawl tad-differenzi limitati bejn id-data li għandha tiġi dikjarata rispettivament fid-dikjarazzjoni doganali u fid-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta, huwa xieraq li jiġi propost ukoll approċċ "min-negozji għall-gvern" fejn l-operaturi ekonomiċi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta ta' komodità jew prodott rilevanti permezz tas-sistema ta' single window nazzjonali għad-dwana u din id-



trażmessa awtomatikament fis-Sistema ta' Informazzjoni użata mill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti jikkontribwixxu sabiex jiddeterminaw id-data li għandha tiġi trażmessa u kwalunkwe rekwiżit tekniku ieħor.

dikjarazzjoni tiġi trażmessa awtomatikament fis-Sistema ta' Informazzjoni użata mill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti jikkontribwixxu sabiex jiddeterminaw id-data li għandha tiġi trażmessa u kwalunkwe rekwiżit tekniku ieħor.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 46

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(46) Ir-riskju li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti mhux konformi jvarja skont il-komodità u l-prodott kif ukoll skont il-pajjiż tal-oriġini u l-produzzjoni tagħhom. L-operaturi li jakkwistaw komoditajiet u prodotti minn pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx ta' tkabbir, hsað jew produzzjoni ta' komoditajiet rilevanti bi ksur ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal anqas obbligi, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità u l-piż amministrattiv. Il-komoditajiet u l-prodotti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skrutinju msaħħaħ mill-awtoritajiet kompetenti.

#### *Emenda*

(46) Ir-riskju li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti mhux konformi jvarja skont il-komodità u l-prodott kif ukoll skont il-pajjiż tal-oriġini u l-produzzjoni tagħhom. L-operaturi li jakkwistaw komoditajiet u prodotti minn pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx ta' tkabbir, hsað jew produzzjoni ta' komoditajiet ***jew prodotti*** rilevanti bi ksur ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal anqas obbligi, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità u l-piż amministrattiv. ***Meta awtorità kompetenti tiġi infurmata dwar riskju li r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu evitati, pereżempju fejn komodità jew prodott rilevanti li jkunu ġew prodotti f'pajjiż b'riskju għoli jiġu sussegwentement ipproċessati fl-UE jew esportati lejn l-UE minn pajjiż b'riskju baxx, filwaqt li d-dikjarazzjoni doganali jew id-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta jindikaw li l-komodità jew il-prodott ikunu ġew prodotti f'pajjiż b'riskju baxx, jenħtieġ li tieħu azzjoni xierqa, bħall-qbid u s-sospensjoni tat-tqegħid fis-suq tal-komodità jew tal-prodott rilevanti, kif ukoll verifiki ulterjuri.*** Il-komoditajiet u l-prodotti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skrutinju msaħħaħ mill-

awtoritajiet kompetenti.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 52

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(52) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ksur ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negozjanti jiġi sanzjonat b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

#### *Emenda*

(52) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ksur ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negozjanti jiġi sanzjonat b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi, ***li jistgħu jinkludu sospensjoni temporanja tad-dritt li jitqiegħdu komoditajiet u prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni f'każ ta' ksur ripetut serju.***

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt 20a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(20a) "bdiewa b'azjenda agrikola żgħira" tfisser bdiewa fuq skala żgħira, pastoralisti, dawk li jrabbu l-foresti, sajjieda li jiġġestixxu żoni li jvarjaw minn inqas minn ettaru sa 10 ettari. Il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira huma kkaratterizzati minn motivazzjonijiet iffokati fuq il-familja bħal li jiffavorixxu l-istabbiltà tas-sistema tal-unitajiet domestiċi agrikoli, li prinċipalment jużaw ix-xogħol mill-membri tal-familja għall-produzzjoni u li jużaw parti mill-prodott għall-konsum tal-familja.***

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-operaturi li, billi jeżerċitaw id-diliġenza dovuta kif imsemmi fl-Artikolu 8 **ikunu** waslu għall-konklużjoni li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu fis-sukat-Unjoni jew jesportaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. Dik id-dikjarazzjoni għandha tikkonferma li tkun saret id-diliġenza dovuta u li ma jkun instab l-ebda riskju jew ikun instab biss riskju negliġibbli u għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

*Emenda*

2. L-operaturi li, billi jeżerċitaw id-diliġenza dovuta kif imsemmi fl-Artikolu 8 **jkunu** waslu għall-konklużjoni li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu fis-sukat-Unjoni jew jesportaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. Dik id-dikjarazzjoni **għandha tkun disponibbli u trażmissibli elettronikament, skont l-Artikolu 31(5).** **Hi** għandha tikkonferma li tkun saret id-diliġenza dovuta u li ma jkun instab l-ebda riskju jew ikun instab biss riskju negliġibbli u għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-operaturi għandhom jikkondividu d-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta mal-atturi downstream rilevanti fil-katina tal-provvista rikonoxxuta skont dan ir-Regolament.***

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

**5a. Sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta, l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għar-riesportazzjoni ta' komoditajiet u prodotti rilevanti jekk l-importazzjoni tagħhom kienet diġà soġġetta għal proċeduri ta' diliġenza dovuta.**

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. Operaturi li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq ma **jkunx** konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament **għandu jinforma** minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq. Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni.

6. Operaturi li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, **rilevanti u akkurata**, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li **tindika riskju mhux negliġibbli li l-**komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq ma **jkunux** konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament **għandhom jinformaw** minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq, **kif ukoll lin-negozjanti li lilhom ġew fornuti l-komodità jew il-prodott rilevanti bil-ħsieb li tiġi evitata aktar ċirkolazzjoni fis-suq intern jew aktar esportazzjoni minnu.** Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni.

**L-operaturi jistgħu jipprovdu aċċess faċli għal kanal ta' komunikazzjoni li jippermetti lil partijiet terzi jissottomettu informazzjoni skont dan il-paragrafu.**

## Emenda 15

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

F'każ li persuna fiżika jew ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tiegħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

F'każ li persuna fiżika jew ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tiegħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti **matul attività kummerċjali** għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament **u responsabbli biex tiżgura li l-komodità jew il-prodott rilevanti huma mingħajr deforestazzjoni.**

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) rekords tal-attività msemmija fl-Artikolu 11.**

**Ir-rekwiżiti biex jiġu ssodisfati l-obbligi ta' diliġenza dovuta għandhom ikunu proporzjonati u għandu jkollhom l-għan li r-rekwiżiti amministrattivi jinżammu f'livell minimu.**

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-operaturi għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9 u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u fuq din il-bażi **twettaq** valutazzjoni tar-riskju sabiex **tistabilixxi** jekk hemmx riskju li l-

1. L-operaturi **li beħsiebhom jintroduċu komoditajiet u prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportawhom mill-Unjoni** għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9 u

komoditajiet u l-prodotti rilevanti maħsuba sabiex jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu juru li r-riskju ta' nuqqas ta' konformità huwa negliġibbli, huma ma għandhomx jintroduċu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni u lanqas ma *jesportawh*.

kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u fuq din il-bażi *juwettqu* valutazzjoni tar-riskju sabiex *jistabbilixxu* jekk hemmx riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti maħsuba sabiex jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu juru li r-riskju ta' nuqqas ta' konformità huwa negliġibbli, huma ma għandhomx jintroduċu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni u lanqas ma *jesportawhom*.

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni u oriġini, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-data, in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi, il-kunflitt armat jew il-preżenza ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

#### *Emenda*

(e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni u oriġini *jew parti minnu*, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-data, in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi, *in-nuqqas ta' rispetttad-drittijiet tal-bniedem, inkluż in-nuqqas ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-popli indiġeni*, il-kunflitt armat jew il-preżenza ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt f

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet wieħed jagħmel il-konnessjoni bejn il-komoditajiet u/jew tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew

#### *Emenda*

(f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet *biex* wieħed jagħmel il-konnessjoni bejn il-komoditajiet u/jew tal-prodotti mal-biċċa art *jew maż-żona*

prodotti;

*distinta ta' produzzjoni* fejn ikunu ġew  
prodotti;

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fa) il-prevalenza ta' prattiki  
kummerċjali inġusti, bħal prattiki tax-xiri  
u tal-ipprezzar, li jimminaw il-kapaċità  
tal-fornituri li jipproduċu komoditajiet u  
prodotti rilevanti konformi mar-rekwiżiti  
ta' dan ir-Regolament;**

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta'  
oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni  
fejn *seħħet* jew ***tkun qiegħda sseħħ id-  
deforestazzjoni*** jew id-degradazzjoni tal-  
foresti;

(g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta'  
oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni  
fejn *seħħew* jew ***ikunu qegħdin iseħħu d-  
deforestazzjoni*** jew id-degradazzjoni tal-  
foresti, ***kif ukoll ksur tal-leġiżlazzjoni  
rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni;***

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt j

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(j) informazzjoni komplementari dwar  
il-konformità ma' dan ir-Regolament, li  
tista' tinkludi informazzjoni pprovduta  
***permezz ta' skemi ta'*** ċertifikazzjoni jew  
skemi oħra vverifikati minn partijiet terzi,  
inkluż skemi volontarji rikonoxxuti mill-  
Kummissjoni skont l-Artikolu 30(5) tad-

(j) informazzjoni komplementari dwar  
il-konformità ma' dan ir-Regolament, li  
tista' tinkludi informazzjoni ***disponibbli  
online, jew informazzjoni*** pprovduta ***minn  
partijiet terzi kif ukoll*** ċertifikazzjoni jew  
skemi oħra vverifikati minn partijiet terzi,  
inkluż skemi volontarji rikonoxxuti mill-

Direttiva (UE) 2018/2001<sup>49</sup>, sakemm ***l-informazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti*** stabbiliti fl-Artikolu 9.

Kummissjoni skont l-Artikolu 30(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001<sup>49</sup>, sakemm ***tali ċertifikazzjoni jew skemi oħra vverifikati minn partijiet terzi jissodisfaw ir-rekwiżiti*** stabbiliti fl-Artikolu 9.

---

<sup>49</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328/82, 21.12.2018, p. 82-209).

---

<sup>49</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328/82, 21.12.2018, p. 82-209).

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Ħlief fejn l-analiżi mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 tippermetti lill-operatur jiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju jew li jkun hemm riskju negliġibbli li l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jadotta qabel ma jqiegħed il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' esportazzjoni tagħhom, proċeduri u miżuri li jkunu adegwati sabiex ma jintlaħaq l-ebda riskju jew jintlaħaq riskju negliġibbli. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' informazzjoni, data jew dokumenti addizzjonali, it-twettiq ta' sħarriġ jew awditi indipendenti jew miżuri oħra relatati mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9.

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

#### *Emenda*

4. Ħlief fejn l-analiżi mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 tippermetti lill-operatur jiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju jew li jkun hemm riskju negliġibbli li l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jadotta qabel ma jqiegħed il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' esportazzjoni tagħhom, proċeduri u miżuri li jkunu adegwati sabiex ma jintlaħaq l-ebda riskju jew jintlaħaq riskju negliġibbli. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' informazzjoni, data jew dokumenti addizzjonali, it-twettiq ta' sħarriġ jew awditi indipendenti, ***il-bini tal-kapaċità għall-fornituri*** jew miżuri oħra relatati mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9.



**4a.** *Għal każijiet fejn deċiżjoni li għandha tittieħed bħala parti mill-mitigazzjoni tar-riskju jista' jkollha impatt fuq xi gruppi ta' partijiet ikkonċernati, bħal popli indiġeni, komunitajiet lokali u detenturi konswetudinarji oħra tad-drittijiet għall-pussess tal-art, kif ukoll bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, l-operaturi għandhom jieħdu passi raġonevoli biex jikkonsultaw ma' daww il-partijiet ikkonċernati, mingħajr ma jġarrbu dewmien żejjed fit-teħid ta' din id-deċiżjoni.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10a (ġdid)**

**Artikolu 10a**

**Appoġġ għall-fornituri**

**1.** *Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa biex tappoġġa l-konformità tal-fornituri mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament permezz ta' miżuri mmirati. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-ħtiġijiet ta' bdiewa b'azjenda agrikola żgħira fit-tfassil ta' tali miżuri.*

*Il-miżuri mmirati jistgħu jinkludu:*

- (a) investimenti;*
- (b) programmi ta' bini ta' kapaċità;*
- (c) mekkaniżmi ta' pprezzar.*

**2.** *Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-pajjiżi produtturi biex tneħħi l-ostakli legali u ta' governanza li jħallu impatt fuq il-kapaċità tagħhom li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u tipproponi linji gwida speċifiċi fir-rigward tal-fornituri, inkluż għal bdiewa b'azjenda*

*agrikola żgħira.*

## **Emenda 26**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Madankollu, jekk l-operatur jikseb jew isir konxju minn kwalunkwe informazzjoni li tindika riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-obbligi kollha tal-Artikoli 9 u 10 għandhom ***jġu ssodisfati***.

*Emenda*

2. Madankollu, jekk l-operatur jikseb jew isir konxju minn kwalunkwe informazzjoni ***rilevanti u akkurata*** li tindika riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-obbligi kollha tal-Artikoli 9 u 10 għandhom ***japplikaw***.

## **Emenda 27**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Jekk awtorità kompetenti tikseb jew tiġi mgħarrfa bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti u akkurata li tindika riskju ta' ċirkonvenzjoni tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fil-kuntest ta' proċedura simplifikata ta' diliġenza dovuta, hija għandha tadotta l-miżuri xierqa kollha.***

## **Emenda 28**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 12a***

***Linji gwida***

***1. Il-Kummissjoni għandha tadotta***

*linji gwida ċari u li jinftiehmu faċilment sabiex tiffaċilita l-konformità tal-operaturi u n-negozjanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Il-linji gwida għandhom iqisu b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-SMEs u tal-mikrointrapriżi u għandhom jippermettu assistenza amministrattiva u finanzjarja.*

*2. Il-linji gwida għandhom jgħinu lill-operaturi, b'mod partikolari lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi, biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta skont l-Artikolu 11(2), billi jipprovdu gwida dwar kif ir-rekwiżiti skont atti differenti tal-Unjoni jistgħu jiġu integrati bl-aktar mod effiċjenti.*

*3. Il-linji gwida għandhom jiġu żviluppati f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż minn pajjiżi terzi u, meta xieraq, ma' korpi internazzjonali li jkollhom għarfien espert fid-diliġenza dovuta.*

*4. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u taġġorna regolarment il-linji gwida filwaqt li tqis l-aħħar żviluppi fis-setturi kkonċernati.*

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma **jkunx** konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità.

#### *Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma **jkunux** konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità **f'perjodu ta' żmien speċifikat u raġonevoli.**

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat adegwati, kif ukoll ir-riżorsi finanzjarji u umani, biex iwettqu b'mod effettiv l-attivitajiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.**

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-azzjoni korrettiva meħtieġa li għandha tittieħed mill-operatur jew min-negozjant għandha tinkludi mill-anqas waħda **jew aktar** minn dawn li ġejjin:

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-azzjoni korrettiva meħtieġa li għandha tittieħed mill-operatur jew min-negozjant **għandha tiġi ddeterminata mill-awtorità kompetenti u** għandha tinkludi mill-anqas waħda minn dawn li ġejjin:

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(d) **il-gerda** tal-komodità jew tal-prodott rilevanti **jew l-għoti tiegħu** għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku.

(d) **l-għoti** tal-komodità jew tal-prodott rilevanti għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku;

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) il-gerda tal-komodità jew tal-prodott rilevanti f'każ li l-għotja tkun impossibbli jew tinvolvi kostijiet sproporzjonati;*

#### **Emenda 34**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(db) l-indirizzar ta' kwalunkwe nuqqas fis-sistema ta' diliġenza dovuta li seta' wassal għan-nuqqas ta' konformità, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' ksur ulterjuri.*

#### **Emenda 35**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli jieħu azzjoni korrettiva msemmija fil-paragrafu 2 jew meta jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li ***l-prodott jiġi rtirat*** jew ***jittieħed*** lura, jew li t-tqegħid ***tiegħu*** fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni minnu ***jiġi pprojbit*** jew ***ristrett***.

3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli jieħu azzjoni korrettiva msemmija fil-paragrafu 2 ***fil-perjodu ta' żmien speċifikat skont il-paragrafu 1*** jew meta jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1 ***wara li jintemm dak il-perjodu ta' żmien***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li ***l-komodità jew il-prodott rilevanti jiġu rtirati*** jew ***jissejħu*** lura, jew li t-tqegħid ***tagħhom*** fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni minnu ***jiġu pprojbiti*** jew ***ristretti***.

#### **Emenda 36**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** *L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar in-natura tal-ksur ta' dan ir-Regolament li rriżulta fi kwalunkwe penali imposta fuq l-operaturi u n-negozjanti. Il-Kummissjoni għandha tabbozza u tippubblika kull sena rapport ta' sinteżi li jiġbor data aggregata dwar il-penali imposti mill-Istati Membri, abbażi tal-informazzjoni riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti.*

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 24 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkontrollaw id-dikjarazzjoni korretta tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni. Tali kontrolli għandhom ikunu bbażati primarjament fuq l-analiżi tar-riskju, bil-għan li jiġu identifikati u evalwati r-riskji u jiġu żviluppati l-kontromiżuri meħtieġa, u għandhom jitwettqu f'qafas komuni ta' ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkontrollaw id-dikjarazzjoni korretta tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni. Tali kontrolli għandhom ikunu bbażati primarjament fuq l-analiżi tar-riskju **u fuq valutazzjoni komparattiva ta' pajjiżi u ta' partijiet minnhom skont l-Artikolu 27**, bil-għan li jiġu identifikati u evalwati r-riskji u jiġu żviluppati l-kontromiżuri meħtieġa, u għandhom jitwettqu f'qafas komuni ta' ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni.

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 24 – paragrafu 10**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

10. L-awtoritajiet doganali **jistgħu jeqirdu komodità** jew **prodott** rilevanti

10. L-awtoritajiet doganali **għandhom jagħtu l-komodità** jew **il-prodott** rilevanti

mhux konformi fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti jew meta jqisu li dan ikun meħtieġ u proporzjonat. Il-kost tat-tali miżura għandu jiġġarrab mill-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-komodità jew il-prodott rilevanti. L-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom japplikaw kif xieraq. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mhux konformi jistgħu alternattivament jiġu kkonfiskati u mqiegħda mid-dwana għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

mhux konformi **għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku u jistgħu biss jeqirduhom bħala l-aħħar miżura meta l-għotja tkun impossibbli jew tinvolvi kostijiet sproporzjonati**, fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti jew meta jqisu li dan ikun meħtieġ u proporzjonat. Il-kost tat-tali miżura għandu jiġġarrab mill-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-komodità jew il-prodott rilevanti. L-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom japplikaw kif xieraq. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mhux konformi jistgħu alternattivament jiġu kkonfiskati u mqiegħda mid-dwana għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Meta, b'rabta mal-komoditajiet u mal-prodotti rilevanti soġġetti għal dan ir-Regolament li huma jew f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura doganali għajr ir-"rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera", l-awtoritajiet doganali fl-ewwel punt tad-dħul ikollhom raġuni sabiex jemmnu li daww il-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-uffiċċju doganali kompetenti tad-destinazzjoni.

#### *Emenda*

4. Meta, b'rabta mal-komoditajiet u mal-prodotti rilevanti soġġetti għal dan ir-Regolament li huma jew f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura doganali għajr ir-"rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera", l-awtoritajiet doganali fl-ewwel punt tad-dħul ikollhom raġuni sabiex jemmnu li daww il-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha ***lill-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Unjoni, b'mod partikolari*** lill-uffiċċju doganali kompetenti tad-destinazzjoni, ***kif ukoll lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni.***

## Emenda 40

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 26 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti t-trażmissjoni tad-data, partikolarment in-notifiki u t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Artikolu 24 bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31. Din l-interfaċċa elettronika għandha tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard minn *erba' snin* mid-data ta' adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni rilevanti msemmi fil-paragrafu 3.

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti t-trażmissjoni tad-data, partikolarment in-notifiki u t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Artikolu 24 bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31, ***inkluża t-trażmissjoni awtomatika tad-data meta jsir tibdil fi kwalunkwe waħda mis-sistemi***. Din l-interfaċċa elettronika għandha tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard minn *sentejn* mid-data ta' adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni rilevanti msemmi fil-paragrafu 3.

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 26 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti:

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti:



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	It-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 995/2010	
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD)	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 17.1.2022	
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 7.4.2022	
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	7.4.2022	
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Anna Cavazzini 25.1.2022	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	20.4.2022	17.5.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.6.2022	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 37 - : 0 0 : 6	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Andrea Caroppo, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Krzysztof Hetman, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Arba Kokalari, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Beata Mazurek, Leszek Miller, René Repasi, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Campomenosi, Maria da Graça Carvalho, Geoffroy Didier, Malte Gallée, Karen Melchior, Tsvetelina Penkova, Antonio Maria Rinaldi, Marc Tarabella, Kosma Złotowski	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nicola Beer, Rosanna Conte, Vlad Gheorghe, Ondřej Kovařík	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

37	+
ECR	Adam Bielan, Beata Mazurek, Kosma Złotowski
PPE	Pablo Arias Echeverría, Andrea Caroppo, Maria da Graça Carvalho, Deirdre Clune, Geoffroy Didier, Krzysztof Hetman, Arba Kokalari, Andrey Kovatchev, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Marion Walsmann
RENEW	Nicola Beer, Dita Charanzová, Vlad Gheorghe, Sandro Gozi, Ondřej Kovařík, Karen Melchior, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Brando Benifei, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Leszek Miller, Tsvetelina Penkova, René Repasi, Christel Schaldemose, Marc Tarabella
THE LEFT	Kateřina Konečná
VERTS/ALE	Anna Cavazzini, Malte Gallée, Alexandra Geese, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak

0	-

6	0
ECR	Eugen Jurzyca
ID	Alessandra Basso, Marco Campomenosi, Rosanna Conte, Virginie Joron, Antonio Maria Rinaldi

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 995/2010 (COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Rosa Estaràs Ferragut

### EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

#### Emenda 1

##### Proposta għal regolament

##### Premessa 1

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-foresti jipprovdu varjetà wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali, inkluż prodotti tal-injam u tal-foresti li ma humiex injam u servizzi ambjentali essenzjali għall-umanità, peress li fihom tinsab il-biċċa l-kbira tal-bijodiversità terrestri tad-dinja. Dawn isostnu l-funzjonijiet ta' ekosistema, jgħinu fil-protezzjoni tas-sistema klimatika, jipprovdu arja nadifa u għandhom rwol vitali għall-purifikazzjoni tal-ilmijiet u tal-ħamrija kif ukoll għaż-żamma tal-ilma. Barra minn hekk, il-foresti jipprovdu sussistenza u introjtu għal madwar terz tal-popolazzjoni tad-dinja u l-qerda tagħhom għandha konsegwenzi serji għall-għajxien tal-persuni l-aktar vulnerabbli, inkluż il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali li jiddependu ħafna mill-ekosistemi tal-

###### *Emenda*

(1) Il-foresti jipprovdu varjetà wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali, inkluż prodotti tal-injam u tal-foresti li ma humiex injam u servizzi ambjentali essenzjali għall-umanità, peress li fihom tinsab il-biċċa l-kbira tal-bijodiversità terrestri tad-dinja. Dawn isostnu l-funzjonijiet ta' ekosistema, jgħinu fil-protezzjoni tas-sistema klimatika, jipprovdu arja nadifa u għandhom rwol vitali għall-purifikazzjoni tal-ilmijiet u tal-ħamrija kif ukoll għaż-żamma tal-ilma. Barra minn hekk, il-foresti jipprovdu sussistenza u introjtu għal madwar terz tal-popolazzjoni tad-dinja u l-qerda tagħhom għandha konsegwenzi serji għall-għajxien tal-persuni l-aktar vulnerabbli, inkluż il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali li jiddependu ħafna mill-ekosistemi tal-

foresti.<sup>18</sup> Barra minn hekk, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jnaqqsu l-bjar ta' karbonju essenzjali u jżidu l-probabbiltà ta' mard ġdid li jinxtered mill-annimali għall-bnedmin.

foresti.<sup>18</sup> ***Il-popli indiġeni jgħixu u jiġġestixxu ħafna territorji forestali globalment, u 80 % tal-bijodiversità tad-Dinja tinsab fit-territorji tal-popli indiġeni. Id-deforestazzjoni hija ferm aktar baxxa f'territorji fejn il-popli indiġeni huma fil-kontroll tal-artijiet tagħhom stess, meta mqabbla ma' territorji ġestiti minn gvernijiet jew entitajiet oħra. Ir-rikonoxximent u r-rispett tad-drittijiet tal-art tal-popli indiġeni għandhom ikunu l-għodda primarja għall-prevenzjoni tad-deforestazzjoni.*** Barra minn hekk, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jnaqqsu l-bjar ta' karbonju essenzjali u jżidu l-probabbiltà ta' mard ġdid li jinxtered mill-annimali għall-bnedmin.

---

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2019 "It-Tiŝhih tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", COM(2019) 352 final.

---

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2019 "It-Tiŝhih tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", COM(2019) 352 final.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jikkontribwixxu għall-kriżi klimatika globali b'diversi modi. Tassew importanti, dawn iżidu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' nirien fil-foresti assoċjati, filwaqt li jneħħu permanentement ***l-kapaċitajiet*** tal-bir tal-karbonju, inaqqsu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima taż-żona affettwata u jnaqqsu sostanzjalment il-bijodiversità. Id-deforestazzjoni waħedha tammonta għal 11 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra<sup>20</sup>.

#### *Emenda*

(3) Id-deforestazzjoni, ***il-konverżjoni tal-ekosistema naturali, l-ekosistema*** u d-degradazzjoni tal-foresti, ***bħall-ħsad żejjed tal-injam***, jikkontribwixxu għall-kriżi klimatika globali b'diversi modi. Tassew importanti, dawn iżidu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' nirien fil-foresti assoċjati, filwaqt li jneħħu permanentement ***il-kapaċitajiet*** tal-bir tal-karbonju, inaqqsu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima taż-żona affettwata u jnaqqsu sostanzjalment il-bijodiversità. Id-deforestazzjoni waħedha tammonta għal 11 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra<sup>20</sup>.

<sup>20</sup> IPCC, It-Tibdil fil-Klima u l-Art: rapport speċjali tal-IPCC dwar it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-art, is-sigurtà tal-ikel, u l-flussi tal-gassijiet serra fl-ekosistemi terrestri, <https://www.ipcc.ch/srccl/>.

<sup>20</sup> IPCC, It-Tibdil fil-Klima u l-Art: rapport speċjali tal-IPCC dwar it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-art, is-sigurtà tal-ikel, u l-flussi tal-gassijiet serra fl-ekosistemi terrestri, <https://www.ipcc.ch/srccl/>.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 4

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Id-deterjorament tal-klima jwassal għat-telfien tal-bijodiversità fuq livell globali u t-telfien tal-bijodiversità jaggrava t-tibdil fil-klima, li huma marbuta inseparabbilment, kif ikkonfermaw studji riċenti. Il-bijodiversità tgħin sabiex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima. L-insetti, l-għasafar u l-mammiferi jaġixxu bħala dakkara, ixerrdu ż-żrieragħ u jistgħu jgħinu sabiex il-karbonju jinħażen aktar effiċjentement, direttament jew indirettament. Il-foresti jiżguraw ukoll rikostituzzjoni kontinwa tar-riżorsi tal-ilma u l-prevenzjoni tan-nixfiet u l-effetti dannużi tagħhom għall-komunitajiet lokali, inkluż il-popli indiġeni. It-tnaqqis drastiku tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti u r-restawr sistemiku tal-foresti u ta' ekosistemi oħra huma ***l-akbar*** opportunità ***unika bbażata fuq in-natura*** għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 5a (ġdida)

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

###### *Emenda*

(4) Id-deterjorament tal-klima jwassal għat-telfien tal-bijodiversità fuq livell globali u t-telfien tal-bijodiversità jaggrava t-tibdil fil-klima, li huma marbuta inseparabbilment, kif ikkonfermaw studji riċenti. Il-bijodiversità tgħin sabiex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima. L-insetti, l-għasafar u l-mammiferi jaġixxu bħala dakkara, ixerrdu ż-żrieragħ u jistgħu jgħinu sabiex il-karbonju jinħażen aktar effiċjentement, direttament jew indirettament. Il-foresti jiżguraw ukoll rikostituzzjoni kontinwa tar-riżorsi tal-ilma u l-prevenzjoni tan-nixfiet u l-effetti dannużi tagħhom għall-komunitajiet lokali, inkluż il-popli indiġeni. It-tnaqqis drastiku tad-deforestazzjoni, ***tal-konverżjoni tal-ekosistema naturali, tal-ekosistema*** u tad-degradazzjoni tal-foresti u r-restawr sistemiku tal-foresti u ta' ekosistemi oħra huma opportunità għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

***(5a) Is-savani, l-artijiet mistagħdra u l-mergħat b'bijodiversità għolja huma***

*mhedda wkoll mill-ħsad intensiv, bħall-produzzjoni tas-sojja u tal-bhejjem tal-ifrat. Fil-każ taż-żejt tal-palm, it-torbieri huma f'periklu partikolari. Hekk kif jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk hemmx riskju li tiżdied il-qerda ta' dawk l-ekosistemi.*

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 6a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(6a) Mill-227 attakk letali kontra d-difensuri tal-ambjent u tal-art irreġistrati fl-2020, 70 % ta' dawk maqtula kienu qed jaħdmu biex jiddefendu l-foresti tad-dinja mid-deforestazzjoni u l-iżvilupp industrijali. Dawk l-attakki huma mmirati b'mod sproporzjonat għall-popli indiġeni, li kienu l-mira ta' terz tal-qtil irreġistrat fl-2020.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(7) Il-konsum tal-Unjoni huwa xprunatur konsiderevoli tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fuq skala globali. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-inizjattiva stmat li mingħajr intervent regolatorju xieraq, il-konsum u l-produzzjoni tal-UE **tas-sitt** komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni (injam, bhejjem tal-ifrat, sojja, żejt tal-palm, kawkaw u kafè) se jiżdiedu għal madwar 248 000 ettaru ta' deforestazzjoni kull sena sal-2030.

(7) Il-konsum tal-Unjoni huwa xprunatur konsiderevoli tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fuq skala globali. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-inizjattiva stmat li mingħajr intervent regolatorju xieraq, il-konsum u l-produzzjoni tal-UE **ta' sitt** komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni (injam, bhejjem tal-ifrat, sojja, żejt tal-palm, kawkaw u kafè) se jiżdiedu għal madwar 248 000 ettaru ta' deforestazzjoni kull sena sal-2030. **Komoditajiet rilevanti oħra inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni huma tjur u prodotti derivati minn tjur, prodotti**

*derivati minn bhejjem tal-ifrat inkluż il-ġilda, il-ħnieżer, in-nagħaġ u l-mogħoż u prodotti derivati mill-majjali, in-nagħaġ u l-mogħoż, il-gomma u l-qamħirrum. Dawk il-komoditajiet kollha, kif ukoll il-prodotti kollha li fihom, li ġew mitmugħa bihom jew li saru bl-użu tagħhom, jew il-prodotti derivati minnhom, jenħtieġ li jkunu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li żżid komoditajiet u prodotti addizzjonali mal-Anness I permezz ta' atti delegati.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) L-Istati Membri ripetutament esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar id-deforestazzjoni persistenti. Huma enfasizzaw li peress li l-politiki u l-azzjoni attwali fil-livell globali dwar il-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti ma humiex biżżejjed sabiex iwaqqfu d-deforestazzjoni **u d-degradazzjoni** tal-foresti, hija meħtieġa azzjoni msaħħa tal-Unjoni sabiex tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp sostenibbli, li ġiet adottata mill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015. Il-Kunsill appoġġa speċifikament it-tħabbira tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" li se tivvaluta miżuri regolatorji u mhux regolatorji addizzjonali u li se tippreżenta proposti rispettivi.<sup>31</sup>

*Emenda*

(10) L-Istati Membri ripetutament esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar id-deforestazzjoni persistenti. Huma enfasizzaw li peress li l-politiki u l-azzjoni attwali fil-livell globali dwar il-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti ma humiex biżżejjed sabiex iwaqqfu d-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni** tal-foresti **u t-telf tal-bijodiversità**, hija meħtieġa azzjoni msaħħa tal-Unjoni sabiex tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp sostenibbli, li ġiet adottata mill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015. **Il-Kummissjoni u l-Istati Membri impenjaw ruħhom ukoll għad-Deċennju ta' Azzjoni tan-NU għall-SDGs, għad-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistemi u għad-Deċennju tal-Biedja mill-Familja tan-NU.** Il-Kunsill appoġġa speċifikament it-tħabbira tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" li se tivvaluta miżuri regolatorji u mhux

regolatorji addizzjonali u li se tippreżenta proposti rispettivi.<sup>31</sup>

---

<sup>31</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja (is-16 ta' Diċembru 2019) 15151/19. Disponibbli fuq <https://www.consilium.europa.eu/media/41860/st15151-en19.pdf>.

---

<sup>31</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja (is-16 ta' Diċembru 2019) 15151/19. Disponibbli fuq <https://www.consilium.europa.eu/media/41860/st15151-en19.pdf>.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Il-Parlament Ewropew enfasizza li l-qerda **kontinwa** tal-foresti tad-dinja **hija** marbuta, fil-biċċa l-kbira, mal-espansjoni tal-produzzjoni agrikola — partikolarment billi l-foresti jiġu kkonvertiti f'art agrikola ddedikata għall-produzzjoni ta' numru ta' prodotti u komoditajiet li hemm domanda kbira għalihom. Fit-22 ta' Ottubru 2020, il-Parlament adotta riżoluzzjoni<sup>32</sup> f'konformità mal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li titlob lill-Kummissjoni tissottometti, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE, proposta għal "qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha".

---

<sup>32</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2020 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-

#### *Emenda*

(11) Il-Parlament Ewropew enfasizza li l-qerda **u d-degradazzjoni kontinwi** tal-foresti tad-dinja **u tal-ekosistemi naturali, kif ukoll il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, huma** marbuta, fil-biċċa l-kbira, mal-espansjoni tal-produzzjoni agrikola — partikolarment billi l-foresti jiġu kkonvertiti f'art agrikola ddedikata għall-produzzjoni ta' numru ta' prodotti u komoditajiet li hemm domanda kbira għalihom. Fit-22 ta' Ottubru 2020, il-Parlament adotta riżoluzzjoni<sup>32</sup> f'konformità mal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li titlob lill-Kummissjoni tissottometti, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE, proposta għal "qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha" **abbażi ta' diliġenza dovuta obbligatorja**.

---

<sup>32</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2020 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-



UE hija responsabbli għaliha (2020/2006 (INL)) Disponibbli fuq [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285_MT.html).

UE hija responsabbli għaliha (2020/2006 (INL)) Disponibbli fuq [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285_MT.html).

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 14

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni importat u kkonsmat terz tal-prodotti agrikoli nneozjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll tippromwovi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan li tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti mal-pajjiżi produttori u tal-konsumaturi huma fundamentali f'dak ir-rigward.

#### *Emenda*

(14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni importat u kkonsmat terz tal-prodotti agrikoli nneozjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll tippromwovi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan li tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. Is-sħubijiet ***multilaterali u bilaterali*** u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti mal-pajjiżi produttori u tal-konsumaturi huma fundamentali f'dak ir-rigward ***u jenħtieġ li jqisu l-kontributi mill-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar, is-soċjetà ċivili, l-SMEs, in-nisa, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali. Biex ikunu effettivi, tali sħubijiet jenħtieġ li jiżguraw inċentivi kummerċjali u appoġġ***

*għall-għajxien lokali, kif ukoll pjanijiet direzzjonali għal riformi li jitwettqu f'pajjiżi sħab.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) It-twaqqif tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti huwa parti essenzjali mill-SDGs. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi partikolarment sabiex jintlaħqu l-għanijiet rigward il-ħajja fuq l-art (SDG 15), l-azzjoni klimatika (SDG 13), il-konsum u l-produzzjoni responsabbli (SDG 12), inxejnu l-ġuħ (SDG 2) u saħħa tajba u benesseri (SDG 3). Il-mira rilevanti 15.2 sabiex titwaqqaf id-deforestazzjoni sal-2020 ma ntlaħqitx, u dan jenfasizza l-urġenza ta' azzjoni ambizzjuża u effettiva.

#### *Emenda*

(15) It-twaqqif tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti huwa parti essenzjali mill-SDGs ***u t-twettiq ta' Aġenda 2030***. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi partikolarment sabiex jintlaħqu l-għanijiet rigward il-ħajja fuq l-art (SDG 15), l-azzjoni klimatika (SDG 13), il-konsum u l-produzzjoni responsabbli (SDG 12), ***ix-xogħol deċenti u t-tkabbir ekonomiku (SDG 8)***, inxejnu l-ġuħ (SDG 2), ***l-ebda faqar (SDG 1), ilma nadif (SDG 6), inugwaljanza mnaqqsa (SDG 10)*** u saħħa tajba u benesseri (SDG 3). Il-mira rilevanti 15.2 sabiex titwaqqaf id-deforestazzjoni sal-2020 ma ntlaħqitx, u dan jenfasizza l-urġenza ta' azzjoni ambizzjuża u effettiva. ***Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkunsidra u jagħmel komponent ċentrali tal-implimentazzjoni tiegħu t-tliet dimensjonijiet kollha tas-sostenibbiltà: ambjentali, soċjali u ekonomika. Il-fatt li ħadd ma jitħalla jibqa' lura għandu jkun ukoll prinċipju ta' gwida fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.***

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispondi wkoll għad-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti<sup>35</sup>, dikjarazzjoni

#### *Emenda*

(16) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispondi wkoll għad-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti<sup>35</sup>, dikjarazzjoni

politika mhux legalment vinkolanti li **tendorsja** skeda ta' żmien globali sabiex jitnaqqas bin-nofs it-telf ta' foresti naturali sal-2020, u tistinka sabiex dan jintemm sal-2030. Id-Dikjarazzjoni ġiet **endorsjata** minn għexieren ta' gvernijiet, ħafna mill-akbar kumpaniji tad-dinja, u mis-soċjetà ċivili u mill-organizzazzjonijiet indiġeni influwenti. Din talbet ukoll lis-settur privat sabiex jilħaq l-għan li jelimina d-deforestazzjoni mill-produzzjoni ta' komoditajiet agrikoli bħaż-żejt tal-palm, is-sojja, il-karta u l-prodotti taċ-ċanga sa mhux aktar tard mill-2020, għan li ma ntlaħaqx. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-Regolament jikkontribwixxi għall-Pjan Strateġiku tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Foresti, mill-2017 sal-2030<sup>36</sup>, li l-Għan Globali dwar il-Foresti 1 tiegħu huwa li jreġġa' lura t-telf tal-kopertura tal-foresti madwar id-dinja permezz ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż il-protezzjoni, ir-restawr, l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni u jżid l-isforzi sabiex tiġi evitata d-degradazzjoni tal-foresti u jittejjeb il-kontribut tal-foresti għat-tibdil fil-klima.

---

<sup>35</sup> <https://unfccc.int/news/new-york-declaration-on-forests>.

<sup>36</sup> [https://www.un.org/esa/forests/wp-content/uploads/2016/12/UNSPF\\_AdvUnedited.pdf](https://www.un.org/esa/forests/wp-content/uploads/2016/12/UNSPF_AdvUnedited.pdf).

## Emenda 12

politika mhux legalment vinkolanti li **tikkunsidra** skeda ta' żmien globali sabiex jitnaqqas bin-nofs it-telf ta' foresti naturali sal-2020, u tistinka sabiex dan jintemm sal-2030. Id-Dikjarazzjoni ġiet **approvata** minn għexieren ta' gvernijiet, ħafna mill-akbar kumpaniji tad-dinja, u mis-soċjetà ċivili u mill-organizzazzjonijiet indiġeni influwenti. Din talbet ukoll lis-settur privat sabiex jilħaq l-għan li jelimina d-deforestazzjoni mill-produzzjoni ta' komoditajiet agrikoli bħaż-żejt tal-palm, is-sojja, il-karta u l-prodotti taċ-ċanga sa mhux aktar tard mill-2020, għan li ma ntlaħaqx. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-Regolament jikkontribwixxi għall-Pjan Strateġiku tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Foresti, mill-2017 sal-2030<sup>36</sup>, li l-Għan Globali dwar il-Foresti 1 tiegħu huwa li jreġġa' lura t-telf tal-kopertura tal-foresti madwar id-dinja permezz ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż il-protezzjoni, ir-restawr, l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni u jżid l-isforzi sabiex tiġi evitata d-degradazzjoni tal-foresti u jittejjeb il-kontribut tal-foresti għat-tibdil fil-klima. **F'dan ir-rigward, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkunsidra wkoll il-hidmatas-Sħubija għad-Dikjarazzjonijiet ta' Amsterdam, li tibni fuq id-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti, timmira li telimina d-deforestazzjoni fir-rigward tal-prodotti bażiċi agrikoli sal-2025 filwaqt li tippreserva wkoll il-foresti primarji u ż-żoni ta' valur għoli ta' konservazzjoni, fost l-oħrajn permezz ta' ġestjoni responsabbli tal-katina tal-provvista.**

---

<sup>35</sup> <https://unfccc.int/news/new-york-declaration-on-forests>.

<sup>36</sup> [https://www.un.org/esa/forests/wp-content/uploads/2016/12/UNSPF\\_AdvUnedited.pdf](https://www.un.org/esa/forests/wp-content/uploads/2016/12/UNSPF_AdvUnedited.pdf).

**Proposta għal regolament  
Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispondi wkoll għad-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja ta' Glasgow tal-2021 dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art<sup>37</sup> li tirrikonoxxi li "biex nilħqu l-għanijiet tagħna relatati mal-użu tal-art, il-klima, il-bijodiversità u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kemm fuq livell globali kif ukoll fuq livell nazzjonali, nirrikjedu azzjoni trasformattiva ulterjuri fiż-żoni interkonnessi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli; l-iżvilupp tal-infrastruttura; il-kummerç, il-finanzi u l-investment; u l-appoġġ għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni, u l-komunitajiet lokali". F'dik id-Dikjarazzjoni, il-firmatarji enfasizzaw ukoll li se jsaħħu l-isforzi kondiviżi tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-politiki tal-kummerç u tal-iżvilupp, fuq livell internazzjonali u domestiku, li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-komoditajiet, li jaħdmu għall-benefiċċju reċiproku tal-pajjiżi, u li ma jwasslux għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-art.

---

<sup>37</sup> <https://ukcop26.org/glasgow-leaders-declaration-on-forests-and-land-use/>.

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament  
Premessa 19**

*Emenda*

(17) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispondi wkoll għad-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja ta' Glasgow tal-2021 dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art<sup>37</sup> li tirrikonoxxi li "biex nilħqu l-għanijiet tagħna relatati mal-użu tal-art, il-klima, il-bijodiversità u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kemm fuq livell globali kif ukoll fuq livell nazzjonali, nirrikjedu azzjoni trasformattiva ulterjuri fiż-żoni interkonnessi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli; l-iżvilupp tal-infrastruttura; il-kummerç, il-finanzi u l-investment; u l-appoġġ għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni, u l-komunitajiet lokali". F'dik id-Dikjarazzjoni, il-firmatarji ***impenjaw ruħhom li jwaqqfu u jreġġgħu lura t-telf tal-foresti u d-degradazzjoni tal-art sal-2030 u enfasizzaw ukoll li se jsaħħu l-isforzi kondiviżi tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-politiki tal-kummerç u tal-iżvilupp, fuq livell internazzjonali u domestiku, li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-komoditajiet, li jaħdmu għall-benefiċċju reċiproku tal-pajjiżi, jirrikonoxxu d-drittijiet tal-popli indiġeni, kif ukoll il-komunitajiet lokali, f'konformità mal-liġi nazzjonali u l-istrumenti internazzjonali rilevanti, u li ma jwasslux għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-art.***

---

<sup>37</sup> <https://ukcop26.org/glasgow-leaders-declaration-on-forests-and-land-use/>.

(19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"<sup>38</sup> li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-objettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Il-politika kummerċjali jrid ikollha r-rwol sħiħ tagħha fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u lejn il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti fid-dinja.

(19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"<sup>38</sup> li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-objettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar ***u tiproteġi d-drittijiet tal-bniedem u dawk soċjali*** f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU ***billi tinkludi kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli vinkolanti u infurzabbli***. Il-politika kummerċjali jrid ikollha r-rwol sħiħ tagħha fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u lejn il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti fid-dinja. ***L-importanza strateġika ta' kapitoli relatati mas-sostenibbiltà fi ħdan il-ftehimiet kummerċjali li jkunu sodi, koerenti u infurzabbli, barra minn implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet multilaterali dwar l-ambjent u l-klima jeħtieġ jiġu rikonoxxuti. Din hija r-raġuni li l-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta b'attenzjoni l-impatti tal-ftehimiet kummerċjali fuq id-deforestazzjoni fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt għas-Sostenibbiltà u f'valutazzjonijiet rilevanti oħrajn, abbażi ta' data u metodoloġiji ta' evalwazzjoni affidabbli.***

<sup>38</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021) 66 final,

<sup>38</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021) 66 final,

18 ta' Frar 2021.

18 ta' Frar 2021.

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(20a) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkonforma mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u, għaldaqstant, iservi biex jipromwovi u jiffaċilita l-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari mal-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs), permezz tal-għoti ta' assistenza teknika u finanzjarja, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin fir-rigward tal-preservazzjoni, il-konservazzjoni, u l-użu sostenibbli tal-foresti, filwaqt li jingħata rikonoxximent speċjali lill-inizjattivi ta' sostenibbiltà mwettqa mis-settur privat.*

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 20b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(20b) Jenħtieġ li jiġi kkunsidrat approċċ integrali għas-sostenibbiltà, skont il-pajjiż li qed jiżviluppa kkonċernat u s-sitwazzjoni ambjentali, soċjali u ekonomika ġenerali tiegħu, li jikkunsidra d-dimensjoni ambjentali, kif ukoll id-dimensjonijiet soċjali u ekonomiċi, b'mod partikolari meta ssir referenza għal-LDCs. Jenħtieġ li l-miżuri tal-Unjoni ma jwasslux għal tnaqqis fid-dħul għal popolazzjonijiet vulnerabbli, telf ta' impjiegi jew rigressjoni fil-kisbiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jenħtieġ li jevitaw li jinċentivaw attivitajiet illegali, li ħafna minnhom huma marbuta mal-kriminalità organizzata transnazzjonali u*

*li l-effetti tagħha huma saħansitra aktar diżastrużi għall-ambjent u s-soċjetà. Jenħtieġ li jitqies ukoll, b'mod adegwat, l-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-progress li sar lejn il-kisba tal-SDGs, b'mod partikolari l-impatt sproporzjonat tal-pandemija fuq il-foqra u l-vulnerabbli, u fuq l-impjegi u l-inugwaljanza.*

## Emenda 16

### Proposta għal regolament

#### Premessa 21

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, u aktar ġeneralment f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tal-popli indiġeni, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija. B'dan il-mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi r-rwol tal-popli indiġeni fil-protezzjoni tal-foresti. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba fil-kuntast tal-inizjattivi diġà eżistenti, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produtturi, fuq talba tagħhom, sabiex jisfruttaw il-funzjonalitajiet multipli tal-foresti, jappoġġawhom fit-tranżizzjoni lejn ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira f'konformità mal-Komunikazzjoni

##### *Emenda*

(21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, u aktar ġeneralment f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, ***partijiet ikkonċernati fuq il-post, is-soċjetà ċivili u komunitajiet lokali***, u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu ***u jsaħħu*** r-rwol ***u d-drittijiet*** tal-popli indiġeni ***u tal-komunitajiet lokali, jiġifieri permezz tarrikonoxximent tas-sjeda tal-art kollettiva tagħhom kif imnaqqax fil-Konvenzjoni 169 tal-ILO u d-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u d-drittijiet tagħhom ta' kunsens liberu, minn qabel u infurmat, bħala mezz biex jiġi evitat, fost l-oħrajn, il-ħtif tal-art, kif ukoll il-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira***, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija ***li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll jiżguraw kundizzjonijiet ekwi biex jiġi evitat it-telf tal-introjt fil-pajjiżi li***

dwar It-Tishiĥ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produttori jipproteġu, jirrestawraw u jużaw sostenibbilmentil-foresti, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

*qed jiżviluppaw u kompetizzjoni inġusta.* B'dan il-mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi r-rwol tal-popli indiġeni **u l-komunitajiet lokali** fil-protezzjoni tal-foresti **u l-ekosistemi naturali u ż-żamma ta' prattiki agrikoli soċjalment u ambjentalment sostenibbli li ma jagħmluhomx esklużivament dipendenti fuq il-produzzjoni tal-komoditajiet għall-esportazzjoni iżda jappoġġaw tranżizzjoni ffukata fuq l-agroekoloġija.** Jenħtieġ li tirrikonoxxi r-rwol importanti tal-bdiewa b'azjenda agrikola **żgħira fil-produzzjoni tal-komoditajiet ikkunsidrati f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li tippromwovi u tiffaċilita wkoll kooperazzjoni xjentifika u akkademika, kif ukoll programmi ta' riċerka li jippromwovu l-għarfien u l-innovazzjoni rigward il-foresti u l-preservazzjoni, inkluż għarfien anċestrals tal-komunitajiet lokali. Il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar u n-nisa huma fil-pussess ta' għarfien indispensabbli fir-rigward tal-foresti u jiddependu bil-kbir minn dan l-għarfien. Il-preservazzjoni tar-riżorsi naturali mhijiex biss kwistjoni ta' protezzjoni tal-bijodiversità, iżda wkoll kwistjoni ta' ġustizzja soċjali fil-viżjoni usa' għar-restawr ekoloġiku.** Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba fil-kuntest tal-inizjattivi diġà eżistenti, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produttori, fuq talba tagħhom, sabiex jisfruttaw il-funzjonalitajiet multipli tal-foresti, jappoġġawhom fit-tranżizzjoni lejn ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, **speċjalment in-nisa**, f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar It-Tishiĥ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produttori jipproteġu, jirrestawraw u jużaw sostenibbilmentil-foresti, u b'hekk



jikkontribwixxi għall-objettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti **u jappoġġa r-riġenerazzjoni tal-foresti, f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar it-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja.**

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(21a) Minħabba li s-sehem ta' bdiewa b'azjenda agrikola żgħira fil-produzzjoni tal-komoditajiet koperti minn dan ir-Regolament jista' jkun għoli ħafna, jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-isfidi li se jiffaċċjaw il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira bl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk huwa kruċjali li l-operaturi li jixtru mingħand il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jipprovdu appoġġ finanzjarju u tekniku f'waqtu biex jgħinu lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda tal-aċċess għas-suq tal-Unjoni. Biex tappoġġa Prattiki sostenibbli, bħall-agroekoloġija u l-ġestjoni komunitarja tal-foresti, l-Unjoni jenħtieġ li tindirizza l-ixprunaturi diretti u indiretti tad-deforestazzjoni, inkluż il-faqar, billi tippromwovi introjtu li jiggarrantixxi ħajja dinjituża għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira li jipproduċu merkanzija esportata lejn l-UE u tiżgura riżorsi suffiċjenti biex jappoġġaw speċifikament lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'pajjiżi terzi biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għas-suq tal-UE.**

## Emenda 18

### Proposta għal regolament

## Premessa 21b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(21b) Dan ir-Regolament iqis il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, li skonthom il-kumpaniji kollha, irrispettivament mid-daqs tagħhom, għandhom responsabbiltà li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li l-politiki u l-proċeduri biex jiġu ssodisfati dawk l-obbligi jridu jkunu proporzjonati mad-daqs tagħhom. F'konformità ma' dawn u l-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, dan ir-Regolament jenħtieġ li jirrikonoxxi li fit-twettiq tad-diliġenza dovuta tagħhom, il-kumpaniji jeħtiġilhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-impatti negattivi reali u potenzjali tal-attivitajiet tagħhom fuq gruppi emarġinati jew vulnerabbli. Jenħtieġ li n-negozji jkunu obbligati wkoll li jqisu r-riskji differenti li jistgħu jiffaċċjaw in-nisa u l-irġiel.**

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Premessa 22

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(22) Azzjoni importanti oħra mħabbra fil-Komunikazzjoni hija l-istabbiliment tal-Osservatorju tal-UE dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi assoċjati ("Osservatorju tal-UE") li tnieda mill-Kummissjoni sabiex jiġu mmonitorjati aħjar il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi relatati. Barra minn hekk, filwaqt li jibni fuq għodod ta' monitoraġġ diġà eżistenti, inkluż il-prodotti ta' Copernicus, l-Osservatorju tal-UE se jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista għall-entitajiet pubbliċi, għall-

(22) Azzjoni importanti oħra mħabbra fil-Komunikazzjoni hija l-istabbiliment tal-Osservatorju tal-UE dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi assoċjati ("Osservatorju tal-UE") li tnieda mill-Kummissjoni sabiex jiġu mmonitorjati aħjar il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi relatati. Barra minn hekk, filwaqt li jibni fuq għodod ta' monitoraġġ diġà eżistenti, inkluż il-prodotti ta' Copernicus, l-Osservatorju tal-UE se jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista għall-entitajiet pubbliċi, għall-

konsumaturi u għan-negozji, jipprovdi data u informazzjoni faċli sabiex tinftiehem li jorbtu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u l-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja għad-domanda/għall-kummerċ tal-UE għal komoditajiet u prodotti. Għalhekk, l-Osservatorju tal-UE se jappoġġa direttament l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jipprovdi evidenza xjentifika fir-rigward tad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti u l-kummerċ relatat. L-Osservatorju tal-UE se jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, mal-istituti tar-riċerka, u ma' pajjiżi terzi.

konsumaturi u għan-negozji, jipprovdi data u informazzjoni faċli sabiex tinftiehem li jorbtu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u l-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja għad-domanda/għall-kummerċ tal-UE għal komoditajiet u prodotti. Għalhekk, l-Osservatorju tal-UE se jappoġġa direttament l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jipprovdi evidenza xjentifika fir-rigward tad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti u l-kummerċ relatat. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina wkoll kif id-drittijiet tal-art jistgħu jiġu integrati fil-monitoraġġ skont l-Osservatorju tal-UE.** L-Osservatorju tal-UE se jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, mal-istituti tar-riċerka, **mal-organizzazzjonijiet mhux governattivi, mal-operaturi, mal-komunitajiet indiġeni** u ma' pajjiżi terzi **fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali.**

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Premessa 23

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Il-qafas **leġiżlattiv** eżistenti tal-UE jiffoka fuq l-indirizzar tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat u ma jindirizzax id-deforestazzjoni direttament. Dan jikkonsisti fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jintroduċi fis-suq injam u prodotti tal-injam<sup>40</sup>, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005, dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar tal-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ għall-importazzjonijiet tal-injam fil-Komunità Ewropea<sup>41</sup>. ***Iż-żewġ Regolamenti ġew evalwati f'Kontroll tal-Idoneità li ddetermina li, filwaqt li l-leġiżlazzjoni kellha impatt pożittiv fuq il-governanza***

#### *Emenda*

(23) Il-qafas eżistenti tal-UE **dwar il-foresti huwa l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ li** jiffoka fuq l-indirizzar tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat u ma jindirizzax id-deforestazzjoni direttament. Dan jikkonsisti fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jintroduċi fis-suq injam u prodotti tal-injam<sup>40</sup>, u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005, dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar tal-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ għall-importazzjonijiet tal-injam fil-Komunità Ewropea<sup>41</sup> li **joperazzjonalizza l-Ftehimiet ta' Sħubija**

*tal-foresti, l-objettivi taż-żewġ*  
Regolamenti – *jiġifieri li jitnaqqas il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ relatat, u li jitnaqqas il-konsum ta' injam* maħsud illegalment fl-UE – *ma ntlahqax*<sup>42</sup> *u għie konkluż li l-enfasi biss fuq il-legalità tal-injam ma kinitx biżżejjed sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti.*

<sup>40</sup> ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.

<sup>41</sup> ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.

<sup>42</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/11630-Illegal-logging-evaluation-of-EU-rules-fitness-check-\\_en](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/11630-Illegal-logging-evaluation-of-EU-rules-fitness-check-_en)

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Premessa 32

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni **u d-degradazzjoni** tal-foresti, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni **u d-degradazzjoni** tal-foresti ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni u jkunu għew prodotti f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni. Sabiex jiġi kkonfermat li dan

*Volontarja (VPAs). Il-prestazzjoni u l-implimentazzjoni taż-żewġ* Regolamenti *għaddew minn kontroll tal-idoneità li sab li, filwaqt li t-tnejn kisbu xi suċċess, għadd ta' sfidi ta' implimentazzjoni* *żammew lura l-progress lejn il-kisba sħiħa tal-objettivi tagħhom. L-applikazzjoni u l-funzjonament tal-iskema ta' diliġenza dovuta skont ir-Regolament (UE) Nru 995/210 minn naħa waħda, u l-għadd limitat ta' pajjiżi involuti fil-proċess tal-VPA b'waħda biss sa issa għandha fis-seħħ sistema ta' liċenzjar operattiva (l-Indoneżja) min-naħa l-oħra, naqqsu l-effettività fl-ilħuq tal-objettiv tal-konsum tal-injam* maħsud illegalment fl-UE.

<sup>40</sup> ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.

<sup>41</sup> ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.

#### *Emenda*

(32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni** tal-foresti **u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem**, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni, **id-degradazzjoni** tal-foresti **u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol** ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni u jkunu għew prodotti f'konformità mal-

huwa l-każ, jenħtieġ li dawn dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta.

leġislazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni, **mal-liġijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipju tal-Kunsens Liberu, Minn Qabel u Infurmat**. Sabiex jiġi kkonfermat li dan huwa l-każ, jenħtieġ li dawn dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta.

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Premessa 33

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Abbażi ta' approċċ sistemiku, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' mingħajr deforestazzjoni u tal-legalità ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-operaturi jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri ta' diliġenza dovuta. Il-proċedura ta' diliġenza dovuta meħtieġa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi **tlit** elementi: rekwiżiti ta' informazzjoni, valutazzjoni tar-riskju **u** miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta jitfasslu sabiex jipprovdu aċċess għal informazzjoni dwar is-sorsi u l-fornituri tal-komoditajiet u tal-prodotti li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, inkluż informazzjoni li turi li l-assenza ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti u ta' rekwiżiti ta' legalità huma ssodisfati, fost l-oħrajn billi jiġu identifikati l-pajjiż u ż-żona tal-produzzjoni, inkluż il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni tal-biċċiet art rilevanti. Dawn il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni li jiddependu mill-ħin, il-pożizzjonament u/jew l-osservazzjoni tad-Dinja jistgħu jagħmlu użu mid-data u mis-servizzi spazjali pprovduti skont il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u Copernicus). Fuq il-bażi ta' din l-

#### *Emenda*

(33) Abbażi ta' approċċ sistemiku, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' mingħajr deforestazzjoni u tal-legalità ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-operaturi jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri ta' diliġenza dovuta. Il-proċedura ta' diliġenza dovuta meħtieġa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi **erba'** elementi: rekwiżiti ta' informazzjoni, valutazzjoni tar-riskju, miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju **u obbligi ta' rapportar**. Jenħtieġ li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta jitfasslu sabiex jipprovdu aċċess għal informazzjoni dwar is-sorsi u l-fornituri tal-komoditajiet u tal-prodotti li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, inkluż informazzjoni li turi li l-assenza ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti u ta' rekwiżiti ta' legalità huma ssodisfati, fost l-oħrajn billi jiġu identifikati l-pajjiż u ż-żona tal-produzzjoni, inkluż il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni tal-biċċiet art rilevanti. Dawn il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni li jiddependu mill-ħin, il-pożizzjonament u/jew l-osservazzjoni tad-Dinja jistgħu jagħmlu użu mid-data u mis-servizzi spazjali pprovduti skont il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u

informazzjoni jenħtieġ li l-operaturi jwettqu valutazzjoni tar-riskju. Meta jiġi identifikat riskju, jenħtieġ li l-operaturi jimmitigaw tali riskju sabiex ma jaslu għal sitwazzjoni tal-ebda riskju jew ta' riskju negliġibbli. Huwa biss wara li jlesti l-passi meħtieġa tal-proċedura ta' diliġenza dovuta u wara li jikkonkludi li ma jeżisti l-ebda riskju jew li jeżistu riskju negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, li l-operatur jista' jitħalla jintroduċi l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesporth.

Copernicus). Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li l-operaturi jwettqu valutazzjoni tar-riskju. Meta jiġi identifikat riskju, jenħtieġ li l-operaturi jimmitigaw tali riskju sabiex ma jaslu għal sitwazzjoni tal-ebda riskju jew ta' riskju negliġibbli. Huwa biss wara li jlesti l-passi meħtieġa tal-proċedura ta' diliġenza dovuta u wara li jikkonkludi li ma jeżisti l-ebda riskju jew li jeżistu riskju negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, li l-operatur jista' jitħalla jintroduċi l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesporth. ***Jenħtieġ li l-operaturi jkollhom ir-responsabbiltà li jagħmlu sforzi raġonevoli biex jiżguraw li jitħallas prezz ġust lill-produtturi li jfornuhom, b'mod partikolari bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, sabiex jippermettu introjtu li jggarantixxi l-għajxien u jindirizzaw b'mod effettiv il-faqar bħala l-kawża ewlenija tad-deforestazzjoni.***

## Emenda 23

### Proposta għal regolament

#### Premessa 34

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(34) Jenħtieġ li l-operaturi formalment jassumu r-responsabbiltà għall-konformità tal-komoditajiet jew tal-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jew li jesporthaw billi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi mudell għal tali dikjarazzjonijiet. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-infurzar ta' dan ir-Regolament permezz tal-awtoritajiet kompetenti u l-qrati kif ukoll iżid il-konformità mill-operaturi.

##### *Emenda*

(34) Jenħtieġ li l-operaturi ***li jqiegħdu l-komodità jew il-prodott ikkonċernat għall-ewwel darba fis-suq tal-Unjoni jew li jesporthaw prodott lejn pajjiż terz*** formalment jassumu r-responsabbiltà għall-konformità tal-komoditajiet jew tal-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jew li jesporthaw billi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi mudell għal tali dikjarazzjonijiet. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-infurzar ta' dan ir-Regolament permezz tal-awtoritajiet kompetenti u l-qrati kif ukoll iżid il-konformità mill-operaturi. ***Il-mudell jenħtieġ li jkun jinftiehem, ipprovdut fil-***

*lingwi kollha tal-Istati Membri, u jkun disponibbli fil-portal web ġestit mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-portal ikun miftuħ għal ilmenti u osservazzjonijiet mill-partijiet ikkonċernati kollha.*

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Premessa 37

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(37) Sabiex titrawwem it-trasparenza u jiġi faċilitat l-infurzar, jenħtieġ li l-operaturi li ma humiex **SMEs**, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom, inkluż dwar il-passi meħuda sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom.

#### *Emenda*

(37) Sabiex titrawwem it-trasparenza u jiġi faċilitat l-infurzar, jenħtieġ li l-operaturi li ma humiex **mikrointrapriżi**, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom, inkluż dwar il-passi meħuda sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom.

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Premessa 38

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(38) Strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew l-impatti ambjentali negattivi jenħtieġ li japplikaw sakemm ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv, natura u effett f'dan ir-Regolament li tista' tiġi adattata fid-dawl ta' emendi leġiżlattivi futuri. Jenħtieġ li l-eżistenza ta' dan ir-Regolament ma teskludix l-applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur. Meta tali strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE jipprevedu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi jew iżidu rekwiżiti mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tali

#### *Emenda*

(38) Strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew l-impatti ambjentali negattivi, **bħar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> u d-Direttiva li jmiss dwar id-Diliġenza Dovuta tas-Sostenibbiltà Korporattiva**, jenħtieġ li japplikaw sakemm ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv, natura u effett f'dan ir-Regolament li tista' tiġi adattata fid-dawl ta' emendi leġiżlattivi futuri. Jenħtieġ li l-eżistenza ta' dan ir-Regolament **speċifiku għall-komoditajiet** ma teskludix l-applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-

dispożizzjonijiet jiġu applikati flimkien ma' dawk ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, meta dan ir-Regolament ikun fih dispożizzjonijiet aktar speċifiċi, jenħtieġ li dawn ma jiġux interpretati b'mod li jimmina l-applikazzjoni effettiva ta' strumenti leġislattivi oħra tal-UE dwar id-diliġenza dovuta jew l-ilħuq tal-għan ġenerali tagħhom.

katina tal-valur. Meta tali strumenti leġislattivi oħra tal-UE jipprevedu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi jew iżidu rekwiżiti mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tali dispożizzjonijiet jiġu applikati flimkien ma' dawk ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, meta dan ir-Regolament ikun fih dispożizzjonijiet aktar speċifiċi, jenħtieġ li dawn ma jiġux interpretati b'mod li jimmina l-applikazzjoni effettiva ta' strumenti leġislattivi oħra tal-UE dwar id-diliġenza dovuta jew l-ilħuq tal-għan ġenerali tagħhom ***u jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-qafas legali tad-diliġenza dovuta tal-Unjoni jkun armonizzat u koerenti.***

---

*<sup>1a</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).*

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Premessa 42

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(42) Għall-komoditajiet rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħroġu minnu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom il-kompitu li jivverifikaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mal-obbligi skont dan ir-Regolament, billi r-rwol tad-dwana huwa li tiżgura li r-referenza ta' dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta tkun disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali fejn applikabbli u, barra minn hekk mill-mument li l-interfaċċa elettronika tkun fis-seħħ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti, sabiex

#### *Emenda*

(42) Għall-komoditajiet ***jew prodotti*** rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħroġu minnu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom il-kompitu li jivverifikaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mal-obbligi skont dan ir-Regolament, billi r-rwol tad-dwana huwa li tiżgura li r-referenza ta' dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta tkun disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali fejn applikabbli u, barra minn hekk mill-mument li l-interfaċċa elettronika tkun fis-seħħ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet



jivverifikaw l-istatus tad-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta wara analiżi tar-riskju inizjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fis-Sistema ta' Informazzjoni u jaġixxu kif xieraq (jiġifieri jissospendu jew jirrifjutaw komodità jew prodott jekk jintalbu jaġhmlu dan permezz tal-istatus fis-Sistema ta' Informazzjoni). Din l-organizzazzjoni speċifika tal-kontrolli tirrifjuta l-applikazzjoni tal-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

kompetenti, sabiex jivverifikaw l-istatus tad-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta wara analiżi tar-riskju inizjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fis-Sistema ta' Informazzjoni u jaġixxu kif xieraq (jiġifieri jissospendu jew jirrifjutaw komodità jew prodott jekk jintalbu jaġhmlu dan permezz tal-istatus fis-Sistema ta' Informazzjoni). Din l-organizzazzjoni speċifika tal-kontrolli tirrifjuta l-applikazzjoni tal-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Premessa 43a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(43a) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura riżorsi finanzjarji adegwati u suffiċjenti, inkluż speċifikament għall-appoġġ tekniku, inkluż permezz tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, biex tgħin lill-pajjiżi sħab jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jkunu diġà previsti qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom u l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' adattament tal-komunitajiet affettwati, b'attenzjoni partikolari għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar.***

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Premessa 46

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(46) Ir-riskju li jiġu introdotti fis-suq tal-

(46) Ir-riskju li jiġu introdotti fis-suq tal-

Unjoni komoditajiet u prodotti mhux konformi jvarja skont il-komodità u l-prodott kif ukoll skont il-pajjiż tal-oriġini u l-produzzjoni tagħhom. ***L-operaturi li jakkwistaw komoditajiet u prodotti minn pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx ta' tkabbir, ħsad jew produzzjoni ta' komoditajiet rilevanti bi ksur ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal anqas obbligi, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità u l-piż amministrattiv.*** Il-komoditajiet u l-prodotti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skrutinju msaħħaħ mill-awtoritajiet kompetenti.

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Premessa 47

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(47) Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-riskju ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti f'livell ta' pajjiż jew ta' partijiet minnu abbażi ta' firxa ta' kriterji li jirriflettu kemm data kwantitattiva, oġġettiva kif ukoll dik rikonossuta internazzjonalment, ***u*** indikazzjonijiet li l-pajjiżi huma involuti attivament fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Jenħtieġ li din l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni komparattiva tagħmilha aktar faċli għall-operaturi fl-Unjoni li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta u għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità, filwaqt li tipprovdi wkoll inċentiv għall-pajjiżi produttori sabiex iżidu s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni agrikola tagħhom u jnaqqsu l-impatt tad-deforestazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li dan jgħin sabiex il-ktajjen tal-provvista jsiru aktar trasparenti u sostenibbli. Jenħtieġ li din is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva

Unjoni komoditajiet u prodotti mhux konformi jvarja skont il-komodità u l-prodott kif ukoll skont il-pajjiż tal-oriġini u l-produzzjoni tagħhom. Il-komoditajiet u l-prodotti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skrutinju msaħħaħ mill-awtoritajiet kompetenti.

#### *Emenda*

(47) Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-riskju ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti, ***u r-riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-drittijiet tax-xogħol***, f'livell ta' pajjiż jew ta' partijiet minnu abbażi ta' firxa ta' kriterji li jirriflettu kemm data kwantitattiva, oġġettiva kif ukoll dik rikonossuta internazzjonalment, indikazzjonijiet li l-pajjiżi huma involuti attivament fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti ***u informazzjoni pprovduta minn partijiet terzi, inkluż il-komunitajiet lokali, il-popli indiġeni u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.*** Jenħtieġ li din l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni komparattiva tagħmilha aktar faċli għall-operaturi fl-Unjoni li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta u għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità, filwaqt li tipprovdi wkoll inċentiv għall-pajjiżi produttori sabiex iżidu s-sostenibbiltà tas-sistemi ta'

tkun ibbażata fuq klassifikazzjoni **bi tliet livelli** ta' pajjiżi li għandhom jitqiesu bħala ta' riskju **baxx**, standard jew għoli. Sabiex jiġu żgurati trasparenza u ċarezza xierqa, jenħtieġ li l-Kummissjoni partikolarment tagħmel disponibbli għall-pubbliku d-data li tkun qiegħda tintuża għall-valutazzjoni komparattiva, ir-raġunijiet għall-bidla proposta fil-klassifikazzjoni u t-tweġiba tal-pajjiż konċernat. **Għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju baxx jew partijiet ta' pajjiżi identifikati bħala b'riskju baxx, jenħtieġ li l-operaturi jitħallew japplikaw diliġenza dovuta simplifikata, filwaqt li** l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu meħtieġa japplikaw skrutinju msaħħaħ fuq il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minn pajjiżi identifikati bħala ta' riskju għoli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju **baxx jew** għoli li jipproduċu komoditajiet u prodotti rilevanti li ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament.

produzzjoni agrikola tagħhom u jnaqqsu l-impatt tad-deforestazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li dan jgħin sabiex il-ktajjen tal-provvista jsiru aktar trasparenti u sostenibbli. Jenħtieġ li din is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tkun ibbażata fuq klassifikazzjoni **b'żewġ livelli** ta' pajjiżi li għandhom jitqiesu bħala ta' riskju standard jew għoli. Sabiex jiġu żgurati trasparenza u ċarezza xierqa, jenħtieġ li l-Kummissjoni partikolarment tagħmel disponibbli għall-pubbliku d-data li tkun qiegħda tintuża għall-valutazzjoni komparattiva, ir-raġunijiet għall-bidla proposta fil-klassifikazzjoni u t-tweġiba tal-pajjiż konċernat. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu meħtieġa japplikaw skrutinju msaħħaħ fuq il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minn pajjiżi identifikati bħala ta' riskju għoli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju għoli li jipproduċu komoditajiet u prodotti rilevanti li ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprevedi appoġġ finanzjarju u tekniku speċifiku kif ukoll ittejjeb id-djalogu mal-pajjiżi sħab meqjusa bħala parti mill-kategorija ta' riskju għoli, sabiex tappoġġahom fit-tranżizzjoni lejn il-kategorija standard.**

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Premessa 52

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(52) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet

#### *Emenda*

(52) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet

korrettivi xierqa. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ksur ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negozjanti jiġi sanzjonat b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

korrettivi xierqa. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ksur ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negozjanti jiġi sanzjonat b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi ***u li l-operaturi li jonqsu milli jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ikunu responsabbli u obbligati li jikkumpensaw għall-ħsara li kien jevita l-eżerċitar tad-diliġenza dovuta.***

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Premessa 57

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(57) Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' skema ta' liċenzjar FLEGT permezz ta' ***Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs)*** bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Sabiex jiġu rispettati l-impenji bilaterali li daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi ppreservat il-progress miksub mal-pajjiżi sħab li għandhom sistema operatorja fis-seħħ (stadju ta' liċenzjar FLEGT), jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-injam u l-prodotti bbażati fuq l-injam koperti minn liċenzja FLEGT valida jissodisfaw ir-rekwiżit ta' legalità skont dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

(57) Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' skema ta' liċenzjar ***tal-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT)*** permezz ta' VPAs bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Sabiex jiġu rispettati l-impenji bilaterali li daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi ppreservat il-progress miksub mal-pajjiżi sħab li għandhom sistema operatorja fis-seħħ (stadju ta' liċenzjar FLEGT), jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-injam u l-prodotti bbażati fuq l-injam koperti minn liċenzja FLEGT valida jissodisfaw ir-rekwiżit ta' legalità skont dan ir-Regolament. ***Il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-pajjiżi sħab tal-VPA dwar modi kif jiġu indirizzati r-rekwiżiti tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti skont dan ir-Regolament fil-kuntest tal-VPAs jew mekkaniżmi oħra ta' sħubija u kooperazzjoni. Jenħtieġ li dan ir-Regolament iqis ukoll it-tagħlimiet meħuda u l-prattiki tajba li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-VPAs.***

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Premessa 57a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(57a) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tassisti lil-LDCs u lill-SMEs fil-fehim, l-implimentazzjoni u l-konformità tagħhom mal-istandards stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li iżomm kooperazzjoni miftuħa lejn il-bini tal-kapaċità mal-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-produtturi, speċjalment il-produtturi ż-żgħar.**

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-introduzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni, **tal-bhejjem tal-ifrat, tal-kawkaw, tal-kafè, tal-palm taż-żejt, tas-sojja u tal-injam** ("komoditajiet rilevanti") **u l-prodotti, kif elenkati fl-Anness I**, li fihom, ikunu ġew mitmugħa bi jew ikunu saru bl-użu ta' komoditajiet rilevanti ("prodotti rilevanti"), bil-għan li

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-introduzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni, **ta' komoditajiet, elenkati fl-Anness I** ("komoditajiet rilevanti"), li fihom, ikunu ġew mitmugħa bi jew ikunu saru bl-użu ta' komoditajiet rilevanti **jew prodotti derivati minnhom** ("prodotti rilevanti"), bil-għan li

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) jiġi prevenut il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem marbut mal-produzzjoni ta' komoditajiet u prodotti rilevanti.**

## Emenda 35

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll obbligi għall-istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fl-Unjoni li jipprovdu servizzi finanzjarji lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi li l-attivitajiet ekonomiċi tagħhom huma marbuta ma' jew jikkonsistu fil-produzzjoni, il-forniment, it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni ta' komoditajiet u prodotti rilevanti.*

## Emenda 36

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1) "deforestazzjoni" tfisser il-konverżjoni ta' **foresta għal** użu agrikolu, kemm jekk ikkawżata mill-bniedem kif ukoll jekk le;

(1) "deforestazzjoni" tfisser il-konverżjoni ta' **foresti, inkluża l-konverżjoni ta' foresti li ma kinux foresta ta' tħawwil f'foresta ta' tħawwil, għal użu tal-art ieħor, inkluż** użu agrikolu, kemm jekk ikkawżata mill-bniedem kif ukoll jekk le;

## Emenda 37

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) "użu agrikolu" tfisser l-użu tal-art għal waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: il-kultivazzjoni ta' għelejjel temporanji jew annwali li għandhom ċiklu ta' tkabbir ta' sena jew inqas; il-kultivazzjoni ta' għelejjel permanenti jew perenni li għandhom ċiklu ta' tkabbir ta' aktar minn*

*sena, inklużi l-għelejjel tas-siġar; il-kultivazzjoni ta' mergħat jew bwar permanenti jew temporanji; u art temporanjament mhux maħduma.*

## Emenda 38

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) "foresta ta' tħawwil" tfisser foresta mħawla li hija ġestita intensivament u li tissodisfa, fil-maturità tat-tħawwil u tal-popolament, il-kriterji kollha li ġejjin: speċi waħda jew tnejn, klassi tal-età ugwali, u spazjar regolari. Dan jinkludi ***pjantaġġuni*** ta' rotazzjoni qasira għall-injam, għall-fibra u għall-enerġija, ***u*** jeskludi l-foresti mħawla għall-protezzjoni jew għar-restawr tal-ekosistema, kif ukoll il-foresti stabbiliti permezz tat-tħawwil jew tat-tizriġ li fil-maturità tal-popolament jixbhu jew se jixbhu foresti li jirriġeneraw naturalment;

*Emenda*

(4) "foresta ta' tħawwil" tfisser foresta mħawla li hija ġestita intensivament u li tissodisfa, fil-maturità tat-tħawwil u tal-popolament, il-kriterji kollha li ġejjin: speċi waħda jew tnejn, klassi tal-età ugwali, u spazjar regolari. Dan jinkludi ***b'mod speċifiku l-pjantaġġuni kollha*** ta' rotazzjoni qasira kollha għall-injam, għall-fibra u għall-enerġija. Jeskludi ***b'mod speċifiku*** l-foresti ***kollha*** mħawla għall-protezzjoni jew għar-restawr tal-ekosistema, kif ukoll il-foresti stabbiliti permezz tat-tħawwil jew tat-tizriġ li fil-maturità tal-popolament jixbhu jew se jixbhu foresti li jirriġeneraw naturalment;

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) "degradazzjoni tal-foresti" tfisser ***operazzjonijiet ta' ħsad li ma humiex sostenibbli u jikkawżaw tnaqqis jew telf tal-produttività bijoloġika jew ekonomika u l-kumplessità tal-ekosistemi tal-foresti, li jirriżultaw fit-tnaqqis fit-tul tal-provvista kumplessiva tal-benefiċċji mill-foresti, li tinkludi l-injam, il-bijodiversità u prodotti jew servizzi oħra;***

*Emenda*

(6) "degradazzjoni tal-foresti" tfisser ***bidliet fi ħdan il-foresti li jaffettwaw b'mod negattiv il-kompożizzjoni, l-istruttura, jew il-funzjoni tal-ispeċijiet u jnaqqsu l-kapaċità tal-foresti li jsostnu l-bijodiversità jew jipprovdu servizzi tal-ekosistema, kemm jekk ikkawżati mill-bniedem kif ukoll jekk le;***

## Emenda 40

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(16a) "involvement sinifikanti mal-partijiet ikkonċernati" tfisser il-fehim tal-preokkupazzjonijiet u l-interessi tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-gruppi l-aktar vulnerabbli bħall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali kif ukoll in-nisa, billi jiġu kkonsultati direttament b'mod li jqis l-ostakli potenzjali għal involviment effettiv;**

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(28) "**leġiżlazzjoni** rilevanti **tal-pajjiż tal-produzzjoni**" tfisser ir-regoli applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni dwar l-istatus legali taż-żona tal-produzzjoni f'termini ta' drittijiet tal-użu tal-art, protezzjoni ambjentali, id-drittijiet ta' partijiet terzi **u r-regolamenti** rilevanti dwar il-kummerċ **u d-dwana** skont il-qafas **ta' leġiżlazzjoni** applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni.

(28) "**liġi** rilevanti" tfisser:

**a)** ir-regoli applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni dwar l-istatus legali taż-żona tal-produzzjoni, f'termini ta' drittijiet tal-użu tal-art, protezzjoni ambjentali, id-drittijiet ta' partijiet terzi, **id-drittijiet tax-xogħol, kif ukoll ir-regolamenti** rilevanti dwar **it-taxxa, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni**, il-kummerċ, **id-dwana, il-pagamenti u l-kuntratti** skont il-qafas **legali** applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni.

**(b)** **drittijiet tal-bniedem protetti bid-dritt internazzjonali, b'mod partikolari fl-ambitu ta' kwalunkwe trattat u strument ieħor ratifikat jew approvat mill-pajjiż tal-**



*produzzjoni. Dawn jinkludu strumenti li jipproteġu: id-drittijiet konswetudinarji għall-pussess tal-art u d-dritt għall-kunsens liberu, minn qabel u infurmat (FPIC), kif stabbiliti fost l-oħrajn mid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, mill-Forum Permanenti tan-NU dwar Kwistjonijiet Indiġeni u l-korpi tat-trattati tan-NU u dawk reġjonali, id-dritt għall-ilma, id-dritt għall-protezzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli, id-dritt li jiġu difiżi d-drittijiet tal-bniedem u l-ambjent, ħielsa minn kwalunkwe forma ta' persekuzzjoni u fastidju, drittijiet tax-xogħol kif minquxa fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO u drittijiet tal-bniedem oħra rikonoxxuti internazzjonalment relatati mal-użu tal-art, mal-aċċess jew mas-sjieda, kif ukoll id-dritt tal-bniedem għal ambjent san, kif definiti fil-Prinċipji Qafas dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ambjent u l-istandards u l-prattiki tajba identifikati mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ambjent. Meta l-liġijiet nazzjonali ma jilhqax l-istandards internazzjonali, l-operaturi għandhom jiżguraw li jkun hemm konformità mad-drittijiet imsemmija hawn fuq.*

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(28a) "kunsens liberu, minn qabel u infurmat" jew "FPIC" tfisser dritt tal-bniedem kollettiv tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali li jagħtu u jirrifjutaw il-kunsens tagħhom qabel il-bidu ta' kwalunkwe attività li tista' taffettwa d-drittijiet, l-art, ir-riżorsi, it-territorji, l-għajxien, u s-sigurtà tal-ikel tagħhom, eżerċitat permezz tar-rappreżentanti tal-għażla tagħhom u b'mod konsistenti mad-*

*drawwiet, il-valuri u n-normi tagghom;*

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(28b) "difensur tad-drittijiet tal-bniedem" tfisser individwu, grupp jew organu tas-soċjetà li jippromwovi u jħares id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti universalment. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem ifittxu l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ċivili u politiċi kif ukoll il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali. Id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem jippromwovu u jipproteġu wkoll id-drittijiet ta' membri ta' gruppi bħal komunitajiet indiġeni;***

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(28c) "difensur tad-drittijiet tal-bniedem ambjentali" tfisser individwu u grupp li, fil-kapaċità personali jew professjonali tiegħu u b'mod paċifiku, jistinka biex iħares u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem relatati mal-ambjent, inkluż l-ilma, l-arja, l-art, il-flora u l-fawna;***

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(28d) "miżura ta' rimedju" tfisser kwalunkwe azzjoni, jew kombinament ta' azzjonijiet, għar-restawr, ir-riabilitazzjoni jew is-sostituzzjoni ta' art li kienet soġġetta għal deforestazzjoni, konverżjoni tal-ekosistema, jew degradazzjoni tal-foresti jew tal-ekosistemi;*

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28e (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(28e) "servizz finanzjarju" tfisser:*

*(a) self inkluż, fost l-oħrajn: ftehimiet ta' kreditu b'rabta ma' proprjetà immobbli, fatturament, b'azzjoni ta' rivalsa jew mingħajr, finanzjament ta' tranżazzjonijiet kummerċjali (inkluż il-forfeiting), kreditu għall-esportazzjoni;*

*(b) lokazzjoni finanzjarja;*

*(c) servizzi ta' pagament kif definiti fl-Artikolu 4, il-punt (3) tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>;*

*(d) garanziji u impenji;*

*(e) parteċipazzjoni fi ħruġ ta' titoli u l-provvista ta' servizzi relatati ma' tali ħruġ;*

*(f) senserija tal-kambju;*

*(g) is-servizzi ta' assigurazzjoni mhux relatati mal-ħajja kif stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1b</sup>; or*

*(h) pariri u amministrazzjoni tal-portafoll;*

---

<sup>1a</sup> Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u

**2013/36/UE u r-Regolament (UE)  
Nru 1093/2010, u li tħassar id-  
Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337,  
23.12.2015, p. 35)**

***<sup>1b</sup> Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament  
Ewropew u tal-Kunsill tal-  
25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-  
eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u  
tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)  
(ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1);***

#### **Emenda 47**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28f (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(28f) "popli affettwati" tfisser popli  
indiġeni u komunitajiet lokali li  
għandhom is-sjieda ta' art li kienet  
soġġetta għal deforestazzjoni, konverżjoni  
tal-ekosistema, jew degradazzjoni tal-  
foresti jew tal-ekosistemi, jgħixu fuqha,  
jiddependu minnha, jew għandhom rabta  
speċjali magħha, jew li d-drittijiet  
tagħhom ġew affettwati mill-produzzjoni  
ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti.***

#### **Emenda 48**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) ikunu ġew prodotti f'konformità  
mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-  
produzzjoni; u

(b) ikunu ġew prodotti f'konformità  
mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-  
produzzjoni ***u d-dritt internazzjonali u l-  
istandards dwar id-drittijiet tal-pussess  
tal-art u dwar id-drittijiet tal-popli  
indiġeni u tal-komunitajiet lokali, inklużi  
d-drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-  
art u d-dritt għall-FPIC, f'konformità  
mal-Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni  
Internazzjonali tax-Xogħol Nru 169, il-***

*Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika u d-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, kif ukoll b'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem; u*

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-operaturi li, billi jeżerċitaw id-diliġenza dovuta kif imsemmi fl-Artikolu 8 ikunu waslu għall-konklużjoni li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu fis-sugħur tal-Unjoni jew jesportaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. Dik id-dikjarazzjoni għandha tikkonferma li tkun saret id-diliġenza dovuta u **li** ma jkun instab l-ebda riskju jew ikun instab biss riskju negliġibbli **u** għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

*Emenda*

2. L-operaturi li, billi jeżerċitaw id-diliġenza dovuta kif imsemmi fl-Artikolu 8 ikunu waslu għall-konklużjoni li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu fis-sugħur tal-Unjoni jew jesportaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. Dik id-dikjarazzjoni **disponibbli u trażmissibli elettronikament u ċċertifikata** għandha tikkonferma li tkun saret id-diliġenza dovuta u **tiżvela l-passi li ttieħdu f'dan ir-rigward biex tiġi vverifikata l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament, u tiispjega l-valutazzjoni għaliex** ma jkun instab l-ebda riskju jew ikun instab biss riskju negliġibbli. Għandu jkun fiha **wkoll** l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. **Id-dikjarazzjonijiet u ċċertifikazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.**

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 7a (ġdid)

**7a.** *L-operaturi għandhom jinvolvu ruħhom mal-partijiet ikkonċernati qabel ma jieħdu kwalunkwe deċiżjoni li jista' jkollha impatt fuqhom. Dan jinvolvi l-għoti f'waqtu tal-informazzjoni kollha meħtieġa mill-partijiet ikkonċernati potenzjalment affettwati biex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata dwar kif id-deċiżjoni tista' taffettwa l-interessi tagħhom. Jinvolvi segwitu għall-implimentazzjoni tal-impenji miftiehma, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu indirizzati l-impatti negattivi għall-partijiet ikkonċernati milquta u potenzjalment milquta.*

## **Emenda 51**

### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 7b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7b.** *L-operaturi għandhom jappoġġaw b'kull mezz il-konformità tal-fornituri tagħhom, inklużi l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, ma' dan ir-Regolament, inkluż permezz ta' investimenti u bini ta' kapaċità kif ukoll mekkaniżmi ta' pprezzar li jippermettu introjtu li jiggarrantixxi l-għajxien għall-produtturi li minnhom joriġinaw.*

## **Emenda 52**

### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** *L-operaturi għandhom jiżguraw involviment sinifattiv mal-partijiet ikkonċernati u parteċipazzjoni tal-gruppi ta' partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, b'mod partikolari mad-detenturi tad-drittijiet u mal-partijiet ikkonċernati li*

*jintlaqtu potenzjalment mill-impatti, speċifikament il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u d-dritt tagħhom għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat fil-proċess ta' diliġenza dovuta. Għandhom jinvolvu ruħhom mal-partijiet ikkonċernati qabel ma jieħdu kwalunkwe deċiżjoni li jista' jkollha impatt fuqhom.*

## Emenda 53

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) deskrizzjoni, inkluż l-isem kummerċjali u t-tip ta' komoditajiet u prodotti rilevanti kif ukoll, fejn applikabbli, l-isem komuni tal-ispeċi u l-isem xjentifiku sħiħ tagħha;

*Emenda*

(a) deskrizzjoni, inkluż l-isem kummerċjali u t-tip ta' komoditajiet u prodotti rilevanti kif ukoll, fejn applikabbli, l-isem komuni tal-ispeċi u l-isem xjentifiku sħiħ tagħha; ***għall-prodotti rilevanti, id-deskrizzjoni għandha tinkludi referenza għall-komoditajiet rilevanti, jew il-prodotti derivati minnhom, li jinsabu bħala komponenti jew ingredjenti, użati bħala għalf jew użati fil-proċess tal-produzzjoni;***

## Emenda 54

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

(h) informazzjoni adegwata u verifikabbli li l-produzzjoni tkun twettqet f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni, inkluż kwalunkwe arranġament li jagħti d-dritt li tintuża ż-żona rispettiva għall-finijiet tal-produzzjoni tal-komodità rilevanti.

*Emenda*

(h) informazzjoni adegwata u verifikabbli li l-produzzjoni tkun twettqet f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni, inkluż kwalunkwe arranġament li jagħti d-dritt li tintuża ż-żona rispettiva għall-finijiet tal-produzzjoni tal-komodità rilevanti, ***filwaqt li jiġi żgurati ir-rispett tad-drittijiet tal-popli indiġeni għal kunsens liberu, minn qabel u infurmat;***

## Emenda 55

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ħa)** *informazzjoni adegwata u verifikabbli, miksuba permezz ta' awditi indipendenti u proċessi ta' konsultazzjoni xierqa, li ż-żona użata għall-iskop tal-produzzjoni tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma tkun soġġetta għall-ebda rivendikazzjoni abbażi tad-drittijiet indiġeni, konswetudinarji jew leġittimi oħra għall-pussess tal-art jew soġġetta għall-ebda tilwima rigward l-użu, is-sjieda jew l-okkupazzjoni tagħha;*

## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(hb)** *informazzjoni adegwata u verifikabbli li tindika l-fehmiet ta' kwalunkwe poplu indiġenu, komunità lokali u grupp ieħor li jirrivendikaw drittijiet tal-pussess tal-art fir-rigward taż-żona użata għall-finijiet tal-produzzjoni tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fir-rigward tal-produzzjoni tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti;*

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** *Il-Kummissjoni għandha tipproponi wkoll miżuri maħsuba għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira fir-rigward tar-*



*rekwiżiti ta' ġeolokalizzazzjoni previsti f'dan ir-Regolament. Dan jista' jinkludi l-appoġġ kemm tekniku kif ukoll finanzjarju għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira biex ikunu jistgħu jiġbru u jiġġestixxu d-data rikjesta filwaqt li jagħtu wkoll prijorità lit-trasferiment tat-teknoloġija, fost inizjattivi oħra.*

## **Emenda 58**

### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. Il-Kummissjoni tista' toħloq, f'kollaborazzjoni mal-pajjiżi produtturi, pjattaforma li tuża l-pożizzjonament u l-immaġnijiet satellitari li jirriżultaw mill-użu ta' EGNOS/Galileo u Copernicus, bil-għan li jgħinu lill-kontrolli tal-konformità u jappoġġaw lill-partijiet kollha huma u jgħaddu malajr għall-ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni. Tali pjattaforma għandha tinkludi informazzjoni għall-monitoraġġ perjodiku tal-evoluzzjoni tal-kopertura forestali, mapep tematiċi u skedi informattivi faċli li jiġu kkonsultati għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tal-Istati Membri, tal-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi interessati, tal-operaturi u tal-negozjanti.**

## **Emenda 59**

### **Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 sabiex tissupplimenta l-paragrafu 1 dwar aktar informazzjoni rilevanti li għandha tinkiseb li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema ta' diliġenza

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 **u gwida speċifika għall-komoditajiet** sabiex tissupplimenta l-paragrafu 1 dwar aktar informazzjoni rilevanti li għandha tinkiseb **u** li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata

dovuta.

*l-effettività tas-sistema ta' diliġenza dovuta, kif ukoll l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u jiġi żgurat li jżommu s-sjieda u l-kontroll fuq d-data proprjetarja.*

## Emenda 60

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-preżenza ta' foresti fil-pajjiż u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;

*Emenda*

(b) il-preżenza ta' foresti **u ta' ekosistemi fil-periklu oħrajn bħas-savani, l-isteppe, it-torbieri, l-artijiet mistaġħdra jew il-mangrovji** fil-pajjiż u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ba) il-preżenza ta' popli vulnerabbli, popli indiġeni, komunitajiet lokali u detenturi oħra ta' drittijiet konswitudinarji tal-pussess tal-art fil-pajjiż u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;

*Emenda*

**(ba) il-preżenza ta' popli vulnerabbli, popli indiġeni, komunitajiet lokali u detenturi oħra ta' drittijiet konswitudinarji tal-pussess tal-art fil-pajjiż u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;**

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni u oriġini, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-data, in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi, il-kunflitt

*Emenda*

(e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni u oriġini, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-data, in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi, **l-assenza jew**

armat jew il-preżenza ta' sanzjonijiet  
imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-  
Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-  
Unjoni Ewropea;

*in-nuqqas ta' infurzar jew il-ksur ta'  
drittijiet ta', jew vjolenza fuq, il-popli  
indiġeni, il-komunitajiet lokali jew  
detenturi oħra tad-drittijiet  
konswitudinarji għall-pussess tal-art, kif  
ukoll id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem  
u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem  
ambjentali, il-governanza dgħajfa, il-  
kunflitt armat jew il-preżenza ta'  
sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-  
Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-  
Kunsill tal-Unjoni Ewropea;*

### **Emenda 63**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ea) preokkupazzjonijiet fir-rigward ta'  
atturi oħra involuti fil-katina tal-  
provvista, partikolarment fir-rigward tal-  
kwereli kontra attur, preokkupazzjonijiet  
sostanzjali relatati mad-deforestazzjoni,  
mad-degradazzjoni tal-foresti, mal-abbużi  
tad-drittijiet tal-bniedem jew mal-attakki  
fuq id-difensuri ambjentali u tad-drittijiet  
tal-art kommessi minn atturi, jew l-  
inklużjoni ta' attur f'xi lista tan-  
Nazzjonijiet Uniti ta' kumpaniji u impriżi  
involuti fi ksur tad-drittijiet tal-bniedem  
jew tad-dritt internazzjonali;*

### **Emenda 64**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fa) il-prevalenza ta' prattiki  
kummerċjali, bħall-prattiki tax-xiri u tal-  
ipprezzar, li jimminaw il-kapaċità tal-  
bdiewa li jipproduċu komoditajiet u  
prodotti rilevanti b'mod konsistenti mar-*

## Emenda 65

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta' oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni fejn *seħħet* jew *tkun qiegħda sseħħ id-deforestazzjoni* jew id-degradazzjoni tal-foresti;

*Emenda*

(g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta' oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni fejn *seħħew* jew *ikunu qegħdin iseħħu d-deforestazzjoni* jew id-degradazzjoni tal-foresti *u tal-ekosistemi, kif ukoll il-ksur tal-liġijiet rilevanti jew il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;*

## Emenda 66

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 10 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Ħlief fejn l-analiżi mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 tippermetti lill-operatur jiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju jew li jkun hemm riskju negliġibbli li l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jadotta qabel ma jqiegħed il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' esportazzjoni tagħhom, proċeduri u miżuri li jkunu adegwati sabiex ma jintlaħaq l-ebda riskju jew jintlaħaq riskju negliġibbli. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' informazzjoni, data jew dokumenti addizzjonali, it-twettiq ta' sħarriġ jew awditi indipendenti jew miżuri oħra relatati mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9.

*Emenda*

4. Ħlief fejn l-analiżi mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 tippermetti lill-operatur jiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju jew li jkun hemm riskju negliġibbli li l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jadotta qabel ma jqiegħed il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' esportazzjoni tagħhom, proċeduri u miżuri li jkunu adegwati sabiex ma jintlaħaq l-ebda riskju jew jintlaħaq riskju negliġibbli. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' informazzjoni, data jew dokumenti addizzjonali, it-twettiq ta' sħarriġ jew awditi indipendenti, *it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-investimenti finanzjarji għall-bdiewa b'azjenda agrikola iżghira* jew miżuri oħra relatati mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9.

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Meta rilevanti, l-operaturi għandhom jiżguraw li jiġu adottati valutazzjonijiet tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni li jiżguraw il-partekipazzjoni, l-konsultazzjoni u l-kunsens liberu, minn qabel u infurmat tal-popli indiġeni, tal-komunitajiet lokali u tad-detenturi l-oħra tad-drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art li jkunu preżenti fiż-żona tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti.**

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta f'konformità mal-Artikolu 8, l-operaturi għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata sistema ta' diliġenza dovuta sabiex jiżguraw li jistgħu jiggarantixxu l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(a) u (b). Is-sistema ta' diliġenza dovuta għandha tiġi riveduta mill-anqas darba fis-sena u, **jekk ikun meħtieġ**, tiġi adattata u tqis żviluppi ġodda li jistgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-aġġornamenti fis-sistema(i) ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin.

1. Sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta f'konformità mal-Artikolu 8, l-operaturi għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata sistema ta' diliġenza dovuta sabiex jiżguraw li jistgħu jiggarantixxu l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3, **punti** (a), (b) u (c). Is-sistema ta' diliġenza dovuta għandha tiġi riveduta mill-anqas darba fis-sena u tiġi adattata u tqis żviluppi ġodda li jistgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta **meta l-operaturi jsiru konxji dwarhom**. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-aġġornamenti fis-sistema(i) ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin.

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

2. **Sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur tas-sostenibbiltà, l-operaturi li ma humiex SMEs** għandhom, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament **kemm jista' jkun**, inkluż fuq l-internet, dwar **is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom inkluż dwar il-passi meħuda min-naħa tagħhom sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 8. L-operaturi li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan il-paragrafu billi jinkludu l-informazzjoni meħtieġa meta jirrapportaw fil-kuntest ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE.**

2. **L-operaturi** għandhom, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament **bl-aktar mod wiesa' possibbli**, inkluż fuq l-internet, dwar **l-elementi li ġejjin:**

(a) **is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom u l-passi meħuda minnhom biex jimplimentaw l-obbligi tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 8, inkluż l-involviment sinifikattiv mal-partijiet ikkonċernati u l-parteciġazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u d-divulgazzjoni dwar id-diżimpenn, kif imsemmi fl-Artikolu 10;**

(b) **jipprovdu evidenza ta' kunsens tal-popli indiġeni, tal-komunitajiet lokali u tad-detenturi l-oħra tad-drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art preżenti fiż-żona tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti;**

(c) **il-miżuri li implimentaw biex jiżguraw li l-ispejjeż tal-konformità ma' dan ir-Regolament jinqas b'mod proporzjonat fost l-atturi kollha fil-ktajjen tal-provvista, u;**

(d) **il-miżuri li implimentaw biex jappoġġaw il-konformità tal-fornituri tagħhom, b'mod partikolari l-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, inklużi investimenti u tisħiħ ta' kapaciġtjiet kif**

*ukoll mekkaniżmi ta' pprezzar li jippermettu introjtu li jiggarrantixxi ħajja dinjituża għall-produtturi li minnhom joriġinaw.*

*L-operaturi li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan il-paragrafu billi jinkludu l-informazzjoni meħtieġa meta jirrapportaw fil-kuntest ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE.*

## **Emenda 70**

### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 2 għandhom, fir-rigward ta' komoditajiet u prodotti rilevanti furnuti minn kull fornitur:**

**(a) jinkludu l-informazzjoni deskritta fl-Artikolu 9(1), punti (a) sa (e);**

**(b) jiddeskrivu l-informazzjoni u l-evidenza miksuba u użati biex tiġi vvalutata l-konformità tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mal-Artikolu 3, punti (a), (b) u (c);**

**(c) jiddikjaraw il-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 10(1) u jiddeskrivu kwalunkwe proċedura jew miżura ta' mitigazzjoni tar-riskju jew meħuda skont l-Artikolu 10(4);**

**(d) jinkludu d-data u l-post fejn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew ġew esportati minnu; u**

**(e) jipprovdu evidenza ta' konsultazzjoni mal-popli indiġeni, mal-komunitajiet lokali u mad-detenturi l-oħra tad-drittijiet konswetudinarji tal-pussess tal-art**

*preżenti fiż-żona tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti.*

## **Emenda 71**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 12**

*imħassar*

#### **Diliġenza dovuta simplifikata**

**1. Meta jqiēghdu komoditajiet jew prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportawhom minnha, l-operaturi ma humiex meħtieġa jissodisfaw l-obbligi skont l-Artikolu 10 meta jkunu jistgħu jżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti kollha jkunu ġew prodotti f'pajjiżi jew f'partijiet minnhom li ġew identifikati bħala ta' riskju baxx f'konformità mal-Artikolu 27.**

**2. Madankollu, jekk l-operatur jikseb jew isir konxju minn kwalunkwe informazzjoni li tindika riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-obbligi kollha tal-Artikoli 9 u 10 għandhom jiġu ssodisfati.**

## **Emenda 72**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 12a**

#### **Linji gwida dwar id-diliġenza dovuta**

**Sabiex jingħata appoġġ lill-kumpaniji jew lill-awtoritajiet tal-Istati Membri dwar kif il-kumpaniji għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' diliġenza dovuta, il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, mal-Aġenzija**



*Ewropea għall-Ambjent u, meta jkun xieraq, ma' korpi internazzjonali li għandhom għarfien espert fid-diliġenza dovuta, tista' toħroġ linji gwida. Meta jiġu żviluppati dawk il-linji gwida, għandhom jitqiesu, fost oħrajn, il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Gwida tal-OECD-FAO għal Ktajjen ta' Provvista Agrikola Responsabbli.*

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-operaturi li jeżerċitaw diliġenza dovuta kif stabbilit fl-Artikolu 8, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu assistenza teknika u assistenza u gwida oħra lill-operaturi, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni tal-SMEs, sabiex jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

5. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-operaturi li jeżerċitaw diliġenza dovuta kif stabbilit fl-Artikolu 8, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu assistenza teknika u assistenza u gwida oħra, **kif ukoll gwida speċifika għall-komoditajiet** lill-operaturi, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni tal-SMEs, sabiex jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 74

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Sabiex iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu pjan ibbażat fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-pjan għandu jkun fih tal-anqas kriterji tar-riskju sabiex titwettaq l-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4 u b'hekk jinforma d-deċiżjonijiet dwar il-verifiki. Meta jistabbilixxu u jirrevedu l-kriterji tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu partikolarment l-assenjazzjoni tar-riskju lil pajjiżi jew partijiet minnhom f'konformità

#### *Emenda*

3. Sabiex iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu pjan ibbażat fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-pjan, **li għandu jsir disponibbli għall-pubbliku**, għandu jkun fih tal-anqas kriterji tar-riskju sabiex titwettaq l-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4 u b'hekk jinforma d-deċiżjonijiet dwar il-verifiki. Meta jistabbilixxu u jirrevedu l-kriterji tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu partikolarment l-assenjazzjoni tar-riskju lil

mal-Artikolu 27, ***l-istorja tal-konformità*** ta' operatur jew negozjant ma' dan ir-Regolament ***u kwalunkwe informazzjoni*** rilevanti ***oħra***. ***Abbażi tar-riżultati tal-verifiki u tal-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu dawk il-pjanijiet u l-kriterji tar-riskju fuq bażi regolari sabiex itejbu l-effettività tagħhom. Meta jirrevedu l-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu frekwenza mnaqqa ta' verifiki għal dawk l-operaturi u l-kummerċjanti li jkunu wrew rekord konsistenti ta' konformità sħiħa mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament.***

pajjiżi jew partijiet minnhom f'konformità mal-Artikolu 27, ***in-nuqqasijiet preċedenti*** ta' operatur jew negozjant ***li jiżgura l-konformità*** ma' dan ir-Regolament, ***il-kwantità ta' komoditajiet u prodotti*** rilevanti ***mqiegħda fis-suq jew li jsiru disponibbli fis-suq mill-operatur jew min-negozjant, il-perjodu minn meta saret il-valutazzjoni tar-riskju għall-komoditajiet jew għall-prodotti rilevanti, il-prossimità tal-irqajja' tal-art li fuqhom ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għall-foresti u ekosistemi naturali oħra, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra***. ***Abbażi tar-riżultati tal-verifiki u tal-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu dawk il-pjanijiet u l-kriterji tar-riskju fuq bażi regolari sabiex itejbu l-effettività tagħhom.***

## Emenda 75

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

11. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki skont il-paragrafi 5 u 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluż abbażi ta' preokkupazzjonijiet sostanzjati pprovduti minn partijiet terzi skont l-Artikolu 29, dwar nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dan ir-Regolament.

## Emenda 76

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet kompetenti

PE729.953v04-00

#### *Emenda*

11. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki skont il-paragrafi 5 u 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu, ***mingħajr dewmien żejjed***, l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluż abbażi ta' preokkupazzjonijiet sostanzjati pprovduti minn partijiet terzi skont l-Artikolu 29, dwar nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dan ir-Regolament.

1. L-awtoritajiet kompetenti

282/340

RR\1261086MT.docx

għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' awtoritajiet minn Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni, u jekk ikun meħtieġ, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' awtoritajiet minn Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni, **mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mat-trade unions**, u jekk ikun meħtieġ, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

## Emenda 77

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-pjanijiet tagħhom għall-verifiki, in-numru u r-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq l-operaturi u n-negozjanti, **inkluż il-kontenut** ta' dawn il-verifiki, il-volum tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti vverifikati fir-rigward tal-kwantità totali tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti introdotti fis-suq, il-pajjiżi tal-oriġini u tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti kif ukoll il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità u ***l-kostijiet tal-kontrolli rkuprati***.

#### *Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-pjanijiet tagħhom għall-verifiki ***u l-kriterji tar-riskju li jkunu bbażati fuqhom***, in-numru u r-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq l-operaturi u n-negozjanti, ***inklużi r-riżultati ta' dawn il-verifiki, in-numru u r-riżultat tal-kontrolli mwettqa fuq il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti inklużi r-riżultati ta' dawn il-kontrolli***, il-volum tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti vverifikati fir-rigward tal-kwantità totali tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti introdotti fis-suq, il-pajjiżi tal-oriġini u tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti kif ukoll il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità u ***l-operaturi u n-negozjanti li tali miżuri jkunu ttieħdu kontrihom kif ukoll l-isem kummerċjali tal-prodotti mhux konformi, il-kostijiet tal-attivitajiet ta' infurzar irkuprati f'kull każ, u l-operaturi u n-negozjanti li ma rnexxilhomx jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u li awtorità amministrattiva jew qorti tkun imponiet penali kontrihom f'konformità mal-Artikolu 23 li jkunu finali fi ħdan l-***

*erba' snin ta' wara, inkluż l-isem kummerċjali tal-prodotti mhux konformi rilevanti.*

## **Emenda 78**

### **Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, fuq bażi annwali, ħarsa ġenerali li tkopri l-Unjoni kollha tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament abbażi tad-data sottomessa mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1.

*Emenda*

2. Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, fuq bażi annwali, ħarsa ġenerali li tkopri l-Unjoni kollha tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament abbażi tad-data sottomessa mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1. ***Abbażi ta' din il-ħarsa ġenerali, il-Kummissjoni għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament.***

## **Emenda 79**

### **Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed dwar kwalunkwe sanzjoni jew penali amministrattiva jew kriminali, inkluż fil-forma ta' twissija formali, imposta fuq l-operaturi jew in-negozjanti talli jkunu kisru l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.***

## **Emenda 80**

### **Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea lista ta' operaturi u negozjanti identifikati f'konformità mal-paragrafu 2a li jkunu naqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u l-isem kummerċjali tal-prodotti rilevanti mhux konformi. L-operatur jew in-negozjant ikkonċernat għandu jiġi infurmat bl-inklużjoni tiegħu. Il-lista għandha ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-Kummissjoni u għandha tiġi aġġornata regolarment.**

## **Emenda 81**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 19 – paragrafu 2c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2c. Il-Kummissjoni għandha tneħħi operatur jew negozjant mil-lista ta' operaturi u negozjanti li jiksru l-liġi mhux qabel sena jekk l-Istat Membru jkun innotifika lill-Kummissjoni li l-operatur jew in-negozjant ikun ħa azzjoni ta' rimedju suffiċjenti, li tinkludi l-ħlas sħiħ tal-penali u titjib fis-sistema ta' diliġenza dovuta tiegħu u jekk ma jkun ġie rrapportat l-ebda rapport ieħor ta' sanzjonijiet jew proċedimenti amministrattivi jew kriminali dwar l-allegat attività ta' ksur mill-awtorità tal-Istat Membru rispettiv. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fir-rapport annwali tagħha ġustifikazzjoni qasira għal kull operatur jew negozjant li jkun tneħħa mil-lista.**

## **Emenda 82**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 21 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Meta, wara l-verifiki msemija fl-Artikoli 15 u 16, ikunu nstabu nuqqasijiet serji possibbli, jew ikunu ġew identifikati riskji skont l-Artikolu 14(6), l-awtoritajiet kompetenti **jistgħu** jieħdu miżuri interim immedjati, inkluż is-sekwestru jew is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni minnu tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

Meta, wara l-verifiki msemija fl-Artikoli 15 u 16, ikunu nstabu nuqqasijiet serji possibbli, jew ikunu ġew identifikati riskji skont l-Artikolu 14(6), l-awtoritajiet kompetenti **għandhom** jieħdu miżuri interim immedjati, inkluż is-sekwestru jew is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni minnu tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. **Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23**, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva **xierqa u proporzjonata** sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità.

#### *Emenda*

1. **Minbarra l-impożizzjoni ta' penali f'konformità mal-Artikolu 23**, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità **f'perjodu ta' żmien speċifikat u raġonevoli**.

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-qerda tal-komodità jew tal-prodott rilevanti jew l-ġhoti tiegħu għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku.

#### *Emenda*

(d) il-qerda tal-komodità jew tal-prodott rilevanti jew l-ġhoti tiegħu għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku, **jekk ikun possibbli**;

## Emenda 85

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) l-indirizzar ta' kwalunkwe nuqqas fis-sistema ta' diliġenza dovuta li seta' wassal għan-nuqqas ta' konformità, sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' aktar ksur.*

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 22 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli **jieħu azzjoni** korrettiva msemmija fil-paragrafu 2 jew meta jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li **l-prodott jiġi rtirat** jew **jittieħed** lura, jew li t-tqegħid **tiegħu** fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni minnu **jiġi pprojbit** jew **ristrett**.

3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli **jikkompleta l-azzjoni** korrettiva msemmija fil-paragrafu 2 **f'perjodu ta' żmien speċifikat mill-awtorità kompetenti skont il-paragrafu 1**, jew meta jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1 **wara dak il-perjodu ta' żmien**, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li **l-komodità jew il-prodott rilevanti jiġu rtirati** jew **jittieħdu** lura, jew li t-tqegħid **tagħhom** fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni minnu **jiġu pprojbiti** jew **ristretti**.

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) multi proporzjonati għad-danni ambjentali u għall-valur tal-komoditajiet jew tal-prodotti konċernati rilevanti, billi jiġi kkalkolat il-livell ta' tali multi b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur tagħhom, u gradwalment jiżdied il-livell ta'

(a) multi proporzjonati għad-danni ambjentali **jew għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem** u għall-valur tal-komoditajiet jew tal-prodotti konċernati rilevanti, billi jiġi kkalkolat il-livell ta' tali multi b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur tagħhom, u

tali multi għal ksur ripetut; l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun mill-anqas 4 % tal-fatturat annwali tal-operaturi jew tan-negozjanti fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri konċernati;

gradwalment jiżdied il-livell ta' tali multi għal ksur ripetut; l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun mill-anqas 4 % tal-fatturat annwali tal-operaturi jew tan-negozjanti fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri konċernati;

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) f'każ ta' ksur serju jew ripetut, is-sospensjoni tad-dritt li tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta fid-dawl tat-tqegħid ta' komoditajiet u prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni, jew tal-esportazzjoni tagħhom; sejħa lura ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti offruti għall-bejgħ inkluż għand il-bejgiegħa bl-imnut; u sanzjonijiet kriminali, skont il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttiva 2008/99/KE).***

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. L-operaturi li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi fl-ambitu ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu responsabbli u obbligati wkoll li jikkumpensaw għad-dannu li kien jiġi evitat bl-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta. L-azzjoni biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għandha tiġi ppreżentata quddiem il-ġurisdizzjoni rilevanti minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika b'interess leġittimu biex tagħmel dan.***



## Emenda 90

### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 2 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni **tista'** tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti:

#### *Emenda*

2. Il-Kummissjoni **għandha** tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti:

## Emenda 91

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema **bi tliet** livelli għall-valutazzjoni tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom. Sakemm ma jkunux identifikati f'konformità ma' dan l-Artikolu bħala li jippreżentaw riskju **baxx jew** għoli, il-pajjiżi għandhom jitqiesu bħala li jippreżentaw riskju standard. Il-Kummissjoni tista' tidentifika pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju **baxx jew** għoli li jipproduċu komoditajiet jew prodotti rilevanti li ma jkunux konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 3. Il-lista tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom li jippreżentaw riskju **baxx jew** għoli għandha tiġi ppubblikata permezz ta' att(i) ta' implimentazzjoni li għandu/għandhom jiġi/u adottat(i) f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2). Dik il-lista għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ fid-dawl ta' evidenza ġdida.

#### *Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema **b'żewġ** livelli għall-valutazzjoni tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom. Sakemm ma jkunux identifikati f'konformità ma' dan l-Artikolu bħala li jippreżentaw riskju għoli, il-pajjiżi għandhom jitqiesu bħala li jippreżentaw riskju standard. Il-Kummissjoni tista' tidentifika pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju għoli li jipproduċu komoditajiet jew prodotti rilevanti li ma jkunux konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 3. Il-lista tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom li jippreżentaw riskju għoli għandha tiġi ppubblikata permezz ta' att(i) ta' implimentazzjoni li għandu/għandhom jiġi/u adottat(i) f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2). Dik il-lista għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ fid-dawl ta' evidenza ġdida. **Tali proċess għandu jiġi żviluppat fi djalogu strett mal-pajjiżi produttori u b'indikazzjonijiet speċifiċi u b'kalendarju b'meta jista' jkun previst rieżami tal-kategorija ta' riskju għoli tal-pajjiż.**

## Emenda 92

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-identifikazzjoni ta' pajjiżi b'riskju **baxx u** għoli jew partijiet minnhom skont il-paragrafu 1 għandha **tgħid** l-informazzjoni pprovduta mill-pajjiż konċernat u tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' valutazzjoni li ġejjin:

*Emenda*

2. L-identifikazzjoni ta' pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom skont il-paragrafu 1 għandha **ssegwi proċess ta' valutazzjoni trasparenti li għandu jgħid** l-informazzjoni pprovduta mill-pajjiż konċernat **u minn partijiet terzi, inklużi l-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet internazzjonali** u tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' valutazzjoni li ġejjin:

## Emenda 93

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) is-sitwazzjoni speċifika ta' kull pajjiż ikkonċernat relatata mal-produttjoni tal-komoditajiet jew tal-prodotti kkonċernati;**

## Emenda 94

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) ir-rata ta' espansjoni tal-art agrikola għall-komoditajiet rilevanti,

(b) ir-rata ta' espansjoni tal-art agrikola għall-komoditajiet rilevanti **abbażi ta' evidenza solida li r-rata ta' espansjoni tal-art agrikola hija marbuta direttament mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti;**

## Emenda 95

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt d

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(d) jekk il-kontribut determinat fil-livell nazzjonali (NDC) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima jkoprix l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art li jiżgura li l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti huma kontabilizzati lejn l-impenn tal-pajjiż sabiex inaqas jew jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif specificat **fin-NDC**;

#### *Emenda*

(d) jekk il-kontribut determinat fil-livell nazzjonali (NDC) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima jkoprix l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art li jiżgura li l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti huma kontabilizzati lejn l-impenn tal-pajjiż sabiex inaqas jew jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif specificat **fl-NDC, filwaqt li jirrikonoxxi wkoll l-isforzi minn dak il-pajjiż fl-implimentazzjoni tal-NDC tiegħu**;

## Emenda 96

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt e

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(e) il-ftehimiet u **strumenti oħra** konklużi bejn il-pajjiż konċernat u l-Unjoni li jindirizzaw id-deforestazzjoni jew id-degradazzjoni tal-foresti u jiffaċilitaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom;

#### *Emenda*

(e) il-ftehimiet u **l-istrumenti l-oħra, inklużi s-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 28(1)** konklużi bejn il-pajjiż konċernat u l-Unjoni li jindirizzaw id-deforestazzjoni jew id-degradazzjoni tal-foresti u jiffaċilitaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom;

## Emenda 97

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt f

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(f) jekk il-pajjiż konċernat għandux

#### *Emenda*

(f) jekk il-pajjiż konċernat għandux

fis-seħħ liġijiet nazzjonali jew subnazzjonali, inkluż f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim ta'Pariġi, u jieħu miżuri ta' infurzar effettivi sabiex jevita u jissanzjona attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u partikolarment jekk jiġux applikati sanzjonijiet ta' severità suffiċjenti sabiex jiġu miċħuda l-benefiċċji li jirriżultaw mid-deforestazzjoni jew **mid-degradazzjoni tal-foresti**.

fis-seħħ liġijiet nazzjonali jew subnazzjonali, inkluż f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim ta'Pariġi, **mad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni u mal-leġiżlazzjoni rilevanti** u jieħu miżuri ta' infurzar effettivi sabiex **jiżgura li dawk il-liġijiet jiġu implimentati u** jevita u jissanzjona attivitajiet **relatati mal-produzzjoni tal-komoditajiet rilevanti għall-esportazzjoni** li jwasslu għad-deforestazzjoni, u d-degradazzjoni tal-foresti, u partikolarment jekk jiġux applikati sanzjonijiet ta' severità suffiċjenti sabiex jiġu miċħuda l-benefiċċji li jirriżultaw mid-deforestazzjoni, **mid-degradazzjoni tal-foresti** jew **min-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti**.

## Emenda 98

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(fa) jekk il-ġurisdizzjoni nazzjonali u subnazzjonali tkunx żviluppat approċċi ġurisdizzjonali bl-involviment sinifikattiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi s-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, in-nisa, u s-settur privat, inklużi l-mikrointrapriżi, l-SMEs u l-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, biex jiġu indirizzati d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-konverżjoni u d-degradazzjoni tal-ekosistema naturali, il-ksur tad-drittijiet tal-art u l-produzzjoni illegali;**

## Emenda 99

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt fb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(fb) jekk il-pajjiż ikkonċernat jagħmilx id-data rilevanti disponibbli b'mod trasparenti.*

## **Emenda 100**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi konċernati bl-intenzjoni tagħha li tassenja bidla fil-kategorija ta' riskju eżistenti u tistedinhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meqjusa utli f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha tippermetti lill-pajjiżi żmien adegwat sabiex jipprovdu tweġiba, li jista' jinkludi informazzjoni dwar miżuri meħuda mill-pajjiż sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni f'każ li l-istatus tiegħu jew l-istatus ta' partijiet minnu jista' jinbidel għal kategorija ta' riskju ogħla.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi konċernati bl-intenzjoni tagħha li tassenja bidla fil-kategorija ta' riskju eżistenti u tistedinhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meqjusa utli f'dan ir-rigward. ***Din għandha twettaq ukoll konsultazzjoni pubblika biex tiġbor informazzjoni u fehmiet mill-partijiet interessati kollha, inklużi b'mod partikolari l-persuni vulnerabbli, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, il-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, in-nisa u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, fosthom it-trade unions.*** Il-Kummissjoni għandha tippermetti lill-pajjiżi ***u lil partijiet interessati oħra*** żmien adegwat sabiex jipprovdu tweġiba, li jista' jinkludi informazzjoni dwar miżuri meħuda mill-pajjiż sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni f'każ li l-istatus tiegħu jew l-istatus ta' partijiet minnu jista' jinbidel għal kategorija ta' riskju ogħla.

## **Emenda 101**

### **Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(c) il-konsegwenzi tal-identifikazzjoni tiegħu bħala pajjiż b'riskju għoli ***jew baxx.***

#### *Emenda*

(c) il-konsegwenzi tal-identifikazzjoni tiegħu bħala pajjiż b'riskju għoli.

## **Emenda 102**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 27 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva għandha tkun akkumpanjata minn appoġġ b'saħħtu u informazzjoni ċara għad-dispożizzjoni tal-pajjiżi kkonċernati minn dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni toħloq mekkaniżmu ta' appoġġ speċifiku, gwida speċifika għall-komoditajiet u inizjattivi mal-pajjiżi identifikati bħala b'riskju għoli biex tgħin ittejjeb il-livell ta' riskju tagħhom lejn il-kategorija standard. Dak l-appoġġ jenħtieġ li jkun ibbażat fuq djalogu strutturat, kooperazzjoni reċiproka u tisħiħ tal-mekkaniżmi kooperazzjoni u tas-sħubijiet attwali u ġodda, inklużi, iżda mhux biss, l-eżempji ddefiniti fl-Artikolu 28.**

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 28 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-pajjiżi produttori **konċernati** minn dan ir-Regolament **sabiex tiżviluppa sħubijiet u kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati konguntemment id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni se jiffokaw fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu djalogi strutturati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ, arranġamenti amministrattivi u dispożizzjonijiet fi**

1. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha **u taħdem fi sħubija** mal-pajjiżi produttori **kkonċernati** minn dan ir-Regolament, **fosthom dawk involuti fil-proċessi VPA FLEGT (Ftehim ta' Sħubija Volontarja dwar Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali), bil-għan li tiżviluppa sħubijiet u kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati konguntemment l-kawżi profondi tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, jiġu adottati sistemi agroekoloġiċi u produktivi li ma jinvolux il-qerda tal-foresti u li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-faqar strutturali u l-bżonn ta' introjtu li jiggarrantixxi ħajja dinjituża għas-soċjetajiet li jiddependu mill-foresti u mill-ekosistemi fil-pajjiżi**

*ftehimiet eżistenti jew fi ftehimiet li jippermettu lill-pajjiżi produttori jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. Tali ftehimiet u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom se jitqiesu bħala parti mill-valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament.*

*sħab ikkonċernati minn dan ir-Regolament.*

*Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għandhom iservu biex jippermettu l-iskambju tal-informazzjoni u l-prattiki tajbin, ikunu appoġġati minn biżżejjed riżorsi tekniċi u finanzjarji u jiffokaw fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, itemmu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali, filwaqt li jstimulaw negozju stabbli u legali u jikkontribwixxu għal ekonomiji u soċjetajiet sostenibbli u inklużivi. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għandhom jimmiraw biex iqawwu l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet doganali tal-pajjiżi produttori u mal-aġenziji l-oħra rilevanti tal-infurzar tal-liġi, isaħħu jew itejbu l-governanza tajba, kif ukoll jiproteġu d-drittijiet, il-mezzi ta' sussistenza u l-ħajja tal-komunitajiet li jiddependu mill-foresti, fosthom il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u d-detenturi l-oħra tad-drittijiet tal-pussess tal-art u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, speċjalment in-nisa, b'modi li jirrispettaw il-kultura u d-drawwiet tagħhom. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għandhom jinvolvu wkoll l-iffaċilitar tal-kooperazzjoni xjentifika u akkademika. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għandhom jiżguraw u jinkludu djalogi strutturati u kollaborazzjoni ma' bosta partijiet ikkonċernati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ, inkluża assistenza fl-iżvilupp u fl-*

*implimentazzjoni tal-oqfsa nazzjonali għall-forestrija u l-forestrija sostenibbli, appoġġ speċifiku f'termini tekniċi u tattistih tal-kapaċitajiet, arranġamenti amministrattivi u dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti jew fi ftehimiet kif ukoll bħala inċentivi kummerċjali li jippermettu lill-pajjiżi produttori, b'enfasi speċifika fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali, jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament, biex ħadd ma jitħalla lura u jiġi aġevolat l-aċċess tagħhom għas-suq tal-Unjoni. Jenħtieġ li jkunu bbażati fuq objettivi intermedji, b'limitu ta' żmien, maqbula mal-partijiet ikkonċernati lokali, bħall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali. Tali ftehimiet u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom se jitqiesu bħala parti mill-valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni kollha huma speċjalment rilevanti għall-pajjiżi elenkati fil-kategorija ta' riskju għoli.*

*Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni għandhom iqisu kif xieraq id-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi. It-tnaqqis fl-introjt għal popolazzjonijiet vulnerabbli, it-telf ta' impjiegi, ir-regressjoni fil-kisbiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-inċentivi għal attivitajiet illegali għandhom jiġu evitati.*

## **Emenda 104**

### **Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Il-Kummissjoni għandha tiegħu vantaġġ mill-esperjenza wiesgħa u mill-**



*għarfien espert vast tal-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura u l-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, f'dak li għandu x'jaqsam mal-appoġġ tekniku speċifiku neċessarju lill-pajjiżi sħab ikkonċernati minn dan ir-Regolament.*

## **Emenda 105**

### **Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1b.** *Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita proċess, bi sħubija mal-pajjiżi produttori, bejn il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira u l-komunitajiet lokali, li jiżviluppa mudelli ta' prezzijiet li jippermettu lill-bdiewa jaqalgħu introjtu li jggarantixxi ħajja dinjituża u jiproduċu beni sostenibbli mingħajr deforestazzjoni u li teżamina l-inċentivi pożittivi għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira biex jagħmlu tranżizzjoni lejn prattiki sostenibbli.*

## **Emenda 106**

### **Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1c.** *Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-pajjiżi produttori biex jiżviluppaw u jimplimentaw konġuntament pjanijiet direzzjonali nazzjonali biex lill-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira tingħatalhom għajnuna biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Unjoni. Tali pjanijiet direzzjonali għandhom jiġu żviluppati u implimentati bil-parteċipazzjoni inklużiva tal-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali.*

## Emenda 107

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippermettu ***l-parteċipazzjoni*** sħiħa tal-partijiet ***konċernati*** kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u s-settur privat inklużi, l-SMEs u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira.

#### *Emenda*

2. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom ***jingħataw riżorsi finanzjarji adegwati u jenħtieġ li jappoġġaw u jippermettu l-monitoraġġ tal-parteċipazzjoni*** sħiħa tal-partijiet ***ikkonċernati*** kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, ***partikolarment id-difensuri ambjentali lokali***, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, ***in-nisa*** u s-settur privat inklużi l-SMEs u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira. ***Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-pajjiżi l-anqas żviluppati fil-fehim, fl-implimentazzjoni u fil-konformità tagħhom mal-istandards stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li iżomm kooperazzjoni miftuħa lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet mal-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-produtturi, speċjalment mal-produtturi ż-żgħar.***

***Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jinkludu l-appoġġ għad-demarkazzjoni u għar-rikonossiment tad-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali, inklużi d-drittijiet tal-pussess tal-art, konformement mal-istandards internazzjonali, bil-għan li tiġi ċċarata s-sitwazzjoni ġuridika nazzjonali u jiġu stabbiliti obbligi ċari għall-impriżi, kif ukoll l-appoġġ – fejn mhuwiex diġà previst minn ftehimiet u djalogi eżistenti bħall-VPA FLEGT – għal djalogu inklużiv u parteċipattiv favur proċessi nazzjonali ta' riforma ġuridika u tal-governanza biex titjeb il-governanza fis-settur forestali u jiġu indirizzati l-fatturi interni li jikkontribwixxu għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-***

*foresti.*

## Emenda 108

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' ppjanar integrat tal-użu tal-art, leġiżlazzjonijiet rilevanti, inċentivi fiskali u għodod pertinenti oħrajn sabiex itejbu ***l-konservazzjoni*** tal-foresti u tal-bijodiversità, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-foresti, jindirizzaw il-konverżjoni tal-foresti u tal-ekosistemi vulnerabbli għal użi oħra tal-art, jottimizzaw it-titjib għall-pajsaġġ, is-sigurtà taż-żamma tal-art, il-produttività u l-kompetittività ***tal-agrikoltura***, il-ktajjen tal-provvista trasparenti, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-komunitajiet dipendenti mill-foresti, ***inkluż bdiewa*** b'azzjenda agrikola żgħira, ***popli*** indiġeni u ***komunitajiet*** lokali, u l-iżgurar tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-ġestjoni tal-foresti u informazzjoni rilevanti oħra.

*Emenda*

3. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom, ***f'konsultazzjoni mal-popli indiġeni, mal-komunitajiet lokali, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira u permezz ta' proċessi parteċipattivi b'bosta partijiet ikkonċernati***, jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' ppjanar integrat tal-użu tal-art, leġiżlazzjonijiet rilevanti, ***riformi ġuridiċi, fid-dawl tal-qafas ġuridiku nazzjonali eżistenti, fejn rilevanti***, inċentivi fiskali u għodod pertinenti oħrajn sabiex itejbu ***l-governanza u l-infurzar tal-liġi, il-konservazzjoni*** tal-foresti u tal-bijodiversità, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-foresti, jindirizzaw il-konverżjoni tal-foresti u tal-ekosistemi vulnerabbli għal użi oħra tal-art, jottimizzaw it-titjib għall-pajsaġġ, is-sigurtà taż-żamma tal-art, il-produttività ***tal-agrikoltura, inkluża l-agroekoloġija*** u l-kompetittività, ***sigurtà akbar tal-ikel***, il-ktajjen tal-provvista trasparenti, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-komunitajiet dipendenti mill-foresti, ***inklużi l-bdiewa*** b'azzjenda agrikola żgħira, ***in-nisa, il-popli*** indiġeni u ***l-komunitajiet*** lokali, u ***gruppi oħrajn bi drittijiet konswetudinarji tal-art, jimmiraw lejn ir-rikonoxximent u r-rispett tad-drittijiet tal-art, tas-sjieda, tal-pussess tal-art u tal-aċċess għaliha u d-dritt ta' kunsens liberu, minn qabel u infurmat, skont l-istandards internazzjonali u konformement mal-Linji Gwida Volontarji dwar il-Governanza Responsabbli tal-Pussess tal-Art, is-Sajd u l-Foresti***, l-iżgurar tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-ġestjoni tal-foresti u

informazzjoni rilevanti oħra *u l-appoġġ għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira fil-pajjiżi terzi biex jirrispettaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u jkunilhom aġevolat l-aċċess għas-suq tal-Unjoni.*

*Kwalunkwe proġett żviluppat fl-ambitu ta' tali sħubijiet, inklużi dawk iċċentrati fuq il-konservazzjoni u r-restawr, għandu jirrispetta d-drittijiet tal-popli indiġeni, jikseb il-kunsens liberu, minn qabel u infurmat tagħhom fir-rigward ta' kwalunkwe proġett jew żvilupp fit-territorji tagħhom u jirrispetta d-drittijiet tal-art tagħhom, kif ddefiniti fl-istandards internazzjonali.*

*Il-Kummissjoni għandha tkompli wkoll issostni l-programmi ewlenin, il-proġetti u l-inizjattivi li għaddejjin intiżi li jwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, bħall-VPA FLEGTs jew il-Programm ta' Kollaborazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tnaqqis ta' Emissjonijiet mid-Deforestazzjoni u d-Degradazzjoni tal-Foresti fil-Pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll inizjattivi nazzjonali u reġjonali speċifiċi previsti fl-ambitu tal-politika ta' żvilupp tagħha.*

## Emenda 109

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha f'diskussjoni internazzjonali bilaterali u multilaterali dwar politiki u azzjonijiet sabiex twaqqaf id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, inkluż f'fora multilaterali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, l-Assemblea tan-

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha f'diskussjoni internazzjonali bilaterali u multilaterali dwar politiki u azzjonijiet sabiex twaqqaf id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti *u tevita l-effett invers tad-devjazzjoni ta' ktajjen ta' provvista mhux mixtieqa kkaratterizzati minn deforestazzjoni lejn reġjuni oħra fid-dinja*, inkluż f'fora multilaterali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika,

Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-G7 u l-G20. Tali involviment għandu jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni għall-produzzjoni agrikola sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista trasparenti u sostenibbli kif ukoll it-tkomplija tal-isforzi lejn l-identifikazzjoni u l-qbil ta' standards u definizzjonijiet sodi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni *tal-ekosistemi tal-foresti*.

l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, l-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-G7 u l-G20. Tali involviment għandu jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni għall-produzzjoni agrikola sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista trasparenti u sostenibbli kif ukoll it-tkomplija tal-isforzi lejn l-identifikazzjoni u l-qbil ta' standards u definizzjonijiet sodi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni *tal-foresti u ekosistemi naturali oħra u tad-drittijiet tal-bniedem relatati*.

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi bażi ta' data Ewropea li tiġbor fiha data dwar proġetti li diġà saru u li għaddejjin bħalissa li jinvolvu lill-Unjoni u lil pajjiżi terzi, kif ukoll proġetti bilaterali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi sabiex jiġi vvalutat l-impatt ta' dawn il-proġetti fuq il-foresti tad-dinja.**

## Emenda 111

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 4b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4b. Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-pajjiżi jiżguraw li s-sistemi ta' liċenzji FLEGT tagħhom ikunu totalment**

*konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fil-qasam tal-"mingħajr deforestazzjoni".*

## **Emenda 112**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Il-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ġusti, ekwi, puntwali u ma jqumux ammont eċċessiv ta' flus kif ukoll jipprevedu rimedji adegwati u effettivi, inklużi, jekk ikun il-każ, rimedji b'mandat ta' inibizzjoni, u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni Prattika titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rimedju amministrattiv u ġudizzjarju.*

## **Emenda 113**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 30 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Għall-finijiet tal-paragrafu 6, il-proġetti għandhom jinkludu mekkaniżmu biex isir monitoraġġ u jiġu evitati impatti negattivi fuq id-drittijiet tal-bniedem u mekkaniżmu għall-ipproċessar tal-ilmenti aċċessibbli fil-livell lokali u trasparenti. Attenzjoni partikolari trid tingħata lill-proġetti f'żoni bi bżonnijiet jew b'vulnerabbiltajiet speċifiċi, b'halma huma żoni li jippreżentaw sfidi ambjentali speċifiċi jew restrizzjonijiet naturali u żoni b'valur naturalistiku għoli.*

*Il-proġetti għandhom jirrispettaw u jippromwovu d-drittijiet inerenti tal-popli indiġeni, speċjalment id-drittijiet li dawn għandhom fuq artijiethom, it-territorji*

*tagħhom u r-riżorsi tagħhom, id-dritt għall-awtodeterminazzjoni tagħhom u d-dritt tagħhom għall-kunsens liberu, minn qabel u infurmat.*

*Il-proġetti għandhom ikunu teknikament u finanzjarjament koerenti. Minbarra l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 186 tar-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, il-kostijiet relatati max-xiri ta' art u proprjetà oħra għandhom jitqiesu eliġibbli għal finanzjament skont il-paragrafi 6 u 7 jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) ix-xiri jservi għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' rimedju jew ta' benefiċċju dirett għall-popli affettwati; u*

*(b) l-art jew il-proprjetà mixtrija hija riżervata fuq bażi fit-tul jew għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' rimedju jew għall-benefiċċju dirett tal-popli affettwati.*

*Dan l-Artikolu għandu jiġi applikat mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt għal kumpens jew għal rimedji oħra li kwalunkwe parti jista' jkollha dritt għalih indipendentement minn dan ir-Regolament.*

---

<sup>1a</sup> *Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).*

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 30 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 biex tistabbilixxi mekkaniżmu ta' rimedju għall-komunitajiet li drittijietom jkunu nkisru minħabba ksur ta' dan ir-Regolament u biex timponi penali relatati mad-dannu ambjentali.**

**Emenda 115**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 31 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha tippovdi aċċess għal dik is-sistema ta' informazzjoni lill-awtoritajiet doganali, lill-awtoritajiet kompetenti, lill-operaturi u lin-negozjanti f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha tippovdi aċċess għal dik is-sistema ta' informazzjoni lill-awtoritajiet doganali, lill-awtoritajiet kompetenti, lill-operaturi u lin-negozjanti f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament. ***Il-produtturi, inklużi l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, għandhom jingħataw aċċess għall-informazzjoni kollha li tikkonċernahom.***

**Emenda 116**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk hemmx riskju ta' qerda dejjem akbar ta' savani, artijiet mistagħdra, torbieri u ta' bwar b'biodiversità għolja, fost ekosistemi oħra, minħabba ħsad intensiv u produzzjoni tal-bhejjem tal-ifrat relatati mal-produzzjoni tal-komoditajiet, u tivvaluta l-ħtieġa li dan ir-Regolament jiġi**



*emendat konsegwentement.*

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 32 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja b'mod permanenti l-impatti ta' dan ir-Regolament fuq il-partijiet ikkonċernati vulnerabbli bħal bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, popli indiġeni u komunitajiet lokali, speċjalment fil-pajjiżi terzi, filwaqt li tagħti wkoll attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tan-nisa. Il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq metodoloġija xjentifika u trasparenti u għandu jqis l-informazzjoni fornuta mill-partijiet ikkonċernati interessati, bħal pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet intergovernattivi, mhux governattivi, tas-soċjetà ċivili u tal-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira, kif ukoll popli indiġeni u komunitajiet lokali, inkluż permezz ta' djalogi bejn bosta partijiet ikkonċernati. Mhux aktar tard minn tliet snin mid-data tal-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 36(2), il-Kummissjoni għandha tippromwovi miżuri, billi tqis l-eżiti tal-proċess ta' monitoraġġ bil-għan li tappoġġa lil dawk il-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari biex:**

**(a) tiżgura li l-metodi u l-iskala tal-produzzjoni tagħhom ikunu jistgħu jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fir-Regolament, u li l-komoditajiet u l-prodotti tagħhom ikunu traċċabbli u l-orijini tagħhom tkun trasparenti;**

**(b) tippromwovi, meta jkun meħtieġ, it-tranżizzjoni tagħhom lejn, u ż-żamma ta' prattiki agrikoli soċjalment u ambjentalment sostenibbli li ma jagħmluhomx esklużivament dipendenti mill-produzzjoni tal-komoditajiet għall-**

*esportazzjoni iżda jappoġġaw tranżizzjoni ċċentrata fuq l-agroekoloġija;*

*(c) tiffaċilita u tappoġġa l-inklużjoni tagħhom fil-ktajjen tal-provvista li jwasslu għas-suq intern tal-Unjoni billi toħloq kundizzjonijiet u inċentivi li jippermettulhom jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji tal-Unjoni;*

*(d) tipprovdi appoġġ u inċentivi għalihom biex jikkonservaw il-foresti u l-ekosistemi naturali tagħhom fuq artijiethom li jintużaw għall-produzzjoni tal-komoditajiet;*

*(e) jiżguraw li d-drittijiet tal-popli indiġeni u tal-komunitajiet lokali l-oħra bi drittijiet tal-pussess ikunu protetti b'mod adegwat.*

## Emenda 118

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Wara rieżami kif stabbilit fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 sabiex temenda l-Anness I sabiex tinkludi ***prodotti rilevanti li fihom jew li jkunu saru bl-użu ta'*** komoditajiet rilevanti.

#### *Emenda*

4. Wara rieżami kif stabbilit fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 sabiex temenda l-Anness I sabiex tinkludi komoditajiet rilevanti ***addizzjonali***.

## Emenda 119

### Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Oġġetti klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, imsemmija fl-1 ta' dan ir-Regolament<sup>68</sup>.

#### *Emenda*

Oġġetti klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, imsemmija fl-1 ta' dan ir-Regolament<sup>68</sup> ***bħala "komoditajiet rilevanti" Bovini, kawkaw, kafè, qamħirrum, gomma naturali, żejt tal-palm, pollam, sojja, nagħaġ u mogħoż,***

*ħnieżer, injam. F'konformità mal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, dan tal-aħħar għandu japplika għall-prodotti kollha li jkun fihom jew li jingħalfu bi jew ġew prodotti bl-użu ta' "komoditajiet rilevanti" jew prodotti derivati minnhom, u huma msemmija hawn bħala "prodotti rilevanti". Lista indikattiva ta' dawn il-prodotti tinsab fit-tabella inkluża f'dan l-Anness.*

---

<sup>68</sup> Il-kodiċi tan-nomenklatura huma meħuda min-Nomenklatura Magħquda kif iddefinita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana u kif stabbiliti fl-Anness I tiegħu, li huma validi fil-waqt tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mutatis mutandis kif emendat b'leġiżlazzjoni sussegwenti.

---

<sup>68</sup> Il-kodiċi tan-nomenklatura huma meħuda min-Nomenklatura Magħquda kif iddefinita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana u kif stabbiliti fl-Anness I tiegħu, li huma validi fil-waqt tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mutatis mutandis kif emendat b'leġiżlazzjoni sussegwenti.

## **Emenda 120**

### **Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Lista indikattiva ta' "prodotti rilevanti",  
kif ikklassifikati fin-Nomenklatura  
Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-  
Regolament tal-Kunsill (KEE)  
Nru 2658/87:***

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	It-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 995/2010
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 17.1.2022
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 7.4.2022
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Rosa Estaràs Ferragut 26.1.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.6.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 11 - : 0 0 : 9
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Barry Andrews, Eric Andrieu, Stéphane Bijoux, Lefteris Christoforou, Antoni Comín i Oliveres, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Karsten Lucke, Pierfrancesco Majorino, Erik Marquardt, Janina Ochojska
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alessandra Basso, Malte Gallée
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Helmut Geuking, Constanze Krehl, Colm Markey, Luisa Regimenti, Ralf Seekatz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

11	+
NI	Antoni Comín i Oliveres
RENEW	Barry Andrews, Stéphane Bijoux
S&D	Eric Andrieu, Mónica Silvana González, Constanze Krehl, Karsten Lucke, Pierfrancesco Majorino
VERTS/ALE	Malte Gallée, Pierrette Herzberger-Fofana, Erik Marquardt

0	-
---	---

9	0
ECR	Beata Kempa
ID	Alessandra Basso
PPE	Lefteris Christoforou, Helmut Geuking, Rasa Juknevičienė, Colm Markey, Janina Ochojska, Luisa Regimenti, Ralf Seekatz

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

16.6.2022

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE)

Nru 995/2010

(COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Norbert Lins

### EMENDI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

#### Emenda 1

##### Proposta għal regolament

##### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-foresti jipprovdu varjetà wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali, inkluż prodotti tal-injam u tal-foresti li ma humiex injam u servizzi ambjentali essenzjali għall-umanità, peress li fihom tinsab il-biċċa l-kbira tal-bijodiversità terrestri tad-dinja. Dawn isostnu l-funzjonijiet ta' ekosistema, jgħinu fil-protezzjoni tas-sistema klimatika, jipprovdu arja nadifa u għandhom rwol vitali għall-purifikazzjoni tal-ilmijiet u tal-ħamrija kif ukoll għaż-żamma tal-ilma. Barra minn hekk, il-foresti jipprovdu sussistenza u introjtu għal madwar terz tal-popolazzjoni tad-dinja u l-qerda tagħhom għandha konsegwenzi serji għall-għajxien

*Emenda*

(1) Il-foresti jipprovdu varjetà wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali, inkluż prodotti tal-injam u tal-foresti li ma humiex injam u servizzi ambjentali essenzjali għall-umanità, peress li fihom tinsab il-biċċa l-kbira (**madwar 80 %**) tal-bijodiversità terrestri tad-dinja. Dawn isostnu l-funzjonijiet ta' ekosistema, jgħinu fil-protezzjoni tas-sistema klimatika, jipprovdu arja nadifa u għandhom rwol vitali għall-purifikazzjoni tal-ilmijiet u tal-ħamrija kif ukoll għaż-żamma tal-ilma. **Il-foresti jipprovdu impjiegi u jagħtu enerġija liż-żoni rurali. Il-ġestjoni sostenibbli tagħhom tikkontribwixxi għas-saħħa tajba**

tal-persuni l-aktar vulnerabbli, inkluż il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali li jiddependu ħafna mill-ekosistemi tal-foresti.<sup>18</sup> Barra minn hekk, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jnaqqsu l-bjar ta' karbonju essenzjali u jżidu l-probabbiltà ta' mard ġdid li jinxtered mill-annimali għall-bnedmin.

***tagħhom u għall-preservazzjoni tal-bijodiversità fi ħdanhom.*** Barra minn hekk, il-foresti ***jinkorporaw valuri kulturali, soċjali u spiritwali, li jkopru ħafna mill-art tradizzjonalment abitata mill-popli indiġeni, u jipprovdu*** sussistenza u introjtu għal madwar terz tal-popolazzjoni tad-dinja u l-qerda tagħhom għandha konsegwenzi serji għall-ġhajxien tal-persuni l-aktar vulnerabbli, inkluż il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali li jiddependu ħafna mill-ekosistemi tal-foresti.<sup>18</sup> Barra minn hekk, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jnaqqsu l-bjar ta' karbonju essenzjali u jżidu l-probabbiltà ta' mard ġdid li jinxtered mill-annimali għall-bnedmin.

---

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", COM(2019)352final.

---

<sup>18</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", COM(2019)352final.

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti qegħdin iseħħu b'rata allarmanti. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti tistma li 420 miljun ettaru ta' foresta – madwar 10 % tal-foresti li jifdal fid-dinja u żona akbar mill-Unjoni Ewropea – intilfu madwar id-dinja bejn l-1990 u l-2020<sup>19</sup>. Id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti huma, min-naħa tagħhom, xprunaturi importanti tat-tisħin globali u tat-telfien tal-bijodiversità — l-aktar żewġ sfidi ambjentali importanti ta' żminijietna. Madankollu kull sena d-dinja tkompli titlef 10 miljun ettaru ta' foresta.

#### *Emenda*

(2) Id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti qegħdin iseħħu b'rata allarmanti. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti tistma li 420 miljun ettaru ta' foresta – madwar 10 % tal-foresti li jifdal fid-dinja u żona akbar mill-Unjoni Ewropea – intilfu madwar id-dinja bejn l-1990 u l-2020<sup>19</sup>. Id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti huma, min-naħa tagħhom, xprunaturi importanti tat-tisħin globali u tat-telfien tal-bijodiversità — l-aktar żewġ sfidi ambjentali importanti ta' żminijietna. Madankollu kull sena d-dinja tkompli titlef 10 miljun ettaru ta' foresta. ***Il-foresti huma affettwati ħafna wkoll mit-tibdil fil-klima, u jenħtieġ li jiġu indirizzati ħafna sfidi***

***biex jiġu żgurati l-adattabilità u r-reżiljenza tal-foresti fid-deċennji li ġejjin.***

---

<sup>19</sup> FAO, Global Forest Resource Assessment 2020, p. XII, <https://www.fao.org/documents/card/en/c/a9825en>.

---

<sup>19</sup> FAO, Global Forest Resource Assessment 2020, p. XII, <https://www.fao.org/documents/card/en/c/a9825en>.

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 4**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) Id-deterjorament tal-klima jwassal għat-telfien tal-bijodiversità fuq livell globali u t-telfien tal-bijodiversità jaggrava t-tibdil fil-klima, li huma marbuta inseparabbilment, kif ikkonfermaw studji riċenti. Il-bijodiversità tgħin sabiex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima. L-insetti, l-għasafar u l-mammiferi jaġixxu bħala dakkara, ixerrdu ż-żrieragħ u jistgħu jgħinu sabiex il-karbonju jinħażen aktar effiċjentement, direttament jew indirettament. Il-foresti jiżguraw ukoll rikostituzzjoni kontinwa tar-riżorsi tal-ilma u l-prevenzjoni tan-nixfiet u l-effetti dannużi tagħhom għall-komunitajiet lokali, inkluż il-popli indiġeni. It-tnaqqis drastiku tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti u r-restawr sistemiku tal-foresti u ta' ekosistemi oħra huma l-akbar opportunità unika bbażata fuq in-natura għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

###### *Emenda*

(4) Id-deterjorament tal-klima jwassal għat-telfien tal-bijodiversità fuq livell globali u t-telfien tal-bijodiversità jaggrava t-tibdil fil-klima, li huma marbuta inseparabbilment, kif ikkonfermaw studji riċenti. Il-bijodiversità tgħin sabiex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima. L-insetti, l-għasafar u l-mammiferi jaġixxu bħala dakkara, ixerrdu ż-żrieragħ u jistgħu jgħinu sabiex il-karbonju jinħażen aktar effiċjentement, direttament jew indirettament. Il-foresti jiżguraw ukoll rikostituzzjoni kontinwa tar-riżorsi tal-ilma u l-prevenzjoni tan-nixfiet u l-effetti dannużi tagħhom għall-komunitajiet lokali, inkluż il-popli indiġeni. It-tnaqqis drastiku tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti u r-restawr sistemiku tal-foresti u ta' ekosistemi oħra, ***flimkien ma' bijoekonomija sostenibbli***, huma l-akbar opportunità unika bbażata fuq in-natura għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament**

##### **Premessa 14**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni

###### *Emenda*

(14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni



importat u kkonsmat terz tal-prodotti agrikoli nneozjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll tippromwovi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan li tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti mal-pajjiżi produttori u tal-konsumaturi huma fundamentali f'dak ir-rigward.

importat u kkonsmat terz tal-prodotti agrikoli nneozjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll tippromwovi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment *mingħajr, madankollu, ma jinħolqu kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni inġusta bejn l-Unjoni u kumpaniji ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari fis-setturi tal-produzzjoni agrikola u agroalimentari*. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan li tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti mal-pajjiżi produttori u tal-konsumaturi huma fundamentali f'dak ir-rigward.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(14a) L-Unjoni tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet ta' proteini, li huma meħtieġa għall-iżvilupp tal-agrikoltura tagħha. Għalhekk, huwa mixtieq li l-Kummissjoni tipproponi pjan dwar il-proteini biex tiggarrantixxi l-indipendenza tal-Unjoni fir-rigward tal-proteini filwaqt***

*li tiżgura li l-pjan ma jikkontribwixxix għad-deforestazzjoni globali.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 18

*Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, trasparenti, prevedibbli, inklużiva, mhux diskriminatorja u ekwitabbli skont id-WTO, kif ukoll politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament se jinkludi kemm il-komoditajiet kif ukoll il-prodotti li jkunu ġew prodotti fl-Unjoni u l-komoditajiet u l-prodotti importati lejn l-Unjoni.

*Emenda*

(18) Bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, trasparenti, prevedibbli, inklużiva, mhux diskriminatorja u ekwitabbli skont id-WTO, kif ukoll politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament se jinkludi kemm il-komoditajiet kif ukoll il-prodotti li jkunu ġew prodotti fl-Unjoni u l-komoditajiet u l-prodotti importati lejn l-Unjoni. ***Dan ir-Regolament jenħtieġ għalhekk li jikkonforma mar-regoli tad-WTO, u l-miżuri stabbiliti fih jenħtieġ li ma jkunux aktar restrittivi għall-kummerċ milli meħtieġ biex jintlaħaq l-għan leġittimu tiegħu.***

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 19

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"<sup>38</sup> li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija

*Emenda*

(19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"<sup>38</sup> li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija

ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-obiettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Il-politika kummerċjali jrid ikollha r-rwol sħiħ tagħha fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u lejn il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti fid-dinja.

---

<sup>38</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021)66final, 18 ta' Frar 2021.

ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-obiettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar ***u tiproteġi d-drittijiet tal-bniedem*** f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Il-politika kummerċjali jrid ikollha r-rwol sħiħ tagħha fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u lejn il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti fid-dinja.

---

<sup>38</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021)66final, 18 ta' Frar 2021.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, u aktar ġeneralment f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi ***internazzjonali***, u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tal-popli indiġeni, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija. B'dan il-mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi r-rwol tal-popli indiġeni fil-protezzjoni tal-foresti. Filwaqt li jibnu fuq

#### *Emenda*

(21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, u aktar ġeneralment f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet ***internazzjonali, is-soċjetà ċivili*** u korpi, u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tal-popli indiġeni ***u tal-komunitajiet lokali***, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija. B'dan il-mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi r-rwol tal-popli indiġeni ***u l-***

l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba fil-kuntest tal-inizjattivi diġà eżistenti, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produtturi, fuq talba tagħhom, sabiex jisfruttaw il-funzjonalitajiet multipli tal-foresti, jappoġġawhom fit-tranżizzjoni lejn ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar It-Tiżni tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produtturi jiproteġu, jirrestawraw u jużaw sostenibbilment il-foresti, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

**komunitajiet lokali** fil-protezzjoni tal-foresti. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet miksuba fil-kuntest tal-inizjattivi diġà eżistenti, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produtturi, fuq talba tagħhom, sabiex jisfruttaw il-funzjonalitajiet multipli tal-foresti, jappoġġawhom fit-tranżizzjoni lejn ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira **u jagħtuhom appoġġ** f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar It-Tiżni tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produtturi jiproteġu, jirrestawraw u jużaw sostenibbilment il-foresti, u b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura kundizzjonijiet ekwi kif ukoll fehim komuni aħjar tal-ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni biex iżżid it-trasparenza tal-katina tal-provvista u timminimizza r-riskju tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.**

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 26

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(26) Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "mingħajr deforestazzjoni" tkun wiesgħa biżżejjed sabiex tkopri kemm id-deforestazzjoni kif ukoll id-degradazzjoni tal-foresti, jenħtieġ li tipprovdi ċarezza legali, u jenħtieġ li din tkun tista' titkejjel abbażi ta' data kwantitattiva, oġġettiva u rikonoxxuta internazzjonalment.

#### *Emenda*

(26) Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "mingħajr deforestazzjoni" tkun wiesgħa biżżejjed sabiex tkopri kemm id-deforestazzjoni kif ukoll id-degradazzjoni tal-foresti, jenħtieġ li tipprovdi ċarezza legali **u prevedibilità**, u jenħtieġ li din tkun tista' titkejjel abbażi ta' data kwantitattiva, oġġettiva u rikonoxxuta internazzjonalment. **Id-definizzjonijiet f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jqisu wkoll**

*il-proporzjonalità tar-rekwiżiti, kif ukoll il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu mill-kumpaniji f'konformità mal-grad ta' responsabbiltà tagħhom għall-impatt.*

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Jenħtieġ li l-obbligi li jikkonċernaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jiġu stabbiliti minn dan ir-Regolament sabiex jiġu miġġielda effettivament id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġu promossi ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni.

#### *Emenda*

(29) Jenħtieġ li l-obbligi li jikkonċernaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jiġu stabbiliti minn dan ir-Regolament sabiex jiġu miġġielda effettivament id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġu promossi ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni. ***Dawk l-obbligi jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem rikonoxxuti skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari skont trattati u strumenti oħra ratifikati jew approvati mill-pajjiż tal-produzzjoni u barra minn hekk jenħtieġ li jżommu kundizzjonijiet ekwi u jindirizzaw kwalunkwe kundizzjoni inġusta ta' kompetizzjoni bejn l-Unjoni u kumpaniji ta' pajjiżi terzi li jbigħu prodotti fis-suq intern.***

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 53a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(53a) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal informazzjoni fattwali, affidabbli u aġġornata dwar id-deforestazzjoni għall-operaturi, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi interessati u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-deforestazzjoni li tkopri ż-żoni forestali***

*madwar id-dinja, li tinkludi firxa ta' għodod li jippermettu lill-partijiet kollha jimxu malajr lejn l-ebda deforestazzjoni tul il-ktajjen tal-provvista. Il-pjattaforma jenħtieġ li tinkludi mapep tematiċi, mappa tal-kopertura tal-art b'viżwalizzazzjoni ta' serje kronoloġika mill-2015, u firxa ta' klassijiet ta' mapep li jippermettu li tiġi ddeterminata l-kompożizzjoni tal-pajsaġġ. Il-pjattaforma jenħtieġ li tipprovdi wkoll sistema ta' twissija, li tiddependi fuq monitoraġġ ta' kull xahar tal-bidla fil-kopertura tal-foresti, u firxa ta' analiżijiet kif ukoll outputs sikuri u faċli għall-utent, li juru kif il-ktajjen tal-provvista huma marbuta mad-deforestazzjoni. Sabiex jitravwem l-użu tal-aktar informazzjoni preċiża u f'waqtha, biex jiġu żviluppati valutazzjoni tar-riskju u analiżijiet tar-riskju, biex jittejbu l-verifiki fuq id-dikjarazzjonijiet u l-valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi, filwaqt li jiġi żviluppat approċċ kooperattiv, jenħtieġ li l-pjattaforma tkun disponibbli għall-partijiet konċernati rilevanti. Jenħtieġ li l-pjattaforma tuża immaġni satellitari, inkluż Copernicus Sentinel, li għandhom il-kapaċità li jipprovdu l-informazzjoni fattwali, affidabbli u aġġornata meħtieġa, filwaqt li tiġi żgurata l-awtonomija strateġika tal-Unjoni fil-forniment tad-data.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Pjattaforma diġitali li tuża immaġni satellitari minn għodod ta' osservazzjoni tad-Dinja, inkluż minn Copernicus, għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi sett robust ta' informazzjoni u evidenza kredibbli dwar is-sitwazzjoni tad-deforestazzjoni f'reġjuni speċifiċi, u tgħin lill-partijiet kollha involuti biex jimplimentaw l-iskema b'mod prammatiku u mhux burokratiku. Il-mobilizzazzjoni ta' teknoloġiji moderni tippermetti implimentazzjoni bla xkiel u bbażata fuq l-evidenza tar-Regolament b'aktar effiċjenza u simplifikazzjonijiet kbar.*

#### **Emenda 12**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) jitnaqqas il-kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità.

*Emenda*

(b) jitnaqqas il-kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità **ikkawżat mid-deforestazzjoni**.

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Dan ir-Regolament għandu jqis l-ispeċifiċità ta' kull komodità rilevanti fir-rigward tal-katina tal-produzzjoni tagħha.**

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1) "deforestazzjoni" tfisser il-konverżjoni ta' foresta għal użu **agrikolu**, kemm jekk **ikkawżata** mill-bniedem kif ukoll jekk le;

(1) "deforestazzjoni" tfisser il-konverżjoni ta' foresta għal **tipi oħra ta' użu tal-art li jnaqqsu s-sekwestru tal-karbonju tal-art**, kemm jekk **ikkawżat** mill-bniedem kif ukoll jekk le;

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(6) "degradazzjoni tal-foresti" tfisser operazzjonijiet ta' **ħsad** li ma humiex sostenibbli u jikkawżaw tnaqqis jew telf tal-produttività bijoloġika jew ekonomika u l-kumplessità tal-ekosistemi tal-foresti, li jirriżultaw fit-tnaqqis fit-tul tal-provvista kumplessiva tal-benefiċċji mill-foresti, li

(6) "degradazzjoni tal-foresti" tfisser operazzjonijiet ta' **ġestjoni tal-foresti** li ma humiex sostenibbli u **li** jikkawżaw tnaqqis jew telf **sinifikanti jew irriversibbli** tal-produttività bijoloġika jew ekonomika u l-kumplessità tal-ekosistemi tal-foresti, li jirriżultaw fit-tnaqqis fit-tul, **fuq perjodu**

tinkludi l-injam, il-bijodiversità u prodotti jew servizzi *oħra*;

*ta' żmien itwal minn riġenerazzjoni waħda ta' foresta, fejn rilevanti, tal-provvista kumplessiva tal-benefiċċji mill-foresti, li tinkludi l-injam, il-bijodiversità u prodotti jew servizzi oħrau inkluż, fejn wara l-qtugħ finali, is-sit ma jiġix riġenerat permezz ta' tħawwil xieraq ta' siġar, żriġ jew riġenerazzjoni naturali, jew taħlita ta' dawn, f'konformità mal-prattiki stabbiliti fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-foresti approvati fejn applikabbli;*

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) "operazzjonijiet ta' ħsad sostenibbli" tfisser li l-ħsad isir b'kunsiderazzjoni taż-żamma tal-kwalità tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu minimizzati l-impatti negattivi, b'mod li jiġi evitat il-ħsad tal-ġdur u tal-għeruq, id-degradazzjoni tal-foresti primarji jew il-konverżjoni tagħhom f'foresti ta' tħawwil, u l-ħsad fuq ħamrija vulnerabbli; li jimminimizza tqaċċit totali tas-siġar u jiżgura lokalment sollijiet xierqa għall-estrazzjoni tal-injam niexef u rekwiżiti għall-użu ta' sistemi ta' qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il-karatteristiċi u l-ħabitats tal-bijodiversità;

#### *Emenda*

(7) "operazzjonijiet ta' ħsad sostenibbli" tfisser li l-ħsad isir ***fil-kuntest ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti jew*** b'kunsiderazzjoni taż-żamma tal-kwalità tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu minimizzati l-impatti negattivi, b'mod li jiġi evitat il-ħsad tal-ġdur u tal-għeruq, id-degradazzjoni tal-foresti primarji jew il-konverżjoni tagħhom f'foresti ta' tħawwil, u l-ħsad fuq ħamrija vulnerabbli; li jimminimizza tqaċċit totali tas-siġar u jiżgura lokalment sollijiet xierqa għall-estrazzjoni tal-injam niexef u rekwiżiti għall-użu ta' sistemi ta' qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il-karatteristiċi u l-ħabitats tal-bijodiversità;

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, inkluż dawk użati għal jew li

#### *Emenda*

(a) li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, inkluż dawk użati għal jew li



jinsabu fi prodotti rilevanti, ikunu ġew prodotti fuq art li ma kinitx soġġetta għal deforestazzjoni wara l-31 ta' Diċembru **2020**, u

jinsabu fi prodotti rilevanti, ikunu ġew prodotti fuq art li ma kinitx soġġetta għal deforestazzjoni wara l-31 ta' Diċembru **2019**, u

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) li l-injam ikun inqata' mill-foresta mingħajr ma tiġi kkawżata d-degradazzjoni tal-foresti wara l-31 ta' Diċembru **2020**;

#### *Emenda*

(b) li l-injam ikun inqata' mill-foresta mingħajr ma tiġi kkawżata d-degradazzjoni tal-foresti wara l-31 ta' Diċembru **2019**;

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) "prodott" tfisser imkabbra, maħsuda, imrobbija, mitmugħa minn jew miksuba fuq **biċċa** art rilevanti;

#### *Emenda*

(9) "prodott" tfisser imkabbra, maħsuda, imrobbija **jew** mitmugħa minn jew miksuba fuq **biċċiet ta'** art rilevanti **matul il-proċess tal-produzzjoni jew tat-trobbija tal-bhejjem**;

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) ikunu ġew prodotti f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni; kif ukoll

#### *Emenda*

(b) ikunu ġew prodotti f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni, **jew kif definit fl-Artikolu 2(28) ta' dan ir-Regolament, u mingħajr ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem tul il-katina tal-provvista**; kif ukoll

## Emenda 21

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Operaturi li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq. Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni.

*Emenda*

6. Operaturi li jkunu rċevew informazzjoni ġdida **rilevanti**, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq. Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni.

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) in-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni jew tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta assenjati mis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 fir-rigward tal-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti kollha li jkunu ġew furnuti lilhom;**

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Negozjanti li huma SMEs li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi

4. Negozjanti li huma SMEs li jkunu rċevew informazzjoni ġdida **rilevanti**, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi

mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq.

mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq.

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

F'każ li persuna fiżika jew ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tiegħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

F'każ li persuna fiżika jew ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti, **li jissodisfaw il-kundizzjonalità meħtieġa**, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tiegħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, **id-diliġenza** dovuta għandha tinkludi:

#### *Emenda*

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, **sistema ta' diliġenza** dovuta għandha tinkludi:

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi għandhom jiġbru informazzjoni, dokumenti u data li juru li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma konformi mal-Artikolu 3. Għal dan il-għan,

#### *Emenda*

1. L-operaturi għandhom jiġbru informazzjoni, dokumenti u data li juru li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma konformi mal-Artikolu 3, **filwaqt li jitqiesu**

l-operatur għandu jiġbor, jorganizza u jżomm għal ħames snin l-informazzjoni li ġejja relatata mal-komoditajiet jew mal-prodotti rilevanti, sostnuta minn evidenza:

***l-kompatibbiltà u l-konformità tagħhom mal-leġiżlazzjoni lokali.*** Għal dan il-għan, l-operatur għandu jiġbor, jorganizza u jżomm għal ħames snin l-informazzjoni li ġejja relatata mal-komoditajiet jew mal-prodotti rilevanti, sostnuta minn evidenza:

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni tal-biċċiet kollha tal-art fejn ikunu ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, kif ukoll il-firxa ta' data jew ħin tal-produzzjoni;

*Emenda*

(d) il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni tal-biċċiet kollha tal-art fejn ikunu ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, kif ukoll il-firxa ta' data jew ħin tal-produzzjoni; ***fir-rigward tal-bhejjem tal-ifrat, l-operaturi għandhom jiġbru l-informazzjoni kollha meħtieġa li torbot l-informazzjoni attwali dwar l-identifikazzjoni u t-traċċabbiltà;***

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt g

*Test propost mill-Kummissjoni*

(g) informazzjoni adegwata u verifikabbli li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma mingħajr deforestazzjoni;

*Emenda*

(g) informazzjoni adegwata u verifikabbli li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma mingħajr deforestazzjoni, ***inkluża l-informazzjoni pprovduta mill-pjattaforma stabbilita skont l-Artikolu 18a;***

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

(h) informazzjoni adegwata u

*Emenda*

(h) informazzjoni adegwata u

verifikabbli li l-produzzjoni tkun twettqet f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni, inkluż kwalunkwe arranġament li jagħti d-dritt li tintuża ż-żona rispettiva għall-finijiet tal-produzzjoni tal-komodità rilevanti.

verifikabbli ***fil-katina tal-provvista kollha li tiżgura*** li l-produzzjoni tkun twettqet f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni, inkluż kwalunkwe arranġament li jagħti d-dritt li tintuża ż-żona rispettiva għall-finijiet tal-produzzjoni tal-komodità rilevanti.

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1a. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni dwar il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali.***

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) il-prevalenza tad-deforestazzjoni jew tad-degradazzjoni tal-foresti fil-pajjiż, fir-reġjun u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;

(c) il-prevalenza tad-deforestazzjoni jew tad-degradazzjoni tal-foresti fil-pajjiż, fir-reġjun u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti, ***filwaqt li titqies l-informazzjoni pprovduta mill-pjattaforma stabbilita skont l-Artikolu 18a;***

### *Ġustifikazzjoni*

*Jista' jkun li ċerti unitajiet ta' komoditajiet/prodotti ma jkunux marbuta direttament ma' post partikolari. Ikun aktar fattibbli jekk il-ktajjen tal-provvista jkun fihom l-informazzjoni dwar l-oriġini.*

## Emenda 32

### Proposta għal regolament

## Artikolu 10 – paragrafu 2 – punt f

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet wieħed jagħmel il-konnessjoni **bejn il-komoditajiet** u/jew tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew prodotti;

*Emenda*

(f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet **li** wieħed jagħmel il-konnessjoni **tal-komoditajiet tal-katina tal-provvista** u/jew tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew prodotti;

*Ġustifikazzjoni*

*Evidenza permezz tas-sistema ta' diliġenza dovuta li l-materjal għall-prodott jew għall-komodità li jkun daħal fil-katina tal-produzzjoni ma jkunx ikkawża deforestazzjoni skont ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni dwar il-kompetizzjoni li turi li l-koordinati eżatti ta' lokalizzazzjoni ġeografika tal-plott ta' artijiet jistgħu jkunu magħrufa biss mill-ewwel operatur fil-katina;*

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Żamma tas-sistemi** ta' diliġenza dovuta u ż-żamma **tar-rekords**

*Emenda*

**Żvilupp tas-sistema** ta' diliġenza dovuta, **manutenzjoni** u ż-żamma **ta' rekords**

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tfittex li tagħmel enfasi akbar fuq dan ir-rekwiżit li l-operaturi għandu jkollhom fis-seħħ u li mingħajrhom jistgħu jiġu penalizzati.*

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta f'konformità mal-Artikolu 8, l-operaturi għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata sistema ta' diliġenza dovuta sabiex jiżguraw li jistgħu jiggarantixxu l-konformità mar-rekwiżiti

*Emenda*

1. Sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta f'konformità mal-Artikolu 8, l-operaturi għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata sistema ta' diliġenza dovuta sabiex jiżguraw li jistgħu jiggarantixxu l-konformità mar-rekwiżiti

stabbiliti fl-Artikolu 3(a) u (b). **Is-sistema ta' diliġenza dovuta għandha tiġi rieżaminata mill-anqas darba fis-sena u, jekk ikun meħtieġ, tiġi adattata u tqis żviluppi ġodda li jistgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-aġġornamenti fis-sistema(i) ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin.**

stabbiliti fl-Artikolu 3(a) u (b). **Dik is-sistema għandha tiġi implimentata abbażi tal-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" u ma għandhiex tinvolvi piżżijiet amministrattivi jew finanzjarji eċċessivi għall-SMEs u l-intrapriżi żgħar ħafna (VSEs).**

#### *Ġustifikazzjoni*

*It-test imħassar huwa inkluż taħt "Manutenzjoni u żamma ta' rekords"*

#### **Emenda 35**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Is-sistema ta' diliġenza dovuta għandha tiġi rieżaminata mill-anqas darba fis-sena u, jekk ikun meħtieġ, tiġi adattata u tqis żviluppi ġodda li jistgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-aġġornamenti fis-sistema(i) ta' diliġenza dovuta għal ħames snin.**

#### **Emenda 36**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Madankollu, jekk l-operatur jikseb jew isir konxju minn kwalunkwe informazzjoni li tindika riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-obbligi kollha tal-Artikoli 9 u 10 għandhom jiġu ssodisfati.

2. Madankollu, jekk l-operatur jikseb jew isir konxju minn kwalunkwe informazzjoni **rilevanti** li tindika riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-obbligi kollha tal-Artikoli 9 u 10 għandhom jiġu ssodisfati.

## Emenda 37

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

9. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru **mill-anqas 5 % tal-operaturi li** jintroduċu jew iqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll **5 % tal-kwantità** ta' kull waħda mill-komoditajiet rilevanti introdotti jew mqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu.

#### *Emenda*

9. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu **skont l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju** jkopru **kemm l-operaturi li jkun qed** jintroduċu jew iqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll **il-kwantità** ta' kull waħda mill-komoditajiet rilevanti introdotti jew mqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Li jkun hemm livell minimu mhux flessibbli ta' verifiki jimmina l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, u konsegwentement l-effiċjenza tal-infurzar. Dan jippermetti wkoll lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jagħmlu enfasi fuq il-prodotti u l-operaturi bl-ogħla riskju.*

## Emenda 38

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt h

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(h) verifiki fuq il-post, li jinkludu awditi fuq il-post, inkluż fejn xieraq f'pajjiżi terzi permezz ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi.

#### *Emenda*

(h) verifiki fuq il-post, li jinkludu awditi fuq il-post, inkluż fejn xieraq f'pajjiżi terzi permezz ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi; **dawk il-kontrolli fuq il-post se jitwettqu mingħajr żieda fil-burokrazija, u lanqas mhuma se jostakolaw id-diversi ftehimiet kummerċjali.**

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 18a (ġdid)



**Artikolu 18a**

**Għodod teknoloġiċi għall-għbir ta' informazzjoni**

**Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma li tuża immaġnijiet bis-satellita, inkluż Copernicus Sentinel, li tkopri ż-żoni tal-foresti madwar id-dinja, u li tinkludi għodod li jippermettu lill-partijiet kollha jimxu malajr lejn l-ebda deforestazzjoni tul il-ktajjen tal-provvista. Il-pjattaforma għandha tipprovdi:**

**(a) mapep tematiċi, inkluża mappa tal-kopertura tal-art b'serje ta' żmien mid-data ta' skadenza definita fl-Artikolu 2(2015) u firxa ta' klassijiet li jippermettu l-apprezzament tal-kompożizzjoni tal-pajsaġġ;**

**(b) sistema ta' twissija, li tiddependi minn monitoraġġ ta' kull xahar tat-tibdil fil-kopertura tal-foresti;**

**(c) firxa ta' analiżijiet u ta' outputs faċli għall-utent u siguri, li juru kif il-ktajjen tal-provvista huma marbuta mad-deforestazzjoni.**

**Il-pjattaforma għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, għall-awtoritajiet, għall-operaturi u għall-kummerċjanti ta' pajjiżi terzi interessati, sabiex jitravwem l-użu tal-aktar informazzjoni preċiża u f'waqtha, u jiġi żviluppat approċċ kooperattiv mal-partijiet interessati kollha.**

**Ġustifikazzjoni**

*Pjattaforma diġitali li tuża immaġni satellitari minn għodod ta' osservazzjoni tad-Dinja, inkluż minn Copernicus, għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni biex tipprovdi sett robust ta' informazzjoni u evidenza kredibbli dwar is-sitwazzjoni tad-deforestazzjoni f'reġjuni speċifiċi, u tgħin lill-partijiet kollha involuti biex jimplementaw l-iskema b'mod prammatiku u mhux burokratiku. Il-mobilizzazzjoni ta' teknoloġiji moderni tippermetti implimentazzjoni bla xkiel u bbażata fuq il-fatti tar-Regolament b'aktar effiċjenza u simplifikazzjonijiet kbar.*

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### ***Skrutinju msaħħaħ***

#### ***Żieda fil-kontrolli skont ir-riskju***

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità.

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità, ***kemm għall-komoditajiet jew il-prodotti kkonċernati rilevanti kif ukoll għall-oħrajn kollha bl-istess profil ta' riskju.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Is-sitwazzjoni prevista f'dan il-paragrafu għandha tqis il-fatt li, għalkemm il-kontrolli jitwettqu fuq kunsinna partikolari, normalment ikun il-każ li jkun hemm aktar kunsinni fl-istess sitwazzjoni, anki jekk ma jkunux ġew ivverifikati.*

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-azzjoni korrettiva meħtieġa li għandha tittieħed mill-operatur jew min-negozjant

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-azzjoni korrettiva meħtieġa li għandha tittieħed mill-operatur jew min-negozjant

għandha tinkludi mill-anqas waħda **jew aktar** minn dawn li ġejjin:

għandha tinkludi mill-anqas waħda minn dawn li ġejjin:

#### Emenda 43

##### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) **il-qerda** tal-komodità jew tal-prodott rilevanti **jew l-għoti tiegħu** għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku.

*Emenda*

(d) **l-għoti** tal-komodità jew tal-prodott rilevanti għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku **jew il-qerda tagħhom**;

#### Emenda 44

##### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(da) l-indirizzar ta' kwalunkwe nuqqas fis-sistema ta' diliġenza dovuta li seta' wassal għan-nuqqas ta' konformità, sabiex jiġi evitat li jerġa' jseħħ in-nuqqas ta' konformità.**

#### Emenda 45

##### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema bi tliet livelli għall-valutazzjoni tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom. Sakemm ma jkunux identifikati f'konformità ma' dan l-Artikolu bħala li jippreżentaw riskju baxx jew għoli, il-pajjiżi għandhom jitqiesu bħala li jippreżentaw riskju standard. Il-Kummissjoni tista' tidentifika pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet jew prodotti rilevanti li ma jkunux konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 3. Il-

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema bi tliet livelli għall-valutazzjoni tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom. Sakemm ma jkunux identifikati f'konformità ma' dan l-Artikolu bħala li jippreżentaw riskju baxx jew għoli, il-pajjiżi għandhom jitqiesu bħala li jippreżentaw riskju standard. Il-Kummissjoni tista' tidentifika, **abbażi ta' kriterji oġġettivi u verifikabbli**, pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet jew prodotti rilevanti li ma jkunux

lista tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli għandha tiġi ppubblikata permezz ta' att(i) ta' implimentazzjoni li għandu/għandhom jiġi/u adottat(i) f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2). Dik il-lista għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ fid-dawl ta' evidenza ġdida.

konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 3. Il-lista tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli għandha tiġi ppubblikata permezz ta' att(i) ta' implimentazzjoni li għandu/għandhom jiġi/u adottat(i) f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2). Dik il-lista għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ fid-dawl ta' evidenza ġdida.

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ir-rata tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti,

#### *Emenda*

(a) ir-rata tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti, ***b'mod partikolari b'rikors għall-informazzjoni pprovduta mill-pjattaforma stabbilita skont l-Artikolu 18a;***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex ikun hemm aktar effikaċja, il-valutazzjoni tal-pajjiżi għandha tqis l-informazzjoni kredibbli u aġġornata pprovduta mill-pjattaforma stabbilita fl-Artikolu 18a.*

## Emenda 47

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-pajjiżi produttori konċernati minn dan ir-Regolament sabiex tiżviluppa sħubijiet u kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati konguntemment id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ***se*** jiffokaw fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-pajjiżi produttori konċernati minn dan ir-Regolament ***kif ukoll ma' dawk li huma involuti fil-proċessi tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja dwar Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (VPA FLEGT)*** sabiex tiżviluppa sħubijiet u kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati konguntemment id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ***għandhom jiġu appoġġati***

komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu djalogi strutturati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ, arranġamenti amministrattivi u dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti jew fi ftehimiet li jippermettu lill-pajjiżi produttori jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. Tali ftehimiet u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom se jittqiesu bħala parti mill-valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament.

***minn riżorsi adegwati u għandhom*** jiffokaw fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, ***il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem***, u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali, ***il-governanza tajba kif ukoll il-protezzjoni tal-ħajja u l-għajxien tal-komunitajiet dipendenti mill-foresti inklużi l-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali, detenturi oħra ta' drittijiet konswitudinarji tal-pussess tal-art u l-bdiewa b'azzjenda agrikola żgħira***. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu djalogi strukturati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ, arranġamenti amministrattivi u dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti jew fi ftehimiet li jippermettu lill-pajjiżi produttori jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' ***dan ir-regolament. Is-sħubijiet jistgħu jinkludu wkoll mekkaniżmi għall-iskambju man-naħa tad-domanda tal-informazzjoni kollha li tiggarrantixxi l-konformità ma'*** dan ir-Regolament. Tali ftehimiet u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom se jittqiesu bħala parti mill-valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi għandhom ikunu intitolati li jissottomettu preokkupazzjonijiet ***sostanzjali*** lill-awtoritajiet kompetenti meta jqisu, abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi, li operatur jew negozjant wieħed jew aktar ikunu qegħdin

#### *Emenda*

1. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi għandhom ikunu intitolati li jissottomettu preokkupazzjonijiet ***flimkien ma' evidenza sostanzjata ta' sostenn*** lill-awtoritajiet kompetenti meta jqisu, abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi, li operatur jew

jonqsu milli jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

negozjant wieħed jew aktar ikunu qegħdin jonqsu milli jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw b'diliġenza u imparzjalment il-preokkupazzjonijiet sostanzjali u jieħdu l-passi meħtieġa, inkluż verifiki u seduti ta' smiġh tal-operaturi u tan-negozjanti, bil-għan li jiġi identifikat ksur potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, miżuri interim skont l-Artikolu 21 sabiex jiġu evitati l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, u l-esportazzjoni minnu ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu qegħdin jiġu investigati.

#### *Emenda*

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw b'diliġenza u imparzjalment il-preokkupazzjonijiet sostanzjali **billi jużaw l-evidenza ta' sostenn** u jieħdu l-passi meħtieġa, inkluż verifiki u seduti ta' smiġh tal-operaturi u tan-negozjanti, bil-għan li jiġi identifikat ksur potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, miżuri interim skont l-Artikolu 21 sabiex jiġu evitati l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, u l-esportazzjoni minnu ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu qegħdin jiġu investigati.

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**2a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiprijoritizzaw tħassib sostanzjat relatat man-nuqqas ta' konformità mal-Artikolu 3, il-punt (b), meta jkunu bbażati fuq sentenzi tal-qorti jew ilmenti legali li jkunu għaddejnin li jinbdew fil-pajjiż ta' oriġini minn komunitajiet lokali, organizzazzjonijiet mhux governattivi jew kwalunkwe parti kkonċernata pertinenti oħra.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Ikun interessanti li dan it-tip ta' lment jitħeġġeġ u jiġi ffaċilitat b'mod partikolari sabiex l-*

*awtoritajiet lokali, l-NGOs u l-partijiet interessati lokali kkonċernati jkunu jistgħu effettivament jikkomunikawhom lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri direttament jew, preferibbilment, permezz tal-Kummissjoni.*

## **Emenda 51**

### **Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-awtorità kompetenti għandha, kemm jista' jkun malajr u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali, tinforma lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 1, li jkunu ssottomettew **osservazzjonijiet** lill-awtorità, dwar id-deċiżjoni tagħha jekk taċċettax jew tirrifjutax it-talba għal azzjoni u għandha ttipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

*Emenda*

3. L-awtorità kompetenti għandha, kemm jista' jkun malajr u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt nazzjonali, tinforma lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 1, li jkunu ssottomettew **tħassib sostanzjali** lill-awtorità, dwar id-deċiżjoni tagħha jekk taċċettax jew tirrifjutax it-talba għal azzjoni u għandha ttipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

## **Emenda 52**

### **Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. Is-sistema ta' tħassib sostanzjat ma għandhiex tikkawża piż amministrattiv eċċessiv għall-awtorità kompetenti.**

## **Emenda 53**

### **Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4a. Fil-każ tas-sojja, il-Kummissjoni għandha tippubblika strateġija dwar kif tipprevjeni li s-sojja, meta tiġi prodotta bħala riżultat tad-deforestazzjoni, tidħol fis-suq tal-Unjoni, filwaqt li timminimizza t-tfixkil għall-materja prima tal-annimali**

*fl-Unjoni. Dik l-istrateġija għandha  
tiddekrivi l-għażliet għall-introduzzjoni  
gradwali tad-diliġenza dovuta għas-sojja  
inkluż perjodu tranżitorju.*



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	It-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 995/2010
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 17.1.2022
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 17.1.2022
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Norbert Lins 17.12.2021
<b>Rapporteur għal opinjoni preċedenti</b>	Mazaly Aguilar
<b>Eżami fil-kumitat</b>	22.3.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.6.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 15 –: 10 0: 17
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Dacian Cioloş, Ivan David, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Dino Giarrusso, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Jarosław Kalinowski, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Chris MacManus, Colm Markey, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Bronis Ropė, Bert-Jan Ruissen, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Marc Tarabella, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Eric Andrieu, Franc Bogovič, Claude Gruffat, Anja Hazekamp, Peter Jahr, Zbigniew Kuźmiuk, Michaela Šojdrová
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Vlad Gheorghe, Christophe Grudler, Jarosław Kalinowski

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

15	+
ID	Gilles Lebreton
Renew	Dacian Cioloș, Jérémy Decerle, Vlad Gheorghe, Christophe Grudler, Martin Hlaváček, Ulrike Müller
S&D	Clara Aguilera, Eric Andrieu, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Isabel Carvalhais, Maria Noichl, Juozas Olekas, Marc Tarabella

10	-
ECR	Mazaly Aguilar, Zbigniew Kuźmiuk, Bert-Jan Ruissen, Veronika Vrecionová
ID	Ivan David
Verts/ALE	Claude Gruffat, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Bronis Ropé, Sarah Wiener

17	0
NI	Dino Giarrusso
PPE	Álvaro Amaro, Franc Bogovič, Daniel Buda, Herbert Dorfmann, Salvatore De Meo, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Colm Markey, Marlene Mortler, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Michaela Šojdrová
THE LEFT	Luke Ming Flanagan, Anja Hazekamp, Chris MacManus

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	It-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 995/2010			
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0706 – C9-0430/2021 – 2021/0366(COD)			
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	18.11.2021			
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 17.1.2022			
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 7.4.2022	INTA 17.1.2022	IMCO 7.4.2022	AGRI 17.1.2022
<b>Kumitati assoċjati</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA 7.4.2022	IMCO 7.4.2022		
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Christophe Hansen 15.12.2021			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	20.4.2022			
<b>Data tal-adozzjoni</b>	12.7.2022			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	60 2 13		
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Arena, Bartosz Arłukowicz, Simona Baldassarre, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Eleonora Evi, Agnès Evren, Malte Gallée, Andreas Glück, Jytte Guteland, Anja Hazekamp, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Peter Liese, Javi López, César Luena, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Tilly Metz, Silvia Modig, Nicola Procaccini, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Christine Schneider, Günther Sidl, Maria Spyraiki, Nils Torvalds, Edina Tóth, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Mick Wallace, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Anna Zalewska			
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Matteo Adinolfi, Biljana Borzan, Milan Brglez, Asger Christensen, Rosanna Conte, Salvatore De Meo, Nicolás González Casares, Christophe Hansen, Sara Matthieu, Demetris Papadakis, João Pimenta Lopes, Manuela Ripa, Marcos Ros Sempere, Hermann Tertsch, Grzegorz Tobiszowski, Marie Toussaint, Idoia Villanueva Ruiz, Nikolaj Villumsen			
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Isabella Adinolfi, Mazaly Aguilar, Vlad Gheorghe, Claude Gruffat, Krzysztof Hetman, Łukasz Kohut, Kostas Papadakis			

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>60</b>	<b>+</b>
PPE	Isabella Adinolfi, Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Nathalie Colin-Oesterlé, Salvatore De Meo, Christian Doleschal, Agnès Evren, Christophe Hansen, Krzysztof Hetman, Ewa Kopacz, Esther de Lange, Peter Liese, Marian-Jean Marinescu, Liudas Mažylis, Christine Schneider, Maria Spyrali, Pernille Weiss
RENEW	Pascal Canfin, Asger Christensen, Vlad Gheorghe, Jan Huitema, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ștefănuță, Véronique Trillet-Lenoir, Michal Wiezik
S&D	Maria Arena, Simona Bonafè, Biljana Borzan, Milan Brglez, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Cyrus Engerer, Nicolás González Casares, Jytte Guteland, Łukasz Kohut, Javi López, César Luena, Demetris Papadakis, Sándor Rónai, Marcos Ros Sempere, Günther Sidl, Petar Vitanov
THE LEFT	Anja Hazekamp, Silvia Modig, João Pimenta Lopes, Idoia Villanueva Ruiz, Nikolaj Villumsen, Mick Wallace
VERTS/ALE	Bas Eickhout, Eleonora Evi, Malte Gallée, Claude Gruffat, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Sara Matthieu, Tilly Metz, Manuela Ripa, Marie Toussaint

<b>2</b>	<b>-</b>
ECR	Mazaly Aguilar, Hermann Tertsch

<b>13</b>	<b>0</b>
ECR	Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Grzegorz Tobiszowski, Alexandr Vondra, Anna Zalewska
ID	Matteo Adinolfi, Simona Baldassarre, Aurélie Beigneux, Rosanna Conte
NI	Edina Tóth
RENEW	Andreas Glück, Nils Torvalds, Emma Wiesner

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni